# Leħen il-Malti

Rivista tal-Għaqda tal-Malti – Università


għadd 35
LXXXV
2016


Għaqda tal-Malti – Università

Pubblikazzjoni tal-Għaqda tal-Malti – Università
© 2016 Għaqda tal-Malti – Università

**Il-Bord Editorjali**

*Editriċi Ġenerali:*
Dorianne Bonello

*Membri:*
Dorianne Bartolo, Antoine Cassar, Maria Debono,
Leanne Ellul, Claudia Gauci, Neal Sammut,
Alvin Vassallo, Olvin Vella

*Qari tal-Provi:*
Maria Debono

*Pittura tal-qoxra:*
© *Ascending Variations*, 2015, Helga Portanier
żejt u linka fuq it-tila

Dan il-ktieb qed jinbiegħ bil-kundizzjoni li ma jistax jerġa' jinbiegħ, jiġi stampat jew fotokopjat b'xi mod mekkaniku, elettroniku, jew diġitali, mingħajr l-awtorità bil-miktub tas-sidien tal-*copyright*.

ISBN: 978-99957-1-011-8

# Werrej

**Radd il-Ħajr** ........ vii

**EDITORJAL**

**Ħila, Ħeġġa, Qalb Qawwija**
Dorianne Bonello ........ 1

**IL-KITBIET LETTERARJI**

**Minxura l-Imħabba**
Celine Agius ........ 7
**Il-Ħabs tal-Mirja**
John A. Bonello ........ 9
**U x'Naf**
Ġorġ Borg ........ 17
**Tixqiq (għal S.)**
Nadia Mifsud ........ 18
**Tolleranza Żero**
Leli ........ 25
**Idejn l-Imħallef**
Maria Grech Ganado ........ 31

**U Alla Reġa' Beka**
Carmel G. Cauchi ........ 32
**Għekiesi**
Rita Saliba ........ 34
**Il-Patawwa**
John P. Portelli ........ 38
**Titlaqni, hi**
Anna T. Szabó
Traduzzjoni ta' Clare Azzopardi ........ 42
**Kwestjonarju waqt *X-ray***
Joe Camilleri ........ 44
**Ħajku**
Joanne Gauci ........ 50
**L-Imħabba l-Falliment?**
Beverly Agius ........ 51
**Niftakar**
Mary Chetcuti ........ 53
**Xtaqt li l-Baħar**
Charles Bezzina ........ 60
**Aunty Tracey**
Matthew Calleja ........ 61
**It-Tiftixa**
Matteo Pullicino ........ 66
**U Jien Semmejtu Ġużi**
Antonio Olivari ........ 68
**Inversi – Bit-Tama li Ninsa Dak Li Tlift**
Matthew Schembri ........ 72
**Gidba Perfetta**
Noel Tanti ........ 74
**Kollezzjoni**
Priscilla Cassar ........ 82
**Id-Diżappunt**
Sergio Grech ........ 84
**Kull Qatra Tgħodd**
Daniel Aquilina ........ 87
**Torri tar-Ramel**
Elena Cardona ........ 90
**L-Ennui ta' Rapunzel**
Joseph Vella ........ 92
**Daħna**
Sandra Hili Vassallo ........ 98

**It-Tifel li Baqa' Rieqed**
Joe Axiaq ........ 100
**Throwback**
Naomi Mercieca ........ 102

**IL-KITBIET AKKADEMIĊI**

**L-Onomastika Letterarja**
Kit Azzopardi ........ 107
***Mitbugħ, Stampat* u *Pprintjat:* Sinonimi jew Psewdosinonimi?**
Dwayne Ellul ........ 118
**Il-Letteratura tad-Determinazzjoni: Riflessjonijiet Kritiċi dwar il-Poeżija ta' Nadia Mifsud**
Olivia Borg ........ 133
**Aspetti Lessikali u Grammatikali fil-Glossarju Pirotekniku**
Carlston Grima ........ 144
**It-Traduzzjoni Letterarja: Minn Perspettiva Kulturali f'Qafas Lokali**
Kenneth Grima u Charles Briffa ........ 153
**L-Għadd tal-Kollettiv Malti**
Theresa Abdilla u Michael Spagnol ........ 169

**PRIETKA TAL-1788 DWAR IĊ-ĊINTURA**

**Kumment**
Reno Fenech ........ 183

**It-Traskrizzjoni tal-Prietka** ........ 184

**Il-Kontributuri** ........ 190



IT-TIENI EDIZZJONI

# Lehen il-Malti

MAĦRUĠ

MILL-*GĦAQDA TAL-MALTI* (UNIVERSITÀ)

Athenæum Melitense

**L-Ewwel Sena** **Marzu 1931** **No. 1**

Stampât fl-"Empire Press" 266, Strada San Paolo — Il-Belt

Il-qoxra tal-ewwel ħarġa ta' *Leħen il-Malti*, ippubblikata fl-1931. Din l-edizzjoni kienet inħatfet mill-pubbliku, għalhekk kellha toħroġ it-tieni edizzjoni tal-istess għadd.

# Radd il-Ħajr

Din il-pubblikazzjoni ħtieġet l-għajnuna ta' diversi individwi u għaqdiet. Bis-saħħa tagħhom, din ir-rivista mhux biss setgħet tkompli twettaq il-ħolma ta' Ġużè Bonnici u Rużar Briffa, jiġifieri li tkun pubblikazzjoni annwali, iżda kompliet issaħħaħ u tiżviluppa din il-ħolma u dak li sar fis-snin passati.

Qabelxejn, ħajr lill-Bord Editorjali li ta ħafna minn ħinu, speċjalment fil-proċess tal-qari tax-xogħlijiet u l-għoti tal-marki. Kien hemm kull darba li ħtiġilna niddiskutu, kif ukoll meta wasal iż-żmien li ngħaqqdu l-kitbiet. Grazzi lil Maria Debono li għamlet il-qari tal-provi għal darba darbtejn.

Din ir-rivista żgur li ma kinitx tkun possibbli mingħajr l-għajnuna finanzjarja tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, u r-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea f'Malta. Ta' dan, grazzi b'mod partikulari lil Mark Camilleri u lil Brian Buhagiar rispettivament, talli għal darb'oħra emmnu fix-xogħol li tagħmel l-Għaqda u għarfu l-valur ta' din ir-rivista. Ħajr ukoll lil Campus FM li aċċetta li jirrekordja u jxandar it-tnedija ta' din l-edizzjoni fuq ir-radju. F'dawn l-aħħar xhur ħdimna mill-qrib ma' Campus FM sabiex tellajna l-programm *tal-widna* li jippromwovi din ir-rivista.

Huwa veru li mingħajr il-flus ma jsir xejn, però daqstant ieħor ma jsir xejn li kieku ma jkollniex rispons mill-membri u s-segwaċi tal-Għaqda. Grazzi lil kull min interessa ruħu u ssottometta l-kitbiet tiegħu; kull kitba kienet apprezzata u ngħatat l-ħin tagħha biex tiġi kkunsidrata għall-pubblikazzjoni.

Mal-ewwel daqqa t'għajn, wieħed jista' jinnota d-dehra iktar friska li tajna lil *Leħen il-Malti*. Għal dan, grazzi lil Zvezdan Reljić li ħadem magħna mill-qrib. Ħajr daqstant ieħor lil Joseph Mizzi ta' Midsea Books għall-għajnuna li tana fis-setting. Għax-xogħol tas-setting, nirringrazzjaw lil John Busuttil li ħadem b'dedikazzjoni, u b'effiċjenza liema bħalha.

Fl-aħħar u mhux l-anqas, grazzi lill-Kumitat tal-Għaqda għall-appoġġ tul il-proċess kollu, u tas-suġġerimenti li għadda. Il-gwida ta' Dr Bernard Micallef, il-pariri ta' Kit Azzopardi, l-editur tal-edizzjoni preċedenti ta' *Leħen il-Malti*, u s-sapport u l-għajnuna ta' Leanne Ellul, il-President attwali tal-Għaqda, għenu biex din il-pubblikazzjoni setgħet tingħaqad u tieħu l-ħajja.

# Editorjal

## Ħila, Ħeġġa, Qalb Qawwija

Dorianne Bonello

X'kien li ħeġġeġ lil Ġużè Bonnici u Ružar Briffa jibdew joħorġu *Leħen il-Malti*? Mid-daħla tal-edizzjoni ta' Marzu tal-1931, id-daħla ta' qabel kull kitba li qatt dehret fil-*Leħen*, tispikka x-xewqa li jkun hemm spazju li jiġbor fih ilħna żagħżugħa. Fi kliem il-fundaturi tal-Għaqda, "jixraq li fejn jimxu l-kbar, jimxu wkoll iż-żgħar" u għalhekk xtaqu li dan l-ispazju jibqa' jiġi provdut u jilħaq ilħna ġodda tul is-snin. Għaddew 85 sena mill-ewwel edizzjoni. Il-pedament li fasslu u bdew jibnu fuqu Bonnici u Briffa kien b'saħħtu biżżejjed tant li, daqstant snin wara, din il-pubblikazzjoni għadha tasal f'idejn il-qarrejja. Għalhekk, kien xieraq li f'din l-edizzjoni nerfgħu spazju għall-qoxra tal-ewwel edizzjoni ta' *Leħen il-Malti* li tistgħu tarawha fil-bidu tal-pubblikazzjoni.

F'Ottubru tal-1931, fl-Editorjal, Briffa jikteb li ismu se jkollu jitħassar mid-diretturi tar-rivista minħabba li ried imur jistudja barra. B'ċertezza jgħid li Bonnici seta' "jibqa' jmexxi dan il-*Leħen* b'għaqal kbir" għax "hekk jinħtieġ: ħila, ħeġġa, qalb qawwija." U li kieku Briffa u Bonnici kellhom jaraw kif żviluppat din ir-rivista llum, b'daqstant vuċijiet magħġuna f'pubblikazzjoni waħda, xi jgħidu? Ħadd ma jaf eżatt. Biss, nista' nistqarr li biex din il-pubblikazzjoni waslet f'idejna, ridna mmexxu l-*Leħen* bil-ħtiġiet u l-kwalitajiet li Briffa ra f'Bonnici. Kwalitajiet li ma nistgħux naħarbuhom, jekk irridu li l-*Leħen* ikun pubblikazzjoni serja u ta' kwalità.

L-*għaqal kbir* jinvolvi dixxiplina f'kull pass li wieħed jieħu, u tul il-proċess kollu tal-*Leħen*, il-Bord, il-Kumitat, il-kontributuri, u kull min bagħat il-kitbiet, kellhom

juru għaqal kemm mil-lat ta' koperazzjoni, kif ukoll fid-deċiżjonijiet li kellhom jittieħdu. Mill-bidu nett taċ-ċiklu annwali għal din ir-rivista, il-kriterji fis-sejħa li xxandret pubblikament għal dawn l-aħħar tliet edizzjonijiet, jidher b'mod ċar il-parametri li qed nattwaw fihom din il-pubblikazzjoni. Pubblikazzjoni li taħdem biex isservi ta' opportunità, iżda li tirrikjedi impenn u għajn kritika, b'mod partikolari mill-Bord Editorjali.

Il-*ħila*. Waqt l-għażla għall-membri tal-Bord niftakarni naħseb f'nies li bl-abbiltajiet u l-karattri tagħhom, kapaċi jikkumplimentaw il-Bord bl-oqsma li ġejjin minnhom, fl-opinjonijiet tagħhom, u fid-diskussjonijiet meħtieġa tul il-proċess. Ma stajniex noħorġu din ir-rivista li kieku ma avviċinajniex individwi li kapaċi jimxu ma' prinċipji, ngħidu aħna, ta' professjonalità. Il-membri tal-Bord kellhom ix-xorti li jkunu fost l-ewwel nies li setgħu japprezzaw il-ħila kreattiva f'għadd ta' kitbiet li rċivejna.

Il-*ħeġġa*. Il-valur ta' *Leħen il-Malti* hu motif b'saħħtu biżżejjed biex iqanqal ħeġġa fost l-involuti kollha ta' din il-pubblikazzjoni. Niftakar, meta dħalt membru fl-Għaqda kelli entużjażmu biex nikseb kopja ta' din ir-rivista, u naqra x'fiha. Is-sena ta' wara, meta rajt is-sejħa għall-kitbiet, ġietni l-ħeġġa li nissottometti kitba, u meta ħadt l-aħbar li ntgħażlet, iktar kelli ħeġġa biex nara l-ewwel pubblikazzjoni tiegħi tasal f'idejja, u f'idejn in-nies. Inħoss li ħafna mill-membri tal-Għaqda jkunu qed jistennew b'ħerqa din il-pubblikazzjoni, u meta jissottomettu l-kitbiet tagħhom, l-entużjażmu li jkollhom, jistimula individwi oħra biex huma wkoll jiktbu u jieħdu l-opportunità, bil-possibbiltà li kitbiethom jidhru fil-*Leħen*. Din is-sena, li kelli l-unur li nkun l-editriċi ta' *Leħen il-Malti*, il-ħeġġa għal dan l-ispazju tant prezzjuż tqawwiet, u flimkien mal-impenn ta' dawk li involvew ruħhom wasalna għal dan il-prodott finali*; Leħen* li fih jinkludi 28 kitba letterarja u 6 studji akkademiċi, uħud minnhom lingwistiċi u oħrajn letterarji. Fis-sezzjoni speċjali se tiltaqgħu ma' traskrizzjoni ta' prietka li ħadem fuqha Reno Fenech. Din inkitbet f'Ħaż-Żebbuġ, fl-1788, u fiha Fenech jinnota elementi lingwistiċi partikolari li jagħtu valur lil din it-traskrizzjoni.

Il-*qalb qawwija*. Bilfors li l-membri u dawk li jsegwu l-Għaqda għandhom qalbhom qawwija għal din il-pubblikazzjoni, il-ħila tal-kitba, il-lingwa Maltija, biex jibqgħu juru interess sena wara l-oħra. Għal din l-edizzjoni l-Għaqda rċeviet madwar 120 kitba u minnhom intagħżlu 34. Fiha nfisha din ir-rivista għandha qalbha qawwija; mill-edizzjoni ta' 85 sena ilu, laqgħet fi ħdanha

għadd sostanzjali ta' kitbiet, u jekk wieħed joqgħod jaħseb, l-opportunità li joffri *Leħen il-Malti,* b'mod partikolari għal ilħna emerġenti, hija kbira.

Din is-sena, fost il-kontributuri, l-Għaqda laħqet kittieba żgħażagħ, li saħansitra mill-edukazzjoni f'livell sekondarju bdew juru l-ħeġġa biex jiktbu u jippubblikaw. Tat opportunità lil oħrajn li minkejja li fi snin oħra l-kitbiet tagħhom ma ġewx ippubblikati, qalbhom baqgħet tħeġġeġ għal din ir-rivista. U dawk li ssottomettew kitbiet, li forsi sena wara oħra, baqgħu ma ntagħżlux, inħeġġiġhom ma jħallux il-qalb qawwija u l-interess tagħhom jisfa rmied, iżda li, biex inkompli ma' Briffa, iħallu l-ħila, il-ħeġġa u l-qalb qawwija jirrenjaw fil-versi jew il-linji tal-kitba tagħhom.

U intom li ddeċidejtu li ma taqbżux l-editorjal u tmorru mill-ewwel għall-versi u l-linji, ibdew lestu ruħkom għat-tiftix tal-imħabba u t-tixqiq tagħha, għall-imħabba minxura bħal-labar tal-inxir u l-imħabba fi Triq Anastasju Cushchieri, għall-imħabba tagħkom il-qarrejja moħbija f'linji vojta ta' kwestjonarju. Imma mhux imħabba biss. Se tistenbħu fi kmajra kollha mirja, b'la bibien u lanqas twieqi. Se tmissu maż-żero tat-tolleranza, u tiskopru idejn l-imħallef jittajru bħall-għasafar. Se ttiegħmu l-għadma tal-għajnbaqra u ssibu għeruqha. Se dduqu d-dmugħ f'Pariġi, tisimgħu l-ħsejjes tal-bombi fil-Gwerra, u xxommu d-duħħan iħeġġeġ fid-dar ta' Aunty Tracey.

Nittama li l-kitbiet f'dawn il-paġni joffru gost, effetti, u iktar ħeġġa fostkom il-qarrejja; ħeġġa li tħallikom bla nifs biex tgħaddu minn kitba għal oħra, u forsi wkoll biex tiktbu u turu l-ħiliet tagħkom fl-edizzjonijiet futuri ta' *Leħen il-Malti*.

25/09/2016

# Il-Kitbiet Letterarji

# Minxura l-Imħabba

Celine Agius

Ħabbejtek, wara l-ħwejjeġ minxura
fuq il-perċa

Taħt liżar, bir-riħa ta' sidrek
ixxebblek m'imnieħri

Ħabbejtek, mat-tokki tqal tal-arloġġ
fl-intrata

Ma' kull darba li ħallejna ħwejjiġna
jiġru mal-art

u nsejna li għada se jerġa' jisbaħ ...

Ħabbejtek ma' kull bewsa li sraqna
bit-togħma tan-nikotina f'ħalqna

u rajt fik dak li int stess ma stajtx tara
kull darba li pruvajt tkellimni u ma stajtx.

Għax il-vuċi tiegħek tiżvinta bħal spirtu
fi flixkun miftuħ

U nifsek biss inħoss m'għonqi kiesaħ
mal-kordi ħiemda tal-vjolin.

Xtaqt smajt il-melodija ta' leħnek
tiżfen mar-raxx tal-mewġ

U li qbadna id f'id u ħallejna l-baħar jiblagħna
Forsi ... konna nsiru ħaġa waħda fil-qiegħ
mar-ramel u l-arzell

Iżda ... minxura l-imħabba
bħal-labar tal-inxir li tilfu battalja
kontra r-riħ
u ma jifdal xejn għajr ħabel jitbandal

Hekk hi minxura l-imħabba ...

# Il-Ħabs tal-Mirja

John A. Bonello

Stenbħet ġo kmajra kollha mirja, post mingħajr bibien u mingħajr twieqi. Il-ħitan, is-saqaf, saħansitra s-sodda u l-linfa kienu mirja. Tħares fejn tħares rat lilha nnifisha liebsa libsa ħadra bl-abjad ripetuta fl-infinit, tant li sturdiet. Ippruvat taħseb kif spiċċat hemm. Iżda qabelxejn, għamlet kif jagħmlu fl-istejjer. Qarset lilha nnifisha biex tkun ċerta li dan ma kienx xi ħmar il-lejl.

Ma kienx.

Qamet u mxiet sal-ħajt-mera faċċata tagħha. Misset il-ħajt. Sabitu lixx u kiesaħ. Għamlet widintha mal-mera u ssemmgħet. Xejn, la ħoss, ebda ċaqliqa jew taħrika.

"Hemm xi ħadd?" lissnet, bil-mod, imbagħad aktar bis-saħħa. "Hemm xi ħadd?"

Ebda tweġiba.

Fir-rifless tagħha d-dmugħ ġelben ma' ħaddejha minn għajnejha ħodor u miksurin. X'taqbad tagħmel? Kif se toħroġ minn hemm? Fejn kien *hemm*?

Ħabbtet mal-mirja kollha. Werżqet, għajtet. Kien kollu ta' xejn.

Qatgħet qalbha u għamlet l-unika ħaġa li kien baqgħalha tagħmel. B'idejha ma' xulxin, talbet li sħabha jiġu jeħilsuha.

***

Il-fdal tas-seħer fexfex u ntilef fid-dalma li waqqgħet ftit qabel u li bidlet in-nhar f'lejl. Ftit berqiet ta' dawl ġrew qishom sriep fl-arja mtaqqla bl-enerġija. Miranda u Arjana qamu mill-art u fittxew lil ħabibithom, iżda ta' Nina ma kienx hemm ħjiel. Ftit ftit, id-dalma rħiet u x-xemx ħarġet tisreġ mill-ġdid.

"Fejn marret?" temtmet Arjana, iżda Miranda ma kinitx taf twieġeb u fetħet idejha.

"Kulma naf li dan żgur xi magħmul."

Ftit sekondi qabel, Nina kienet qed tiżfen u tkanta bejniethom, tliet fjuri vjola taż-żagħfran f'xagħarha – sakemm dalam f'salt wieħed u ntlaqtet minn berqa li tefgħet lil Miranda u lil Arjana mal-art, filwaqt li Nina sparixxiet.

"Issa x'se nagħmlu?"

Miranda xammret il-kmiem.

"Niġru. Irridu nfittxu l-għajnuna kemm jista' jkun malajr."

***

"Kif ma tafux fejn marret? Xi gwardjani intom jekk ma tafux fejn qiegħda binti?" tmasħan ir-Re Viktor l-Ewwel, Sultan tas-Sitt Artijiet Magħquda. "Irrid inkun naf, ISSA. B'raskom idur jekk sa siegħa oħra ma tkunux tajtuni t-tagħrif li neħtieġ."

Il-Ġeneral Bartilmew u l-Kurunell Matti skużaw ruħhom u ħaffew 'il barra mis-sala tat-tron. Niżlu jiġru u minnufih taw l-amar lis-suldati tagħhom. Kienu se joħorġu jfittxu lit-tfajla, u qabel isibuha ma kinux se jieqfu.

***

Ix-xemx terrqet f'sema bi ftit sħab waqt li Arjana u Miranda ġrew lura lejn ir-raħal ta' Millieri biex isibu lis-saħħara xwejħa li bagħtithom fil-bosk.

Għalkemm il-pjan ħarġet bih seħbithom Nina, xorta ħassewhom responsabbli għall-għajbien tagħha. Kienu wkoll konxji ta' x'se jinqala' la jsir jaf missierha. Is-seħer u s-sħaħar kienu ilhom tletin sena projbiti fis-Sitt Artijiet. Fil-fatt, biex irnexxielhom isibu lil dik is-saħħara damu xhur jistaqsu u jfittxu.

Daqs tliet sigħat aktar kmieni, wara mixja ta' sagħtejn minn Saffara, il-belt ewlenija tas-Sitt Artijiet, it-tfajliet daħlu fid-dwejra fqajra tax-xwejħa Rinalda. Sabuha tipprepara borma minestra. Laqgħethom bi tbissima dħulija.

"Kif nista' ngħin lil dawn it-tliet xbejbiet sbieħ?"

"Qalulna li inti tista' taqtagħli xewqti," bdiet Nina, "hemm ġuvni, inħobbu, imma hu ma jridx jaf bija. Nixtieq li jsir tiegħi u ngħixu kuntenti flimkien salaħħar ta' ħajjitna."

Rinalda daħqet.

"Kieku kelli nofs is-sbuħija tiegħek binti, m'hemmx raġel li ma jsirx iħobbni minnufih. Għaliex taħseb li teħtieġ l-għajnuna tiegħi? Jekk ma jridekx hemm raġuni oħra żgur."

Nina nstamret. Ġiet bejn ħaltejn tgħidx il-verità inkella taħbihiex. Iżda malajr iddeċidew għaliha sħabha.

"Dan mhux għax ma jridhiex," bdiet Miranda, sbukkata bħas-soltu. "Drinu ma jistax ikun tagħha u jaf."

"Jaf li jekk isir iħobb lil Nina jiġi f'saram kbir," kompliet Arjana.

"Ma jistax? Għaliex?" staqsiet ix-xwejħa kurjuża. "Jaqaw imwiegħed lil xi oħra?"

"Le, mhux sa fejn nafu aħna."

"Ejjew mela għiduli, tħallunix fuq ix-xwiek! Hemm mnejn jekk tgħiduli l-istorja kollha nkun nista' ngħinkom," inkuraġġiethom Rinalda li issa kienet insiet għalkollox il-borma u l-minestra.

It-tfajliet ħarsu lejn xulxin, nervużi.

"Minħabba ommi u missieri," lissnet fl-aħħar Nina. "Iriduni bilfors niżżewweġ lill-Prinċep ta' Burgavja. Iżda jien ma rridx. Jien irrid nagħżel lil min nixtieq jien. M'għandhomx dritt iġegħluni."

"Eh eh. Sewwa sewwa, qed nifhem. U inti tħobb lil dan il-ġuvnott, Drinu." Rinalda resqet qrib Nina u flietha sew. "Nina hux hekk? Jismek Nina inti? It-tifla tas-Sultan Viktor? Taf hux li missierek ma jridx li jintuża seħer fis-saltna tiegħu? Li jekk xi ħadd jinqabad jiġi skumnikat jew agħar?"

Nina għamlet sinjal b'rasha li taf dak kollu. "Naf u mhux se niftaħ ħalqi. Drinu jħobbni. U jien inħobbu wkoll. Inti biss tista' tgħinni. Nitolbok bil-ħniena. Nagħtik li trid."

Mingħajr kliem, ix-xwejħa tathom daharha u marret tgerfex ġewwa ġewlaq kbir. Hi u tqalleb bdiet tgedwed, "Kelli xi mkien. Ħa nara naqra. Żgur baqagħli. Rajtu ftit ilu. Fejn mortli, ja brikkun. Hawn hu!" qaltilhom, u daret lejhom bi flixkun ċkejken f'idha. Resqet lejn Nina. "Ħa dan, sbejħa. Issa se ngħidilkom eżatt xi tridu tagħmlu. Importanti imma, agħmlu kollox eżatt kif ngħidilkom!"

Stenniet sakemm Nina u sħabha għamlu sinjal b'rashom li fehmu. "Mela, aqbdu t-trejqa minn maġenb in-nixxiegħa u imxu magħha. Ibqgħu sejrin sakemm taslu sal-bosk, idħlu fih, segwu dejjem il-mogħdija. Daqs siegħa mixi bogħod mill-ewwel siġra, għandkom issibu fetħa naqra kbira. Tagħrfuha tinkwetawx, għax fiha hemm ċirku ta' ġebel wieqaf."

"Imma, fil-bosk ma nistgħux nidħlu!" waqqfitha Arjana. "Kulħadd jaf li l-bosk projbit!"

"Ħmerijiet," weġbitha Rinalda b'tixjira ta' idha, "ilni nidħol f'dak il-bosk sa minn mindu kelli ħames snin. Hawn għadni, inferfer. Mela, fejn kont wasalt għax sirt ninsa. Iwa. Idħlu ġoċ-ċirku tal-ġebel u għandkom taraw fjuri taż-żagħfran. Aqta' tlieta u agħmilhom ġo xagħrek, inti biss imma Nina, l-oħrajn ma jistgħux imissuhom! Imbagħad ixrob dan il-likwidu msaħħar, aqbdu idejn xulxin u duru dawradurella lejn il-lemin filwaqt li tkantaw:

*Dur dur dur għal dejjem immur*
*Art il-mirja rrid inżur*
*L-imħabba tfur, issa żgur dur dur dur*

***

Miranda waqfet u stenniet lil seħbitha tilħaqha. Kienu ilhom qrib siegħa jiġru u Arjana dehret se tmut l-aħħar bil-qtugħ ta' nifs.

"Ejja, l-aħħar naqra. Wasalna."

Imxew l-aħħar mitt pass sal-bieb tad-dwejra tax-xwejħa, maqtugħa għaliha mill-bqija tal-irħajjal. Sabu l-bieb imbexxaq, u Miranda daħħlet rasha.

"Rinalda? Hawn qiegħda? Hawn xi ħadd?"

Baqgħu mingħajr tweġiba, għalhekk fetħu l-bieb beraħ u daħlu ġewwa. Ma kien hemm ħadd. In-nar tal-kenur kien mitfi.

"Issa x'se nagħmlu?" bkiet Arjana. "Min se jgħinna?"

"Ikkalma," ikkunslatha Miranda. "Imxi nistaqsu lin-nies tar-raħal forsi jafu fejn marret. Jekk ma nsibuhiex ikollna mmorru l-palazz u ngħidu lil missierha."

***

Il-Ġeneral Bartilmew ħabbat fuq il-bieb tal-kmamar privati tas-Sultan. Fetħitlu r-reġina.

"Sibtuha Bart?" staqsietu, leħinha mimli tama.

"Le, sfortunatament. Iżda hawn waħda mara qed titlob udjenza mas-Sultan għax qalet li għandha tagħrif dwar Nina."

***

Malli xeħet għajnejh fuqha, għarafha. Minkejja it-tletin sena li għaddew mill-aħħar darba li ltaqgħu, ma kinitx xjaħet nitfa. Sinjal ċar li baqgħet tuża s-seħer. Tbissmet malli ratu u fuq is-Sultan dellel ħsieb ħażin.

"Fejnha binti? X'għamilt biha?"

"Wara dawn is-snin kollha, nistenna, nittama," bdiet is-saħħara b'leħen baxx, "tiskanta kif ix-xorti tinbidel. Għext tletin sena waħdi, moħbija, imdejqa. Sakemm tfaċċat bintek."

"Jekk għamiltilha xi ħaġa–," beda Viktor.

"Kieku mhux qiegħda hawnhekk. Ma ġejtx għal sempliċi vendetta. Kieku ridt inpattihielek ilni li għamiltha. Int l-uniku wieħed li tista' ġġib lura lil żewġi. Għandek ċans s'għada bħal dal-ħin. Jekk Arturu ma jkunx ħieles sa dak il-ħin, tista' tinsa li terġa' tara lil għażiża Nina."

Ir-reġina qabdet miexja lejn il-mara, iżda Viktor waqqafha.

"Mur minn quddiemi," qal lis-saħħara. "Ħallini naħseb."

"Ma tantx għandek fiex titfixkel. L-għażla ma tistax tkun eħfef. Taf x'għandek tagħmel." B'dak l-aħħar diskors, daret u ħarġet 'il barra mis-sala, daharha dritt, tbissima fuq fommha u rasha 'l fuq.

***

Arjana u Miranda waslu Saffara rekbin fuq wara ta' karettun ta' raħħal. Iltaqgħu miegħu fit-triq minn Millieri u offrielhom rikba. Waqqafhom quddiem ix-xatba tal-palazz, irringrazzjawh u daħlu jiġru. Kulħadd kien drahom deħlin u ħerġin u ħadd ma pprova jwaqqafhom. Qasmu l-bitħa, telgħu t-taraġ lejn il-bieb tal-palazz, u kif kienu se jidħlu, kważi ħabtu ma' mara twila, gustuża, liebsa libsa sewda bl-aħmar.

Xħin rathom daħqet, għemżithom, u bdiet nieżla t-taraġ.

It-tfajliet ħarsu lejn xuxlin, issummati.

"Rinalda?" sejħet Miranda.

Leħen is-saħħara dewa fil-bitħa, hekk kif wieġbet mingħajr ma daret lejhom.

"Daqshekk Rinalda. M'għandix bżonnha aktar. Issa erġajt sirt Sabella."

***

"Viktor, min kienet dik il-mara? Xi trid minn Nina u xi tridek tagħmel?" staqsiet ir-reġina.

Is-Sultan ħa l-ħin tiegħu qabel ma wieġeb.

"Tletin sena ilu waqqaft saħħar milli jibqa' jiżra' l-mibegħda fis-Sitt Artijiet. Anki jien kont saħħar, iżda minħabba fih għaddejt liġi kontra kull xorta ta' seħer. Ismu kien Arturu u dik il-mara tiegħu, Sabella. Dakinhar li ħlist minn Arturu, hi ħarbet. Fittixtha għal żmien twil, iżda qatt ma sibtha u allura assumejt li telqet għalkollox. Jidher li kont żbaljat."

Ħadd ma felaħ jitkellem. Is-sultan issokta.

"Lilu qfiltu f'ħabs imsaħħar u jien biss nista' nagħtih il-ħelsien."

"U issa, x'beħsiebek tagħmel?" staqsietu martu.

"X'għażla għandi? Nina tiġi l-ewwel u qabel kollox."

***

Fil-bosk kien hemm skiet perfett. Viktor daħal ġewwa ċ-ċirku tal-ħaġar. Ħareġ flixkun ċkejken u fetħu. Xorob belgħa u ferrex il-bqija f'ċirku sħiħ madwaru. Għalaq għajnejh u beda jdur fuqu nnifsu lejn ix-xellug u jkanta jgħajjat:

*Dur dur dur tiġi lura żgur*
*Minn art il-mirja fejn mort iżżur*
*Daqshekk maqful. Ħieles tkun. Dur dur dur*

Seħħew tliet affarijiet f'daqqa. Minn wara waħda mill-ħaġriet weqfin fejn kienet mistoħbija, tfaċċat Sabella. Minn wara Sabella, feġġew Arjana u Miranda nifishom maqtugħ. U fiċ-ċirku ma' Viktor dehret sħaba duħħan fiddien li nbidlet u ħadet is-sura ta' raġel twil u rqiq liebes libsa kaħla bil-ħjata tal-fidda. Dan ir-raġel ħares madwaru, lejn Viktor, lejn il-ħaġar, is-sema u s-siġar. Imbagħad ħarstu waqgħet fuq martu Sabella, li ġriet lejh u għannqitu.

"Issa għandek lil żewġek Sabella, imma lil Nina mhux naraha. Fejn hi binti?" staqsa Viktor li ħaseb Sabella se ġġib lil Nina magħha.

Sabella nħallet mit-tgħanniqa u ħarset lejn Viktor.

"Fejn tridha tkun? Fil-ħabs tal-mirja li ħloqt int stess. Il-problema, li hi stess għamlet is-seħer fuqha nnifisha."

***

Viktor fehem mill-ewwel. Tletin sena qabel kien qafel lil Arturu billi qarraq bih – ġiegħlu jixrob xarba speċjali li sturdietu, imbagħad Viktor qal il-kliem imsaħħar u bagħtu fil-ħabs tal-mirja. Għamel hekk biex Arturu ma jkunx jista' jinħeles, għax ried ikun bilfors Viktor li jgħid il-kliem biex iġibu lura. Sabella iżda, ġiegħlet lil Nina stess tgħid il-kliem, u hekk it-tfajla sakkret lilha nnifisha. Nina setgħet tgħid il-kliem biex tinħeles, iżda ma kellhiex l-iċken ħjiel ta' dan kollu.

***

Tilfet il-kont tal-ħin. Kemm kien ilha maqfula hemm ġew? Siegħa? Ġurnata? Ġimgħa? Skantat kif la qabadha għatx u lanqas ġuħ, la ngħas u lanqas għeja. X'kien dak il-post? Id-dmugħ baqa' jqattar ma' ħaddejha, fommha baqa' jlissen l-istess talba.

***

Is-Sultan lanqas felaħ jitkellem. Moħħu kien qed jhewden fuq ħaġa waħda biss: kif se jagħmel biex iġib lil bintu lura. Viktor niżel għarkupptejh f'nofs iċ-ċirku tal-ħaġar u seħet xortih. Seħet il-ħabs li ħoloq hu stess.

Arjana u Miranda raw dak kollu li seħħ mingħajr ma tħarrku, iżda hekk kif Sabella bdiet tiġbed lil żewġha lil hinn miċ-ċirku għajtu lis-saħħara.

"Dħaqt bina u b'ħabibitna! Ġiet għandek għall-għajnuna u minflok ħallastha bil-qerq!"

Is-saħħara waqfet u daret lejhom.

"Meta tieqfu tgħixu f'ħolma tintebħu li d-dinja mimlija qerq."

Iżda kif reġgħet qabdet miexja, Arturu żammha. Sabella ħarset lejh konfuża.

Żewġha tbissmilha, imbagħad mexa lura għal ħdejn is-Sultan. Ħatfu minn driegħu u għenu jqum.

"Viktor. Ma nafx kemm żammejtni magħluq hemm ġew. Naf biss kemm hu ikrah, kemm tħossok se tiġġennen. Ma nixtieqx li ħaddieħor ibati l-istess piena. Wegħedni li jekk ngħinuk teħles lil bintek ma tibgħat lil ħadd aktar f'dak il-ħabs. Wegħedni li tħalli lili u lil marti nitilqu bil-kwiet. Il-lezzjoni tgħallimtha u mhux se nerġa' niżbalja. Irrid inkun bniedem ħieles mill-ġdid."

***

Ġoċ-ċirku tal-ġebel, Arturu, Sabella u Viktor żammew idejn xulxin filwaqt li lissnu l-kliem imsaħħar li għallimhom Viktor ftit qabel. L-art theżżet, l-arja fexfxet, is-sema xegħel bis-seħer. Ħoss itarrax ta' ħġieġ jinkiser dewa madwarhom. Il-ħabs tal-mirja sfaxxa fix-xejn.

"Missier?"

Minn ġo sħaba lewn il-fidda, Nina ġriet lejn missierha u għannqitu, imbagħad għannqet lil sħabha wkoll.

Viktor dar lejn Arturu u Sabella.

"Inroddilkom ħajr. Waħdi ma stajt qatt inwettaq dak li għamilna flimkien. Se nżomm kelmti. Tistgħu tmorru ħielsa. Kunu afu iżda, li s-seħer xorta se jibqa' projbit fis-Sitt Artijiet."

Arturu ħa b'idejn Viktor.

"Ħa mmorru 'l bogħod mis-Sitt Artijiet, ħa nsibu xi mkien fejn nistgħu nibdew ħajjitna mill-ġdid. U d-darba li jmiss li niltaqgħu, nifirħu b'xulxin bħala ħbieb antiki."

# U x'Naf

Ġorġ Borg

U qalbi, qalbi ċkejkna,
minn fergħa għal fergħa ddur,
kultant għal ftit titfarfar
kif jagħmel kull għasfur.

U qalbi, qalbi ċkejkna,
tittajjar lejn l-għoljiet,
u drabi tinżel b'ħeffa,
biex tixrob minn xi wied.

U x'naf jekk qalbi ċkejkna,
tfesdaqx il-għana spiss,
biex lil xi qalb li bbieset,
xi darba forsi tmiss.

# Tixqiq (għal S.)

Nadia Mifsud

It-tifel raqad fl-aħħar. Wara kważi tliet kwarti nbennen u nħannen, għal tikka ma marritx għajni bija u spiċċajt għonost qablu!

Nerġa' nħosslu moħħu. Bil-battikata li ħa l-ewwel, sar aħmar nirien u kważi ġieni dubju kienx qed jibki għax ma jiflaħx. Imma le, ta, ma jidhirx li għandu d-deni.

It-tifel lil missieru jixbah. Minni kważi ma ħa xejn ħlief forsi l-kulur ta' xagħru. Imma l-bqija proprja missieru. In-nokkli. Għajnejh. Il-forma tagħhom. Il-kulur. Il-ħarsa li jagħti meta ma jkunx irid jobdi. In-nemex. Xufftejh. It-tbissima. Geddumu. Nogħxa nħares lejh. Speċjalment meta narah rieqed daqstant kalm.

Nogħxa u nitkexkex inħares lejh. Għax ifakkarni x'għoġobni f'Sandro meta ltqajt miegħu. Ifakkarni x'għadu jogħġobni f'Sandro – minkejja kollox!

Nogħxa narah rieqed daqstant kalm. Nogħxa u nitkexkex għax ninduna kemm hu fraġli, kemm għadu żgħir, kemm għad għandu bżonna.

Tgħid fejn hu Sandro? Meta ġej lura? Ġej lura?

Fil-verità, lanqas naf jien stess nixtiqux jiġi lura jew le.

Kultant nixtiequ mejjet. Nimmaġinah għaddej bħal gażżu u jinfaqa' ma' xi ħajt. Jonkella jisfronda b'attakk tal-qalb li jħallih tal-post. M'għadx għadni naf xi nħoss lejh dar-raġel. Inħobbu u nobogħdu fl-istess ħin.

Kulma xtaqt, relazzjoni bħal kulħadd. Familja bħal kulħadd. Inħares lejn sħabi u ngħir għalihom. Ngħir ta' veru, għax għalihom kollox sempliċi. Kollox

tajjeb jiġihom! Għala jien le? Għala dejjem jien li nidħol f'dal-basal? Ħajti dejjem hekk kienet – pass 'il quddiem u tlieta lura. X'għandi ħażin?

Xtaqt raġel li jifhimni, li jirrispetta l-fehmiet u l-għażliet tiegħi, li jaf ikun teneru, li jaqsam miegħi l-ferħ u d-dwejjaq tal-ħajja. Ridt persuna li magħha nista' naqsam il-ħolm u l-biżgħat tiegħi.

U ara x'ħadt minflok!

"X'mingħalik se tagħmel? Li ma kontx paċoċla! Mingħalik se tbeżżagħni bil-pulizija, eh? Hekk mingħalik, eh? Ta' min jafdak ukoll!"

"Ma kienx imissek erfajt idejk fuqi …"

"U se tkompli għaddejja biha, arak! Erfajt idejja fuqek, meta bilkemm missejtek? Ar'hemm ħej, kemm sirt delikata! Aħjar tgħid li qed tesaġera. Aħjar tgħid li int qatt ma jkollok aptit xejn. Lanqas immissek ma nista'! Mela jien mhux żewġek jew? M'għandix dritt nieħu naqra gost ma' marti, jew? Dak li jmissek mort tgħidilhom lill-pulizija żgur. Int mara bla demm. Lanqas taf tagħtih pjaċir 'il raġel. Qażżiżtni u xebbajtni, dak li naf. Imissek tistħi! Tmur tgħid lill-pulizija kontra żewġek stess! Imissek tistħi, dak żgur!"

"Imissek tistħi int! Bilkemm missejtni, tridx tmur! Kemm tiflaħ tkun giddieb? Għal tikka ma lwejtlix idi ganċ. Mela m'għandix dritt jien ma jkollix aptit is-saħniet kollha tiegħek? U l-gundalla li kelli f'wiċċi … Blu! Blu kien wiċċi! Lanqas ix-xogħol ma stajt immur. Kelli nigdeb u neħodha *sick*. Lanqas biċċa pakket ħalib ma stajt immur nixtri … għax min jaf x'kienu jgħidu n-nies!"

"Eh fejn trid kemm tinkwieta x'jgħidu n-nies! Ar'għand il-pulizija, ma tantx inkeddejt, ingħid! Ma jafux kemm ikolli nissaportik in-nies. Dejjem bil-gdiedem. Dejjem tibki. Dejjem qisek wiċċ laskri. Għandek xorti għadni ma qlibthielekx. Ma nafx x'qed nistenna, ħa ngħidlek. In-nisa l-oħra mhumiex bħalek, ar' ma taħsibx. Mhux ta'b'xejn mar mal-perita Chris! Moħħu f'postu kien, ħa ngħidlek. Biex imbagħad spiċċajt twikkejt bik jien. Kif xbajt, ħaqq ommok! Xbajt fuq li xbajt! U ara ma jfettillekx tmur tpeċlaq terġa', għax nifgak! Madonna tal-Ħniena, naħlef li nifgak!"

Jaqbad il-*magazine* li għandu f'idu, jirrumblah, isabbtu tnejn fuq il-mejda, imbagħad jitfagħhuli għal rasi, imma ma jolqotnix. Jiġbed dagħwa, jaħtaf il-ġakketta li ilha mill-bieraħ filgħaxija mad-dahar tas-siġġu u jitlaq 'il barra. "Illejla tistenninix," igarali b'ċerta sfida qabel ma jsabbat il-bieb ta' barra warajh qisu jrid jaqilgħu miċ-ċappetti.

It-tisbita tal-bieb taħsad lit-tifel li jispiċċa jinfexx f'bikja. Nixtieq nibki bħalu. Il-kliem ta' Sandro dejjem iħallili f'ħalqi dit-togħma aċiduża. Inħossni vojta, eżawsta, imgerrma minn ġewwa.

"Xxx, ma ġara xejn, qalbi," ngħid lit-tifel jien u ngħollih minn ġol-*playpen*. "Xxx, hawn qiegħda l-Mamà." Imma t-tifel ikompli jibki. "Papà, papà," jinsisti. Inħoss qalbi qed tixxaqqaq.

Dil-ġlieda kollha ma' Sandro għax jumejn ilu mort l-għassa u għamilt rapport. Inzerta kien hemm pulizija mara. Għidt għall-erwieħ. Kollox qlajt. Kollox. L-għajjat, it-tgħajjir, it-theddid, is-sess li jġegħelni nagħmel. Kollox. Ma nafx kienx ikolli l-kuraġġ ngħid kollox kieku l-pulizija nzertaw kollha rġiel. Ma' mara, differenti. Mara tifhmek, mara tagħdrek. Mara tista' tifhem il-biża' u r-rabja li tħoss meta raġel jisforza lilu nnifsu fuqek.

Mort l-għassa u rrapportajtu, iva, għax idejjaqni meta jiġi minn warajja jitħakkek miegħi u nħoss nifsu jindiehes mal-qarquċa ta' widinti. Kważi nsir tal-ġibs. Idejjaqni u jbeżżagħni. Nevita sal-iċken taħrika li ma jmurx xi darba jigdimhieli widinti. Kapaċi, ħa ngħidlek. Kapaċi żgur.

Ikolli noqgħodlu. Anki l-ġimgħa ta' wara li wellidt lit-tifel kelli noqgħodlu. Avolja ma kellix aptit. Avolja l-punti kienu għadhom ma fiqux u kont għadni qed inħossni qisni l-imġenġla. Avolja sidri kien kollu xquq. Avolja d-demm kien għadu ġej ġmielu. Ħsibtu ħa jifhem. Ħsibtu ħa tiġih ħniena minni. Bdejt nittama li jitqażżeż. Imma le. Kelli noqgħodlu. Jew hekk jew isib mara oħra li lesta tissodisfa l-bżonnijiet tiegħu.

Kull darba li jisfurzani, inħoss il-mibegħda tinġema' bħal ragħwa fil-qiegħ tal-istonku, inħossha tielgħa fija ftit ftit, tinfirex tul ġismi sakemm wiċċi kważi jiħdar u nkun se nfur l-aħħar. Fil-verità, huwa dardir. Fil-verità, nipprova kemm nista' ma niċċaqlaqx tant li l-ġogi ftit ikun għad fadlilhom biex jiġġammjaw. Nibla' fija l-iskossi. Sakemm ilesti. U meta fl-aħħar idur fuq in-naħa tiegħu, sodisfatt li ħa minni dak li ried, inqum u mmur naqla' l-velenu kollu fil-loki. Għad xi darba naqla' fwiedi ta' veru.

Kemm ħa ndum naqla' ġo fija? Kemm se ndum nigdem ilsieni u nbaxxi rasi għal kulma jgħidli, għal kulma jridni nagħmel? Forsi jmissni naħtaf l-okkażjoni, ladarba mhux qiegħed hawn u hemm ċans li ma jiġix lura llejla. Nitlaq. Nitlaq bit-tifel. Neħles lili nnifsi mill-ħafna tiegħu. Imma issa t-tifel raqad u ġa daqqew l-għaxra. M'għandix aptit nerġa' nqajmu wara l-battikata li ħa biex

jorqod. Imbagħad f'dal-bard! U fejn naqbad immur bħallikieku? Lil missieri u lil ommi ma rridx ninkwetahom. Mhux biżżejjed ommi l-ħin kollu tibla' l-pinnoli tal-pressjoni! U missieri għadu qed jiġi f'tiegħu wara l-attakk tal-qalb li tah f'Novembru. Il-kunjata nsieha! Mhux għax mhix mara tal-affari tagħha, imma dak li jagħmel binha kollu tajjeb. U żgur li mhux se teħodni bis-serjetà. Kieku ibqa' ċerta li ċċempel mill-ewwel lil Sandro u tgħidilna "nirranġaw".

Bħallikieku hemm x'tirranġa, ħej! M'iniex belha! Nies vjolenti ma jinbidlux. U Sandro mhux se jinbidel. Avolja dejjem iwaħħal fija. Avolja, skont hu, it-tort kollu tiegħi għax inqabbiżhielu bir-ras iebsa li għandi.

Lanqas jekk inċempel lil sħabi, mhux żgur jemmnuni. Għax quddiem in-nies storja oħra. Quddiem in-nies, it-tnejn li aħna nxeddu maskra u nilagħbu l-parti ta' koppja normali. Quddiem in-nies, iġib ruħu ta' missier eżemplari. It-tifel dejjem f'dirgħajh. U hu dejjem jitbissem. Jiċċajta ma' kulħadd. Joffri d-drinks. Jilgħabha tal-*cool*. Ma jaħtafnix. Ma jidgħix. Ma jgħidx kliem baxx. L-iktar l-iktar jaqbad miegħi b'mod inkejjuż, biex idaħħak. Jaqbad ma' xi ċuċata li nkun għidt jew għamilt u jipprova jwaqqagħni taċ-ċajt imma mhux b'kattiverja ovvja. U jekk nitbikkem, nispiċċa nidher jien il-kerha, anki ma' sħabi jew ma' qrabati: "Iiiii, kemm tieħu għalik, ħej!," "u ejja, kemm ma tafx teħodha ċajta!"

L-għaxra u nofs. Fejn hu Sandro? *Min* hu Sandro?

Tgħid ngħid lil Ruth? Magħha biss nimmaġinani niftaħ qalbi. Ara lil Tania u lil Charmaine ma nimmaġinanix ngħidilhom. Kull darba li niltaqgħu, Charmaine taqbadha fuq kemm hemm ġenituri l-iskola li m'għadhomx flimkien u t-taħwid li hemm ħabba f'hekk. "Donnu ħadd m'għadu jistikkja ma' ħadd," għandha ħabta tgħid. U Tania l-ħin kollu titfa' r-ritratti tagħha u ta' Simon fuq Facebook, wieħed isbaħ mill-ieħor, u tgħid x'għamlu u fejn marru u x'taha għall-*birthday* u fil-Milied. Ġimgħa vaganza Tenerife taha, allajbierek! Mur għidilhom! Ara jien, jien qlajt ħatfa tal-babaw għax qal li kellimtu b'leħen żorr quddiem il-ġenituri. Bilkemm konna għadna kif dħalna fil-karozza li ma qallix, "Ara x'qed navżak, ara ma tippruvax tilgħabha tal-brava miegħi għax nifqgħak." Imbagħad, biex aktar iwerwirni, saq bħas-salvaġġ tul il-*coastroad* kollha. Darbtejn konna se naħbtu. Għal tikka m'għamiltx taħti bil-biża'. Dak li ħadt għall-Milied!

Ruth għandha mnejn temminni. Qatt ma qaltli xejn kontra Sandro, imma kienet l-unika waħda li kellha l-kuraġġ tgħidli, "Aħsibha sew. Kulma ilkom flimkien disa' xhur" meta Sandro u jien ħabbarna d-data tat-tieġ. U kienet hi

wkoll li ġiet tgħidli li lil Chris kienet ratu ma' tfajla oħra xahrejn biss qabel ma suppost kellna niżżewġu. Li kieku ma fetħitlix għajnejja hi, wisq probabbli li kont niżżewweġ lil Chris u kien ikompli jaqlibhieli mal-perita qisu xejn mhu xejn. Kellha raġun Ruth, kien imissni m'għaġġilthomx daqstant l-affarijiet.

***

Il-mowbajl tiegħi qiegħed fuq il-mejda tal-kċina u mhux fuq il-komodina ta' ħdejn is-sodda fejn ħallejtu jiċċarġja qabel ma dħalt ninħasel. Le, f'nofs il-mejda, bħal prova tad-delitt li wettaqt. U Sandro qisu ġolf bilwieqfa mal-mejda, idu lesta biex taħtaf il-mowbajl jekk biss nipprova mmissu.

"Daħallek messaġġ, " jgħidli. "Mingħand Ruth. "

Qalbi tagħmel tikk. Imma nipprova ma nurihx li qed nibża'.

"Kif taf li mingħand Ruth?"

"Għax naf. Għax qrajtu. Kollha qrajthom il-messaġġi li bgħatt lil Ruth u li bagħtitlek lura. Għalhekk dawk il-mistoqsijiet kollha dwar *whatsapp* u mhux *whatsapp*, ja … ? Lanqas naf x'int! M'hemmx kelma għalik! Żibel! Bżieq!"

"M'għandek l-ebda dritt taqra l-messaġġi tiegħi mingħajr permess …"

"Eh le, m'għandix? Min qallek? Int qed tgħidu dan? U int x'int? X'taħseb? Li se timpressjonani? Tgħid mhux se nibża' minn nemla bħalek?"

"Tini l-mowbajl. "

"Ejja ħudu. "

"Għidtlek tihuli. "

"Ejja ħudu jekk trid. Imma kun af li l-messaġġi tiegħek u ta' Ruth kollha ħassarthom! "

"Li ma kontx … "

U nogħdos għal fuq il-mejda, nipprova naqbad il-mowbajl imma jilħaq jaħtfu qabli. Narah iferfer il-mowbajl f'idu l-leminija, 'il fuq kemm jista' jkun fejn żgur ma nistax nilħqu. Eżatt bħalma ġieli jagħmlu t-tfal iż-żgħar meta jkunu jridu jinku lil xulxin.

"U tgħid m'iniex se ntihulek? Biex toqgħod tikkonfoffa minn wara dahri! Mela ħsibtni iblah, jew? " U jimbuttani b'idu x-xellugija.

Nirreżistilu. Nerġa' nogħdos ikkargata għal ġo fih did-darba. Naf li qed ngħajjat, u li b'id waħda qed infajjar bil-ponn fuq sidru waqt li bl-oħra qed

niġġebbed kemm nista' biex nilħaq il-mowbajl. U Sandro qed juża driegħu x-xellugi bħala tarka kontrija u jidħaq daħqa mimlija kattiverja. Imbagħad, ħin bla waqt, nara l-minkeb ta' Sandro nieżel b'saħħa għal fuqi u nħoss id-daqqa fuq il-ġenb ta' rasi, ħdejn għajni x-xellugija. Ninħasad. Nitlef il-bilanċ u nagħti ġiex passi lura.

"Ara ma' min qed tagħmel l-arja wkoll! Qisek żikk ġo bott!"

Fil-pront, idoqq il-mowbajl tiegħu. Joħorġu mill-but ta' wara u jħares lejn in-numru. Jekk mix-xogħol, bilfors ikollu jwieġeb għax dal-*weekend* qiegħed *on standby*. Iwieġeb. Sadanittant, lit-tifel taqagħlu l-kuċċarina fl-art u jinfexx iħanxar. Sandro jonfoħ tnejn, jimbuttani bil-goff minn quddiemu u joħroġ mill-kċina. Imma kif appena jaqbeż il-bieb tal-kċina, iwaddab il-mowbajl tiegħi bil-herra fl-art. Bl-iskop li jkissru, ovvja. Imbagħad jibqa' sejjer fil-kamra tagħna biex ikun jista' jitkellem. Ninduna li għalaq il-bieb warajh. Wasal iċ-ċans. Jew issa jew qatt. Naħtaf lit-tifel minn ġol-*highchair*. Immur niġbor il-mowbajl mill-kuritur. Il-ħgieġa mxaqqa imma għadu jaħdem. Moħħi u qalbi għaddejjin bil-mija. Għajnejja qed iniggżu bid-dmugħ imm'issa mhux ħin il-biki. Hemm bżonn nitlaq. ISSA. Il-karozza tiegħi qiegħda fil-garaxx. Aħjar nieħu tiegħu mela. aktar faċli u anqas nagħmel storbju. Iċ-ċavetta suppost qiegħda fil-kexxun tas-*sotto specchio* li hemm fl-intrata. Nispera. Iva, hawn qiegħda. Indefffisha fil-but tal-*jeans*. Ħdejn is-*sotto specchio*, mitluq fl-art, hemm il-basket li kelli lbieraħ ix-xogħol. Nitfa' l-mowbajl fih u niċċekkja għandix il-portmoni u ċ-ċavetta tad-dar. It-tifel għadu qed jibki. Ħallih, aħjar hekk – sakemm qed jibki, iċ-ċans hu li Sandro jibqa' fil-kamra. Qed nirtogħod. Jekk jaqbadni, ipattihieli bil-kbir. Niftaħ il-bieb tal-*cupboard* fejn hemm l-ixkupa u noħroġ borża taż-żibel li fiha ħbejt xi ftit ħwejjeġ għalija u għat-tifel. Sandro għadu fil-kamra. Nista' nisma' leħnu fil-bogħod, imma ma nistax nifhem x'inhu jgħid. Dir-rogħda ma nistax nikkontrollaha. Jew issa jew qatt, nerġa' ngħid lili nnifsi. Naqtagħha li m'għandix ħin noqgħod nilbes iż-żarbun. Għandi wieħed fil-borża, hekk jew hekk, imbagħad inbiddlu aktar tard. Niftaħ il-bieb ta' barra bil-mod kemm jista' jkun biex Sandro ma jindunax, noħroġ fuq il-bankina bit-tifel għadu jibki f'id waħda, bil-basket u l-borża taż-żibel fl-id l-oħra, u bil-papoċċ roża li tatni oħti għall-Milied f'saqajja. Qed tqattar ix-xita. Ma jimpurtanix. Nagħlaq il-bieb warajja, naqsam it-triq għal fuq il-bankina ta' faċċata, niftaħ il-karozza, inpoġġi lit-tifel fis-sit tal-karozza. "Se mmorru dawra, ħanini," ngħidlu biex forsi

jikkalma ftit, imma ma jridx jaf. Minflok, jerġa' jaqbad iħanxar. "Xxxx, xxxx, isa tibkix, inkella joħroġ għalina l-Papà u jirrabja magħna talli qed nagħmlu ħafna storbju." It-tifel jibda jferfer idejh u saqajh, jiżżegleg u jistira fuq is-siġġu biex bħal speċi ta' jgħidli li le, ma jridx imur dawra. Jien qed nissara mal-bokkla u nitlob li Sandro għadu ma nduna b'xejn. Qed nissarra mal-bokkla b'għajnejja fuq il-bieb ta' barra. Il-papoċċ qed inħossu jixxarrab, imma dik l-anqas ħaġa. Ejja, fl-aħħar irnexxieli naqfel il-bokkla. Nidħol fil-karozza. Ir-rogħda għadha hemm, imma jirnexxili nistartja. U nitlaq. Għajnejja aktar fuq il-mirja tan-nofs u tal-ġnub milli quddiemi. Is-sit qiegħed daqsxejn 'il bogħod mill-*isteering*, imma mhux se nieqaf issa. Imqar nilħaq indur il-kantuniera. Jekk nersaq ftit 'il quddiem fuq is-sit, saqajja jleħħqu bl-eżatt mal-pedali. Sakemm indur il-kantuniera, Sandro jibqa' ma jitfaċċax. Irnexxieli! "Irnexxielna!" ngħid lit-tifel li issa donnu kkalma naqra għalkemm għad fadal xi żewġ demgħat iħufu fuq xfur għajnejh. Nitbissimlu. "Tlaqna dawra."

Ix-xita issa nieżla ġmielha. It-tifel qed jilgħab b'subgħajh stess u jgedwed. Nitbissem bla ma rrid. Nitbissem u nitbikkem fl-istess ħin. Għax issa, f'daqqa waħda, qed inħoss il-weġgħa fuq għajni x-xellugija fejn Sandro tani daqqa ta' minkeb. Uġigħ itektek, u ħruq. Inċaqlaq ħarira l-mera u ninduna li għajni bdiet tintefaħ fil-ġenb u li għandi xaqq żgħir eżatt fejn jispiċċa l-ħaġeb. Xaqq b'tikka żgħira demm u ftit materja. Probabbli sa għada tiġi tidher qisha selħa.

Mill-basket, nista' nisma' l-mowbajl iżarżar. X'aktarx Sandro. Żgur li Sandro. Imma m'iniex beħsiebni noħorġu mill-basket il-mowbajl. Jerġa' jżarżar. Ħallih iżarżar! Ix-xita qed iżżid. Nagħti daqqa t'għajn ta' malajr fil-mera biex nara li Sandro żgur mhux qiegħed xi mkien warajja bil-karozza tiegħi. Ninqata' minn ġewwa hekk kif nilmaħ Fiat bajda eżatt bħal tiegħi. Wiċċ is-sewwieq ma nistax narah għax qablu hemm karozza oħra. Tgħid hu? Qalbi tant qed tħabbat bis-saħħa li qed nibża' li dalwaqt tinfaqa'. Imbagħad niftakar li ċ-ċavetta tal-karozza tiegħi għadha fil-basket għax ilbieraħ, kif wasalt id-dar, mort dritt inbiddel il-ħarqa tat-tifel li bdiet tinten intiena nobis. U l-i*spare* konna tlifnieha. Il-Fiat bajda ddur lejn il-lemin, taqbad it-triq tax-xatt. Nieħu nifs qawwi. Il-mowbajl jerġa' jibda jżarżar u jien issa qed nitbissem għax naf li Sandro ma jistax jiġi għalija. U jekk ċemplulu biex jidħol xogħol, se jkollu jara kif se jagħmel biex imur.

Fit-tarf tat-triq hemm l-għassa tal-pulizija.

Għażiż Sandro, mil-lum 'il quddiem, biex tkellimni, bl-avukat.

# Tolleranza Żero

Leli

Fikom qed nara dak li dejjem ħlomt u xtaqt għall-ġid ta' pajjiżna. Fikom qed nara suldati ta' vera u ministri ideali. Bikom il-pajjiż se jkun immexxi kif għandu jkun u Malta se tibqa' tafkom bħala l-ulied denji tagħha. L-ulied li riedu l-ġid u li ttrasformawha mill-qiegħ. Illum se ngħidilkom kif għandna naħdmu la nkunu fil-Gvern. Kull wieħed u waħda minnkom se ikun importantissimu f'din l-istrateġija. Tiddiżappuntawnix.

Iż-żmien mhux 'il bogħod għax, kif qed taraw, l-era tan-Nazzjonalisti u tal-Laburisti spiċċat. Kif tafu, diġà għandna 20 siġġu u l-koalizzjoni PNPL waslet fi tmiemha. Żgur li se jkollna elezzjoni bikrija għax ma hemmx qbil bejniethom. Il-partitarji tagħhom ftit fadal minnhom u l-poplu daqt jagħtina l-poter biex innaddfu lil Malta minn dan il-ħmieġ. Is-sena 2066 se tibqa' mnaqxxa fl-istorja. Aħna se nibqgħu mfakkra għal dejjem għal dak li se nagħmlu. Aħna se nibdlu l-pajjiż u, jekk il-ħsieb jirnexxi, anke l-Ewropa, u wara d-dinja. Aħna għandna programm infallibbli u bilfors trid taħdem magħna għax inkella ma tibqax teżisti. Tinħasdux. Dan huwa ħafna lil hinn mill-programm elettorali. Dan huwa l-Vanġelu qaddis tagħna, li se tkunu tafuh intom biss.

Biex ma jifdalx aktar problemi tat-traffiku, biex insolvu l-problema tal-qgħad, kif ukoll insalvaw l-ambjent billi ma jkunx hawn żvilupp fuq din l-art daqs ġebla, aħna nwiegħdu li se jkun hawn tnaqqis fil-popolazzjoni fl-ewwel sena, li jkompli jiżdied mal-milja taż-żmien sakemm nilħqu abitazzjoni ta' 200,000 ruħ biss.

Malta tiġi l-għira tad-dinja kollha peress li tkun tista' takkomoda turiżmu qawwi. It-turisti li se jiġu hawn se jkollhom serħan il-moħħ għax mis-saqajn se nneħħu kull komunità li mhix Maltija. Malta se tkun pura u verġni kif kienet dari għax ma jistax ikun nibqgħu nitilfu l-identità tagħna. Irridu nfittxu fl-arkivji għal seba' ġenerazzjonijiet sħaħ biex ir-razza tagħna tkun pura u nadifa minn kull ħmieġ.

Għat-turisti niżviluppaw Kemmuna biss, u din tiġi żviluppata b'tali mod li fiha jkunu jistgħu jsiru l-briedel, sess fil-miftuħ u post fejn id-droga tkun tista' tittieħed liberalment. Biss ħadd ma jista' jagħmel aktar minn xahar fuq Kemmuna għax jiġi estradit lejn Malta u jkollu jgħaddi mill-proċess ta' rutina.

Għawdex ikun ikkonservat b'tali mod li jservi bħala post turistiku mill-aqwa. L-unika modifikazzjoni li nagħmlu hija li max-xtut tiegħu jiżdiedu l-għases u taħt iċ-Ċittadella jsir laboratorju kbir biex jitkabbru b'rata mgħaġġla l-kukkudrilli li jgħixu f'ilma mielaħ u dawn jibdew jinxteħtu mad-dawra tal-gżira biex ħadd ma jazzarda jiskappa.

Dan għadu mhu xejn. Eventwalment, kif nieħu l-ġurament tal-ħatra ta' Prim Ministru, inħabbar dan li ġej. Illi, il-banek kollha huma ffriżati u ħadd ma jista' jiġbed xejn minnhom. Li kull proprjetà, assi, beni u ħwejjeġ oħra mil-lum 'il quddiem saru proprjetà tal-Gvern u ħadd ma fadallu xejn iktar. Illi min ma jaqbilx ma' din il-politika, għandu 48 siegħa ċans biex jitlaq mill-pajjiż għax mhux se jkun hemm tolleranza għal min jitkellem fil-pubbliku. Ikun hemm vapuri u ajruplani lesti għall-estradizzjoni lejn l-ewwel art, dejjem jekk jilħqu l-art għax aktarx li matul il-vjaġġ issir splużjoni misterjuża u ħadd ma jsib traċċa waħda. Wara kollox, la ħallew lill-art twelidhom, sinjal li mhumiex denji biex jibqgħu jgħixu.

Peress li jista' jkun hemm min jaħseb li jistgħu jiġu xi nies minn pajjiżi differenti biex jgħixu hawn, qed nagħmilha ċara li dan mhux se jkun permess. Turisti iva, bil-visa lesta u jridu jgħidulna kemm-il ġurnata se jagħmlu hawn. Jekk jaqbżu minuta u jkunu għadhom ma telqux, jiġu miġbura mill-iskwadra u interrogati. Jekk il-każ ikun ġenwin, jaqbdu l-ewwel ajruplan disponibbli, jekk le, ikollhom jgħaddu mit-terturi kollha u aktarx jispiċċaw jiffurmaw parti mill-Monument.

Monumenti se jkun hemm tnejn. Monumenti li jibqgħu jevolvu maż-żmien. Se jkun jisimhom Il-Monument Barrani u l-Monument tal-Poplu. Wieħed isir

l-Imsida u l-ieħor minflok it-Tritoni l-Furjana. Dan se jkun magħmul proprju min-nies, imma nispjega aktar 'il quddiem. Li ngħid biss huwa li l-Monument Barrani jilqa' fi ħdanu barranin biss, u l-Monument tal-Poplu se jkun magħmul mill-Maltin.

Għaliex ma jistgħux jiġu barranin jaħdmu hawn? Għax Malta Maltija u peress li se nnaddfu Malta mill-ħmieġ kollu, inkluż dak Malti, mhux se naċċettaw li jkun hawn aktar żibel mas-saqajn. Żero tolleranza. Kull barrani li jidħol hawn klandestinament se tieħu ħsiebu l-iskwadra. Kull familja Maltija se niċċekkjawlha l-antenati tagħha u jekk ma tkunx pura, allura mhux postha aktar magħna.

Semmejt diġà l-iskwadra. X'inhi din? Din se tkun l-iskwadra tal-Mewt. Madwar elf persuna li ħadd minnhom ma jkun jaf lil ħadd. Immexxija minn Ministru għat-Tindif Pubbliku. Xogħolha jkun li telimina n-nies iż-żejda minn mas-saqajn. Irrid innaddaf lill-pajjiż. U dan kif se jsir? Toħroġ ordni biex persuna li ma tobdix tiġi maqbuda mill-membri tal-iskwadra. Dawn se jkunu mħarrġa sew, anzi, imkissra fl-arti marzjali u dejjem lebsin l-iswed, inkluż li wiċċhom ikun mgħotti biex ħadd ma jkun jaf min huma. Dawn jaqbdu l-persuna u jeħduha fil-Kamp tar-Rilassament li se jinbena apposta maġenb l-irdum ta' Ħad-Dingli. Hemmhekk jiġu interrogati u jekk hemm bżonn jiġu ttorturati. Il-mod ivarja skont l-imġiba u l-koperazzjoni. Jista' perezempju tibda taqtagħlu suba' wara suba', l-ewwel ta' idu u wara ta' siequ; l-importanti li l-proċess ikun bil-mod u b'sikkina ma tantx taqta'. Jista' jkun li jkun midluk kollu bil-ġobon u kif taqflu fiċ-ċella titlaqlu tużżana firien kbar. Tista' tuża metodu ieħor, dak li tmiddu fuq tilar marbut minn idejh u minn saqajh u tfelli żaqqu jew sidru b'mus jaqta'. Tista' tmiddu fuq siġar żgħar tal-bambù li x-xifer tagħhom ikun maqtugħ la ġenba u nħalluhom jikbru bil-mod ġo daharhom. Nistgħu wkoll nużaw metodu ieħor li jkun marbut bilwieqfa, b'idejh u saqajh marbutin, b'sidru mikxuf u t-tim nazzjonali tad-darts jittrennja fuq sidru. Wara li ma jkunx jiflaħ aktar u jmut, il-kadavru tiegħu nitfgħuh ġo blokka tal-konkrit u bih nibdew nibnu l-Monument tal-Poplu.

L-iskwadra tal-Mewt se jkollha wkoll task ieħor. Bit-tankijiet kbar tal-gwerra se jkunu qed jissorveljaw it-toroq Maltin, speċjalment waqt il-World Cup jew it-Tazza l-Kbira. Kull min jinqabad ixejjer bandiera ta' pajjiż ieħor jiġi maqtul fuq il-post. L-istess jiġrilu minn mal-karozza jwaħħal xi bandiera ta' pajjiż ieħor, għax l-ordni hija li jisplodu l-karozza bil-bażuka u min jazzarda jdendel xi

bandiera mad-dar tiegħu nkunu ċerti li familtu tinsab fid-dar u bit-tank tal-gwerra jfarrku dik id-dar u jgħaddu minn fuq id-*debris* tagħha.

Mewta ċerta hija għal min jazzarda jiftaħ fommu kontra l-Gvern, speċjalment xi ġurnalist. Dawn jisparixxu mill-għada li jitkellmu u aħna fid-dover li mmexxu l-kelma li ħarbu mill-pajjiż, biex is-segwaċi tagħna jemmnuna. Il-kastig tagħhom huwa dan: indaħħluhom ġo tank tal-45, intuhom flixkun ilma u ftira biż-żejt u ġbejna, nerġgħu nissiġillawh u nagħmlu ċert li t-tank ma jkollux toqob ma jmurx jidħol l-ilma, jaħasra. Naqbdu t-tank u norbtuh bil-ktajjen ma' żewġ blokok kbar tal-konkrit, u mmorru mitt mil 'il barra minn Malta u nixħtuh hemm. Nemmen li min jieħu din il-piena jkollu ċans jirrifletti fuq dak li għamel qabel iħallina għal dejjem. Tolleranza żero. Toqogħdux tiġu tgħiduli li *Mewt* kelma kbira.

Ma hemmx aktar ċitazzjonijiet għal min jikser ir-regoli tas-sewqan. Kif persuna tiġi nnutata li kisret imqar regola waħda tat-traffiku, din tiġi maqbuda mill-iskwadra u meħuda fejn sa ftit żmien ilu kien hemm is-CID tal-pulizija. Tkun marbuta fuq siġġu u ma tistax tiċċaqlaq, lanqas rasha ma tkun tista' tħarrek, u biex żgur għajnejha jibqgħu miftuħin u tara xi jkun qed jiġri jitpoġġew bħal *toothpicks* tal-ħadid bejn il-kpiepel tal-għajn u l-membri tal-iskwadra b'mazez kbar jibdew ikissru l-karozza quddiemha sakemm iġibuha ħadid. Wara bl-istess mazez ikissrulu għadmu kollu, bl-aħħar daqqa tkun fuq l-iskutella ta' rasu. Tolleranza żero.

Kulħadd se jkollu dar diċenti fejn jgħix, xogħol wieħed biss, b'paga fissa għal kulħadd. Ix-xogħol irid ikun vokazzjoni għax ħadd mhu se jaqla' aktar minn ħaddieħor. Min ma jistax jagħti kontribut għax jixjieħ jew jimrad, allura jiġi eliminat għax ikun iffiser piż żejjed fuq in-nazzjon. Kulħadd se jkollu karozza waħda biss u ħadd mhu se jkollu dgħajsa. Fil-fatt l-ewwel avveniment li jsir ikun jismu Il-Ħarqa l-Kbira għax niġbru d-dgħajjes kollha f'nofs il-Port il-Kbir u naħarquhom fost iċ-ċapċiċ tan-nies u l-ħsejjes tal-murtali. Dakinhar ta' din l-attività jkun hemm ikel u xorb għal kulħadd b'xejn u kulħadd ikun jista' jiċċelebra l-ħelsien mis-sangisugi u minn dawk li xebgħu jerdgħu l-poplu.

Ovvjament noħorġu mill-ewwel mill-Unjoni Ewropea u mill-Ġnus Magħquda. Nagħmluha ċara li mhu se ninnegozjaw ma' ħadd, anzi jridu joqogħdu attenti għax għalkemm żgħar, maż-żmien nafu nsiru superpotenza. Ġewwa Ta' Qali jinbena impjant nukleari u nibdew naħdmu biex insaħħu

l-forza tagħna b'armamenti tal-massa. Kull persuna jrid ikollha taħriġ fl-armi kif ukoll fl-użu tal-maskri tal-gass. Is-sotterani tal-Belt Valletta jridu jibdew iservu bħala *bunkers* u taħt il-knejjes parrokkjali jridu jinbnew djar żgħar mgħammra b'kollox biex f'każ ta' invażjoni nipproteġu ruħna. Wara li nlestu dan ix-xogħol, nibdew il-pass li jmiss biex insiru imperu. Id-destinazzjoni għandha tkun Sqallija, eżattament Corleone, u ninfiltraw bil-mod billi l-ewwel nagħmlu komunità żgħira u maż-żmien, kif tlaħħaq il-mitt elf ruħ, nibdew nieħdu post wara post. Dan jitlob sagrifiċċju għax kull familja trid tissagrifika l-ewwel wild tagħha biex jibda jgħammar hemm.

Darba fil-ġimgħa, il-Ħadd filgħodu mit-tmienja sal-ħdax, kulħadd irid jattendi għall-funzjonijiet reliġjużi tagħna, inkluż it-tfal. Dawn isiru fl-eksknejjes parrokkjali. L-ewwel siegħa tkun repetizzjoni tat-tagħlim tal-politika tagħna biex kulħadd idaħħalha f'rasu. Wara jinqara r-rapport tal-mexxej fejn fih jagħti rendikont aġġornat tax-xogħol li jkun sar f'dik il-ġimgħa kif ukoll lista tan-nies li ġew estraditi jew eliminati u r-raġuni għaliex ikun sar hekk. L-aħħar siegħa tkun ir-ritwal fejn l-ixjeħ qassis milli jkunu qed jinżammu kkalzrati jiġi marbut fuq l-altar u l-mexxej tas-serata jaqlagħlu qalbu u jgħolliha 'l fuq u dak il-ħin il-membri preżenti jridu jlissnu:

Martirju għal min ħaqqu, mewt għas-sangisugi,
Ġustizzja fost dal-poplu, neħilsu mill-invażuri.
Nieklu minn dal-laħam, li għalina ġie pprovdut,
Biex ilkoll niftakru, f'dal-kelb li ġie midfun.

Wara ġisem il-qassis jitpoġġa fuq gradilja u jiġi mixwi fuq nar li jkun ilu jagħti l-funzjoni kollha. Jitqatta' u jitqassam biex jittiekel mill-miġemgħa. Min ma jattendix u jinqabad, jispiċċa kkalzrat imma miżmum tajjeb biex kif ma jifdalx aktar qassisin għas-sagrifiċċju, nibdew nużaw lilhom.

Ħadd ma jista' jiskarta mill-post tax-xogħol għax jekk jinqabad żgur li se jkun parti mill-Monument tal-Poplu. Meta qed ngħid jiskarta lanqas minuta ma jista' jiskarta. U nagħtu każ li dak li jkun jiskarta; jekk ikun bajjad li jinqabad jiskarta dan ikun imneżża' għarwien u jiġi miżbugħ bir-*red oxide* sakemm il-pori kollha ta' ġismu jingħalqu u jħallina fil-kwiet. Jekk ikun għalliem, dan ikun marbut ma' *stretcher* ma jiċċaqlaqx u f'idu nqabbdulu d-*drip* imma minflok ilma jkollu linka u kulħadd jaf x'jiġrilu, mhux hekk? Jekk ikun dak li jiġbor iż-żibel,

hija faċli ħafna għax jiġi mgeżwer ġo *garbage bag* kbira sewda u mixħut fuq wara tal-iScammel ma' żibel ieħor u jsegwi l-proċess kollu kif jgħaddi ż-żibel mill-kompartamenti kollha. Jekk ikun mastrudaxxa, ikun marbut fuq żewġ strippi u b'ċana tal-idejn jibdew jinċanawh tliet minn nies f'partijiet differenti ta' ġismu. Jekk ikun ħaddied, dan jitpoġġa bilqiegħda fuq siġġu tal-injam, ikun midluk bil-*fuel* u jitpoġġa ġol-forġa. Jekk ikun xi wieħed mill-politiċi tiegħi, dan jaħbatlu ħażin ħafna għax insallbu ma' salib ġewwa l-parlament, intih jiekol u jixrob ftit kuljum imma kuljum kull ministru (li ismu jitla' bil-polza) irid jaqta' biċċa minn ġismu b'ximitarra. Ovvjament l-ewwel qatgħa nagħmilha jien u ħadd ma jista' jaqta' l-postijiet vulnerabbli bħall-polz u l-għonq. Jien żgur li l-ewwel li naqtagħlu jkun ilsienu u wara widnejh. Dan il-proċess jibqa' jsir sakemm ma jkunx hemm aktar xi tqatta' fih u b'hekk ikun ta' eżempju lejn sħabu biex ħadd ma jazzarda jiskarta jew imur kontra r-rieda tiegħi jew tas-suċċessuri tiegħi. Ftakru: ma hemmx tolleranza.

Hemm ħafna aktar affarijiet x'nagħmlu imma llum tajtkom biss introduzzjoni – togħma jekk tridu ssejħulha hekk. Sal-elezzjoni nerġgħu niltaqgħu bosta drabi oħra u minn ġimgħa għal ġimgħa se nkun qed nelabora aktar fuq dan il-programm. Biss ftakru, li intom parti minnu, u issa ħadd ma jista' jagħmel pass lura, għax jiġi kkastigat bil-kbir. U intom tafu kif.

Issa aħilfu li għandna nimxu ma'dan il-programm. Programm ta'Tolleranza Żero u sakemm jiġi attwat ma ngħidu xejn lil ħadd. Mela ejja ngħidu flimkien:

*Hekk is-Sovrenità u l-Patrijottiżmu Jgħinni.*

# Idejn l-Imħallef

Maria Grech Ganado

bħal żewġ għasafar imbegħdin idejh
subgħajh bħal rixhom jiżfnu fl-arja

xħin jogħla u jinżel idejn wieħed minnhom
jogħla u jinżel l-ieħor dritt warajh –
sakemm sa fl-aħħar, f'daqqa, tarahom jinqalbu
t-tnejn madwar xulxin

u jinżlu f'salt, bl-istess ritmu li jmexxi
l-għasafar kollha –
            waslet is-siegħa
tal-mistrieħ u b'rixhom twil jitgħannaq
jintelqu magħqudin ...

leħnu sod, serju, jiżen kull kelma – ma jistax
iżda, joħnoq liż-żiffa moħbija wara għajnejh –
ma nafx sew x'kien qed jgħid qabel ma siket
moħħi ma tarx f'xufftejh

lanqas ifittex xtaq mnejn ġejja ż-żiffa
bħal żewġ għasafar jgħannu kienu jdejh

# U Alla Reġa' Beka

Carmel G. Cauchi

*Miktuba nhar il-Ġimgħa 13 ta' Novembru 2015 meta l-Grupp Iżlamiku Fundamentalista ISIS għamel straġi f'Pariġi b'diversi attakki terroristiċi kordinati li ħallew 130 ruħ mejta u 368 midruba.*

... u Alla reġa' beka
u xerred wied ta' dmugħ
għax reġa' t-terroriżmu b'qilla qatel
qrib mija w tletin ruħ ...
u darab mijiet oħra mingħajr ħtija
f'orġja sħiħa ta' kefrija.

Rajt 'l Alla jaħbi wiċċu
fis-skiet b'idejh imriegħda
xħin lemaħ tant mibegħda
fi qlub ebsin azzar
li jnisslu mewt u mrar.

Rajt qalbu ġo Pariġi
tingħasar, tnixxi d-demm
għad-dehra tal-vjolenza
li toktor kulma jmur minflok tintemm ...

Illum rajt ġo Pariġi
lil Alla b'ħass ħażin
bla jista' jifhem sewwa
il-għala daqstant dnewwa
issir f'ismu w għalih,
u kif qatt jistgħu jaħsbu
li biha jagħtuh ġieħ!

# Għekiesi

Rita Saliba

Ngħaddi nixtri mingħandha biex inħares lejn l-għekiesi mqabbżin ta' subgħajha u fihom naqra ħrejjef li qatt ma ġew rakkontati. Tiġi fi żmien l-għajnbaqar bil-qfief mimlijin sax-xifer bil-frott kollu għabra, għadu kemm jinqata', xi ftit sħun bix-xemx.

M'għandhiex bżonn ħafna spazju biex tbigħ il-prodott. Biżżejjed titħawwel f'dak il-metru fil-kantuniera f'tarf is-suq. Tpoġġi fuq banketta baxxa donnha biex ma tantx tagħti fil-għajn u b'hekk jidher aktar dak il-frott li tkun qatgħet ma' sbiħ il-jum. Ħdejn saqajha żżomm miżien qadim imma li għadu jaqdiha tajjeb. Wara kull kejla timsaħ il-keffa b'sarvetta mdennsa, biex il-frott li titfa' fiha jitqiegħed fin-nadif bħal tarbija li ħaduha biex tintiżen xi ġranet wara li ġiet f'did-dinja maħmuġa b'kull xorta ta' trab u ħmieġ.

Il-mara tal-għajnbaqar ma tħalli lil ħadd imissilha l-frott. Tistaqsik jekk tridx kilo u tgħidlek li jekk tieħu tnejn iżżomlok ta' kilo u nofs. Bl-istess ton tħallik tagħżel bejn dak isfar u l-ieħor aħmar, jekk tridux wieqaf jew misjur. Imbagħad titfagħlek tnejn żejda f'borża tal-karti mkemmxa. Wiċċha ftit rajtu imma meta tgħollih biex tkellmek jidhru l-linji mħaffrin, u madwar għajnejha skuri l-ġilda kibret fi ċrieki ġo xulxin. Diffiċli taqta' kemm tgħodd snin. Nipprova niftakar kemm kien ili ngħaddi minn hawn nixtri mingħandha. Ħwejjiġha ma jidhrux daqstant antiki. Ħwejjeġ tax-xogħol, flokk imtebba'u dublett twil tal-pnatar minn dawk il-friski. Saqajha jkunu moħbijin taħtu imma dirgħajha somor mikxufin nistħajjilhom friegħi tqal ta' siġra.

Inħalli lil ħaddieħor jieħu qabli. Hawn nies dejjem mgħaġġlin. U jien inkun nista' nħares lejn subgħajha mgħaddmin bix-xogħol tar-raba', jew tal-ġnien minn fejn taqta' l-frott li taqbdu bil-galbu kollu, mingħajr ma tigirfu jew toborxu. Il-wiċċ tal-pala t'idha jservi biex tgħatti x-xemx tisreġ minn fuq wiċċha u kultant iddellel ftit il-qfief. Mhux ta' b'xejn il-ġilda ta' fuqhom tidher imnixxfa u miġbuda. Imbagħad nistenna l-waqt li tilqa' idha biex titħallas; u hekk kif iddawwarha ninnota l-ġilda t'idha minn taħt, roża u ratba, bħal ta' tifla.

F'widnejja jerġa' jibda jidwi d-daħq u l-inkejja f'dak iż-żmien ta' tfuliti meta jien u ħuti konna noħorġu fil-ġardina tan-nanna naqtgħu l-għajnbaqar. In-nanna kienet taqtagħlna l-frott u aħna npoġġuh fil-barmil. Kienet tgħidilna li jdejna kienu magħmulin apposta biex il-frotta ma titħassarx u tibqa' sabiħa. Waħda waħda konna nimlew il-barmil sax-xifer. Imbagħad kienet taqtagħlna l-isbaħ għajnbaqar ta'ġos-siġra, l-aktar tond mifqugħ bil-meraq biex aħna nikluh għadu jinqata'. Ma kellniex sabar naħsluh, "dak ma fih xejn," kienet tgħidilna n-nanna, "dak minnu għandu lega għabra. Imsħuh ftit mal-flokk u kuluh!" Ma kienx hemm għalfejn tgħidilna darbtejn. Erħilna nagħsruh f'ħalqna b'merqtu iwaħħal nieżel ma' geddumna u għonqna, itebbgħalna ħwejjiġna. Konna nidħqu b'xulxin aħna u nitkerrhu filwaqt li nigdmu l-qoxra tal-għajnbaqra s-safra. Dik kienet tkun kemxejn qarsa imma "kienet tagħmlilna tajjeb". Il-frotta l-ħamra konna nħalluha għall-aħħar bħal deżerta ħelwa. Kont inkun irrid nibqa' ngawdi t-togħma sal-aħħar u l-għadma kont inħalliha ddur ġo ħalqi sakemm nibda nieħu gost bil-qrusa tagħha.

"Ara ma tiblagħhiex taf!" kienet twissini ta' spiss nannti. Imbagħad kienet tibda tirrakkonta l-istorja tat-tfal li kienu jibilgħu l-għadma tal-għajnbaqar u li ftit ftit bdiet tikber siġra ġo żaqqhom u t-tfal bdew jieħdu forma ta' zkuk sakemm ma sabuhomx iktar. "Jgħidu li kienu saru siġar imħawlin fi ġnien kbir u li tant kienu jagħmlu frott li kienu tgħawġu bil-piż sakemm darba waħda f'riefnu qalil inqasmu u mietu!" Kont nitkexkex hi u tirrakkontalna l-istorja imma kont inkun irrid nerġa' nismagħha filwaqt li kont nibqa' nisfida bl-għadma għadha ddur ġo ħalqi. Kultant, jien u nilqa' l-frott li kienet tkun qed tnewwilli nibda nistħajjel għajnejn iħarsu lejja minn ġol-għekiesi taz-zkuk tas-siġar. Iz-zkuk jibdew jiġġebbdu 'l isfel lejja donnhom iridu joħduli l-frotta minn idi. Nistaqsi lili nnifsi jekk kinux idejn ta' tifla li belgħet l-għadma żmien ilu. Nagħti daqqa t'għajn bis-serqa iżda l-għajnejn kienu dlonk jingħalqu biex ma

nindunax bihom. Kont inħosshom jifluni, jistennewni nibla' l-għadma biex nitħawwel ħdejhom. U filgħaxija, xħin kont inkun f'soddti kont nistħajjel it-tfal siġar jgħaqqdu l-friegħi ma' xulxin u jilagħbu dawra durella għad-dawl tal-qamar. Jien u ħuti ġieli lgħabna ta' siġar imħawlin fl-art jitbandlu mar-riħ. U min iċaqlaq sieq waħda minn mal-art kien ikun tellief. Oħti ż-żgħira kienet tegħja l-ewwel. Hija jibda jinkiha u l-logħba tinbidel għal oħra ġdida. Ħafna drabi kont ngħidilhom biex nagħlqu għajnejna u naqtgħu x'insetti qed nisimgħu jduru magħna. Imbagħad kont niftaħhom baxx baxx u nilmaħ lil ħuti jagħmlu l-istess. Ma konniex nafdaw lil xulxin. Minn taħt l-għajn kont nilmaħ is-siġar jilagħbu l-logħba tagħna u kif niftħu għajnejna, tagħhom jagħlquhom mill-ewwel.

Is-siġar tal-ġardina kienu drawna tassew. Kienu jostruna mill-qilla tax-xemx bil-weraq tagħhom. Fix-xitwa rari konna noħorġu hemm barra. Is-siġar tal-għajnbaqar kienu jorqdu. Hekk kienet qaltli darba waħda n-nanna meta staqsejtha għaliex is-siġar saru koroh u waqqgħu l-weraq meta beda l-ksieħ. Kont tħassartha lit-tifla siġra f'dak il-bard. U kont ngħoddhom ix-xhur sakemm jerġa' jasal is-sajf u nara s-siġar mimlijin b'weraq aħdar.

Daż-żmien m'għadhomx ibeżżgħuna bl-għadma. Daż-żmien iwissuna biex naħslu l-frott għax fih il-kimiċi tal-bexx u nqaxxruh mill-qoxra. Meta kont għadni mmur fil-ġardina tan-nanna ma kellix għalfejn ngħodd kemm niekol frott. "Kul ħa tikber, ara x'par wardiet ħomor għamilt!" kienet tgħidli. Imma daż-żmien ta' spiss tisma' li għandek tiekol bil-qies, li għandek tgħodd il-frott li tiekol matul il-ġurnata. Tliet frottiet huma biżżejjed, il-bqija jmurlek kollu zokkor. U kull ħames għajnbaqriet jagħmlu frotta ...

Illum il-ġardina tan-nanna nbiegħet mad-dar. Is-siġar tal-għajnbaqar mimlijin frott xjieħu, tgħawġu u mietu. Għal żmien twil ma doqtx għajnbaqar tajjeb daqs tal-ġardina, sakemm ġiet dil-mara bil-qfief mimlijin sax-xifer. Erġajt bdejt nistenna l-istaġun tal-għajnbaqar fuq ix-xwiek. Niġi kuljum għax l-istaġun tal-għajnbaqar huwa qasir. Ġimagħtejn kollox. Daqshekk konna ndumu naqtgħuh mis-siġar tal-ġardina. Wara ġimagħtejn il-mara tal-qfief ma tiġix iktar. Il-kantuniera fit-tarf tas-suq tibqa' merfugħa għaliha. Nixtri kilo. Ma niklux kollu. Tistaqsini jekk irridx żewġ kili u nħallas ta' kilo u nofs. Ngħidilha li m'għandix min jiekol. Ma tissikkanix iżda titfagħli tnejn żejda fil-borża tal-karti mfawra. Meta nasal id-dar nieħu ftit u l-bqija nerfgħu fil-friġġ. Dak li nħalli

barra jattira insetti muti. Niftakar fit-twissijiet u naħsel il-frott sew taħt l-ilma qabel inqaxxru u nieklu. Inħalli l-għadma ddur ġo ħalqi u nerġa' nieħu gost nitkexkex bl-istorja tat-tfal bis-siġra tikber ġo żaqqhom. L-għadma m'għadnix nieħu gost bil-qrusa tagħha u tmur fil-borża taż-żibel. Ħafna mill-frott ninsieh fil-friġġ. Jieħu għalih, jimtela bl-ilma, ma jibqax tajjeb u narmih.

Nerġa' mmur l-għada biex nixtri mingħandha. Hi tkun qed tistennieni. Subgħajha jagħżluli l-frott donnhom ulied li ma tixtieqx titlaqhom. Iżda taf sewwa li ma tistax iżżommhom magħha. Jekk iżżommhom magħha jitħassru u jinfaqgħu. Iridu jagħmlu wisa' għal ulied oħra. Idejha jitwalu u l-vini mqabbżin nistħajjilhom għeruq qed ifittxu l-ilma ġol-blat. Kull sena naraha titgħawweġ aktar fuq il-banketta, nistennieha se tinqasam. Nistenna li nara l-pala t'idha tilqa' l-flus iżda għajnejha bqajt nevitahom. Naf li jkunu qed iħarsu lejja jien u nixtri l-frott. U fis-skiet inħossha tixtieqni nibla' l-għadma biex nitħawwel magħha fl-art f'ġardina mwarrba.

# Il-Patawwa

John P. Portelli

Kien is-Sibt fl-eqqel tax-xitwa imma t-temp kien qisu tas-sajf. It-tfal tal-inħawi nġabru quddiem ir-remissa ta' Patawwa kif spiss kienu jagħmlu. U donnhom bhal xi kor irrafinat bdew ikantaw bla waqfien: "Il-Patawwa mara maħmuġa! Il-Patawwa mara maħmuġa!" Din kienet drawwa li mxiet minn ġenerazzjoni għal oħra ta' tfal fir-raħal żgħir qrib il-baħar imdawwar b'għoljiet li jkennuh.

Ta'xejn xi wħud mill-ġirien kienu jgħidulhom biex ma jittantawx lil Patawwa. Hi dejjem kienet tagħtihom f'għajnhom. U daqqa jkantaw, u daqqa oħra jħabbtu fuq il-bieb u jitilqu jiġru, u daqqa jimxu warajha meta darba kuljum toħroġ tixtri xi ħaġa tal-ikel u jipprovaw ifixkluha biex togħtor.

Veru li meta jitlgħalha Patawwa kienet tgħajjat magħhom u tibgħathom jiħduh 'l hemm u 'l hawn. Imma kien ikollha raġun. Dejjem huma kienu jinstigawha.

In-nies tar-raħal ma jiftakrux kif bdiet din it-tradizzjoni. Il-Patawwa kellha 'l fuq minn 80 sena sewwa. Minn mindu ġiet bħala refuġjata mill-belt qrib l-ajruport fl-eqqel tal-gwerra dinjija dejjem għexet f'daqsxejn ta' dar gorboġ ma' oħtha li kienet ilha marida għal zmien twil u qatt ma' toħroġ barra. Il-Patawwa ma' kienet tħalli lil ħadd jidħol fid-dar tagħha ħlief lit-tabib li kien jiġi jara lil oħtha fuq sodda fil-kuritur kif tidħol fid-dar, u lill-kappillan darba fis-sena għat-tberik. U lil dan ukoll żewġ sekondi kemm ibierek minn ħdejn il-bieb u daqshekk.

Wara kwarta jgħajtu, il-Patawwa bħas-soltu ħarġet għalihom. U din donnha kienet rebħa għat-tfal li jersqu lura għax kienu jibżgħu li tagħti s-salt għal xi ħadd minnhom.

Hemm min jgħid li meta kienet żgħira l-Patawwa kienet mara rqiqa u gustuża li żżewġet lil raġel fiż-żmien għall-flus. Hemm min lanqas kien jgħaddi mit-triq fejn kienet toqgħod ma jmurx tarahom. Kienu jemmnu li kellha l-għajn ħażina. Hemm min jgħid li lir-raġel qatlitu hi stess qabel iż-żmien. U kulħadd jivvinta u jaqla' xi qlajjiet dwarha. Li kien minnu hu li issa kienet mara ħoxna kważi bla sura, dejjem liebsa l-istess libsa griża skura tleqq bil-ħmieġ, xagħarha lixx u ħafif griż dejjem imqanfed u bil-biċċiet tal-brija, u dejjem b'riħa tal-għaraq tqażżek.

Wara li rawha titbaqbaq waħda sewwa għax wiċċha kien ħmar u l-vini ta' ġbinha kienu mqabbżin 'il barra, it-tfal donnhom qarsithom il-kuxjenza u ħallewha speċjalment meta hi kienet iċċanfarhom: "Jaħasra oħti ma' tiflaħx għall-għajjat! Kemm intom ħodor! Nirrah …" U għal ftit ġranet oħra t-tfal ma kinux idejquha u ġieli anke għal xi ġimgħa jekk it-temp ma jkunx tajjeb.

Ir-raħal ma kienx fih aktar minn elf ruħ. U n-nies kienu qed jonqsu għax ħafna minnhom, speċjalment iż-żgħażagħ, kienu qed jemigraw għax-xogħol u wkoll biex donnhom jeħilsu mill-madmad ta'dan ir-raħal. Intant ir-raħal kellu l-karattru tiegħu, u l-karattri eċċentriċi ma kinux jonqsu.

Imma l-Patawwa kienet il-karattru l-aktar fuq ħalq in-nies fir-raħal. U dan l-aħħar kienet aktar iċ-ċentru tal-għajdut għax oħtha mietet ħesrem u ma riditx li jsirilha funeral. Min jgħid li vvalenatha biex teħles minnha, min jgħid li ma tatx kasha aktar, u min jgħid li oħtha mietet bl-inkwiet għax Patawwa kienet titfa' l-għajn ħażina fuq min ifettlilha.

U issa li eżatt wara l-Għid mietet oħtha, it-tfal donnhom aktar saru ffissati biex jinkuha. Żgur li mhux se jieqfu jittantawha u jsejħulha għax issa ma tistax twaħħal aktar f'oħtha. U t-trampi tat-tfal żdiedu u l-kbar qisu ħadd ma ta kas bis-serjetà.

Imma minkejja dan kollu l-Patawwa kienet aktar kalma u serena. Xi kultant kienet toħroġ għat-tfal imma mhux b'dik il-ħeġġa ta' qabel. U wkoll kienet titbissem lin-nies inklużi t-tfal. Id-dehra tagħha tbiddlet ukoll. Kienet tkun ħafna aktar nadifa, xagħarha miġbud pulit, pulit u jleqq. Sikwit kienet taħsel

u tfarfar il-bieb ta' barra u l-unika tieqa li kellha għal barra fid-dar. U fuq kollox lit-tfal kienet tqassmilhom xi ħelu wkoll.

Kulħadd fir-raħal kien konfuż. Tgħid oħtha kienet tikkontrollalha ħajjitha? Jew forsi issa straħet mix-xogħol kontinwu li tieħu ħsieb lil oħtha? Tgħid ikkonvertiet u qed tara d-dinja b'lenti aktar pożittiva? Imma Vitor tal-qbiela li kien l-aktar anzjan fir-raħal beda jwissihom lin-nies biex ma jafdawhiex. Lil Vitor ħadd ma ta kas tiegħu għax kien beda jitlef moħħu issa li qorob it-93 sena.

It-tfal tħawdu wkoll. Għall-ewwel ma ħaduhiex bis-serjetà u baqgħu jinkuha. Imma ftit, ftit qishom bdew ma jaqblux bejniethom. *Għaliex għandna nibqgħu nittrattawha ħażin la issa tbiddlet? Mhux bniedma wkoll wara kollox?*

U l-ħajja fir-raħal kompliet b'dawn il-bidliet. U ftit, ftit għadda l-Milied u qorbot l-Ewwel tas-Sena. L-aħħar tas-sena kienet waħda mill-ftit ġranet li r-raħal donnu jieħu ħajja oħra. Jekk ma jkunx il-maltemp kienu jinġabru fil-pjazza tar-raħal biex jiċċelebraw flimkien. U jekk ikun il-maltemp, l-unika sala fir-raħal kienet tinfetaħ għal kulħadd.

Din is-sena, it-temp kien tassew mhux tas-soltu. Is-sema bla sħab u x-xemx tiddi. U għalhekk in-nies kienu aktar akkaniti għall-festa tal-aħħar tas-sena. U l-Patawwa tgħidx kemm qassmet ħelu lit-tfal tar-raħal donnu biex tikkonferma l-bidla tagħha. Il-ħelu t-tfal żammewh biex jikluh waqt il-festa.

Kulħadd kien ferħan fil-pjazza tar-raħal biswit il-knisja ħlief xi erba' anzjani inkluża l-Patawwa. U waqt li l-kbar bdew jifirħu lil xulxin u jniżżlu xi grokk jew xi tazza nbid, it-tfal ixxalaw fil-ħelu. U kollox għadda b'wiċċ il-ġid.

Imma għas-siegħa ta' filgħodu l-missier ta' wieħed mit-tfal mar jiġri għat-tabib għax it-tifel telagħlu deni qawwi u kien qiegħed f'delirju.

Beda jħabbat fuq il-bieb tad-dar tat-tabib jgħajjat:

"Dott, dott. Għandna bżonnok minnufih. It-tifel qisu qed imut."

"X'għandu?" Irrisponda t-tabib mill-gallarija.

"Deni ta' żiemel u mitluf għalkollox, qisu mhux minn sensih."

"Nieżel. Stennieni."

U sakemm niżel it-tabib, ġiet mara tiġri lejn id-dar tat-tabib tolfoq għax it-tifla tagħha telgħalha deni qawwi u mhux qed tifhimhom meta jkellmuha.

It-tabib infixel meta sema' b'każ ieħor.

U huwa u sejjer jara l-ewwel pazjent, jiltaqa' ma' ġuvni li kien ġej għalih

għax tnejn minn ħutu kellhom l-istess sintomi. Din xi epidemija tgħid? Ħaseb bejnu u bejn ruħu.

It-tabib ma setax ileħħaq u ċempel għall-għajnuna mill-klinika tal-belt viċin.

Ir-raħal f'salt donnu reġa' qam. Din id-darba b'paniku tremend.

Ħadd ma seta' jifhem x'ġara. Imma jumejn wara b'ittri kbar il-ġurnal nazzjonali ħabbar:

***Għoxrin tifel u tifla jmutu b'valenu tal-ġrieden.***

# Titlaqni, hi

Anna T. Szabó

Traduzzjoni ta' Clare Azzopardi

Tingannani, titlaqni.
Tkeċċini, titlaqni.
Niekol minnha, titlaqni.
Tbennini, titlaqni.

Iżżiegħel b'saqajja, tixxottali l-patata,
tippetnali xagħri, imbagħad titlaqni.
Nixrob riħitha hekk kif tgħannaqni,
tgħidli, Qatt mhu se nitilqek, u titlaqni.
Tqarraq bija u titbissem, tfesfisli tibżax
Jien nibża' u ninġazza u titlaqni.

Billejl timtedd fuq is-sodda, maġenbi,
imbagħad taħrab 'l hemm u titlaqni.
Kbira, ħanina, fuq tagħha, tlestili l-bejta,
tbusni, tħanninli, titlaqni.
Timlili jdejja biz-zokkor biex niekol,
wara li nkun kilt titlaqni.
Nibki, inwerżaq, magħha niggranfa
magħha nagħti, imbagħad titlaqni.

Hi u tagħlaq il-bieb, ma tħarisx lura.
Ma neżistix meta titlaqni.
Nistennieha bir-rogħda donni xi kelb,
Tiġi, tmellisni, titlaqni.
Hi l-ħajja. Mingħajrha, il-mewt.
Terfagħni, issaħħanni, titlaqni.
Idejha gaġġa, imma ħoġorha dari.
Nixtieqha lura, imma titlaqni.
Tgħallimtha l-lezzjoni: m'aħniex ħaġa waħda.
Barranija, barranija, titlaqni.
Hemm, fid-dinja, xi ħaddieħor qed jistenniek.

Xi ħaddieħor li tista' titilqu.
Int u tagħlaq il-bieb, tħarisx lura.
L-istennija faċli, it-tluq diffiċli.
Xi ħadd għad iqarraq bik, iħallik orfni.
Dejjem se jkun hemm xi ħadd jistenniek, jibża' minnek.
dejjem xi ħadd li ma jerġax jiġi,
li jwelldek, li jmut, li jitilqek.

# Kwestjonarju waqt X-ray

Joe Camilleri

Ġejt hawnhekk biex nieħu *X-ray*. Qaluli li kont neħtieġu. Qalbi kienet ktieb miftuħ. Fuq kollox, kbira żżejjed, tħabbat qatigħ u jista' jkun li d-demm inxtorob kollu mill-emozzjonijiet li jtektku ta' kuljum. Il-ħin kollu. Jien u nterraq u waqt li nintelaq mistrieħ. Bil-lejl ukoll it-taħbit għajjien tagħha jsieħeb ir-ritmu mkarkar tal-grillijiet.

Għalhekk ġejt hawnhekk. "Stenna u titlaqx," qaluli. "Stabar, għax il-lista twila. Għalissa stenna. Xħin jasal il-waqt, insejħulek".

U ntasabt bilqiegħda fuq il-bank tal-kuritur twil twil li ma jispiċċa qatt. Xħin nitfa' ħarsti lejn it-tarf tiegħu, iż-żewġ naħat tal-ġnub t'isfel u dawk tas-saqaf jisparaw f'linji dritti u jaslu lkoll f'ponta. Hawnhekk, l-artisti tar-Rinaxximent bikri kienu jsibuh ideali biex ifissru bla tbatija it-teorija tal-perspettiva lineari. Iżda lili, dawn il-linji dritti ħassejthom jaqtgħuli nifsi. Id-djuq, id-djuq li jagħlaq għal ponta u ma jħallilix nifs. Qisu qiegħed joħnoqni. Qisu jrid jgħidli li kollox jasal hemm, f'ponta mbiegħda. U tiġri kemm tiġri tul id-djuq tal-kuritur, ma tasal qatt. Dejjem nibqa' nara l-linji dritti jaslu qabli u jagħlqu f'ponta eterna. Lil hemm minnha ma nafx x'hemm.

Għalhekk irrid inħejji dan il-kwestjonarju. Imbagħad beħsiebi ngħaddihulek – lilek biss – biex twieġbu bir-reqqa. U wara ngħarbel it-tweġibiet biex forsi flimkien mal-*X-ray* ta' sidri nasal nikxef x'hemm 'l hemm mill-ponta fejn jiltaqgħu l-linji dritti.

Mela nibda minnufih għax il-ħin qiegħed jagħfas u rrid inħejji l-kwestjonarju waqt li qiegħed bilqiegħda fuq dan il-bank iebes nistenna jsejħuli biex jifluli u jaqrawli qalbi. Il-pinna soda f'idi u l-karti mistrieħa fuq ħoġri. **Immarka t-tajba:**

**Nru.1 Meta rajtni l-ewwel darba:** ***(a) kien hemm reazzjoni interna kbira (b) reazzjoni moderata (ċ) bidla spiritwali (d) reazzjoni ta' xejn?***

Fil-marġni tal-karta se nniżżillek xi notamenti bil-lapes biex infakkrek fl-ewwel jum meta ltqajna. Tiftakar dakinhar li bdejt taħdem fl-uffiċċju tagħna? Kien ġie l-Prinċipal u introduċiek. Kien qalli biex inħejjilek desk fil-kamra tiegħi u nagħtik daqqa t'id sakemm taqbad ir-rutina tax-xogħol. Konna ħadna b'idejn xulxin. Idek kienet ċkejkna u kellha d-delikatezza sinjorili ta' prinċipessa tal-ħrejjef. Niftakar għalkemm kienet ir-reżħa, idek kienet tarmi sħana fietla. Minn dakinhar kienu bdew il-problemi li issa wassluni biex niġi nieħu *X-ray*.

**Nru. 2 Meta kont infiehmek il-proċeduri tal-uffiċċju, il-ħarsa t'għajnejk sbieħ x'kienet tfisser:** ***(a) ħajr u apprezzament, (b) serħan ir-ras li sibt min jgħinek, (b) bidu ta' tqanqil emottiv, (d) xejn li hu xejn?***

Ħallini nikteb poeżija lil għajnejk. Għajnejk tal-ħġieġ bjar fondi./Għajnejk is-seħer ta' magħmul./Għajnejk tqanqil il-għatx./Għajnejk is-safa t'innoċenza./Għajnejk mota tal-glorja./Għajnejk fihom il-qerda ... Ma nafx, ma nafx x'fihom għajnejk. Int mara tal-misteru. Int kantaliena siekta. Int sħaba li tinħall fix-xejn. Int minjatura delikata. Int ġebla iebsa żonqor. Int ... Int ... Hawn, ara, bdiet ħierġa poeżija oħra. Se nieqaf u ngħaddi għat-tielet mistoqsija għax inkella, il-poeżija tissokta tixgħel il-ħolma.

**Nru. 3 Meta dduq l-inbid safi, xi jkun ir-riżultat:** ***(a) jinżillek għasel u tieqaf hemm, (b) titmeżmeż bil-qrusa tiegħu, (ċ) tkun trid idduq aktar, (d) tistennieh idaħħlek fid-dinja tas-seħer u tal-ħolm?***

Tiftakar meta morna nieklu flimkien? Jien imlejtlek tazza nbid safi bħal dak li jintuża għall-quddies. Ressaqtlek it-tazza lejn xofftejk. Iżda ma niftakarx jekk laqqatthiex sal-qiegħ. Kienu fixluni subgħajk irqaq bħal ta' pjanista li messew ma' tiegħi xħin b'rogħda newwiltlek it-tazza. Kont ħassejt il-ġilda mielsa mal-messa delikata tiegħek.

Qabel tlaqna, konna xtrajna borża *popcorn*. Imbagħad konna rħejnielha nterrqu tul mogħdija li sserrep fil-kampanja. Tfajna ponn wara ponn ta' *popcorn* lill-għasafar. Qgħadna naraw lill-għammelin iżiġġu qishom *gliders* u jinżlu geġwiġija, kollhom frattarija jnaqqru l-barka t'Alla. Imbagħad jittajru mferrxa waqt li jfesdqu l-għana maħtuf tagħhom bħal min nervuż għax m'għandux xaba' u jrid u jrid. Tgħaxxaqna nħarsu lejhom u għirna għall-ħelsien tagħhom, bla rbit ta' normi stretti ħlief dawk li kitbet f'demmhom in-natura.

U nżilna b'ġirja mal-falda mżerżqa tal-għaqba. Waqafna nisimgħu l-leħen sieket tal-wied. Ir-riħ lagħab bi swaba' nebbiexa ma' xuxtek sewda u lixxa li twassal sa spallejk. Għarraxlek il-frenża li tliegħbet tgħattilek nofs għajnejk. Wara ftit, fuq ħaddejk tal-porċellana rajt lix-xemx tfaqqagħlek bewsa ruxxana. U qtajt lelluxa mill-ġenb tal-wied u rajtek tnaqqrilha l-petali waħda waħda. *Tħobbni/ma tħobbnix. Tħobbni/ma tħobbnix*. Litanija waħda mingħajr biss ma tħarrek xofftejk. Imbagħad ħarist u ma rajtekx aktar. Kont għebt bħal ħolma. Jew forsi qatt ma kont hemm. Seta' kien hemm biss id-dell vjola tiegħek. Jista' jkun li fil-wied irfist waħdi, li l-lelluxa qtajtha jien, li l-litanija ta' dubji tennejtha waħdi u int lanqas biss lissint *ora pro nobis* waħda.

**Nru. 4 Meta tifrex ħarstek fuq il-baħar, x'jagħmillek: *(a) iġiegħlek tħares sfiq lejn xefaq bla tarf, (b) tisma' s-sireni jgħannu l-għana kiebi tagħhom, (ċ) iddoqq melodija fuq l-arpa ta' sidrek, (ċ) tintilef fil-ħolm tal-poeżija tal-imħabba?***

Tiftakar meta darba morna r-Ramla jien u inti waħidna? Ħiemda kienet dik il-lejla. U ġrejna ħafja tul ix-xtajta bla ma ħassejna l-frak tar-ramel jgħarrxilna qigħan saqajna. U ntlaqna mimdudin f'xifer l-ilma. Ħallejna l-mewġa nkejjuża tittanta u tittanta tersaq lejna. Sakemm f'salt wieħed ħadet il-kunfidenza u għattietna t-tnejn li aħna. Xħin ħarbet lura, ħalliet ħwejjiġna mwaħħla magħna. U ġismek

deher imnaqqax kollu. U meta l-għata tneħħa kollu, lill-qamar fiddien rajtu jinfed fik u jdawwal il-ġisem tal-kina tiegħek bi bjuda spiritwali. Xħin ersaqt lejk, kellek fuqek it-telqa tal-Venere ta' Cabanel. Wara, sibt imħara mnaqqxa fl-alabastru u minnha sqejtek bewsa. Meta tlaqna, l-imħara tfajtha f'ħobbok.

Biss ħaġa li tifxilni u tħawwadni, l-imħara tinsab għandi, moħbija b'għożża f'qiegħ ta' kexxun bħal teżor tat-tfulija.

**Nru. 5 Ix-xmara miexja b'lajma, x'effetti tħalli fuqek: *(a) iġġiblek titwiba ta' ngħas, (b) tfakkrek tieħu ritratt jew tixtri souvenir, (ċ) tmexxik magħha lejn lanja ta' tħannin ta' mħabba, (d) issemmagħlek għal darba oħra l-karba tal-vjolini?***

Tiftakar dik il-lejla mqaddsa fi Praga? Konna wkoll waħidna fuq *Charles Bridge*. Għad hemm min isibu *Pražský most* – il-pont ta' Praga. Id f'id kejjilna t-tul tal-pont bil-passi tagħna u għoddejna mal-elf wieħed. U lura, flejna t-tletin statwa ta'bejn il-balavostrar. Il-biċċa l-kbira xbihat Barokki ta'qaddisin li n-nies ta'Praga ħabbewhom u lejhom refgħu ħarsthom fil-waqt tal-hemm meta qalbhom ħabbtet qawwi u d-dmugħ niżel bħall-ilma. Mexxejna jdejna sa fejn ilħaqna ma' dawn ix-xbihat qaddisa u ħassejna l-ġebla mrammla tagħhom bħall-frak tal-melħ fiddien djamant maqbud minn dawl il-qamar.

Tiftakar dik il-lejla, minn fuq il-pont ta' Praga ħarisna 'l isfel lejn ix-xmara *Vltava* ġejja żvelta mill-bogħod biex tibqa' sejra bla għeja ta' waqfien. Ma nafx smajtnix, imma dik il-lejla lix-xmara tlabtha b'wegħda u b'invokazzjoni xħin minn taħt l-ilsien kantajtilha l-għanja *Never Tear Us Apart*.

U meta waqaft jien, mill-bogħod waslet l-għanja tal-vjolini jitkarrbu tul il-lejl. Kellhom mil-lanja tat-telqa tagħna. Kellhom mill-karba ta' din qalbna. Kellhom mis-swied tad-dlam ta' ruħna.

Tiftakar? Jew insejt? Forsi Praga kont mort waħdek. Inkella jien ma kontx ħadtek miegħi għalkemm ġarrejtek fid-djarju intimu tiegħi.

**Nru. 6 Id-demgħa li qabżet darba minn għajnejk: *(a) kellha l-għeja ta' ġurnata xogħol, (b) fissret il-ħsus ta' qalbek, (ċ) qabbiżt demgħa biex tagħmel bħal ħaddieħor, (d) jew inkella ...***

Ma nafx kif se nkompli l-aħħar waħda. Il-*biro* gerrimtha. Forsi nsib il-kelma flokha ...

Imma rrid nistaqsik, tiftakar meta wasalt biex nagħlaq il-bieb u nitlaq darba għal dejjem? Minn qalbi kont raddejtlek ħajr għall-ħbiberija tiegħek. Dakinhar, għajnejk ċari sbieħ ta' ħġieġ leqqien iċċajpru b'lewlu ta' dmugħ li ġelben ma' ħaddejk. Għajnejk lewn is-smewwiet iżżewqu bi ħjut ħomor. X'kien ifisser dan id-dmugħ?

Se nħallilek dawn iż-żewġ versi vojta forsi trid tniżżel xi kumment. Forsi tħarbex it-tifsira tiegħek. Forsi.

**Nru. 7 Filgħaxija, meta d-dawl tal-qamar jidħol kollu kurżità mit-tieqa ta' kamartek u ma jħallikx tross l-għotien t'għajnejk, x'tagħmel: *(a) Titħaxken miegħu fis-sodda tat-tnejn, (b) tħalli ġismek jinħall f'dirgħajh, (ċ) tibda tgorr, tonfoħ u tgħodd it-travi, (d) tħares lejn il-qamar u tgħajbu?***

Hawnhekk ukoll kien beħsiebi li nħallilek xi versi vojta biex tniżżel il-kummenti tiegħek. Imma nibża' mit-tweġiba tiegħek. Wara kollox, il-kwestjonarju inti trid timlieh. Jekk tħoss li għandek iżżid xi ħaġa, iktibha. Biex se tikteb il-kumment tiegħek, bl-iswed jew inkella bl-aħmar? Jew b'linka inviżibbli?

**Nru. 8 Kieku kelli nagħlaq il-bibien ta' ruħi u qalbi, x'tagħmel inti: *(a) tiġi taqa' u tqum, (b) terġa' tħalli demgħa ġġelben, (ċ) tixgħer u tiddispra, (d) tbexxaq it-tieqa għal nifs ġdid u tisma' d-diski?***

Kultant inħossni waħdi f'beraħ ta' deżert fid-dlam ta' lejla bla xaqq ta' dawl ta' qamar. F'waqtiet bħal dawn, jiġini f'moħħi li nagħmlek daħna fuq il-mitbaħ tal-Ġgantija. Li niktiblek eleġija. Li nqatta' trietaq id-djarju tiegħi. Li naħraq in-negattivi biex jitħassru r-ritratti mentali kollha.

Imma se nistenna sakemm int twieġeb il-kwestjonarju u nifli r-riżultat flimkien ma' dak tal-*X-ray* tiegħi ...

... Ħassejt id-dehxa tal-ħadid frisk ma' sidri. *Itfa' jdejk wara dahrek. Sidrek aktar 'il quddiem. Ċatt mal-pjanċa. Hekk. Xħin ngħidlek, żomm in-nifs u ibqa' żommu sakemm nerġa' ngħidlek.*

Meta tawni r-rapport miktub, ma stajtx nifhem kelma li hi kelma. Kliem stramb. Dijanjosi kkomplikata. U l-*X-ray* misteru ieħor. Erfajtu għad-dawl tat-tieqa tal-kuritur. Mudlam wisq. Ma nista' naqra xejn. Qafas u spazju. Vojt infinit. U għamla stramba kważi fin-nofs. Il-mapep tal-vini ma jidhrux. Kif se nkun naf kif qiegħda tħabbat qalbi?

Armejt l-*X-ray* fl-ewwel barmil taż-żibel li sibt mal-ħajt tal-kuritur. Jidhirli li issa, mingħajr l-*X-ray*, ir-riżultat tal-kwestjonarju ma jkun jiswa xejn. Il-karti bil-mistoqsijiet li ħarbixt għamilthom trietaq u spiċċaw mormija wkoll. Min isibhom, ma jkollux ħila jgħaqqad il-bċejjeċ kollha.

U bqajt sejjer dritt tul il-linji dritti tal-kuritur lejn tikka li dejjem titbiegħed u li ma nafx fejn setgħet twassalni.

# Ħajku

Joanne Gauci

Snin biex tinbena,
sekondi biex tiġġarraf:
din hi l-imħabba.

# L-imħabba l-falliment?

Beverly Agius

*L-imħabba l-biża', il-mistħija,*
*il-kapriċċ.*
Adrian Grima

*Miġnun warajk*. Miġnun.
*Ma nistax ngħix mingħajrek*. Mingħajrek.
*Ma nixtieqx nitilfek*. Nitilfek.

Dat-truf ta' kliem li qbadt minn tarf ilsienek
idur ħelu ħelu f'widnejja. Kollu konsonanti
mleħħnin u oħrajn li jfallu n-nifs. Fin-nifsijiet
jitħalltu tal-innifisna. Falliment? Ma nitniffisx.

Dal-fonemi: b'ħosshom u bi skiethom
jaqsmu minn *seat* għal *seat* – waqt li l-Youtube
idoqq in-No Air ta' Sparks fil-Fiat –
iħassbuni. Tgħid huma falliment fin-nifs
daqskemm fit-taħbit tal-qalb li donnha nġabret
bis-seħer tal-kif? Jiġru l-affarijiet. Jiġru f'kif
f'għajnejk il-poeżija tinkiteb weħedha. F'kif
f'idejja r-rogħda tiġri u l-muta titkellem
għax idejja ma jibdewx m'għajnejk elokwenti.

U nisteħi quddiem vrusek – li ħażżiżtli llejla
fi Triq Anastasju Cuschieri – fejn
imħabbtek tinża' l-metafori u bi lsienna ssir
tlissina bla tidwir xejn. U nibża'. Tgħid,
għax l-imħabba l-falliment li drajt
insawwar f'moħħi għal kull *love story*?

Fis-sigħat ħdejk jitnikker il-kapriċċ.
Is-sigħat ħdejk, iniffsuni mill-ġdid. Ifissduni. Nitlob li,
ifalluli ftit ieħor in-nifs, it-taħbit tal-qalb ... dal-ħsieb.

*Ħsieb u qalb lilek nagħti flimkien*.

# Niftakar

Mary Chetcuti

Niftakar kelli sitt snin meta smajt għall-ewwel darba l-kelma gwerra.

Kien Ġunju tal-1940. Ommi qajmet lil ħija l-kbir u lili biex nieħdu t-te qabel nilbsu għall-iskola. Ħin minnhom, ftit wara s-sebgħa ta' filgħodu, ħabbat il-bieb. Ommi tħassbet min seta' kien daqshekk kmieni.

Lanqas laħqet fetħet il-bieb kollu li oħtha, iz-zija Ġużeppa, deffset rasha 'l ġewwa u aġitata qaltilha, "Libbes it-tfal u ejja għandna għax bdiet il-gwerra!"

Ommi konfuża saqsitha, "Mela dan l-isparar li qed nisma' mhux tal-manuvri?"

Oħtha weġbitha, "Manuvri sabiħ! Dawk bombi tat-Taljani, Marì!"

L-imsejkna ommi qabadha paniku kbir. Libbsitna bl-għaġġla u qajmet liż-żewġ ħuti ż-żgħar nett, ġrejna għal għand nannti fi Triq Balbi u lkoll kemm aħna dħalna niskennu taħt it-taraġ. Dakinhar ma ġara xejn imma ma morniex skola. L-għada morna l-iskola bħas-soltu għax kollox baqa' normali – jew hekk konna mingħalina.

Xi jumejn wara, waqt li konna għand in-nanna daqqet is-sirena u rġajna dħalna niġru taħt it-taraġ. Għall-ewwel skiet perfett, imma ħin minnhom il-bini theżżeż bina filwaqt li nstemgħet splużjoni. Twerwirna. Reġgħet waqgħet il-ħemda u mad-daqq tas-sirena għat-tieni darba, li jiġifieri l-periklu għadda, ħriġna mal-kbar fit-triq fejn bdiet tiġri l-kelma li ntlaqat bini fil-Ħamrun. Niftakarhom jgħidu li mietet mara u kien hemm xi korruti. Ħija l-kbir u jiena ħarisna inkwetati lejn xulxin bla ma tniffisna.

Il-biża' bdiet dieħla u tinfirex bħal imxija. In-nies tat-triq tagħna bdew joħorġu minn djarhom u jġorru dak kollu li kellhom u li seta' jinġarr biex marru jgħixu ma' qrabathom – 'il barra mill-Marsa. Kien sar perikoluż wisq tgħix daqshekk viċin tal-Port il-Kbir. F'temp ta' ftit ġimgħat it-triq tbattlet u siktet qisha ċimiterju.

Sadanittant iz-zijiet, li kienu l-biċċa kbira ġuvintur, iddeċidew li jħaffru xelter fil-bitħa daqsiex tan-nanna. Sakemm tlesta x-xogħol fuq ix-xelter, lilna t-tfal m'ommi, ħutha l-bniet u n-nanna, dabbrulna rasna lejn is-Siġġiewi u qattajna erba'xhur ngħixu ġo kamra ċkejkna mikrija, basta 'l bogħod mill-ħbit tal-għadu.

Kemm domna s-Siġġiewi, Patri Pawlin, Kapuċċin refuġjat bħalna hemmhekk, għamel l-ewwel tqarbina lil ħija l-kbir Tommy. Meta ommi spjegatlu li ħija kien wasal għall-preċett, serrħilha rasha li ħija ma kienx sa jitlifha l-Ewwel Tqarbina. Qalilha biex l-għada tieħu lil Tommy magħha għall-quddiesa tas-sebgħa ta' filgħodu, li kien imissu jqaddes hu. Hekk għamlet u qabel beda t-tqarbin sejjaħ lil ħija biex jiġi quddiem l-altar, qarbnu qabel kulħadd u l-preċett kien lest.

Kif tlesta x-xelter inżilna lura l-Marsa. Issa konna rasna mistrieħa li l-bombi ta' Mussolini ma setgħux jilħquna. Kultant, għalkemm mhux spiss, kienet iddoqq is-sirena u niġru għal ġo fih. F'attakk minnhom, intlaqgħat mezzanin fit-triq tagħna fejn kienet toqgħod xebba ta' sebgħa u għoxrin sena jisimha Karmena. It-terran ta'taħtu ġġarraf ukoll u Karmena u x-xiħa li kienet toqgħod taħtha mietu t-tnejn.

Min jaf kemm–il darba daqqet is-sirena waqt il-ħin tal-iskola u kont naħrab niġri mill-klassi biex nistaħba fix-xelter tan-nanna għax ma kienx bogħod mill-iskola. Qatt ma ridt ninżel fix-xelter li kien tħaffer apposta ħdejn l-iskola.

L-iskola għalqet u ma reġgħetx fetħet meta l-bumbardamenti bdew isiru minn ajruplani Ġermaniżi. L-attakki ta' dawn kienu spissi u aggressivi.

Hawnhekk il-gwerra daħlet f'fażi oħra. Bdiet tieħu x-xejra ta' ħmar il-lejl li tixtieq tistenbaħ minnu imma ma jirnexxilekx. Għalkemm kont għadni tfal u nirraġuna bħat-tfal xorta waħda niftakarni nhewden li jiena u ħuti u ommi nistgħu mmutu mirdumin bħall-imsejkna Karmena.

Bejn baraxx u ieħor beda jiġġarraf ħafna bini f'salt u għaldaqstant ix-xenarju ġewwa l-Marsa kien dejjem jinbidel. L-iskola nbidlet fi kwartieri tal-ARP (Air Raid Precaution). Dawn kienu nies kuraġġużi jagħtu l-ewwel għajnuna u jilqgħu

familji fil-bini tal-iskola li jkunu tilfu djarhom sakemm isibu fejn idabbru rashom.

Wara kull ħbit beda dejjem jiżdied is-serbut ta' familji niżlin fid-direzzjoni tal-iskola. Il-voluntiera tal-ARP kienu jaħdmu bla nifs biex jaqilgħu l-korruti minn qalb it-tiġrif u jiġru bihom lejn l-iskola ħalli jdewwuhom kif jistgħu u l-iktar gravi jibagħtuhom l-Isptar Ċentrali fil-Furjana.

Niftakar il-kbar isemmu l-*curfew*; kelma oħra ġdida għalina t-tfal u naħseb anki għall-kbar. Ħadd ma kien jista' jirfes mill-bieb 'il barra waqt attakk mill-ajru.

Ta'min isemmi wkoll li minħabba l-*curfew*, il-quddiesa tal-Milied ta'nofsillejl kellha bilfors issir kmieni waranofsinhar biex sakemm jidlam kulħadd ikun miġbur f'daru jew fix-xelter jekk jinqala' ħbit.

Barra minn hekk, meta jidlam ħadd ma kien jista' jħalli mqar l-iċken feles ta' dawl jidher minn barra.

Darba minnhom, waqt li ommi kienet qed taqlibilna l-ikel instema' leħen ta' raġel jgħajjat minn barra, "Itfu dak id-dawl! Itfu dak id-dawl!"

L-imsejkna ommi tgerfxet, tfiet tiġri l-lampa tal-pitrolju li b'aljenazzjoni kienet insiet mixgħula, u komplejna nieklu fi dlam ċappa. Kienu pulizija u kellhom ordni jisparaw tir ta' twissija jekk isibu reżistenza!

Matul dan iż-żmien ikrah missieri kien isuq trakkijiet tal-militar mgħobbijin provvisti ta' balal għall-fortizzi u l-postazzjonijiet madwar Malta kollha fejn kienu armati l-kanuni Bofors, għad-difiża ta'gżiritna. Ma nqabadx bil-lieva għax kien qabeż it-tletin sena, imma minflok inkiteb bħala xufier pajżan mal-militar malli sar jaf li riedu rġiel bil-liċenzja tas-sewqan fuq vetturi goffi. Aħna qajla konna narawh għax kien jaħdem lejl u nhar minn Ħadd sa Ħadd. Ommi kienet qed tfendi waħedha b'erbat itfal f'dak il-pandimonju kollu.

Il-gwerra bdiet ittawwal u kollox beda jiskarsa. Ġie rrazzjonat ix-xiri tal-ikel kollu. Il-pitrolju għall-ispiritieri u lampi ried jinxtara bil-kupuni. Jekk tiġi bżonn biċċa drapp biex tlibbisna, ommi riedet tuża kupuni oħrajn apposta.

Jiena niftakarni żaqqi dejjem tgorr bil-ġuħ għax il-porzjonijiet tar-razzjon kienu ftit wisq. Biex ittaffilna naqra mill-ġuħ ommi kienet tagħtina bott te mdardar bil-ħalib magħqud, qabel norqdu.

Uliedi daħqu l-ewwel darba li semgħuha din. Ħasbu li kont qed nivvintaha għax ma ridux jieklu l-minestra bnina li sajjartilhom.

Bil-paċenzja kollha qgħadt nispjegalhom kemm konna tfal imxennqin għal kollox, "Tidħqu għax ma tafux x'jiġifieri, uliedi!"

Meta l-għafsa tal-ġuħ bdiet tinħass aktar infetħet il-Victory Kitchen. Konna ningħataw platt bi ftit ħaxix u għaġin jgħumu fil-misħun (suppost minestra) jew fażola u ftit sardin. Il-platt konna inlaqqtuh.

Malajr tgħallimniha tafx it-taqbila li kienu jkantawlhom lill-ħaddiema tal-Victory Kitchen u erħilna nkantawha b'ħanxra daqsiex:

*Minestra u għaġin,*
*Fażola u sardin,*
*Tal-Victory Kitchen!*

Ix-xita ta' bombi jsaffru fuq rasna ma waqfux; il-kbar kienu jgħidu "niżlin il-perlini!" L-attakki mill-ajru bdew isiru f'xulxin ħafna u t-twerwir kompla jikber meta ajruplani Stuka, Messerschmitt u Junker 88 kienu jgħoddsu mis-sema għal isfel, itiru xkanati mal-bjut u jbattlu bombi u munizzjon fuq min jiġi jkun sultan. Lanqas temmen, kien hemm min kien miġnun biżżejjed u jissogra jitla' fuq il-bejt jarahom! Imma, ma tantx damu, ta!

Smajna taqbila oħra u ta' tfal li konna malajr tgħallimnieha. Kienet tgħid xi ħaġa hekk:

*Kif kont nilbes il-piġama daqq ir-rejd,*
*Jien tlajt niġri niġri niġri fuq il-bejt,*
*Il-kanuni jisparaw, l-ajruplani jiddajvjaw,*
*Juppi ja ja, juppi, juppi, ja.*

F'Ġunju tal-1941 kien imiss lili biex nagħmel l-ewwel tqarbina. Qatt ma ninsieh dak il-jum. Ommi libbsitni kif setgħet għal din l-okkażjoni u tlaqt għal għonq it-triq lejn il-knisja. Sewwasew kif kienet se tibda l-quddiesa, daqqet is-sirena u l-patrijiet niżżluna niġru f'xelter maġenb il-knisja. Spiċċajna sal-għekiesi fl-ilma. Meta reġgħet daqqet is-sirena tellgħuna lura fil-knisja, qaddsu quddiesa malajr malajr, qarbnuna u parpruna niġru lejn id-dar. Il-preċett tiegħi kien lest ukoll.

Fis-sajf tal-istess sena sar ħbit li dam aktar mis-soltu. Sintendi, aħna konna mgezzin fix-xelter għand in-nanna, kulħadd iżebbeġ ir-rużarju. Il-bombi bdew jinstemgħu viċin ħafna u l-art ma waqfitx titriegħed taħt saqajna. Missieri inzerta kien frank u meta għadda kollox kien l-ewwel wieħed li ħareġ mix-

xelter biex bħal ħaddieħor imur jara fejn intlaqat. Wara ftit ġie lura u b'diqa kbira, qalilna li l-Ġermaniżi kienu kinsu kważi l-bini kollu tat-triq tagħna, id-dar tagħna kienet laqqtitha wkoll.

Niftakarni qbadt nibki u ngħid, "Issa ma għandniex dar!"

Ommi, bid-dmugħ f'għajnejha staqsiet lil missieri, "Issa x'sa nagħml, u Spir?"

Missieri weġibha, "Ma tantx hemm x'tagħmel, Marì. Immorru naraw x'nistgħu nsalvaw minn qalb it-tifrik qabel jinsteraq kollox u niġu b'xejn."

Ġbarna li stajna u għamilna tmien xhur sħaħ norqdu kollha f'kamra waħda għand in-nanna sakemm sid il-kera rranġa kif seta' s-soqfa u ħsarat oħra.

Il-gwerra kompliet u intant daħlet is-sena 1942. Attakki f'xulxin, bombi niżlin u nies jintradmu taħt djarhom 'l hemm u 'l hawn; kienet qisha l-aħħar tad-dinja. L-iskarsezza tal-ikel kompliet tagħfas fuqna filwaqt li bdiet tiġri x-xniegħa li l-Victory Kitchen kienet se tagħlaq dalwaqt għax nixfet mill-ħażna. Il-ġuħ u qtigħ il-qalb bdew iħallu l-marki tagħhom fuq wiċċ kulħadd. Konna qbadna n-niżla u bdejna noqorbu lejn il-qiegħ.

Daħal is-sajf u s-sitwazzjoni marret għall-agħar. Issa bdiet dieħla id-disperazzjoni. Darba f'Awwissu daqqet is-sirena u ġrejna lejn ix-xelter. Li niftakar sew kienet il-ħemda kbira li kien hemm fuq rasna. Ma bdejniex nisimgħu tisfir ta' bombi niżlin.

Il-ħin beda għaddej ġmielu imma madwarna kien hemm biss skiet li jtarrax. Bdejna naħsbu li nsew idoqqu r-*raiders pass*. Sigħat wara, il-kbar iddeċidew li noħorġu mix-xelter. Ħriġna mid-dar u rajna folol ta' nies jiġru lejn ix-xatt.

Bdiet tinxtered il-kelma li dieħel vapur mimli provvisti għal Malta. Iz-zijiet marru mal-folla u aħna bqajna fuq l-għatba tad-dar tan-nanna, inħarsu kkonfonduti ma nafux x'qed jiġri. Wara ftit tal-ħin bdew telgħin nies lura mix-xatt jgħajtu ferħanin li daħal vapur mimli ikel. Dlonk, bdew idoqqu l-qniepen tal-knisja u tfal u kbar jiġru mat-toroq maħkumin minn ewforja kbira jħabbtu fuq landi u bottijiet.

Wara erħilhom lil zijieti, kollha rġiel jaħdmu x-xatt, jirrakkuntaw b'liema ħeffa ħattew il-merkanzija minn fuq il-vapuri mfarrkin li rnexxielhom jidħlu fil-Port il-Kbir wara x-xebgħa bombi li qalgħu sakemm waslu Malta. Il-ħatt kollu kien sar taħt għajnejn is-suldati Ingliżi biex ma jsirx serq ta' provvisti. Barra minn hekk, ried jinħatt kollox malajr minħabba l-biża' ta' baraxx imminenti mill-ajru.

Kien jum ta' fidwa kbira li refagħna minn xagħarna li ħabat ukoll nhar il-festa tat-tlugħ is-sema ta' Sidtna Marija. Mhux ta' b'xejn baqa' jissejjaħ il-konvoj ta' Santa Marija.

Bis-saħħa tal-konvoj ħadna r-ruħ għax il-familji Maltin reġgħu bdew jingħataw razzjon ta' dqiq, zokkor, trab tal-krema u saħansitra ċikkulata; xi ħaġa li aħna t-tfal iġġennina fuqha.

Xhur wara l-konvoj, l-attakki tal-Ġermaniżi naqsu ħafna minn fuq Malta u l-iskola reġgħet fetħet. Irritornajna fuq il-bankijiet tal-klassi biex inkomplu mnejn konna ħallejna sentejn qabel.

Kien bidu mgerfex ħafna. Tista' taħseb, miegħi fil-klassi kelli tfal anki ħames snin ikbar minni. Uniformijiet ma kellniex u konna nilbsu fardal abjad jinqafel imsallab fuq wara.

Il-ħin tal-iskola kellu jinqasam fi tnejn, bl-ewwel grupp jattendu mit-tmienja sal-għaxra ta' filgħodu biex wara jidħol għal-lezzjonijiet min tqiegħed fit-tieni grupp, jiġifieri mill-għaxra sa nofsinhar. Konna numerużi wisq u ma kienx hemm soluzzjoni oħra. Terġa' u tgħid, kellhom jintramaw aktar klassijiet fi djar privati u fil-kunvent tas-sorijiet għax l-iskola tal-gvern waħedha ma setgħetx tlaħħaq daqskemm kien hemm tfal.

Ta' moħħ ir-riħ li konna, kif nispiċċaw mill-iskola nerħulha bil-ġirja nilagħbu fuq il-munzelli ta' terrapien tal-bini mġarraf. Nitmiegħku fit-trab u qatt ma għaddielna minn moħħna kemm seta' kien imniġġes dak it-trab.

Il-mard ma naqasx lanqas għax kuljum konna nisimgħu bi tfal bħalna li f'daqqa waħda mardu bil-poljo u *scabies*, biex insemmi l-iktar komuni. Konna nisimgħu bi tfal bħalna li filli kienu l-iskola magħna u filli mietu malajr b'xi mikrobu tal-imsaren.

Il-gwerra kienet għadha għaddejja, għalkemm kif konna nisimgħu lill-kbar jgħidu, resqet aktar lejn Sqallija u l-Italja. F'dan il-perjodu ġew ftit mumenti sbieħ għalina meta z-ziju Pawl sab jikri post żgħir faċċata tal-baħar, fil-Qaliet ta' San Ġiljan.

Konna nitilgħu m'ommi minn sbieħ il-Bambin, bix-xarabank jew karozzin, u nqattgħu jumejn naqbżu u ngħumu minn xħin jisbaħ sa ma jaqbad jidlam. Noħorġu mill-ilma biss biex nieklu biċċa ħobż bil-ħatfa u lura bil-ġirja ġol-baħar nilagħbu u nissaraw.

Madankollu, il-biża' ta' ħbit mill-ajru baqgħet magħna. Meta darba daqqet is-sirena, tlajna niġru mill-baħar qisna rajna x-xjaten u ġrejna għasra kif konna lejn xelter fil-qrib.

Filgħodu, qabel l-għawma konna mmorru nisimgħu quddiesa fi knisja żgħira. Naħseb li din kienet binja temporanja għas-suldati stazzjonati fin-naħat tax-xagħri fuq wara tal-Palazz ta' Spinola, imma ma niftakarx sew fejn.

Darba minnhom, kif ħija ż-żgħir Ġużi u jiena ħriġna mill-knisja, sejħilna suldat Ingliż li kien ikun għassa viċin din il-knisja. Għall-ewwel inħsadna u kkonfondejna jekk inkellmuhx jew le, imma reġa' għamlilna sinjal biex nersqu lejh u morna naraw x'ried.

Is-suldat ġab xi ħaġa mill-gabbana fejn kien għassa u ressaqha lejna biex noħduha. Kienet blokka mdaqqsa taċ-ċikkulata u bott ħelu tal-frott. Irringrazzjajnieh u ġrejna ferħanin nuru 'l ommi x'konna qlajna. Għadni sal-lum intiegħem it-tjubija ta' dak il-ħelu fil-forom u togħmiet ta' frott differenti.

Kelli ħdax-il sena meta finalment ġiet fi tmiemha l-gwerra. Kien jum sabiħ kif taf tagħmel ir-rebbiegħa Maltija meta ġriet l-aħbar. Il-qniepen tal-Knejjes qabdu jdoqqu u ma waqfux. In-nies ħarġu minn djarhom, kulħadd jiġri mat-toroq f'telfa ta' ferħ u b'għajta waħda, "Ċedew, ċedew! Il-gwerra spiċċat! Il-gwerra spiċċat!"

Ħuti, jiena u ommi ġrejna f'salt lejn it-tieqa biex naraw dan il-briju kollu, li ħakem lilna wkoll u bdejna nixxabbtu u nxejru lil kull min jgħaddi minn taħtna. It-tbaħrit dam sejjer sad-dlam.

Filgħaxija meta sarilna l-ħin biex norqdu, niftakar lil ommi tgħidilna,

"Qis li tgħidu l-orazzjoni u rringrazzjaw 'l Alla li ħariġna minn dan it-terrur, uliedi."

Qabel ma rqadna, tlabna bi ħrara mhux tas-soltu. Kien l-ewwel lejl li konna qed immiddu rasna fuq l-imħadda fi żmien ta' paċi.

Niftakar kollox qisu ilbieraħ ... kif qatt nista' ninsa?

# Xtaqt li l-Baħar

Charles Bezzina

Xtaqt li l-baħar qatt ma rajtu,
xtaqt li qatt ma nżilt ngħum fih,
xtaqt li qatt bi żball ma doqtu,
xtaqt li qatt ma rajt kemm sħiħ.

Xtaqt li ngħix bil-ħolma kbira,
illi l-mewġ ma jeżistix,
xtaqt li nibqa' dak il-wieħed,
illi l-baħar ma jafnix.

# Aunty Tracey

Matthew Calleja

Nar. Duħħan li jagħlaqlek il-pajp tan-nifs. Biża'. Konfużjoni. L-emozzjonijiet ta' dakinhar reġgħu ħakmuni hekk kif erġajt ftakart x'kien ġara. Għadni niftakar dak kollu li seħħ qisu lbieraħ. Għadni niftakar kemm kont ġrejt b'nifsi maqtugħ lejn il-bieb ta' barra. *Irrid insalva*, kont ħsibt. Ma kont qed naħseb f'ħadd ħlief fija nnifsi. U għadni sal-lum ma nistax naħfer lili nnifsi ta' dan l-egoiżmu.

Jien Silvio Spiteri. Illum għandi tletin sena, u ngħix waħdi f'dar maqtugħa mis-soċjetà f'Ħad-Dingli. Minn meta kont żgħir, kont noħlom li, meta nikber, kien ħa jkolli ħajja tal-ġenn, imdawwar b'familja li tħobbni u ħbieb li jirrispettawni. Imma kienet biss ħolma, li wara t-tlettax ta' Jannar tas-sena 1999, kienet iġġarrfet u nħarqet bħal ... le. M'iniex se nerġa' naħseb fuqha. Ħajti qatt ma ġralha xejn spettakolari minn dakinhar, u kienet dejjem bl-istess rutina. Minkejja li kont noqgħod għand ziti, kont infendi għal rasi. Ma tantx kienet taħmilni ziti, imma offrietli biex noqgħod għandha. Wara kollox, kien għad għandi erbatax-il sena. Kont immur l-iskola, nagħmel ix-xogħol tad-dar, bħal kull tifel u tifla. Iżda kont nagħmel il-faċendi, immur nixtri, insajjar u kull ħaġa oħra li kienet iġġegħelni nagħmel *Aunty* Tracey. U kont intajjar in-nar magħha, għax jekk le, kont inlaqqat xi ċamata mingħandha. U ma nafx kemm-il darba konna niġġieldu u nitbaqbqu ma' xulxin għax xi ħaġa ma tkunx għoġbitna. Kemm-il darba kienet taqbżilha u theddidni li ħa tkeċċini jekk inkompli sejjer hekk. Konna qisna n-nar u l-ilma. Imma jien qatt ma kont nemminha. Qatt ma

kont naħseb li tasal tagħmel hekk. Iżda, wara erba' snin, urietni li kont mort żmerċ. Iva, meta kelli tmintax-il sena, ziti keċċietni 'l barra qisni xi xiħ minn wara l-muntanji biex infendi għal rasi. "Itlaq!" Kienet qaltli "suppost issa, li għandek tmintax-il sena, int adult biżżejjed biex tieħu ħsieb lilek innifsek. M'għandekx għalfejn ikollok lil xi ħadd isefter warajk għal kull nitfa li jkollok bżonn!"

Niftakar kemm kont bkejt meta rrealizzajt li kont waħdi, mingħajr saqaf fuq rasi, mingħajr familja biex twennisni, mingħajr ħbieb biex jgħinuni. U għadni sal-lum ma nistax nifhem x'kellha kontrija *Aunty* Tracey. Minn dejjem innutajt li kull darba li kienet tissemma *Aunty* Tracey, ommi ma tantx kienet tieħu pjaċir. Tgħid kellha xi tgħid magħha?

Minn meta keċċietni ziti, drajt ngħix waħdi. Drajt ma nkellem lil ħadd, jew kważi lil ħadd. L-uniċi nies li kont inkellem kienu jew tal-ħanut, jew lil xi *stationer*. Familja qrib tiegħi ma kienx fadalli. Kulħadd kien miet dakinhar tal-isplużjoni. Iżda darba minnhom, waqt li kont qed naqra l-gazzetta bil-kwiet fuq is-sufan, smajt tliet taħbitiet mal-bieb. "Xi nqala' issa?" għidt minn taħt l-ilsien. Ma kontx imdorri bin-nies jiġu jħabbtuli, u kont naqra nervuż jien u riesaq lejn il-bieb. Kif ftaħt, ma sibt lil ħadd. Malajr kont ħa nagħlaq bi ħsieb li kienet biss ċajta minn xi ħadd li ma kellux x'jagħmel. Iżda fuq l-għatba, sibt envelowp. Ġbartu, ħarist darba tnejn lejn il-lemin u lejn ix-xellug biex nara jekk kienx hemm xi ħadd, u kif ma rajt lil ħadd, dħalt ġewwa u ftaħt l-envelowp. Ma kontx lest għal dak li kien hemm ġewwa.

Fl-envelowp kien hemm karta mitwija fi tnejn. *Xi kont*, ħsibt jien. Iżda ma kien xejn affattu. Kienet ittra.

Għażiż Silvio,
Nispera li tinsab tajjeb. Nixtieq niltaqa' miegħek f'post privat, kemxejn sigriet. Għandi xi ħaġa xi ngħidlek fuq dak li ġara nhar it-13 ta' Jannar 1999. Jekk trid, niltaqgħu għada fis-sebgħa ta' filgħaxija l-Belt ħdejn il-funtana tat-Tritoni. Jien ħa nkun hemm minn qabel.

*Tislijiet,*
*Aunty Tracey*

Xħin qrajt min kiteb l-ittra, ħalqi nfetaħ beraħ, idejja bdew jirtogħdu, għajnejja baqgħu ċassi fuq l-isem, u ħassejt fuqi kesħa kbira. Aunty Tracey?

Kif jista' jkun? Għadha ħajja? Għaliex bagħtitli ittra wara dawn is-snin kollha? Din mhux kienet tistkerrahni? LE, ma kontx sejjer. Ma kontx ħa npaxxiha. Ma kontx se nerġa' noqgħod niftaħ feriti. Ma ridtx nerġa' nagħmel ġranet sħaħ qisni l-iblah, bi dwejjaq kbar fuqi. Din kienet ħaġa tal-passat, li ġrat, għaddiet u ndifnet. Iżda ... min-naħa l-oħra, xtaqt illi ħafna mistoqsijiet li kelli dwar dakinhar ikollhom tweġiba. Xtaqt inkun deċiż li ma kontx naħti għal dak li ġara. Għalhekk, iddeċidejt li l-għada, fl-għoxrin ta' Diċembru, 2015, immur niltaqa' ma' min kiteb l-ittra, kien min kien.

Wara li kkunsidrajt li mmur l-għada, poġġejt bilqiegħda fuq il-pultruna li kelli fis-salott u qgħadt nerġa' naħseb fuq dakinhar, niftakar fil-biża' li kont ħassejt f'daqqa waħda. Niftakar fil-ġirja li tajt għal bieb ta' barra, bilkemm nara, bilkemm nieħu nifs. It-tqaħqiħiet (għalkemm kont qed nisgħol ġol-kmiem tal-piġama) tant kemm kienu kbar li ħassejt il-pajp tan-nifs maqsum fi tnejn. U meta rnexxieli nsib il-bieb, u ħriġt barra, nistenna li nsib lil kulħadd hemm, 'il bogħod mill-periklu, skoprejt li kont l-unika wieħed ixxurtjat biżżejjed li ħriġt qawwi u sħiħ min-nirien li qerdu kollox. Il-ħsieb ta' dawk l-ilsna qerrieda enormi, oranġjo fl-isfar, li donnhom kienu ġew diretti mill-infern biex itemmulna ħajjitna, kien wieħed tal-waħx, li għadu jkexkixni sal-lum. Niftakar li kienu ġew il-pulizija fuqi u saqsewni numru ta' mistoqsijiet. Jien ma tantx kont tajthom dettalji, ħlief dawk l-affarijiet li kont esperjenzajt, u meta qaluli jekk kellix fejn noqgħod, kont għidtilhom li kelli zija min-naħa t'ommi li kienet għadha ħajja. Għalhekk ħaduni għandha biex tieħu ħsiebi hi: *Aunty* Tracey. Niftakar, darba minnhom, lil ziti fuq is-sufan ta' quddiem it-televiżjoni taqra l-gazzetta. Hi u taqra, ħalqha ċċarrat fi tbissima minn widna sa widna, u lissnet minn taħt l-ilsien, "Inċident ... inċident ..." Meta staqsejtha x'kien ġara, mal-ewwel għalqet il-gazzetta u qaltli li kien hemm dar qabdet f'daqqa waħda bin-nar u li l-pulizija ddeċidew li ma kien xejn ħlief inċident. U għalkemm kont naqra suspettuż, għaddiet daqslikieku ma kienet xejn. Imma issa u naħseb fuqha, aktar qed nirrealizza li jista' jkun li ziti ma qalitx il-verità kollha dakinhar. Tgħid kienet taf xi ħaġa? Imma kieku stess għaliex ma riditx tgħidli?

L-għada wasal. Xħin daqqu s-sitta ta' filgħaxija, mort fuq stejġ nistenna tal-linja, u f'kemm ili ngħidlek, fis-sebgħa neqsin kwart, kont qiegħed ħdejn il-funtana tat-Tritoni. Ma kontx qed nistenna li nsib lil *Aunty* Tracey tistennieni, iżda kont żbaljat. Minkejja li kellha fuq is-sittin sena, ma tantx kienet inbidlet

minn l-aħħar darba li rajtha, u kienet żammet il-figura. Twila, irqiqa, niexfa qoxqox, u kienu żdidulha t-tikmix. Il-ħarsa penetranti tagħha kienet baqgħet l-istess, u malli ratni, ma biddlet xejn l-espressjoni ta' wiċċha. Diżinteressat kien, u diżinteressat baqa'. La għannqitni, la bisitni, la qaltli kemm twalt (kif ħafna drabi jagħmlu l-familjari meta tkun ilek naqra ma tarahom). "Ejja miegħi," lissnet minn taħt l-ilsien, u, irrid jew ma rridx, kelli nimxi warajha.

Wara għaxar minuti mixi fis-silenzju fi Triq ir-Repubblika, dħalna ġewwa Strada Stretta. F'tarf it-triq, kien hemm bieb aħdar b'pum isfar tond bis-serratura f'nofsu. Tracey daħħlet muftieħ ta' żmien il-qedem fis-serratura, dawritu, u nfetaħ il-bieb. Jien u dieħel f'din id-dar, indunajt li lanqas stajt insejħilha 'dar': il-kelma 'kamra' aktar kienet toqgħod. Kamra żgħira tixbah lill-kmamar tal-interrogazzjonijiet b'mejda fin-nofs, żewġ siġġijiet opposti ta' xulxin, u xemgħa f'nofs il-mejda li kienet iddawwal il-kamra sħiħa. *Aunty* Tracey daħlet u poġġiet, iżda jien bqajt bilwieqfa. "Ħa tibqa' hemm? Poġġi Silvio, ejja ħa nitkellmu ftit."

Jien poġġejt bilqiegħda, għalkemm kont qed insibha bi tqila li nagħmel dan. *Aunty* Tracey xegħlet ix-xemgħa, poġġiet idejha t-tnejn fuq il-mejda magħfusin flimkien qisha ħa tibda titlob, u staqsietni: "Inti taf x'ġara nhar it-tlettax ta' Jannar 1999?"

Jien inħsadt kif bdiet il-konverżazzjoni tagħna hekk. "Le," irrispondejt jien, "ħlief li filli kont qed nilgħab fil-kamra tal-fuklar u filli smajt splużjoni li ttarrxek. Twerżiq ... għajjat ... u nara n-nar jiżfen żifna tal-mewt. Minn hemmhekk, ħlief li jien kont qed nipprova noħroġ, ma niftakar xejn aktar."

"Tajjeb, mela ma ġejniex hawnhekk għalxejn." Lissnet minn taħt l-ilsien Tracey. "Jien naf mill-bidu sal-aħħar x'ġara dakinhar. Naf kif inti tlift kollox. Lil ommok, lil missierek. Iżda qabel ma ngħidlek verament x'ġara, inti trid tkun taf x'ġara lili. Għalkemm kont għadek żgħir, liz-ziju Mark, l-eksraġel tiegħi, tiftakru ftit. Taf ukoll li intom kontu toqogħdu f'dar mill-isbaħ, li minn barra kont tistħajjilha xi palazz. Għandek tkun taf li dik id-dar kienet t'ommok. Iżda parti mill-ġid tagħha kien tiegħi. Jiena, ta' belha li kont dak iż-żmien, iddeċidejt li nagħtiha kollha lil ommok u lil missierek, ħalli jien immur noqgħod waħdi f'ħajja kuntenta mimlija hena u mħabba ma' żewġi. U, għal xi snin, verament hekk ġara. Kont immur inżurhom ta' kull nhar ta' Ħadd anki jekk ma tantx kont ningwalaha magħha u mal-istil ta'ħajja li kienet tgħix. Żewġi kien tabib, jiġifieri problema ta' flus ma kellix dak iż-żmien. Iżda ġara, li mhux kollox baqa' ward

u żahar. Jien u żewġi, spiċċajna nilletikaw ta' spiss. Darba minnhom, il-ġlieda saħnet sew u saħansitra refa' jdejh fuqi. Biex ma ntawwalx, hu spiċċa telaqni u mar jgħix għal rasu, ma' nittiena oħra, b'ġidi kollu miegħu. F'kemm ilni ngħidlek, jien spiċċajt armla, ma naħdimx. Lanqas biex niftaħlu kawża l-Qorti ma kelli. Għalhekk iddeċidejt li niġi noqgħod għandkom. Dak iż-żmien, inti kont għadek żgħir, ta' xi seba' jew tmien snin. Meta staqsejthom biex niġi noqgħod għandkom minħabba li dik id-dar kienet parti minn ġidi, ommok ma ħallitnix, għax qaltli li kien tard wisq. Tatni xi ħaġa tal-flus biex inkun nista' ngħix sakemm insib xogħol, u bagħtitni 'l barra qisni munzell żibel. Il-flus, kif tista' timmaġina, ma servewx wisq u bl-iskola li kelli tista' taħseb kemm kien faċli għalija li nsib xogħol. M'ommok kont ksirtha darba għal dejjem. Doqt il-faqar kuljum għal tliet xhur sħaħ iżda bqajt siekta. Ma stajtx nibqa' sejra hekk, aktar u aktar meta Mark u ommok kienu qegħdin ipappuha bi flusi. F'att ta' disperazzjoni għaddieli ħsieb. Bil-flus tal-*insurance* tad-dar t'ommok stajt inqum fuq saqajja."

# It-Tiftixa

Matteo Pullicino

Demmi jbaqbaq taħt dil-ġilda mtarrxa
bħal vulkan li jrid jiżbroffa,
imma idi – gżira iżolata – kiesħa silġ,
tixxennaq li tmiss il-ġilda sħuna tiegħek
u li subgħajk jidħlu bejn tagħha
bħal frammenti tal-istess ġisem
li darba ntradmu
biż-żmien u bid-distanza.

Għax din qalbi għajjiet
tħabbat lil min ma jridx jiftħilha
u ma tixxennaqx għal mument avventuruż.
Tixxennaq għal imħabba għamja
li f'dari tidħol bla mistħija ta' xejn
u mix-xquq ta' ħitani
toħroġli s-sigrieti li kont qed naħbi
u taħraqhom fin-nar ta' mħabbitha.

Imm'għeruq qalbi ndifnu f'deżert ta' segretezzi
u l-imħabba li qed infittex
hi dik ta' bews misruq u
noti deċifrati bil-lingwa tan-namrati;
l-imħabba li ssib wara l-bank tal-iskola
li, bil-ponta ta' kumpass
jew bir-riga tal-ħadid,
ikollu minquxin fuqu l-inizjali
ta' maħbubin antiki li issa ntradmu
biż-żmien u bid-distanza.

# U Jien Semmejtu Ġużi

Antonio Olivari

U jien semmejtu Ġużi. Għandu wiċċ ta' Ġużi għall-anqas, u l-isem hekk, joqgħodlu. Għandu Maruti Suzuki Alto tal-2001, 5-door hatchback li fil-logbook hija mniżżla bħala bajda imma li jekk taraha tidher safra. Ġużi bla xagħar ħlief għal troffa ftit 'il fuq minn moħħu, li biha jista' jifraħ ftit li mhuwiex qargħi. Temporanjament. Jilbes nuċċali rqiq Vogue VE 1003, li dejjem issibu bbilanċjat fuq il-parti ppuntata ta' mnieħru.

Ħaġa waħda ngħidilkom: morru Marsamxett taħt is-sur mit-Tnejn sal-Ġimgħa għall-ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħodu u aktarx issibuh bilqiegħda quddiem l-istering jaqra *L-Orizzont*. Daqqa l-faċċata, li sakemm ma jkunx hemm xi inċident gravi kważi dejjem tkun xi storja politika. Daqqa xi artiklu soċjali, dwar xi mara li għandha s-saqaf qed jaqa' biċċiet u li ma tafx għal liema servizzi soċjali se taqbad tapplika, miktub minn Victor Vella. Daqqa l-kurżitajiet dwar l-atturi tal-films ta' Hollywood, jew xi aħbar mużikali ta' Charles Marsh dwar il-Queen, jew xi artiklu nejjieki kollu ritratti ta' politiċi b'*captions* ta' x'taparsi qed jgħidu lil xulxin. Ċert li l-qarrejja tal-gazzetta jinżlulhom għasel u tgħidx kemm jidħku bil-qalb. Ġieli taf issibuh ukoll b'lapes f'idu jimla t-tisliba tal-ġurnata. Mhix diffiċli wisq bħala tisliba, u hija magħmula apposta għall-*market segment* li jaqra *L-Orizzont*, li ħafna minnhom issibhom jiddejqu jħabblu l-kurituri ta' moħħhom fis-sigħat bikrin ta' filgħodu. Jekk iħabbluhx fil-bqija tal-ġurnata huwa argument ieħor, imma tisliba kompluta dejjem titqies bħala omen tajjeb għal jum fenomenali.

Ġużi dejjem ikun liebes qalziet iswed u qmis plejn ċelesti jew isfar mitfi. Ġieli wkoll bl-ingravata taqbel. Kollha Giorgio Santini. Meta nasal ftit tard, ngħidu aħna għal xi t-tmienja neqsin kwart, hu jkun diġà ħareġ mill-Maruti Suzuki u taf tilmħu beda miexi bil-pass robotiku tiegħu li għal xi raġuni tfakkarni f'Leo Brincat. Hemm niskopru li dejjem ikun bil-basket qisu tal-iskola Unicorn England daqsiex fuq dahru. Ejja nimmaġinaw li presumibbilment dan ikun fih djarju, xi *business cards*, karti vojta, pinen, il-lapes tat-tisliba, u forsi anki l-ikel ta' nofsinhar. Ngħidu aħna panini bil-kunserva, tonn taż-żejt, żebbuġ u kappar jew inkella xi kaxxa tat-*tupperware* b'xi għaġin bil-*bacon*, faqqiegħ u *white sauce* minn tal-ġurnata ta' qabel. Flok jintrema. Ma nafx għalfejn imma naqtgħu għadu *single* u jgħix m'ommu, avolja jgħodd l-erbgħin sew. Nimmaġinah jasal l-uffiċċju, xi dipartiment griż tal-gvern bl-arja kkundizjonata ma taħdimx sew, bil-fajls li ma jinstabux, internet imwaħħal, u mimli skrivani Nazzjonalisti li fiż-żmien kienu minn ta' Austin. Minn dawk li, għal xi raġuni li ħadd ma jista' jifhem, għadhom mimlijin arja u allura jekk jarawh b'*L-Orizzont* f'idu jagħmlu l-isbaħ ġurnata jitnejku bih.

Biex ngħid kollox, niftakar eżatt meta kienet l-ewwel darba li rajt lil dal-proxxmu. Kien it-Tnejn, 4 ta' Jannar 2010 u kien proprju l-ewwel jum tax-xogħol il-ġdid tiegħi li ħadni f'dawk l-akkwati. Dakinhar ma ħadtx nota ta' dik l-okkażjoni partikolari, imma maż-żmien spiċċat miktuba bħala l-ewwel waħda minn serje ta' repetizzjonijiet prattikament identiċi li għamluha tidher bħala l-bidu ta' xi ħaġa. Jien kont eċitat b'ma nafx kemm-il mistoqsija dwar dan l-impjieg il-ġdid, u qajla kelli moħħ nies li mhumiex fl-ewwel ċirku tal-iktar nies qrib tad-dinja magħluqa tiegħi. Apparti dan, dakinhar kien bard biżżejjed li jwebbes l-ilma tan-nida u l-moħħ għandu tendenza naturali li jkun ftit aktar sturdut f'dak it-tip ta' ksieħ. Speċjalment filgħodu kmieni. Jiffoka biss fuq dak l-aktar importanti u l-bqija jinjorah. Ikollok bżonn tal-anqas tnejn kafè qawwijin, wieħed wara l-ieħor, qabel ma' moħħok jibda jirreġistra xi ħaġa. U tnejn oħra sabiex jibda jirraġuna. Biss, dik il-ġurnata baqgħet ittimbrata u niftakar lil Ġużi wara t-titpin tan-nifsijiet li ġġenera fuq twieqi ssiġillati waqt li kien qiegħed jistenna l-ħin jgħaddi bil-gazzetta f'idu. Niftakar għax ħarist lejn is-Suzuki għad li ġieni dubju l-persuna fiha – li qajla kienet qed tiċċaqlaq – kellhiex xi problema jew issakkritx fil-karozza bla ma ndunat. Sakemm imbagħad rajtu jdawwar il-paġna tal-gazzetta jien u miexi fil-ksieħ u ftit wara fetaħ il-bieba biex idabbar jibda sena ġdida bħal ta' qabilha.

Għax dik l-ewwel ġurnata saret jumejn, li saru ħames darbiet fil-ġimgħa li saru drawwa. Drawwa li ftit ftit saret bħal kull ħaġa oħra li l-uman jirrepeti għal ħafna drabi. Saret tradizzjoni. U t-tradizzjonijiet ikollhom jiġu pprotetti anki jekk jagħmlu l-ħsara lill-uman u lill-ambjent. Hemm il-logħob tan-nar, il-karnival, il-korrida, iċ-ċirkonċiżjoni, il-kaċċa u l-insib, u anki l-festi xejn reliġjużi fl-irħula mimlijin xorb alkoħoliku, kliem ħażin, storbju, xengil u laħam espost f'isem il-patrun. Imma lkoll tradizzjonijiet. U terġa' jekk tkun xi drawwa antika tal-lokal – bla sens kemm hi bla sens – din issir folklor, u jekk fl-istorja jkun hemm l-intervent ta' xi alla, statwa jew pittura taf tinbet minn devozzjoni sa saħansitra reliġjon kompletament ġdida. U dejjem sejrin, nirrepetu l-istess sekwenzi, proċeduri u listi ta' drawwiet bla ħsieb ta' xejn u bla ebda loġika partikolari. Kollox f'isem it-tradizzjoni ta' dari u ta' dawk li kellhom farka aktar immaġinazzjoni minna. U ma' dawn issa hemm din it-tradizzjoni minuskola ta' kull sebħ. Li s'issa għall-anqas għad għandha raġuni għad li fil-Belt Valletta ma ssib tipparkja mkien aktar mingħajr ma tinħoloqlok toqba mal-but is-*size* ta' munita tal-ewro.

Ġurnata oħra ta' ħidma, insib nipparkja kważi dejjem fl-istess post. Noħroġ mill-karozza u nibda nimxi għall-bqija ta' triqti. Nilmaħ lil Ġużi jaqra *L-Orizzont* u nibqa' sejjer. Ħadd ma jaf b'din it-tradizzjoni tiegħi, u ħlief li għax tfottili l-isbaħ biċċa tar-raqda, ċertament li mhi ta' ħsara lil ħadd. Anzi. Pjuttost darba kellha tkun ta' għajnuna.

Dik id-darba fil-fatt inzerta li għexieren ta' nies mhux tas-soltu ddeċidew li jipparkjaw fl-istess akkwati tal-ispazju li mas-sebħ normalment ikun qiegħed jistenna lil Ġużi u lili. Mid-dehra tagħhom kellhom xi *fashion show* tal-ġlekkijiet f'xi sala tal-konferenzi f'Dar il-Mediterran. Din spiċċat ħolqot aktar domanda għall-istess erba' parkeġġi l-barra mill-misħuta CVA, li tixroblok il-ftit soldi li jirnexxilek iddawwar fil-ġurnata tax-xogħol. Kienu qishom kokroċ li tfaċċaw fil-kċina waqt li qed issajjar; minn dawk li ma ssibilhomx tarf minn fejn qed joħorġu u Pif Paf ma jiswa għal xejn. L-iktar roqgħa sottospeċi ta' parkeġġ viċin tal-uffiċċju tiegħi dakinhar kienet 'il fuq minn mitejn metru aktar 'il bogħod. U ż-żikkola. It-tgergir kien beda jingħad mingħajr lanqas biss indunajt u t-temperatura niftakarha bdiet tispara qisha murtal li jrid jimpressjona lid-dilettanti tan-nar. Ġużi deher li bela' l-istess kanna bħali għax hekk kif ilmaħt din l-ewwel toqba, f'dal-post minsi anki mill-Beltin, xorta nsibu quddiemi pparkjat lest b'*L-Orizzont* f'idu. U kalm. Imbagħad bdejt nipprova ndeffes il-karozza

b'nofs għajnejja magħluqin bin-ngħas. Iżda l-ispazju qisu ma kienx biżżejjed u kien sa jkolli mmur infittex xi mkien aktar 'il bogħod. Min jaf fejn. Kien eżatt fil-ħin li wasalt biex ninfaqa' fi kliem ħażin ekwivalenti tal-kaxxa infernali, li ċert li kienet titfa' lid-dilettanti tan-nar f'estażi ta' ferħ, meta Ġużi waqaf jaqra dwar l-inċentivi l-ġodda tal-gvern, niżżel il-ħendbrejk, telaq il-brejk ftit ftit u l-vettura tiegħu bdiet miexja ħelu ħelu 'l quddiem sakemm għamiltlu sinjal żgħir li fisser li kollox sew u li nista' nikkwartja u niddeffes. Kif ra hekk waqaf u sellem. Żgur li kien ġest ta' korteżija min-naħa tiegħu. Biss xejn ma jneħħili minn moħħi li seta' għamlu wkoll sabiex ma nħallilux tifkira tal-ġurnata fil-forma ta' pittura astratta 3D skolpita mal-ġenb tas-Suzuki.

U le, naħseb korteżija kienet. Għax minn dik id-darba kien hemm bidla żgħira fit-tradizzjoni. Jien ngħid bidla neċessarja fiċ-ċirkostanzi. Wara kollox ma kienx sew li aħna, li nużaw il-parkeġġ kuljum għall-bżonn, ikollna noqogħdu ċassi għal min jagħmel kapriċċ ta' darba u jtina mixja tad-duluri li twassalna fil-post tax-xogħol mimlijin għaraq u qtugħ ta' nifs. Minn dakinhar, kull filgħodu ndunajt li din it-tradizzjoni saret b'saħħitha aktar minn qatt qabel. U Ġużi kompla jikkonferma dan kollu b'kelma waħda li saret tfisser ħafna, u li nirrepetuha lil xulxin qisha xi kodiċi sigriet ta' xi klabb ristrett għal nies li jafu xi ħaġa li ma tistax tesprimiha fil-pubbliku kif ġie ġie.

"Bonġu".

"Bonġu".

# Inversi – Bit-Tama li Ninsa Dak Li Tlift

Matthew Schembri

Fl-aħħar ċena, madwarna,
xrobt dmugħek u kilt għadmek,
qalb is-sodod jongħosu bżajt il-mewt,
ma ttantak ħadd biex tbiddel profezitek
iżda bisuk fuq ħaddejk, imbagħad ittradewk;
l-ogħla professuri kkundannawk
u tawk is-sentenza ta' kalvarju
li tulu jien ġejt nimsaħlek wiċċek
b'maktur li reħa wiċċ barrani;
sammrulek l-injezzjonijiet f'idejk u riġlejk
u tawk id-daqqiet fi snienek u xagħrek
sallbuk f'kamra mimlija sodod, inti fin-nofs,
Inti xtaqt tgħid: "Mulej, lanqas ċans naħfirlek,
għax ma kontx naf x'qiegħda nagħmel!"
Jien għidtlek: "Jekk inti salvajtni,
salva lilek innifsek!" U għajnejk xtaqu qalulna:
"Tassew ingħidlkom, illum tkunu fl-infern mingħajri."
Mad-dalma għajjatt: "Ġismi, ġismi, għaliex tlaqtni?";
u meta għidt li kellek l-għatx
sqewk sponża oħra kimo u raġġi
u ma tawkx ċans tgħid tmiemek

u ħadt l-aħħar nifs
waqt li ma nqasmet l-ebda purtiera
l-ebda terremot ma seħħ
l-ebda professur ma tbellah
l-ebda awtopsja ma nifditek
l-ebda qabar ma żammek
u ma rġajtx lura
għax int alla u mhux ommi
u jien ibnek tas-seba' duluri.

# Gidba Perfetta

Noel Tanti

Il-mistednin dalwaqt kienu se jaslu u Greta kienet għadha qed tfarfar ir-ritratti fuq il-ħarrieġa. Il-Musulew tal-Memorji kienet issejħilhom. Stampi minn ħajjithom li r-raġel tagħha kien ikkalzra fi frejms tal-fidda, kollha tal-istess daqs u għamla. Is-soltu, it-tindif tagħhom kienet biċċa xogħol tiegħu imma l-mistednin kienu se jaslu dalwaqt u Greta ddeċidiet li tagħmilhom hi.

Ġie f'idejha r-ritratt tat-tieġ. Kien l-unika tifkira li għad fadlilha tal-ġurnata meta quddiem qrabathom u Alla, ħalfet ruħha u ġisimha lil dak ir-raġel wieħed biss. Ma kienx xi tieġ gwapp. Kollox kien sar b'ġirja bla nifs biex kemm jista' jkun ħadd ma jinduna li taħt il-bjuda verġni tal-libsa kien hemm tarbija qed tinħema fil-ġuf tal-għarusa.

Mument miġnun, frott l-indifferenza mnebbħa minn żewġt iġsma mitlufin fis-saħna ta' xulxin. Kellha sbatax-il sena. Hu wkoll. Ommu u missieru kienu isfel jixxalaw fil-festin tal-għoxrin anniversarju tagħhom. Hi u hu żgiċċaw bil-moħbi u telgħu f'kamartu. Sakkru l-bieb warajhom u nfexxew fi ħwejjiġhom, iħollu, jniżżlu, jgħollu u jneħħu sakemm fl-aħħar laħamhom sab is-serħan f'sura waħdanija.

Hu u jimbotta ġo fiha kien beda jgħattilha ħalqha. "Tgħajjatx għax jekk jisimgħuk naqgħu għan-nejk." Greta semgħetu imma ma tatx kasu. Moħħha kien ħuġġieġa. Kienet muġugħa għax din kienet l-ewwel darba li kienet laqgħet raġel bejn saqajha. Ħasset it-tingiż, ħasset il-ħruq imma ma kienx

jimpurtaha. Għafsitu aktar magħha. Ġibditlu f'xagħaru, ilsienha f'ħalqu, ħalqha miftuħ beraħ qisha riedet tibilgħu sħiħ.

Laħqu l-kejk u x-xampanja bl-eżatt. Hu u Greta niżlu nkiss inkiss, għannqu liċ-ċelebrati u kielu u sikru. Wara li ntemm kollox, wassalha lura d-dar u qabel ma ħarġet mill-karrozza, taha basket tal-plastik bil-liżar maħmuġ fih. "Jekk issibu ommi toqtlok. Aħjar taħslu int imbagħad tgħaddihuli. Aktar *safe*," qalilha. Imbagħad biesha.

Greta nnutat li l-ħġieġa tal-frejm kienet imxaqqa. Mir-rokna ta' fuq il-lemin tar-ritratt, kien hemm farrett nieżel sa nofs wiċċha. X'aktarx mar jimsħu bil-mod goff tiegħu u għafas wisq u l-ħġieġa ċediet. X'kien ma bidilhiex? Greta ħarset lejn ir-ritratti l-oħra u l-ebda wieħed minnhom ma kien imkisser. Dak biss. Taż-żwieġ.

"Imma kif jista' jkun? Wara darba?" Greta ma kinitx taf kif taqbad twieġbu mingħajr ma taqa' fi klixè. "Mort ma' xi ħaddieħor! Trid tbellagħha lili. Irrid test tad-DNA." Għajnejh kienu mtlew bid-dmugħ u jdejh beda jagħlaqhom f'ponn. "Issa x'se nagħmlu? X'se jaħsbu fuqi? Għalfejn għandi niġi kkastigat b'dan il-mod?"

"Il-mamà u l-papà jridu li nizżew ..."

"X'inhu? Għidt lil ommok u 'l missierek?"

"Iva."

"Qabel ġejt tgħid lili?"

"Iva."

"Mela tliftha? U jekk mhux tiegħi? Jekk hu ta' xi ħaddieħor? Issa jiġri x'jiġri ommok u missierek jafu x'qgħadt tagħmel miegħi. Madonna x'mistħija. Issa x'se ngħidilhom la niltaqa' magħhom? Qas se jkolli wiċċ inħares lejhom. Speċjalment ommok. Madonna x'waħda għamiltli. X'mort tivvinta ..."

"Iridu li niżżewġu malajr kemm jista' jkun, qabel ma nibda nidher." Dakinhar tal-anniversarju, Greta kienet ħasbet li hekk kif jinxef l-għaraq u l-bżieq, setgħet tkompli b'ħajjitha. "Ma nafx jekk irridx niżżewweġ."

"Tgħidx ħmerijiet. Issa għaffiġtha, tard wisq. Missek ħsibtha qabel mhux l-ewwel mort ..." Hawnhekk, f'dan il-punt, waqfet tisma'. Ġabet quddiem għajnejha lil missierha jinfaqa' jibki hekk kif qaltlu li kienet tqila. Greta kienet il-mimmi t'għajnejh u dakinhar kienet weġġgħetu ħafna u fil-fond. Ommha kienet tatha ħarsa mimlija mibegħda.

"Imma inti trid li niżżewġu?"

"Mhux ovvja," qalilha hu u jħares lejn żaqqha, li issa f'moħħu kienet diġà bdiet tieħu l-forma ta' xi ħadd rieqed hemm taħt. "Jien mhux it-tip li se naħrab mill-iżbalji tiegħi. M'iniex tifel żgħir."

"Kif se nagħmlu bl-università?"

"Issa l-ħolm insieh. Issa nsibu xogħol għax għandna bżonn il-flus. Bl-università mhu se tieħu xejn speċjali. Fl-aħħar mill-aħħar xogħol bħal ħaddieħor se ssib."

It-tieġ ġie u telaq. Sa fejn taf hi ma ttiħdux ritratti ħlief għal dak il-wieħed li kellha f'idejha. Greta kienet qed tħares ċass, fil-vojt, mentri żewġha kien jidher frisk, għajnejh iridu jixpakkaw bil-ferħ.

Il-qanpiena tal-bieb daqqet. Minn imkien sponta Robert. "Toqgħodx tiffitta fuqhom dawk, qalbi. Suppost kelli nagħmilhom jien. Ħallihom. Min se jagħti kas? Dawn Victor u Louise ta."

Faqqgħalha bewsa fuq moħħha u mar jiftaħ il-bieb.

***

"Prosit x'ikla dik. Għandek idejk tad-deheb fejn jidħol it-tisjir."

"Anki fejn jidħol il-*poker*," irribattiet Greta. "Lesti ruħek biex issib post ieħor fejn toqgħod għax sa sagħtejn oħra nkun kaxkartilkom dar, garaxx u ġnien."

"Immorru għand ommu. Tħabbilx rasek," qaltilha Louise hi u tiġbed nifs. "Tieħu gost bina għax għadha tgħidli s'issa li sraqthulha – erbatax-il sena wara." Għaddiet lil Greta n-nitfa trembila li kien għad fadlilhom. Greta poġġietha ma' xufftejha u soffiet id-duħħan ħelu tagħha.

Iż-żewġ nisa kienu qegħdin barra fuq il-parapett, taħt il-ħarsa sindikajra tal-qamar kwinta. Żiffa kajmana kienet qed timbotta sħab tqil mimli xita lejn in-naħa tagħhom.

"Daqt tagħmel ix-xita," irrimarkat Louise.

"Tgħid?" weġbitha Greta.

"Tinħass. U jekk il-lejl jibqa' jiksaħ jaf anki silġ jagħmel."

"Jew borra."

"Allaħares."

"Għalfejn? Il-borra togħġobni. Tagħtini wens."

"Mhux bħali. L-ewwel darba li doqtha konna d-Danimarka għall-Milied. Il-pajsaġġ kien qisu tal-kartolini imma meta ġejna biex noħorġu mill-ħotel spiċċajna qisna mexjin f'għalqa mxarrba. Spiċċajna għasra. Le ħi. Xejn ma laqtitni."

Greta kellha minkbejha jistrieħu fuq iċ-ċint, wiċċha lejn it-triq. Louise kienet qed tħares in-naħa l-oħra, lejn it-tieqa li tagħti għal ġos-salott. Għajnejha kienu fuq żwieġhom li baqgħu ġewwa jitkellmu u jiċċaċċraw.

"Bilħaqq," tenniet Louise. "Il-Ġimgħa ta' wara li nkunu ġejna lura mill-Ġreċja, inti u Robert mistednin għandna. Żommuha *free*."

"Orrajt."

"Vera nixtiequ li kieku ssiefru magħna. Nieħdu gost."

"Anki aħna nixtiequ. Imma bħalissa qegħdin kemxejn daharna mal-ħajt. Għollew il-miżata taż-żgħar u Luke għandu bżonn xi *tablet* jew x'naf jien biex ikun jista' jagħmel il-kors. Kollox flus."

Greta tefgħet l-aħħar ġamra fuq il-bankina ta' taħthom. Wara żewġ sekondi ħajja, mietet. "Għal darb'oħra."

Louise kienet għadha qed tħares lejn l-irġiel tagħhom. "Meta ħa jikbru?"

Greta daret. Rathom imqabbdin f'xulxin, jissarraw qishom żewġt iġriewi kbar.

"Insieha," qalet Greta. "Laħqu l-livell massimu tal-maturità tagħhom. Sentejn oħra tibda t-triq tan-niżla. Alla magħna."

Louise tbissmet imma mbagħad tenniet: "Il-vera ngħir għalikom."

"Eh?" irrispondiet Greta, xi ftit mifxula.

"Inti u Robert. Għandkom ħajja perfetta. Għadkom żgħar, b'saħħitkom, għandkom tlett itfal il-ġmiel tagħhom, tgħixu f'dar sabiħa. Sa ċertu punt moħħ ir-riħ, imma mhux b'mod irresponsabbli. Vera nammirakom."

Greta ma kinitx taf x'se taqbad tgħidilha. "Aħna m'aħna xejn speċjali. Bħal kulħadd."

"Tifhimnix ħażin. Mhux qed ngħid li kellkom ħajja faċli. Imma għamiltu l-aħjar li stajtu, dejjem ħdimtu flimkien u emmintu f'xulxin. Nammirakom ħafna fuq hekk."

Greta bdiet taħseb ħażin. "Intom kollox orrajt?"

"X'jiġifieri?"

"Ma nqalgħalkom xi ħaġa hux? Taf li tista' tgħidli jekk hemm xi ħaġa li ..."

Louise infaqgħet tidħaq. "Le, le, kollox orrajt aħna. Werwirtek xi ftit b'din

il-prietka minn imkien. *Sorry*. Naħseb pejjipt wisq u tela' għal rasi. Għalhekk il-ħafna kumplimenti wkoll. Moħħi mimli duħħan."

Greta ħadet ir-ruħ. "Mhux qed ngħidlek biex tieqaf mill-kumplimenti ta ..."

"Issa tard wisq. Mur tnejjek. Aħjar toħroġ dik id-deżerta minn hemm ħa naraw xi tgħid. U qabel ma dawk it-tnejn ikorru. Dik il-lampa ma nafx kif għadha ma saritx frak."

***

Robert biesha fuq moħħha.

"Ejja ħa ngħinek. Inlestu aktar malajr."

"Le. Ma rridx. Mur 'l hemm." U imbuttatu bil-ħlewwa. "Għad m'għandix ħafna ngħas."

"U trid tibqa' mqajma tistenna lil Luke ..."

Greta ħarset lejn l-arloġġ tal-kċina. Is-sagħtejn skorruti. "Daqt jidħol."

"Il-manwal tal-ġenitur perfett: Meta jkollok riħa taqsam ta' ħaxixa, stenna lil uliedek jiġu lura minn Paceville biex tara jekk a) xorbux, b) pejpux jew ċ) qalgħux xebgħa. Jekk hemm bżonn, ċanfarhom. Urihom li minkejja li għadek kif blajt biżżejjed duħħan biex tistordi lil Bob Marley, inti adult responsabbli u dedikat."

"Mur orqod," qaltlu hi u tagħtih daqqa ta' sieq.

"Iddumx," qalilha, u telaq.

Greta daret lejn is-sink imbullat bil-platti, borom, frieket, skieken, tazzi, kuċċaruni, eċċ. Qabdet il-flixkun tas-sapun u għammdet kollox bih, fetħet il-vit u ntefgħet togħrok u tlaħlaħ.

Robert kellu raġun. Kienet bi ngħas u għajjiena u l-aħħar ħaġa li kellha aptit tagħmel kienet li taħsel il-platti. Imma rasha riedet tixpakka bil-ħsibijiet. Żgur ma kinitx se torqod. Baqgħet thewden fuq il-'ħajja perfetta' li Louise, milli jidher, kienet tgħir għaliha. Meta Greta kienet żgħira, hekk kif bdiet idduq l-ewwel nitfa libertà – tixtri l-ħwejjeġ tagħha u toħroġ waħedha ma' sħabha – l-immaġinazzjoni tagħha splodiet. F'daqqa waħda l-erba' ħitan ta' kamritha ma baqgħux jesgħuha. Riedet tikteb l-istejjer u l-poeżiji, tivvjaġġa, iddur id-dinja, tiltaqa' ma' ħafna nies differenti, taqsam esperjenzi magħhom u titgħallem ħafna u ħafna affarijiet. Riedet issir persuna famuża u prezzjuża

li għandha skop f'ħajjitha u xi ħaġa siewja xi tgħid.

Minflok qiegħda d-dar taħsel il-platti. Il-ħolm tagħha sfaxxa fix-xejn, bħad-duħħan tal-*joint* li kienet pejpet ma' Louise. Louise kellha żball. Greta ma kinitx qed tgħix ħajja perfetta imma *gidba* perfetta, gidba li qatt ma riedet temmen. Għalhekk ma kinitx kuntenta.

Is-serratura tal-bieb ta' barra ċekċket u l-bieb infetaħ. Daħal Luke, il-kbir tagħha. Inħasad xi ftit jara lil ommu hemm. "Haw', Ma. X'kien għadek imqajma?" Sakkar il-bieb warajh, neħħa l-ġakketta u tefagħha fuq is-sufan.

"Għadni kif lestejt naħsel il-platti." Marret fuq binha u bisitu fuq moħħu. Inġibed ftit lura.

"X'ġara, Luke?"

"Xejn."

"Għidli."

"Xejn, Ma. Vera. Ma ġara xejn. Kif kienet l-ikla?"

"Skont Louise kienet meraviljuża."

"Ħalli għaliha. Dik tgħix għall-ikel. U l-*poker*? Irbaħtu biżżejjed biex tibagħtuni nistudja s-Sorbonne?"

"Hemm. Le. Però l-papà jaf xi ħadd ma'min tista' tmur taħdem biex tħallsilna dak li tlifna."

"Xejn ġdid. Anzi, kont naħseb li xi darba għad titilfu lili. Nispiċċa għand Louise u Victor."

"Qas qatt," qaltlu ommu.

Luke tbissem u ttewweb. "Il-Pa naħseb li qed jonħor bħalissa, hux?"

"Iva."

"Jien tiela' wkoll. Imfarrak."

"*Good night*."

"Int se tibqa' haw'?"

"Naħseb ftit ieħor fuq dnubieti mbagħad nitla'."

"Narak mas-sebħ mela," qalilha b'ton nebbiexi u telaq lejn kamartu.

Greta baqgħet tħares lejh sakemm inbela' mid-dlam. Semgħetu jiftaħ il-bieb, jixgħel is-swiċċ u jintelaq fuq is-sodda. Setgħet tarah quddiem għajnejha, mitluq għal tulu, jonħor bi kwiet, id-dawl mixgħul, il-bieb miftuħ. L-istess bħal meta kien għadu tifel żgħir. Ma nbidilx.

U hi? Baqgħet l-istess? Reġgħet dawret ħarsitha lejn ir-ritratt tat-tieġ.

Fil-ħġieġa mxaqqa, ir-ritratt qadim tal-għarusa u r-riflessjoni ta' wiċċha kanġew f'xulxin. Kien hemm żewġ persuni qed iħarsu lejha: għajjiena, imħassba, mitlufa. Fuq, fil-kamra tas-sodda, kien hemm Robert, li kienet ċerta li jħobbha. Forsi ma kienx iħobbha minn dejjem, x'aktarx tgħallem iħobbha hu u jgħix magħha. Kien hemm ukoll uliedha, l-egħżeż ħaġa li għandha imma ... kienet tħobbhom? Li kieku kellha tagħżel issa, bejn il-ħolm u l-familja, x'tagħżel?

Mal-ħġieġ tat-tieqa tas-salott semgħet it-tektik tal-qtar tax-xita. Luke kien daħal lura d-dar bl-eżatt. Greta resqet lejn it-tieqa u mexxiet il-purtieri. Barra kien kważi dlam ċappa, kulma kien hemm kien id-dawl tal-garaxx tal-ġirien. Ippruvat tħares lil hinn, fid-dlam, iżda x-xita ma ħallithiex. Ressqet il-pala t'idha mal-ħġieġa u l-kesħa li kien hemm barra ħassitha dieħla f'għadamha. Għal mument, Greta nsiet jekk hix qiegħda ġewwa jew inkella barra. Ħasset lilha nnifisha għasra, ħwejjiġha tqal. Xtaqet li kieku x-xita tinbidel f'borra, li tintradam taħtha u tinsa l-ħolm fieragħ ta' żgħożitha, u tintelaq fil-kesħa u fil-wens ta' ġuf abjad mingħajr kundanni. Tneħħi l-uġigħ u tgħatti, tgħatti kollox.

Iżda l-borra ma niżlitx. Ix-xita tqawwiet u bdiet tħabbat mal-ħġieġ bil-qilla, donnha trid tifqgħu. Greta żammet sod. Idha ħallietha tistrieħ mat-tieqa biex iżżomm il-maltemp milli jidħol f'darha. F'daqqa waħda l-lejl ħa xejra mostruża; ġgant magħmul mill-baħħ u mill-ilma, b'għajn waħdanija tħares lejha minn wara sħab għażżien mitluq għal rasu. Ir-rassenjazzjoni li kienet ħakmitha ftit tal-ħin qabel issa nbidlet f'saħna ta' demm. Kienet lesta li tiġġieled. Kienet lesta li tagħmel minn kollox sabiex tieħu lura dak li bi dritt kien tagħha: il-ħolm, iż-żogħżija, ħajjitha.

Imma kif? X'għandha tagħmel? Ma tafx. It-taqbida kienet se tkun enormi u f'daqqa waħda reġgħet ħassitha bla saħħa. Għajjiena. Redikola. Għax dak li kienet qed tħoss ġewwa ma kellu x'jaqsam xejn ma' dak li kien qed jiġri barra. Ix-xita u d-dlam ma kienu xejn għajr xita u dlam. Fil-ħajja ma kienx hemm metafori, personifikazzjonijet u ħmerijiet oħra bħal dawn għax ħadd ma kien jgħix lil hinn minnu nnifsu. Ħadd ma kellu l-ħila li jagħżel triqtu jew inkella li jreġġa' lura u jibda mill-bidu. Fl-aħħar mill-aħħar kellha ċċedi għar-ritmu tal-ħajja, tilqa' t-tarbija u l-imħabba ta' raġel li, kieku kien għaliha, qatt ma kien se jkollha. Il-gidba hemm kienet għadha, tidwi wara dan iż-żmien kollu. Imma l-leħen li lissinha kien differenti. Il-gidba ma baqgħetx tinstema' oxxena u qarrieqa, forsi qatt ma kienet.

Greta ressqet idejha minn mat-tieqa. Kellha ftit apprensjoni, imma ma ġara xejn. Il-ħġieġ ma nkisirx u dak li kien barra baqa' barra u dak li kien ġewwa baqa' għall-irdoss. Il-qamar, innutat, kien inħeba kompletament.

Għalqet il-purtieri. Hi u għaddejja minn quddiem il-ħarrieġa tat l-aħħar daqqa t'għajn lejn ir-ritratt tat-tieġ. Il-ħġieġa mkissra dejqitha ħafna, aktar minn qabel. Għadha filgħodu tixtri gwarniċ ġdid u tibdilha. Forsi tieħu r-ritratt għand xi ħadd biex ikabbarulha u jdendluh mal-ħajt flok iħalluh mitluf fost l-oħrajn. Imbagħad tara.

Imm'issa se tmur torqod. Tfiet id-dawl, u bil-ħila ta' xi ħadd li dara jgħix fl-istess post għal ħafna snin, innavigat id-dlam sakemm sabet lil żewġha fil-kamra tas-sodda.

# Kollezzjoni

Priscilla Cassar

nixtieq nisraqlek
ftit nifs
nitwih bil-galbu
u nerfgħu,

nippakkja
f'kaxxa xpakkata
bis-sħana tax-xemx
l-impronti tas-swaba'
jilagħbu noli fuq ġismi,

u nkejjel
l-għafsa ta' lsienek
jittantali 'l sidri
u toqlu nferrgħu f'dil-kaxxa
li nerfa' ġo ħobbi.

hekk meta l-irjieħ ta' bejnietna
itellqu 'l xulxin
u jqaċċtuna lejn in-nofsinhar
u lejn it-tramuntana

noħroġ nifsek,
l-impronti tas-swaba'
u l-għafsa ta' lsienek
mill-kaxxa,
nperriċhom
u nilbishom.

ukoll, fl-assenza tiegħek.

# Id-Diżappunt

Sergio Grech

Li ġralu dakinhar dam biex insieh. Imbagħad hu!

Jekk kien kollox, introvert ma kienx. Kriżi ta' inferjorità qatt ma kienet ħobżu.

Kellu ħafna x'jaqilgħu. Kien twil. Kellu personalità. Lanqas kienu jibdew miegħu l-aħjar karattri maskili ta' Danielle Steel.

Kellu xogħol tajjeb. Awditur ma' ditta multinazzjonali. Ħafna mid-dħul tiegħu kien imur fuq materjal li jippromovi l-immaġni tiegħu. Faċilment seta' jidher f'xi fotorumanz jew kalendarju.

Xagħru kien jaqtgħu għand Gordon ta' Toni & Guy u mhux għand il-barbier tal-pjazza.

Kien jilbes kollox iffirmat. Ralph Lauren. Gucci. Diesel. Calvin Klein. Hugo Boss. Imqar biex jaħsillek il-karozza. Ma kontx se tarah liebes it-*T-shirt* tal-Banda tal-Madonna tal-Karmnu tal-Fgura.

Kellu min-nisa. Il-gwardarobba kien jibdilha spiss u jekk jista' jkun kull tmiem il-ġimgħa jżanżan il-ġdid.

Il-fwieħa kien iħobbha. Għalih kienet investiment. Chanel. Dior. Prada. Joop! Kollha jfexfixhom skont l-okkażjoni.

Fuq kollox, kien jaf juża għajnejh u fommu.

Kellu ħabta li jġib il-boċċa qrib il-likk meta u fejn jixtieq hu. Kliemu kien taz-zokkor u kellu vokabularju vast ma jintemm qatt waqt xi attakk. Kien jaf sew id-dinja femminili u lill-priża tiegħu kien jaf iżoqqha ftit ftit sakemm kienet taqbeż ħelu ħelu fit-trabokk.

Kien jaf ikun romantiku ma' min kien jinxtara b'dik it-tattika. Fl-istess ħin kien jaf ikun *macho* ma' min kien jogħġbu raġel fuq tiegħu, avventuruż, salvaġġ u bil-leħja tniggżek.

Il-*joie de vivre* li kellu kien impressjonanti u fl-istess waqt infettiv. Wiċċu dejjem daħqan lest għall-mewġ.

Kellu l-*etiquette*. Kellu l-edukazzjoni. Kellu l-manjieri li ħafna rġiel tilfuhom matul is-snin. Kellu s-sinifiteti fl-aqwa tagħhom li kull mara tixxennaq li ssib fis-sieħeb tagħha. Mara qatt ma kien jgħaddi qabilha lanqas jekk kienet tkun sempliċi *maid* jew *waitress*. Il-bieba tal-karozza kien jiftaħha dejjem hu meta tiġi biex titla' mara fil-karozza tiegħu. Fjura jew ċikkulata ma kinux jonqsu.

Kellu strateġiji kif jixtri lil kulħadd. Kien jaf jagħżel ir-restoranti fini. L-inbid tajjeb. Ir-rigal preċiż.

Ma kienx jaf jgħid le meta l-priża kienet tipprova titbiegħed minn ħarstu. Kien jibqa' jippersisti.

Imma Marita ħadmitu. Dakinhar l-ewwel darba li weħel bl-unuri mill-eżami. Ma setax jifhem x'ġaralu eżatt dakinhar. Qatt ma jaf li hu umilja ruħu daqshekk. Imbagħad ma' mara. U fuq kollox ma' Marita li kienet mara u x'mara. Marita, il-mara li min jaf kemm irġiel xtaquha u ħolmuha.

Dakinhar ma xorobx wisq għax lil Marita ried igawdiha minn fuq s'isfel. Minn ponta sa ponta. Ried jibqa' jiftakar il-gost li se tagħtih. It-twerżiq li kien se jwerżaq.

Ma kienx se jkollu wisq opportunitajiet magħha. Għax hi kienet tixbhu. Port miftuħ. B'wieħed ġej u ieħor sejjer. Kien tgħix għall-pjaċir. Kellha kollezzjoni sħiħa ta' rġiel. Skont l-aptit u l-okkażjoni.

Dakinhar ried iduq l-eternità. Kien ilu li mmarkaha. Kienet pilastru ta' ġmiel. Xi ħaġa aqwa mill-perfezzjoni. Ħareġ magħha. Ħadu gost. Sa offrietlu l-kamra tas-sodda tagħha stess. It-taraġ telgħuh sitta sitta dakinhar. Il-lift kien ilu jumejn bil-ħsara. Bil-ġenn li kellhom għal xulxin lanqas il-bieb ta' barra ma għalqu warajhom.

B'idejh, f'idejha ħaditu b'ġirja u b'kilba kbira lejn il-kamra tas-sodda tagħha. Kien kollox f'postu. Donnha kienet taf li kien ġej.

Fi ftit sekondi esponietlu ġisimha; meravilja perfetta. *X'Michelangelo*, ħaseb! Wara bdiet tneżżgħu bil-ħatfa. Tieħu gost bil-muskoli ta' dirgħajh, in-nuqqas ta' xaħam madwar qaddu, għajnejh imqarba ...

Dik il-lejl mar id-dar jisħet xortih. Jisbel kontra tiegħu nnifsu u kull min jgħammar fis-sema. Għal xi raġuni l-għerq sinjur, kif kien iħobb isejjaħlu, ma riedx jaf dik il-lejla.

Ġabar ħwejġu u telaq jilbes fit-taraġ mingħajr il-kuraġġ li jtiha mqar titwila tal-aħħar.

# Kull Qatra Tgħodd

*Rakkont fittizju bbażat fuq ġrajjiet reali*

Daniel Aquilina

Niftakru, jaħasra, kien għadu daqsxejn ta' tfajjel li għalkemm ċkejken, kellu l-piż ta' familtu kollha fuq spalltu.

Rahim qam maħsud, dawwar ħarstu lejn it-tieqa bla ħġieġ. Wiċċu tqarras. Kien qiegħed tard. Ix-xemx kienet diġà xegħlet il-villaġġ ċkejken bl-ilwien kollha tagħha. Kien jaf li min jaħsiblu kmieni seta' jieħu kemm irid u kemm jogħġbu. Qabad il-friskatur u ħareġ inkiss inkiss mid-dar, biex żgur ma jqajjem lil ħadd. Għalkemm dan il-vjaġġ kien jieħdu kuljum, ħassejt li b'xi mod jew ieħor dan kellu jkun differenti minn tas-soltu.

Ma damx aktar minn żewg minuti biex jilħaq l-għolja l-kbira li tħares fuq il-villaġġ tagħna, u bħas-soltu dar, u b'ħarstu sellem lil kulħadd: familjari, ġirien u ħbieb, għalkemm kważi kulħadd kien għadu rieqed. Triqtu malajr reġa' qabadha biex ma jitlifx ħin. It-triq kien jafha fuq ponot subgħajh u tista' tgħid seta' jimxiha b'għajnejh magħluqa. Xorta waħda kien jiftaħ għajnejh beraħ u l-iswed t'għajnejh kien jikber xi tliet darbiet akbar min-normal, tant li kienu jsiru qishom żewġ boċċi suwed tal-logħob. Rahim kien jaf li l-vjaġġ li qed jieħu kien perikoluż u bosta kienu dawk li qatt ma ġew lura.

Ta' tifel żgħir li kont, ommi qatt ma kienet tħallini nisparixxi minn quddiem għajnejha. B'hekk mhux l-ewwel darba li kont neqred lil Rahim sakemm jgħidli x'hemm barra mill-villaġġ.

"Ħallelin, merċinarji u annimali slavaġ," kien dejjem jgħidli, mingħajr ebda pawża u ħsieb, qisu kien jiddejjaq meta nsaqsih, qisu kien ... jibża'. Ma nista' ninsa qatt dawk it-toroq bil-ħamrija ħamranija, lewn il-mewt, id-demm u t-tiġrib. Dawn kienu l-pilastri li l-pajjiż tagħna, bla dubju, kien iserraħ fuqhom.

Saqajh ma felaħhomx aktar, lanqas seta' jħosshom. Ried għall-anqas jintefa' taħt xi siġra, għad-dell, imqar għal ħames minuti. Ma setax. Kien qiegħed tard. Kellu wisq piż fuq spalltu. Ma ried jiddiżappunta lil ħadd. Sidru beda jintefaħ u jinxtorob, ried jiggwadanja n-nifs. Ma setax jieqaf jimxi. Dak il-ħin nifsu kien għaddej qisu ferrovija li taħdem fuq il-faħam. Wara sagħtejn u nofs sħaħ, li bla dubju għal Rahim dehru eternità, wiċċu xegħel. Fl-aħħar kien wasal.

Kellu aptit jaqbeż ġol-bir jew imqar ibill subgħajh biex itaffi s-sħana li kellu fuqu. Tant kien hemm nies madwar il-bir li kienu qishom ħajt li Rahim bl-ebda mod ma seta' jaqbżu. Ma kellux għażla oħra ħlief li jistenna sakemm in-nies ilestu. Dawn kienu l-istess uċuħ li kien jara kuljum. Kienu jiġu kollha mill-mitt villaġġ tal-madwar. In-nofs siegħa wara n-nies ma kinitx għalxejn għax fl-aħħar mess lilu.

Il-barmil waddbu fil-bir u l-ilma, qisu għatxan għal vojt, malajr daħal ġol-barmil permezz ta' nixxiegħa, sakemm il-barmil għereq taħt l-ilma. Qabad il-ħabel u beda jiġbed. Għalkemm kien tqil hu baqa' jirsisti u jaħdem. L-ilma safrani malajr ħa post il-vojt li kien hemm fil-friskatur. L-ilma qatt ma kien nadif, kien mimli parassiti, ħama u weraq niexef. Ma stajniex ingergru. Ma kellniex għażla. Dak biss kellna.

Triqtu sabha f'tebqa t'għajn, iżda din id-darba kien aktar kawtel minħabba li kien qed iġorr l-ilma, biex żgur ma jitlifx xi qatra. Triqtu lejn id-dar kienet aktar iebsa. Il-piż żejjed tal-ilma beda jeħilbu. Tista' tgħid kien kważi wasal. Kollox kien għaddej normali sakemm sema' xi tħaxwix ġej minn wara siġra.

Dak il-ħin Rahim telgħatlu għoqla fi griżmejh, ma setax jitkellem, lanqas jgħajjat. Il-ħila tat-taħdit kien donnu tilifha.

Stajt tisma' lil qalbu ttanbar u tħabbat ma' sidru biex forsi taħrab.

"Min hemm? Ejja tkellem!"

Il-biża' li kellu fi kliemu stajt ixxommha.

Ħadd ma wieġeb.

It-tħaxwix ma waqafx ma' kliemu.

Instemgħu wkoll xi passi.

Xtaq li kien qed joħlom jew li għajnejh qed jagħmlulu xi ċajta.

Għalxejn qagħad jittama, kollox kien reali.

Quddiemu kien hemm iljun imdaqqas. F'dawk l-għajnejn suwed bid-dawra oranġjo stajt tara l-mewta kerha li kienet ġejja għal fuq Rahim. Rahim poġġa l-friskatur mal-art. Ried jaħrab. Ma setax. Kien wisq beżgħan. Saqajh tilfu l-ftit forza li kien għad fadlilhom.

Il-kilba li kellu għad-demm u l-laħam ġibditu bħal kalamita lejn l-id ix-xellugija ta' Rahim.

Ħadd ma seta' jwaqqfu.

Għadam ifaqqa' u demm itir. L-iljun kien qed jieklu ħaj!

"Tulung!"

"Ajjut!"

"Xi ħadd jgħinni!"

Għalxejn. Ħadd ma tfaċċa.

Idu x-xellugija kienet diġà ntilfet u hekk kif l-iljun kien se jdur għal għonqu waqqgħet ħemda kbira fil-madwar. Tant kienet stramba din il-ħaġa li anki l-iljun waqaf jiekol u għolla rasu.

Ħaġa tal-iskantament. L-iljun baqa' bbalzmat bil-biża'.

L-art bdiet titriegħed.

Sakemm Rahim dawwar rasu lejn in-naħa leminija ta' ġismu, l-iljun kien diġà ħarab.

Kienet merħla ljunfanti li għalkemm kienet għaddejja fil-viċinanzi, irnexxielha tbeżża' lill-iljun u ssalva lil Rahim bla ħsieb.

Baqa' ċċassat. Ma setax jemmen li kien għadu ħaj. Qabad il-flokk tiegħu u dawru mal-biċċa żgħira li kien għad fadal minn idu x-xellugija, biex żgur ma jiżvinax.

Qabad il-friskatur b'idu l-leminija u kompla jimxi biex żgur ma jasalx tard. Qatt ma kien ħass daqshekk uġigħ f'ħajtu. Beża' li jmut. Beża' li ma jwassalx l-ilma lil familtu. Kienet id-determinazzjoni li kellu fih li ħallietu jwettaq dan il-vjaġġ u jasal id-dar.

Ma konniex nafu x'se naqbdu nagħmlu meta rajnieh, iżda l-għajnuna medika li sibna mingħand ix-xjuħ tal-villaġġ salvatlu ħajtu. L-għada filgħodu rġajt rajtu, fuq l-għolja l-kbira, b'idu x-xellugija nfaxxata u l-leminija ġġorr friskatur vojt.

Niftakru, jaħasra, kien għad kellu fuq l-għoxrin mitfugħ f'qiegħ ta' sodda. Mejjet.

Il-marda kiefra tal-kolera kienet ħakmitu.

Nota: Tulung hija *ajjut* bis-Sudaniż.

# Torri tar-Ramel

Elena Cardona

Fis-sikta ta' waranofsinhar,
meta kulħadd kien medhi jiċċaċċra ma' ta' ħdejh,
ħadd ma nduna bil-wasla siekta tiegħek.

Raġel b'sigarru jinten, imdendel ma' xufftejh,
b'idu x-xellugija jitfa' l-karawett inkaljat ġo ħalqu,
u bl-oħra jibgħat messaġġ lill-maħbuba.
Martu, faċċata, rasha mgħaddsa ġo ktieb oħxon;
toħlom li xi darba żewġha jkun romantiku bħal Tommy tal-ġara.

Tfajla titliegħeb u tixxemmex,
seħibha, jammira dan il-ġmiel, li qed iqanqlu.
Ma jistax jirreżisti l-vulkan ibaqbaq
u lanqas jista' jaħbi l-muntanja dejjem tikber u tibbies taħt żaqqu.

U int, għadek tistenna li jilqgħuk.
Waqt li tħalli l-mewġa mielsa tilgħab ma' wiċċek
u r-ramel jgħarraxlek xufftejk.

Fil-qrib, geġwiġija tfal,
kollha jgħajtu jibnu torri tar-ramel,

kbir u maestuż, b'bandiera blu tperper.
It-tfal - li ma jaqblux bejniethom -
jiddiskutu d-difiża tat-torri mill-għadu qalil.

U int anġlu/serena/tifel, għadek hemm.
Ħadd ma nduna bik, lanqas dawn it-tfal tamparek fl-età.
Bqajt mitlufa f'ħolma ħelwa.
Sakemm fotografu nduna bik u klikk ...
id-dinja kollha daqqitlek it-trombi.

# L-Ennui ta' Rapunzel

Joseph Vella

Minn hawn fuq tista' tara ħafna xorti. Tista' tara sax-xefaq bil-baħar mad-dawra kollha ta' dil-blata. Imma kulma tara tibqa' ma tifhmux. U x'hemm lil hemm mix-xefaq, tibqa' ma tistax tara.

***

Lura isfel fil-kċina tisma' r-*radio* għaddej kemm kemm jinstema'. Jinsab ittjunjat fuq l-*RTK* – ir-*Radju ta' Kulħadd. 103.0* fuq l-*FM* – "*Everybody loves somebody sometime* ..." Tassew, taħseb. Imma jidhrilha li aħjar tqalliblu. Issib il-*One Oh One* – "*I hate you then I love you* ..." Tqalliblu tiġri għax ma tiflaħx tisma' b'burdati li jalternaw b'dal-mod preċipituż. Tixtieq tisma' xi ħaġa li tittrankwillizzaha, isseraħha. Issib in-*92.7 FM*. "Wara li għadna kif smajna l-programm t'Alfred Zammit, Kalamita, ħalli nieħdu pawsa mużikali u nisimgħu l-kanzunetta ta' James Brown, "*This is a Man's Man's Man's World*".

This is a man's world, this is a man's world,  
but it wouldn't be nothing, nothing without a woman or a girl ...

Perplessa u fl-istess waqt intrigata mit-titlu ta' din id-diska toqgħod hemm tismagħha qisha statwa tal-melħ.

Id-diska ma tiftakarx li qatt semgħetha qabel, jew jekk semgħetha, qatt ma tat kasha. U issa li waqfet tixtarrha kelma kelma mlitilha l-eżistenza immedjata

tagħha b'sentimenti kargi ħelwin-qarsin. Tħossha arrestata. Tħoss għajnejha jaħarquha bl-ironija ...

*... I sympathise with a man that don't have a woman –*
*he's lost in the wilderness; he's lost in bitterness, he's lost, lost and lonely.*

Mingħajr ma taf għala llum il-kliem tal-kanzunetti qiegħda tistħajlu ħiereġ mir-*radio* jifforma ħjut ħoxnin suwed li jitbandlu fl-arja sa ma jiffurmaw malju tawwali tawwali li jinbaram madwarha bħallikieku jrid irażżanha fi ħdanu, u mbagħad joħroġ mill-bieb tal-kamra li tinsab fiha u jgħib fid-dagħbien t'hemm barra.

Tgħaddi idha l-leminija minn quddiem għajnejha u l-malju jisparixxi. Tħossha tistordi. Tara kollox idur madwarha u tkun se tmur għal waranijiet meta tagħmel l-almu tagħha biex tistejqer u toħroġ mill-istess bieb imnejn ftit ilu dehret ħierġa dik iċ-ċima ta' kliem.

Mingħajr ma ndunat li kien għadda l-ħin issa tagħraf li qiegħda tisma' l-għeluq tal-kanzunetta "*Parole Parole Parole* ..." u l-annunzjatriċi b'leħen *sexy* tgħarraf lis-semmiegħa li se ssemmagħhom id-diska ta' Gloria Gaynor "*I Will Survive*".

Bla ma tindenja ruħha tagħlaq ir-*radio* tabbanduna warajha lil Gloria Gaynor għax jgħaddilha minn moħħha li tmur timla l-banju bil-misħun biex toqgħod tirrilassa fih, tibda tinża' mill-kuritur stess u sa ma tasal fil-kamra tal-banju tkun għerja ħuta. Tidħol u waqt li titbaxxa kemxejn u tiftaħ il-vit tal-misħun b'id waħda, tħares fil-mera ta' biswit il-banju u tara lilha-nnifisha-li-mhix-hi-għalkollox – m'hemm bżonn tirranġa xejn – b'xagħarha mberfel, imqanfed, imħarbat, inkella f'postu; b'għajnejha bozza, imbexxqin, inkella mberrħin jew imberrqin; b'wiċċha maħsul frisk, inkella le – ma kien jeħtiġilha ebda rtokk. In-natura kienet ġeneruża magħha u ma' ġisimha kollu dawra tond, minn fuq s'isfel. Saħansitra minn ġewwa. Kienet tabernaklu ambulanti. Imma l-ħsieb ma jissollevahiex. Tiddritta u terġa' tmur lura proprju mnejn ġiet, pass wara pass tiġbor u tilbes bil-lajma kollha ħwejjiġha ħaġa wara ħaġa, bħallikieku serp li flok bidel qoxortu, sempliċement neżagħha u reġa' libisha.

U tibqa' ddur u ddur mad-dar, issib il-ħitan li jagħlquha ġewwa, joffrulha l-kenn minn hemm barra, fl-għeluq tagħhom jaqtgħuha mill-beraħ enormi t'hemm barra. Minn kamra għal oħra, l-istess bibien li jinfetħu jistgħu jerġgħu

jingħalqu, l-istess fetħa li tidħol minnha tista' terġa' toħroġ minnha. Li ma kienx għax tinsab dgħajfa, indebbolita, anemika bħalissa, tista' tibqa' sejra hekk f'dal-labirint ta' ħajjitha, li tgħammar fih, li teżisti fih, għal għomorha kollu.

Issa tieqaf ħesrem u tmur tittawwal minn wara l-ħġieġ skur u *double-glazed* tat-tieqa. Kemxejn imbiegħda minn dix-xaqliba tad-dar, ftit lil hemm minn medda ta' għelieqi abbandunati u li qegħdin jimmetamorfizzaw irwieħhom f'miżbliet li għoddhom twaħħdu, tilmaħ it-triq traffikuża bil-karozzi jgħaddu veloċement. Karozzi jżiġġu mlewna, ivenvnu bħal naħal ħabrieka, 'l hawn u 'l hemm, 'l hemm u 'l hawn. Waqt li tħares lejhom ma tibqax tarahom. Ħsiebha jdur 'il ġewwa u tiftakar kliem bintha fis-sodda lbieraħ filgħaxija –

"S'kienu joqogħdu jagħmlu Rapunzel u l-Prinzep *mummy*?"

"Ħsilthom snienek ħanini?"

"S'kienu joqogħdu jagħmlu, għidli?"

"Importanti li taħsel snienek, la jitilgħu l-ġodda ..."

"Jaqaw si ħaza tal-kbar?"

"Ejja ejja, trid torqod għax għada trid tqum kmieni għall-iskola."

"L-iskola ma togħzobnis."

"Imma għandek bżonnha."

"Imma jien irrid noqgħod hawn nara t-televizin."

"Rajt biżżejjed televixin binti."

"Għaliex jeżistu s-Saħħara u l-Fatatina *mummy*?"

"Għax fil-ħajja hawn nies ħżiena u nies tajbin."

"Imma min jagħmel il-ħażin x'gost jieħu?"

"Tassew, x'gost jieħu?"

"Ma tafs? U min jagħmel it-tajjeb?"

"Mmmm ... Mhux aħjar toqgħod taħseb fis-Sbejħa Rieqda, binti? U tagħmel bħalha, jiġifieri torqod?"

"Għidli storja int!"

"Għajjiena binti u għandek bżonn torqod issa."

"Għidli ta' Bajda Silz u s-Seba' Nani; jew ta' Sindirella, Barnuża Ħamra, jew Nokkla Safra!"

"Kollha għidthomlok kemm-il darba binti."

"Mela għidli ta' Rapunzel ... x'kien jitla' jagħmel hemm il-Prinzep?"

"Uffff! Ħa ... tfejtlek id-dawl, irranġajtlek il-friex biex ma tħossx bard, u issa

ngħidu talba lill-Bambin biex nirringrazzjawh tal-jum sabiħ li tak ... Grazzi tal-*Mummy*, tad-*Daddy*, tan-Nanna Luċija, tat-*toys* ...”

“U t-televizin!”

“U t-televixin ...”

“U l-pupi ...”

“*Okay*. Daqshekk. *Good night*, ħanini. *Sweet dreams* u *sleep tight*.”

U ħarġet fuq ponot subgħajha mill-kamra miżbugħa lelà b’ħafna għamara u ħwejjeġ roża. Anzi ma semmitlix lis-Sbejħa u l-Mostru llejla; u ma saqsitnix għaliex il-bniet kollha sbieħ, żnelli u ffortunati fil-ħrejjef. Oġġetti mixtieqa. Kollha *Barbie girls*.

Bħali ... u mhux bħali, taħseb issa. Toħroġ mis-salott, taqsam il-kuritur u tidħol fil-kamra tal-pranzu u timxi lejn it-tieqa li tagħti għan-naħa l-oħra tad-dar, jew aħjar tal-villa. Tħares ’il barra lejn id-direzzjoni li fiha hemm, għalkemm ftit li xejn jidher minn hawnhekk, iċ-ċimiterju. Billejl aktarx jidher, jew tistħajlu jidher aktar – b’dawk ix-xemgħat inemnmu ħamranin. Meta toqgħod tħares ’l hemm bħal donnha tħoss is-sliem jissawwab fuq qalbha. L-aktar li tħobb tħares minn dit-tieqa, fil-fatt, forsi għalhekk. U tirrifletti dwar dik ir-raqda fit-tul. Raqda bla ħolm. La l-ewwel ħolma, la t-tieni u lanqas it-tielet f’dak il-lejl dejjiemi. Raqda profonda. Bla teptip ta’ għotjien l-għajnejn. Bla interpretazzjoni tal-ħolm. Bla taqlib fis-sodda. Raqda waħda dejjiema. Bix-xemgħat iteptpu bla ma tarahom, imma jwennsuha xorta waħda għax taf, jew mingħaliha li taf, li qegħdin hemm. Qisha verżjoni oħra ta’ “*Jeanie’s afraid of the dark*”.

Wara xi nofs siegħa tħares fiss fid-direzzjoni ta’ dik l-għalqa tal-mejtin imbiegħda, għarfet li aħjar tmur fil-kċina biex tibda tħejji xi ħaġa tal-ikel. Minkejja li kellha l-istonku mitbuq. Mhux għaliha. Imma għal bintha ċ-ċkejkna u għal żewġha, jekk jitfaċċa.

Qabel bdiet taħseb x’se tipprepara ħarset ’il barra mit-tieqa tal-kċina lejn in-naħa ta’ wara tal-post, lejn il-ġnien, u l-pixxina battala bil-weraq mejjet safrani fiha. Il-ġnien ifakkarha fl-Eden. Dejjem ifakkarha fl-Eden dal-ġnien. Dal-ġnien ‘tagħha’ mimli ħaxix ħażin.

L-effett tal-*Menstridol* suppost li jtul aktar sa ma jasal il-waqt li tieħu dik li jmiss, taħseb. Mur emmen ir-reklami! Qiegħda terġa’ tħoss dak l-uġigħ li jibda rqiq irqiq u jżid u jżid jitqawwa u jitqawwa sa ma jsir uġigħ oħxon, u jeħxien tant li tħossha tqila bih, trid teħles u ma tistax, bħal vulkan li jrid jiżbroffa u jarmi

l-magma tikwi mdewba 'l bogħod minnu kemm possibbli, il-lava ħamranija mixgħula tnixxi minn bejn il-blatiet sammi tal-madwar.

Tiskanta kif aktar kmieni neżgħet kollox u ma rat xejn. Jew ma kinitx qiegħda tara? Il-Carefree hemm kien għadha? Tiċċekkja u tagħraf li aħjar tmur fil-kamra tal-banju titnaddaf u tibdilha.

Hekk kif qorbot lejn il-kamra tal-banju semgħet bħal nixxiegħa ta' ilma jgelgel, rat l-istess ilma jżid ikabbar l-għadira li kien hemm tirradja 'l barra mill-bieb tal-kamra tal-banju għal ġol-kuritur. Ftakret li aktar kmieni ma kinitx għalqet il-vit.

Neżgħet ħafja u ħasset momentarjament dak l-ilma fietel jaħjiha. Ċafalset lejn il-vit tal-banju u għalqitu. Bil-ħwejjeġ b'kollox kif kienet daħlet fil-banju mfawwar bil-misħun u xerrdet b'kemm għandu volum ġisimha 'l barra minnu. *Qisni Arkimede*, tbissmet qares, u sorpriża li għadha tokkupa spazju. *L-affarijiet iridu jfawru*, ħasbet. *Vulkan irid jiżbroffa*, ħasbet. Dak li jinġema' jrid joħroġ minn xi mkien, f'xi ħin jew ieħor, semgħet lilha nnifisha tgħid minn taħt l-ilsien. Għodsot taħt l-ilma biex issikket lil fommha u ttarrax lil widnejha. Imma widnejha bdew jisimgħu l-ilma jtextex ma' tnabarhom u minn ġewwa semgħet jirbombja t-taħbit ta' qalbha tħabbat, ħamsa u sebgħin darba fil-minuta, u nifisha beda jinqatgħalha u bi sforz qawwi minkejja l-ħedla li kienet qiegħda taħkimha ulzat lilha nnifisha fuq minkbejha ma' ġnub il-banju u ntrefgħet 'il barra mill-ilma qisha balena bla ma hi balena.

Wieqfa kif kienet, imxarrba għasra, neħħiet ħwejjiġha għal darb'oħra, ħarġet mill-banju u marret dritt lejn l-istudju ta' żewġha ... u tagħha wkoll, imma l-aktar tiegħu. Hemm inxteħtet fuq il-pulturna lussuża tal-ġild tħares lejn il-ħajt miżgħud bil-gwarniċi bil-Grad u bid-Diplomi u biċ-Ċertifikati ta' tabib li kellu hu, u lejn il-gwarniċ immejjel bil-Grad ta' Baċellerat fl-Istorja li kellha hi, grad li baqgħet qatt ma għamlet użu prattiku minnu għaliex grazzi għan-*numerus clausus* baqgħet ma ngħatatx l-opportunità li tagħmel il-kors fil-pedagoġija biex issir għalliema u laħaq tfaċċa HU f'ħajjitha u nkarmet għal warajh u inkulkalha f'moħħha li bħala martu u omm uliedhom għad tkun kuntenta, tgħix ħajja ta' prinċipessa, b'kollox ipprovdut għaliha u għal uliedhom, kemm tagħfas is-swiċis u l-buttuni u xxejjer idejha bħar-reġina u r-rieda tagħha tkun imwettqa. Imwettqa ... l-istorja minuskola tagħha fl-Istorja l-Kbira.

U li tkun qisha Rapunzel imsakkra fit-torri ma qalilhiex. U li mhux ix-xagħar tan-nisa kollha jitwal f'malju twil biżżejjed biex ikun ilaħħaq mill-quċċata tat-torri sal-art sabiex il-prinċep ikun jista' jixxabbat miegħu u jitla' jwennisha, jew saħansitra jsalvaha, lanqas ma qalilha. Bħalma lanqas ma qalilha li anke jekk kieku biss xagħarha b'xi mod kellu jitwal skont it-tul meħtieġ għal dan, il-prinċep kellu mnejn ma jkollux iċ-ċans jasal wasla sat-torri.

Ikun imħabbat idur biex jara l-pazjenti.

Ikun imħabbat jara l-pazjenti.

Ikun imħabbat jilqa' l-pazjenti.

Ikun imħabbat ifejjaq u jdewwi 'l-pazjenti.

Ikun imħabbat jistudja u jmur għal-laqgħat biex jissokta jieħu ħsieb aħjar saħħet il-pazjenti.

U fil-frattemp martu tikkrepa impazjenti. Tegħreq fil-ġid. Il-bastiment tal-karriera medika tiegħu qiegħed dejjem aktar jaqta' 'l quddiem, waqt li l-wejla msejkna tagħha qiegħda dejjem taqa' lura, kemm kemm miżmuma 'l fuq minn wiċċ l-ilma, biex magħha ma tegħriqx hi, u għax għandha fl-istess dgħajsa lil bintha ċ-ċkejkna u tant għażiża li sabet ruħha fl-istess dgħajsa u fl-istess baħar u għadha ma tafx liema art tista' tqabbadha.

Tiġbed nifs qawwi 'l ġewwa. Tqum tixxengel fuq saqajha. Tħares lejn l-uniku gwarniċ imdendel skuntrat tagħha, u bla ma tindenja ruħha tirranġah, tibda ħierġa ... u tilmaħ fuq l-iskrivanija ta' żewġha gwarniċ ieħor iżgħar imwaqqaf imma ħarira mxaqleb juri ritratt tagħha miegħu u b'binthom daħqana ferriħija innoċenti bla snien ta' quddiem bejniethom. B'rasha baxxuta tmur lejn kamritha. Tiġbed il-kwilt bil-herra minn fuq is-sodda, tixxotta biha u tixħetha gozz mal-art. Tgħaffiġha taħt saqajha. Tmur lejn il-gradenza u tagħżel *panty*, bra, *twinset* abjad u dublett blu skur, it-*tights* lewn il-laħam u par żarbun sensibbli. Tilbishom bil-kalma kollha, u b'pass tqil terħilha għal fuq nett tad-dar, għal fuq it-turretta ...

# Daħna

Sandra Hili Vassallo

"Ejja binti, tgezzez miegħi. Qegħdin 'il bogħod, mhu se jagħmlulna xejn. 'Il bogħod ara qegħdin, mhux se jersqu 'l hawn. In-naħa l-oħra tar-raħal ... Haw' 'il bogħod."

It-tifla titrekken ma' ommha kemm tista', titgeżwer fil-libsa tagħha, idejha madwar żaqq ommha. Ma jwasslux dirgħajha, għax żgħar, u żaqq ommha qed tikber. Xi kultant anke xi daqqa ta' sieq 'l hawn u 'l hemm qed tħoss.

"Qed jilgħab il-futbol Karim, mamà , qed inħossu jagħti bis-sieq".

"Tista' tkun Marjam li qed tilgħab il-futbol, Salima, ma nafux għadna ... ma nafux. Tifel qed jgħiduli ta ..."

Salima titbissem tbissima nervuża u ferħana li jitbissmu t-tfal meta jisimgħu ħsejjes kbar ġejjin mis-sema, ħsejjes li ma jifhmux, li jġiegħlu lil qalbhom tħabbat sitta sitta u jġegħluhom jirtogħdu bil-biża'. U fl-istess ħin iħossu lil ħuhom jilgħab il-futbol fi djul ommhom.

L-omm tagħrax lil Salima f'qaddha u t-tifla tinfaqa' tidħaq daħqa li tinbidel f'sulluzzu li bil-mod il-mod jinbidel fi nħir ċkejken baxx baxx.

Ir-riħa tal-kubrit għadha ma xterditx, għadha mdendla fuqhom bhal ċpar fuq ċimiterju fl-istampi tal-kotba tal-biża'. Jekk ma tqumx naqra żiffa, did-daħna griża hemm se tibqa'. Meta tgħaddi, Ażiża beħsiebha tqum tbexxaq naqra t-twieqi u forsi anke tixref il-bieb ta' barra.

Setgħet tinduna li barra għad hemm in-nies miġburin. Għadhom ma tferxux, bħad-daħna. Tgħid tissogra toħroġ tittawwal ftit ? M'għandhiex aptit tiċċaqlaq u jdejn bintha madwar qaddha u l-plejer tal-futbol medhi jittrennja huma biżżejjed għaliha għalissa.

Xi darba trid taħseb biex tmur tixtri l-ikel u l-bżonnijiet ta' kuljum, xi darba trid tipprova tieħu t-tifla l-iskola, xi darba trid terġa' tibda tgħix.

Ġimgħa qabel li għeb żewġha kien inkiser il-flixkun tal-ħall li kien parti minn sett ta' żewġ fliexken tal-ħġieġ ċatti minn naħa u mżaqqin min-naħa l-oħra iserrħu dahar ma' dahar. Kien ġabhomlha kuġinuha mill-Amerka fejn kellu restorant żgħir. Il-flixkun il-farradi deher stramb waħdu wieqaf m'għandux ma' xiex iserraħ.

Iġibilha ieħor kuġinuha, tgħid? Tgħid jerġa' jiġi lura żewġha? Tgħid il-ħmir il-lejl li jduru għaliha malli tagħlaq għajnejha kull filgħaxija għadhom iżuru lil bintha wkoll? Taħt kemm-il saff jintrodmu l-memorji l-koroh?

Il-plejer tal-futbol għadu qiegħed fil-għama u fl-irdoss, ma jafx bi fliexken imkissra jew bi ħsejjes kbar qishom bombi jiegħdu l-art. Qiegħed fil-kwiet ta' baħar kalm, imwennes, bla mewġ, bla biża', bla mewt.

Ażiża titħarrek u tipprova tqum. Għandha aptit tibki, għandha aptit tintefa' f'rokna tolfoq. Għandha aptit tiftaħ it-tieqa. Tiżżerżaq minn fuq is-sodda, tħoll idejn Salima minn ma' qaddha u timxi titbandal lejn it-tieqa u tbexxaq il-purtelli. Id-daħna ta' kubrit donnha għaddiet u l-bombi donnhom waqfu. Jidhru anke l-kwiekeb kważi kif kienu jidhru minn fuq it-torba tal-bejt ta' darha żmien żmien ilu.

Rat ukoll illi n-nies issa naqsu u l-ftit li għad baqa' qajla qed jagħtu kasha tittawwal mit-tieqa. Il-festa għaddiet, il-marċ spiċċa u l-bandisti nbelgħu fil-każin. Il-knisja ntfiet, il-qniepen siekta, il-bibien magħluqa. Il-qaddis għall-irdoss jistordi bl-irwejjaħ tal-fjuri tal-bukketti.

U l-bombi kienu waqfu sa sena oħra meta jerġgħu jibdew telgħin waħda waħda mill-għalqa tas-Sulli.

# It-Tifel li Baqa' Rieqed

Joe Axiaq

*Fl-2015, Alan Kurdi, tifel ta' tliet snin spiċċa mkaxkar mal-mewġ fuq xtajta fit-Turkija, qisu rieqed. Alan, ħuh u ommu mietu fl-aħħar attentat iddisprat biex jaslu fejn il-qraba tagħhom fil-Kanada. Alan twieled fis-Sirja meta diġà kienet bdiet il-gwerra. Missieru biss baqa' ħaj meta l-familja ħarbet fuq dgħajsa wara li kien irrappurtat li l-applikazzjoni tagħhom għal refuġju ma kinitx aċċettata.*

1.
It-tifel li raqad fuq ir-ramel
ma qamx mal-bews tal-mewġ
jaħsillu wiċċu
max-xemx ta' filgħodu
tidħaq lill-imqajmin;
baqa' rieqed joħlom il-ħolma
ta' meta jikber u jikkarga azzarin,
sakemm ġew l-anġli
u ħaduh fuq dgħajsa 'l bogħod
fejn isalvaw l-imgħarrqin.

2.
It-tifel li daħal mal-mewġ
baqa' rieqed fuq ir-ramel
jistenna 'l ħuh, lil ommu
jaslu mal-mewġ
tal-mitlufin.
U ħolom li tilef triqtu
u qiegħed f'bieb il-ġenna
jilqgħuh hemm ħuh u ommu
mal-Madonna u l-Bambin.

# Throwback

Naomi Mercieca

Il-passaġġ dejjaq tal-konkrit ċangaturi ċangaturi, sħun wara nofstanhar jitmattar u jistrieħ fix-xemx ta' Settembru, kien jinħass aħrax taħt saqajha ħafjin. Għaddiet bil-lajma minn fuqu, iċċaqlaq s-swaba' ta' saqajha u tosserva t-tmewwiġ tal-muskoli u l-għadam taħt il-ġilda samra bil-marki bojod wara sajf mixi bis-sandli ċ-ċatt, tiddawwar biex tmidd pass u tittama għal miraklu bħal ta' Ġożwè.

Tefgħet idha fuq il-manku tal-plastik iswed u dawritu bil-mod, għax kien maħlul u minn dawk il-malizzjużi, imbuttat il-bieb u rifset l-għatba għolja tal-maħżen f'tarf il-ġnien. Nifs twil 'il ġewwa, għax anke f'nofs Awwissu meta l-fliexken ikunu nixfu qoxqox u l-għeneb ikun għadu fuq id-dielja, hemm ġew kien ikun hemm riħa ferrieħa ta' nbid. Id-damiġġjani ħodor tan-nannu, ilellxu mill-aħjar li jistgħu taħt kisja fina trab fid-dawl tax-xemx dieħel miż-żewġt itwieqi, hemm kienu, ringiela pulita madwar l-erba' ħitan u tnejn oħra f'nofs il-maħżen. Is-serpentini llum kienu siekta, u l-ixkora taz-zokkor fil-kantuniera kienet għadha ma ntmessitx. Daret madwar il-maħżen, pass wara l-ieħor fuq l-art umda u mħattba, tfittex il-fliexken tas-San Pellegrino fil-kaxxi tal-injam bħal dari, għax dawk il-fliexken bl-istilla bbuzzata 'l barra minn dejjem kienu l-favoriti tagħha.

Tat l-aħħar ħarsa madwarha mill-bieb miżbugħ kafellatte biż-żebgħa tal-enamel, qabel ma toħroġ minn hemm. Din id-darba taf li din l-aħħar titwila,

l-aħħar tislima, lit-tfulija riħa ta' kafè u ħwawar imberbqa taħt il-friegħi tal-lariġ u tat-tin fil-ġnien kenni tan-nanna. L-aħħar paġna tal-ktieb li ntemm mhux ħesrem bħal fl-istejjer, imma f'ħafna mumenti ċari kristall u friski bħall-bieraħ: l-aħbar bejn taħbita u oħra tal-mewġ mal-blat tax-Xlendi li n-nanna ma fadlilhiex, iċ-ċokon tal-kuġina l-ġdida fit-tarf l-ieħor tal-isptar, il-vojt li ħasset meta ntebħet li m'għadhiex temmen b'Eva u Adam, it-titwila lil nannitha qabel ma tmur lura d-dar li f'daqqa beżgħet li tkun l-aħħar waħda. U ftit jiem wara fil-klassi meta l-Assistent Prinċipal ġiet għaliha u qabel ma lissnitilha kelma f'qalbha kienet ġa taf.

Dak is-sajf, l-aħħar sajf ta' nannitha, tlett ijiem ġol-isptar u tlieta oħra d-dar, għaddejjin għalenija mill-bibien griżi tqal sa ma jaslu fil-kamra bit-tieqa għal fuq il-bitħa bis-siġar tal-lariġ, kienet saret mara. Iż-żmien imqassam bejn iż-żaqżiqa tal-kexxun tal-pożati u t-tokki tal-qniepen tal-knisja, u mfisser bil-pass qabbieżi ta' tifla fjakka twarrab il-pupi u tidħol 'il ġewwa tfittex il-ħobż biż-żejt u ż-żebbuġ, u l-kantun *cheddar* li n-nanna kienet titilqilha f'qiegħ il-platt tal-pizzi, kienet taf li kienet ħallietu warajha għal dejjem. U għada, meta jiġi z-ziju bit-trakk, jiftaħ il-bieb tal-maħżen beraħ u joħroġ id-damiġġjani u s-serpentini u z-zokkor, u l-fliexken bl-istilla fil-kaxxi tal-injam, sa ma l-kisja trab titfarfar u tinżel fl-art qed tinxef fl-aħħar, il-ktieb li ntemm tkun qed tagħlqu u twarrbu.

Ħarġet u ntasbet bilqiegħda fuq it-tarġa tal-maħżen fix-xemx. Kien hemm brimba qed tinseġ storja oħra bejn il-weraq imxebilka tar-rampili tan-nanna, u purċissjoni nemel medhija biż-żahar niexef tal-lariġ li waqa' fuq il-passaġġ tal-konkrit. Kellha aptit tqum tikinsu, imma għaddielha. Minn hawn setgħet tisma' t-tokki tal-arloġġ tal-pendlu t-twil taħt it-taraġ fl-intrata. Dak ukoll sejjer għada maz-ziju. Id-dar ħa jbattluha għalkollox minn dak li ħalliet warajha n-nanna, u taf li dak li jibqa' abbli jintefa' 'l barra jgawdi l-kurżità tal-ġirien sa ma jittieħed u jindifen jew jinħaraq jew x'jagħmlu bil-fdalijiet skartati tan-nies.

Imma llum, għad fadlilha llum. Għad fadlilha ħin u x'tagħmel. Sejra xxomm il-lożor nodfa jfewħu gwardarobba, se tiftaħ il-kexxun tal-pożati għax trid tisimgħu jżaqżaq, u l-pupi, dawk se teħodhom magħha. Ix-xemx għadha għolja mhux ħażin, u l-ktieb għamlet f'moħħha li tqegħedlu l-ward bejn il-paġni qabel ma tagħlqu u twarrbu.

# Il-Kitbiet Akkademiċi

# L-Onomastika Letterarja

Kit Azzopardi

*Not only can the name be found in all things,*
*but all things are concentrated within the name.*
(Peters Hasty 255)

## Introduzzjoni

L-onomastika hija l-istudju tat-tismija u tista' sservi ta' għodda kritika sabiex jiġu analizzati r-relazzjonijiet ta' ħkim f'test letterarju, billi l-għoti ta' isem lil xi ħadd jaf jindika relazzjoni ta' ħakma fuq min qed jingħata l-isem. B'danankollu, minkejja s-siwi tal-onomastika għal-letteratura bħala għodda kritika, fuq livell popolari din il-fergħa ta' studju hija magħrufa l-aktar fl-oqsma tas-soċjoloġija u l-antropoloġija, l-istorja, u l-lingwistika.

L-onomastika tinferaq f'għadd ta' friegħi oħra skont it-tip ta' ismijiet analizzati u l-għan li għalihom ikunu analizzati, ngħidu aħna, l-antroponimastika (l-istudju tal-ismijiet tan-nies), it-toponomastika (l-istudju tal-ismijiet tal-postijiet), u l-markjonimastika (l-istudju tal-ismijiet tal-prodotti). Lokalment insibu għadd ta' studji fi wħud minn dawn l-oqsma, fosthom minn Joseph Brincat, Mario Cassar, u Godfrey Wettinger.

Min-naħa l-oħra, il-volum ta' kitbiet lokali dwar l-onomastika letterarja jidher li huwa iżgħar, b'xi sezzjonijiet f'teżijiet tal-Malti ddedikati lil dan il-qasam. Ngħidu aħna, Emanuel Psaila jittratta l-aptronimi, il-laqmijiet, u l-ismijiet ta' xi postijiet f'teżi li tistħarreġ il-kitbiet ta' Ellul Mercer (50-87), filwaqt li Clifford Jo Żahra jagħti ħarsa lejn l-ismijiet fil-kitbiet ta' Juann Mamo (118). Imbagħad, fit-teżi tiegħi dwar il-poeżiji ta' Norbert Bugeja, li minnha ħarġet din il-kitba,

hemm żewġ sezzjonijiet: waħda dwar l-onomastika (Azzopardi 280-303), u oħra dwar it-toponomastika (190-96). Imma l-aktar xogħol komprensiv dwar dan il-qasam probabbli huwa pubblikazzjoni ta' Bernard Micallef li tiffoka fuq l-ismijiet u l-laqmijiet f'*Newbiet*, ġabra ta' novelli ta' Frans Sammut. Dawn l-eżempji huma biss każijiet iżolati fil-kritika letterarja lokali, u ma jidhirx li sar studju fit-tul fuq l-onomastika letterarja (Cassar, laqgħa personali), wisq anqas li nistgħu nitkellmu dwar tradizzjoni kritika.

Anke lil hinn minn xtutna, l-onomastika letterarja hija anqas mifruxa minn dik ġenerali. Dan ma jfissirx li ma nsibux għadd ta' ġurnali b'ħarġiet speċjali ddedikati lil dan il-qasam, anzi, insibu wkoll ġurnal akkademiku ffukat fuqu – *The Journal of Literary Onomastics* (Jurasinski). Ifisser biss li dan il-qasam huwa anqas popolari, bit-tendenza aktar tkun favur *case studies* li jiffukaw fuq kitba, awtur, jew letteratura partikolari, aktar milli diskors dwar l-onomastika fiha nnifisha. Din il-kitba hija l-attentat tiegħi sabiex nippreżenta l-każ favur applikazzjoni usa' tal-onomastika letterarja. Fiha nibda billi nħares lejn xi punti li ġew diskussi s'issa fit-tradizzjoni kritika, u lejn kif din ħarset lejn l-isem bħala astrazzjoni. Wara ngħaddi għal xi osservazzjonijiet dwar l-analiżi ta' isem fil-letteratura, speċifikament dwar l-ismijiet tan-nies u tal-postijiet.

## Ħarsa kritika

Filwaqt li ħafna studjużi jinqdew bl-onomastika bħala għodda kritika, hemm oħrajn li jipproblemattizzawha meta jgħidu li l-ismijiet huma nieqsa minn tifsir partikolari. John Stuart Mill, ħassieb tal-ewwel nofs tas-seklu dsatax, ippreżenta dan l-argument:

> *Proper names are not connotative: they denote the individuals who are called by them; but they do not indicate or imply any attributes as belonging to those individuals.* (21)

Filwaqt li dan jista' jkun minnu fir-realtà (imma anke din diskutibbli), kliem Mill ma jgħoddx wisq għal testi letterarji. Infatti, fil-letteratura spiss niltaqgħu ma' aptronimi, jiġifieri ismijiet li jirriflettu l-karatteristiċi tas-sidien tagħhom (Cassar, *Surnames* 588). Kważi seklu wara u b'kuntrast ma' Mill, it-teologu u ħassieb

Pavel Florensky iddeskriva l-isem bħala "*a category of personal knowledge*" b'bażi ontoloġika, u bħala *prop* metafiżiku (ikkwotat fi Fliedl, 157), u dan jidher li huwa l-fil tal-kritika li qed tinkiteb riċentament.

Michel Grimaud josserva kif infittxu li "nimmarkaw" l-ismijiet minn kelmiet oħra proprju għax huma mgħobbija b'ħafna tifsir. Dan l-immarkar isir kemm viżwalment, bil-kapitalizzazzjoni, kif ukoll b'mezzi grammatikali (889). Grimaud iżid jgħid li l-onomastika hija "*a branch of poetics which is particularly useful in discussing the theory of interpretation*" minħabba:

i. in-numru relattivament żgħir ta' ismijiet proprji f'test;
ii. il-kumplessità tagħhom; u
iii. l-impatt letterarju u soċjoekonomiku tagħhom. (Grimaud 888)

Din id-definizzjoni tidentifika 'l-onomastika bħala għodda utli ta' analiżi tar-riverberazzjoni ta' test letterarju, jiġifieri tad-diwi tat-tifsir ta' test. Permezz tal-onomastika titqiegħed fil-prattika l-idea, li ħafna drabi titħalla biss fuq livell ta' astrazzjoni, li kull dettall f'xogħol tal-arti huwa importanti (Grimaud 910). Dan ma jfissirx li l-onomastika hija għodda ħafifa sabiex tużaha; xi eki ta' isem jafu jkunu diffiċli tintraċċahom għax id-distanzi ġeografiċi u l-ostakli temporali jagħmlu test anqas aċċessibbli (Cholakian 216).

Fil-miti kożmogoniċi, imbagħad, niltaqgħu mal-*leitmotif* tal-isem bħala għodda ta' ħkim (Fliedl 160), ngħidu aħna, meta Alla jagħti isem lil kull ħaġa eżistenti u meta Adam jagħti isem lill-annimali (*Bibbja Saydon*, Ġen. 2.20).[1] Anke fil-kulturi tal-Babilonja u tal-Eġittu tal-Qedem, it-tismija tingħata importanza partikolari fil-kożmogonija (Cholakian 226). Cholakian josserva li min jagħti l-isem ikun qed jidħol f'relazzjoni ta' poter ma' min jingħata l-isem (225), filwaqt li Fliedl jgħid li f'xi soċjetajiet huwa l-jum li fih individwu jingħata isem li jiġi ċċelebrat, u mhux il-jum tat-twelid tiegħu (161-2). Is-sens ta' kult u ta' kontroll marbut ma' isem joħroġ ukoll f'xi kummenti tal-psikanalistsa Otto Fenichel, li jirreferi għat-twemmin maġiku tal-qedem li min jaħkem isem (is-*signifiant*) jaħkem l-oġġett (is-*signifié*): "*one can master what one can name*" (41). Fenichel jispjega kif ir-razzjonal ta' wara din id-dikjarazzjoni huwa

1 Fliedl jagħmel referenza għal din il-pubblikazzjoni: Ramsey, George W. "Is name giving an art of domination in Genesis 2:23 and elsewhere?" Catholic Biblical Quarterly 50.1 (1988): 24-35. Stampat. F'din il-ktiba Ramsey jargumenta li l-att tat-tismija huwa att ta' dixxerniment aktar milli ta' dominanza.

li permezz tal-ismijiet għall-affarijiet ta' madwaru, l-ego jkun armat aħjar sabiex jikkontrolla d-dinja ta' barra.

Miti, simboliżmi, u ritwali bħal dawn ġew esplorati wkoll mis-soċjologi u l-antropologi, li jħarsu lejn l-ismijiet bħala punt ta' intersezzjoni bejn l-aspett soċjali u dak reliġjuż, u bħala mezz ta' identifikazzjoni: "*Names of persons, like names of groups and places, are used in all known societies to define a group's identity, while also demarking its otherness, i.e. the boundary separating it from other groups*" ("Names and naming"). Minħabba l-validità ta' dawn l-osservazzjonijiet, ħarsa kritika lejn l-onomasika letterarja tkun ħafna ifqar jekk ma tislifx ukoll mill-għarfien soċjoloġiku u antropoloġiku, storiku, u lingwistiku.

## L-isem bħala astrazzjoni

L-ismijiet iservu wkoll bħala astrazzjoni ta' affarijiet konkreti; infatti Fliedl josserva li l-ismijiet huma "*abbreviations into which innumerable contexts are condensed*" (155). Is-sens ta' astrazzjoni ta' isem probabbli jista' jiġi eżemplifikat l-aħjar bl-att tal-iffirmar, li Jacques Derrida jiddeskrivih bħala "*the action of someone who is not satisfied just to write his own name but undertakes to prove that he is the one who is writing: here is my name, I am referring to myself"* (ikkwotat fi Fliedl 162).[2] Michael Zammit josserva wkoll li l-att ta' ffirmar huwa sintomu tal-Jien, li mat-twelid tal-individwalità beda jitqiegħed l-ewwel u qabel kollox.

Diskors dwar l-isem bħala astrazzjoni ta' dak li jirrappreżenta niltaqgħu miegħu fl-assoċjazzjoni tal-isem ma' qawwiet sopranaturali, diskors li b'danakollu ma jipprekludix il-qawwa li isem għandu fuq id-dinja fiżika (Peters Hasty 246). Infatti, Peters Hasty tgħid li "*a name ... also creates the very source of its bearer"* (246). Għalhekk, l-isem jidħol f'relazzjoni metonimika li fiha s-sinjal (grafiku jew imlissen) joqgħod flok il-ħaġa nnifisha, filwaqt li jiddenota aspetti soċjali u kulturali (Fliedl 161). Din ir-relazzjoni tista' tiġi estiża għall-aspetti fiżiċi fil-persuna kif ukoll għat-temperamenti tagħha. B'hekk jinħolqu projezzjonijiet bejn l-isem (is-*source domain*) u r-referent tiegħu (it-*target domain*).[3] Dawn jistgħu jkunu wkoll ambigwi, minħabba li l-isem bħala astrazzjoni faċilment jiġi assoċjat ma' multipliċità ta' konnotazzjonijiet, u mhux biss ma' dak li jiddenota.

2 Fliedl jagħmel referenza għal din il-pubblikazzjoni: Derrida, Jacques. Signéponge. Pariġi: dar tal-pubblikazzjoni mhix magħrufa, 1988. Stampat. Paġni 46-7.

3 Dwar it-terminoloġija tal-metafora adottata hawnhekk, ara Lakoff 206.

## L-isem fil-letteratura

Minn ħarsa ġenerali lejn xi diskorsi dwar l-isem, nistgħu ngħaddu għal ħarsa lejn diskorsi dwar l-isem kif użat fil-letteratura. Mary Campbell-Sposito tosserva li fir-rumanz *Le Chiendent* isem il-karattru ewlieni, Etienne, ma jgħinx sabiex jiddistingwih mill-bqija tad-dinja tal-oġġetti, inklużi dawk fiżiċi. Dan minħabba li:

> *Not only does he remain nameless for more than ten per cent of the book, his name is associated with a street in Paris as well as a metro stop. That he has been named has still done nothing to free him from the world of objects. (725)*

Din l-osservazzjoni twassalna għal punt ieħor: la kull oġġett għandu isem (imqar jekk nom komuni), isem proprju f'test letterarju ma jiksibx sens ulterjuri minn nomi oħra sakemm ma jsirx riinvestiment fih, ħaġa li tista' ssir b'kull kelma oħra f'test. B'riinvestiment, isem f'test letterarju jista' jintuża wkoll bħala għodda ta' defamiljarizzazzjoni u karatterizzazzjoni. Id-devjazzjoni li tikkontribwixxi għal dawn tista' tkun sovversiva billi xi karattri:

i. ikollhom aktar minn isem wieħed;
ii. ma jkunux jafu l-isem ta' min diġà għandhom relazzjoni stabbilita miegħu;
iii. ikunu ekwivoki, ngħidu aħna, raġel ikollu isem mara u viċi versa. (Campbell-Sposito 724)

F'dan is-sens l-isem, permezz tas-semantika, jista' joħloq sens ta' misteru minflok jagħti ċerta stabbiltà lill-karattri (Campbell-Sposito 727).

Dan id-diskors jidwi d-diskors dwar it-testwalizzazzjoni, teknika ta' *un-naming* li jiddeskrivi Cholakian: "*The textualization technique has to do with the way in which ... names are literalized, made precisely into definable objects and therefore subordinated to the defining subject*" (219). Anke dan il-punt jista' jintrabat ma' diskors dwar qawwiet spiritwali:

> *If one accepts the notion that naming is a divine, life-giving power, then the processes of un-naming as I have identified them here are tantamount to onomastic annihilation. Textual absorption (death) of the Other makes possible textual space (life) for the Self.* (Cholakian 222)

Id-diżonomizzazzjoni[4] tkompli tikkonferma s-sinifikat tal-isem innifsu, anke jekk dan isir bi proċess kuntrarju għall-għoti ta' isem. Tip ta' diżonomizzazzjoni li jidentifika Chokalian huwa t-testwalizzazzjoni, jiġifieri d-deumanizzazzjoni u t-tnaqqis tat-theddida mill-ieħor billi l-isem jiġi applikat b'mod litterali (219). Tip ieħor ta' diżonomizzazzjoni huwa l-kollettivizzazzjoni, fejn is-singulari huwa assorbit fil-kollettiv, b'subordinazzjoni ta' dak li huwa speċifiku għal dak li huwa ġenerali (217). Din tal-aħħar titħaddem ukoll f'każ ta' vittimizzazzjoni li ma ssirx fuq karattru individwali, imma fuq grupp ta' karattri.

B'kuntrast mat-teknika tat-testwalizzazzjoni ta' isem, hemm kelmiet ta' kuljum li jieħdu fuqhom tifsiriet speċjali, ngħidu aħna, permezz tal-kapitalizzazzjoni (l-antonomasja). F'dan il-kuntest Fliedl josserva kif l-imħabba tista' tkun forza ta' kreattività fit-tismija minħabba li tagħti rwol ta' nom proprju jew ta' laqam lil ħafna kliem komuni. Infatti, fil-Malti nsibu għadd ta' laqmijiet affettivi bħal "qalbi," "qabbinu," u "ħanini," u li ġieli nikkapitalizzawhom għax għalina jkunu qed jirreferu għal individwu. B'danakollu, Fliedl josserva li ħafna awturi joqogħdu lura milli jivvintaw ismijiet ġodda u li "*[n]ames in fiction are startingly non-fictive*" (159).

L-implikazzjonijiet differenti ta' isem jidwu s-siwi li għandu isem għal kulti u kulturi differenti. Filwaqt li Mill jgħid li l-ismijiet proprji jiddenotaw il-persuni li jkunu qed jirreferu għalihom (21), François Rigolot iressaq argument oppost u jgħid li għalkemm dan huwa minnu fit-taħdit ta' kuljum, f'testi letterarji l-ismijiet jistgħu jiksbu l-istess irwol bħal kliem ieħor fit-test: "*the referent's importance gives way to the privileged relation between phonic and semantic representations*" (ikkwotat fi Grimaud 892).[5] F'dan is-sens l-isem jikseb ħajja għalih u jkun "rimotivat" billi "*[b]eing a part of the 'literariness' of the text, the proper name appears to be in search of a phonic or morphologic 'remotivation' which has often nothing to do with its appellative origin*" (Rigolot, ikkwotat fi Grimaud 892). Huwa dan il-potenzjal ta' rimotivazzjoni ta' isem f'test li fl-opinjoni tiegħi l-aktar li huwa poetikament fertili.

Roland Barthes jirreferi għar-riinvestiment bħala "*hypersemanticité*" (ikkwotat f'Bold 282), filwaqt li Stephen Bold jispjegah bħala "*a new and potentially infinite fullness*" (282). L-idea ta' rimotivazzjoni (jew ta' riinvestiment, riverberazzjoni)

4 Traduzzjoni għal *un-naming*, fuq suġġeriment ta' Cassar f'laqgħa personali.

5 Trad. minn Grimaud stess. Il-kwotazzjoni oriġinali meħuda minn: Rigolot, François. "Poétique et onomastique." *Poétique* 18 (1974): 194-203. Paġna 194.

jinqdew biha kritiċi oħra huma u jitkellmu dwar it-tismija f'testi letterarji u dwar kif isem jista' jieħu ħajja oħra u "jqajjem" fina tifsiriet ġodda. White tgħid li l-ismijiet għandhom il-kapaċità li jqajmu ("*awaken*") rispons mill-udjenzi tagħhom (ikkwotata f'Dufner 307), filwaqt li John Richard Watson jinqeda bl-istess kelma ("*awaken*") huwa u jitkellem dwar poeżija ta' John Betjeman.

Minħabba r-rimotivazzjonijiet li isem jingħata f'test poetiku, diversi kritiċi jagħtu prijorità lill-isem bħala kelma aktar milli lill-isem bħala isem: *"Subordinating the name to poetic function gives precedence to the word over the name, in short, it un-names 'poetically'"* (Cholakian 220). B'mod simili, fil-poetika ta' Tsvetaeva nsibu insistenza fuq il-preċedenza li l-kelma tieħu fuq dak li tkun qed tirreferi għalih:

> *The signifier comes first and the signified trails after it, for the acoustic properties of the word expand its capability beyond mere denotation to poetic creation. The proper name too, far from being a mere representation in Tsvataeva's view, draws its bearer into a broad range of associations and creates a complex personal universe.* (Peters Hasty 245)

F'dan is-sens isem f'test poetiku ma jibqax isem, imma jassumi l-istess karatteristiċi bħal kull kelma oħra, b'mod li l-isem ikun fertilizzat poetikament. Campbell-Sposito tosserva kif l-użu tal-isem jista' jkun "ridott" jew "alternat" għas-sonorità, ir-ritmiċità, jew is-sens poetiku tiegħu (726). F'ċerti każijiet, isem jista' jittieħed ukoll bħala sommarju jew "ikona" fonetika ta' dak li jkun qiegħed jirrappreżenta (David Sloane 473-88). Fiż-żewġ partijiet li jmiss inħares lejn l-ismijiet tan-nies u tal-postijiet fil-letteratura b'mod aktar speċifiku.

## L-ismijiet tan-nies

L-antroponimi, bħala għodda u proprjetà umana, jikxfu l-ego tal-bniedem li jfittex li jagħti isem lid-dinja ta'madwaru bħallikieku biex jaħkimha – huwa diffiċli naħsbu fid-dinja ta' madwarna jekk mhux f'termini ta' ismijiet għal oġġetti. Mhix biss il-karatterizzazzjoni li tagħti l-karattru lill-post, jew l-ambjentazzjoni li tagħti karattru lill-karattri, imma anke l-ismijiet għandhom irwol importanti minn dan il-lat. Ngħidu aħna, it-tismija parzjali, bħal meta jingħata l-ewwel

isem minflok l-isem sħiħ, jiġġeneralizza l-attribwiti tal-karattri b'mod li jaqtgħu lill-individwi mill-istoriċità tagħhom u jingħataw ħajja għalihom minħabba li "*[s]urnames or the use of the father's name as the last name locates an individual in a genealogy and in a society"* (Ngonyani 131). Skont Ngonyani isem parzjali jqiegħed storja jew poeżija fl-isfera tal-istħajjil aktar milli fid-dinja soċjali (131). Permezz ta' isem parzjali l-awturi jkunu qed jgħinu lill-isem jinħeles mit-tifisiriet storiċi u r-rabtiet soċjali tiegħu, sabiex ikun rimotivat b'tifsiriet oħra.

Minbarra li isem iqiegħed lill-karattru fuq il-mappa storika, isem jaf iqiegħed lill-karattru fuq il-mappa soċjali wkoll. Campbell-Sposito tosserva li hemm relazzjoni b'saħħitha bejn l-użu tal-isem u s-sesswalità. Infatti, l-użu ta' isem jew in-nuqqas tiegħu jistgħu jagħtu indikazzjonijiet tas-sesswalità ta' karattru, jew joħolqu ambigwità dwarha. Fil-Malti din l-isfida forsi tingħeleb minħabba li l-qbil grammatikali jitlob li l-kumplament jaqbel mas-suġġett, u għaldaqstant, fi Isienna isem b'ambigwità sesswali mhux neċessarjament jissarraf f'ambigwità sesswali fil-karattru.

L-ambigwità tista' tintlaħaq ukoll bl-assenza totali tal-isem. Campbell-Sposito tosserva kif l-anonimità għandha inkomuni ma' li tkun orfni, u għalhekk, mingħajr storja (726). Xi drabi l-lakuni tal-anonimità jimtlew bit-tip (729), iżda hemm alternattivi oħra anqas ċatti u aktar sofistikati li jgħinu sabiex jimtlew dawn il-lakuni, fosthom l-anonimità bħala protezzjoni (Peters Hasty 253). L-anonimità tista' sseħħ ukoll permezz tal-ġeneralizzazzjoni tal-vittmi tas-sistema, teknika li Cholakian josserva li toffri konfort għax is-sens ta' miżerja jinqasam bejn aktar minn persuna waħda. Huwa josserva li l-ġeneralizzazzjoni tgħin sabiex jinħoloq distakk bejn il-vittmi u l-qarrejja li jempatizzaw magħhom fuq naħa, u l-uġigħ fuq oħra, billi l-uġigħ isir anqas personali u għalhekk anqas kiefer u anqas solitarju (291).

### L-ismijiet tal-postijiet

Ir-relazzjoni tal-bniedem mal-artijiet li jabita tista' tiġi mistħarrġa b'ħarsa lejn it-toponimi. Ħafna toponimi jaffermaw kif f'għadd kbir ta' kulturi l-isem jikseb saħħa akbar minn dik tan-natura, u jista' saħansitra "jaħkem" lil min jagħtih. Infatti, il-poetessa Ingeborg Backmann tgħid li diskors li jittratta l-ismijiet

tal-postijiet huwa diskors kommoventi għall-kittieba għax jagħtu viżibbiltà lill-mappa "straordinarja" li jkollhom f'moħħhom (ikkwotat fi Fliedl 168).

L-istoriku Malti Godfrey Wettinger jidentifika tliet tipi ta' toponimi Maltin:

i. *descriptive topographically*;
ii. *referring to personal or institutional owners*; u
iii. *complex place-names referring to other place-names for location purposes*. (xii-xiv)

Analiżi tat-toponomi tagħti wkoll indikazzjoni tal-popolazzjoni (Wettinger vii). Din l-asserzjoni tista' ssir ukoll fil-każ tal-letteratura. Ngħidu aħna, f'*Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ġużè Ellul Mercer, hemm rabta bejn l-ismijijet Ħaż-Żgħir u Ħal Kbir, u n-nies li jabitawhom (Psaila 61-2). Xi drabi, it-toponimi jistgħu jagħtu indikazzjoni wkoll tar-relazzjoni tan-nies mal-ambjent. Min-naħa l-oħra, ħarsa toponomastika tagħti wkoll ħjiel tal-ħakma li l-bniedem jipprova jżomm fuq l-ambjent ta' madwaru, billi jorganizzah skont l-ismijiet li jgħammdu bihom.

Filwaqt li isem jikseb riverberazzjonijiet ġodda permezz tal-kuntest poetiku, ikun qed jagħti wkoll karattru lill-post li jkun qed jiddeskrivi, irrispettivament mill-etimoloġija tiegħu. L-isem f'poeżija ta' ħadma b'reqqa jikkonnota ħafna aktar minn dak li jiddenota, tant li kważi kważi, min ikun familjari mal-post, jaf ikun imxekkel milli jilqa' s-suġġerimenti kollha li joffri ismu.

## Konklużjoni

Minbarra l-elementi mistħarrġa hawn fuq, hemm elementi oħra marbuta ma' diskors dwar l-isem f'test, ngħidu aħna, diskors ontoloġiku li direttament jirreferi għall-kelma "isem," li ġeneralment tikseb is-sens ta' taliżman ta' sopravivenza (Azzopardi 305). Is-sens effimeru tal-isem bħala tlissina spiss infittxu li nikkonkretizzawh sabiex inwennsu lilna nfusna bl-idea ta' immortalizzazzjoni. L-oppost, ngħidu aħna, bħal meta l-eroj f'*Les Misérables* ma jkunx irid li jitnaqqax ismu fuq il-qabar tiegħu, huma biss eċċezzjoni fil-kultura tagħna (Grimaud 893). Anke l-idjoma Maltija tikkonferma dan: "għamel isem" jew "ħalla isem warajh."

Isem huwa ħafna aktar minn isem u għalhekk nissuġġerixxi li l-onomastika tiġi mħaddma aktar bħala teknika ta' analiżi. Wieħed jista' jaħseb f'għadd

ta' kitbiet bil-Malti fejn l-onomastika sservina sew; ngħidu aħna, f'*Kulħadd Ħalla Isem Warajh* ta' Clare Azzopardi, jew fin-novelli ta' xjenza fittizja ta' Alfred Sant, fejn l-awtur jivvinta għadd ta' ismijiet futuristiċi. Id-differenza bejn il-ġeneri li l-onomastika letterarja tista' tiġi applikata għalihom, hija xhieda tan-natura ewlenija li tista' sservi fil-kritika letterarja.

*Kit Azzopardi jixtieq jirringrazzja lil Dr Mario Cassar tal-għajnuna tiegħu fil-kitba prelimenari ta' dan l-artiklu.*

## Biblijografija


Azzopardi, Clare. *Kulħadd ħalla isem warajh*. Malta: Merlin, 2014. Stampat.

Azzopardi, Keith. "Rappreżentazzjonijiet kulturali u letterarji tal-Belt: *Bliet* ta' Norbert Bugeja." Teżi tal-M.A. U ta' Malta, 2015. Internet.

*Bibbja Saydon*. 3 Vol. Malta: Soċjetà tad-Duttrina Nisranija, 1977-90. Stampat.

Bold, Stephen C. "Ma(s)king a Name: Onomastikcs in Rotrou's Theater." *French Forum* 20.3 (1995): 279-97. *JSTOR*. Internet. 10 ta' Diċembru. 2014.

Campbell-Sposito, Mary. "Onomastics as a Defamiliarizing Device in Raymond Queneau's Novels." *The French Review* 61.5 (1988): 724-33. *JSTOR*. Internet. 10 ta' Diċembru. 2014.

Cassar, Mario. Laqgħa personali. 18 ta' April 2015.

---. "Maltese Surnames: The Sicilian and Italian Connections." Teżi tal-PhD. U ta' Malta, 2011. Stampata.

Cholakian, Rouben C. "The (Un)naming Process in Villon's Grand Testament." *The French Review* 66.2 (1992): 216-28. *JSTOR*. Internet. 10 ta' Diċembru. 2014.

Dufner, Max. "Names and Nomenclature in Goathe's 'Faust' by Ann White." *German Studies Review* 4.2 (1981): 307-8. *JSTOR*. Internet. 10 ta' Diċembru. 2014.

Ellul Mercer, Ġużè. *Leli ta' Ħaż-Żgħir*. Malta: Klabb Kotba Maltin, 2010. Stampat.

Fenichel, Otto. *The Psychoanalytic Theory of Neurosis*. Taylor & Francis e-Library, 2005. *Scribd*. Internet. 25 ta' Marzu 2015.

Fliedl, Konstanze. "A Field Guide to Names in Literature: Notes on Australian Onomastics." *Australian Studies* 15 (2007): 155-68. *JSTOR*. Internet. 10 ta' Diċembru. 2014.

Grimaud, Michel. "Hermeneutics, Onomastics and Poetics in English and French Literature." *MLN* 92.5 (1977): 888-921. *JSTOR*. Internet. 10 ta' Diċembru. 2014.

Jurasinski, Stefan. *The Journal of Literary Onomastics* 1-3 (2011-14). The College at Brockport. Internet. 25 ta' Marzu 2015.

Lakoff, George. "The Contemporary Theory of Metaphor." *Metaphor and Thought*. Ed. Andrew Ortony. 2$^{ni}$ ed. Cambridge: Cambridge UP, 1993. 202-51. Stampat.

Micallef, Bernard. *Mit-Tawr sa Sammut: X'hemm f'isem?* Malta: L-awtur, 1998. Stampat.

Mill, John Stuart. *A System of Logic, Rationcinative and Inductive*. New York: Harper, 1846. *Google Books*. Internet. 19 ta' Jannar 2015.

"Names and naming." *The Routledge Encyclopedia of Social and Cultural Anthropology*. 2ni ed. 2010. Stampat.

Ngonyani, Deo. "Onomastic Devices in Shaaban Robert's Narratives." *Journal of African Cultural Studies* 14.2 (2001): 125-36. *JSTOR*. Internet. 10 ta' Diċembru 2014.

Peters Hasty, Olga. "Tsvetaeva's Onomastic Verse." *Slavic Review* 45.2 (1986): 245-56. *JSTOR*. Internet. 10 ta' Diċembru. 2014.

Psaila, Emanuel. "Il-Letterarjetà tan-narrattiva ta' Ġużè Ellul Mercer." Teżi tal-M.A. U ta' Malta, 2012. Internet.

Sammut, Frans. *Newbiet*. Malta: Edizzjoni Toni Cortis, 1998. Stampat.

Sant, Alfred. Ċpar. Malta: SKS, 2013. Stampat.

---. *Kwart ta' Mija*. Malta: PEG, 1995. Stampat.

---. *Pupu fil-Baħar*. Malta: SKS, 2009. Stampat.

Sloane, David. "The Name as Phonetic Icon: A Reconsideration of Onomastic Significance in Gogol's 'The Overcoat'." *The Slavic and East European Journal* 35.4 (1991): 473-88. *JSTOR*. Internet. 10 ta' Diċembru. 2014.

Wettinger, Godfrey. *Place-names of the Maltese Islands*. Malta: PEG, 2000. Stampat.

Żahra, Clifford Jo. "Il-Lingwa ta' Juann Mamo: Bejn il-Qadim, il-Popolari u l-Ġdid Fjamant." Teżi tal-B.A. U ta' Malta, 2013. Internet.

Zammit, Michael. Laqgħat personali. Frar 2013 – Lulju 2015.

# *Mitbugħ*, *Stampat* u *Pprintjat*: Sinonimi jew Psewdosinonimi?[1]

Dwayne Ellul

## Introduzzjoni

Ħafna jqisu l-lessemi *mitbugħ*, *stampat* u $^{i}$*pprintjat* bħala eżempju ta' sinonimija fil-Malti. Iżda ħarsa mqar ħafifa lejn il-kuntesti li possibbilment jintużaw fihom dawn it-tliet lessemi diġà tikxef kemm aspetti komuni kif ukoll xi differenzi bejniethom. Dan l-istudju jistħarreġ liema huma t-tifsiriet u l-użi li jkopru bejniethom dawn it-tliet lessemi. Permezz tal-Korpus Malti (verżjoni 2.0 BETA) jiġi analizzat il-kliem li l-aktar jikkolloka mat-tliet lessemi għaliex dan jgħin biex jinħarġu d-differenzi fit-tifsir.

## Is-Sinonimija u l-Psewdosinonimija

Kemm b'riżultat tal-iżvilupp storiku tal-Malti u kemm minħabba r-relazzjonijiet tiegħu ma' lingwi oħra fil-preżent, fil-qasam tal-lessiku xi drabi jintużaw forom grafiċi u fonetiċi differenti għall-istess tifsira. Xi pari minn dawn magħrufa huma: *jum – ġurnata*; *lewn – kulur; moxt – pettne; ilsien – lingwa; ilsir – skjav; sliem – paċi*. Iżda jista' jkun ukoll li l-għażla tkun ferm aktar wiesgħa. Hekk ngħidu aħna għall-idea ġenerali tal-kelma Ingliża *mother*, il-Maltin jużaw *omm*,

1 Billi dan l-istudju nkiteb fl-2015, intuża l-Korpus Malti verżjoni 2.0 BETA u mhux il-verżjoni 3.0 (2016).

*ma*, *mamà*, *xiħa* u *mummy*. *Bxara*, *aħbar*, *novità*, *notizja* u *news* ukoll jaqsmu bejniethom l-istess spazju lessikali, bħalma jagħmlu wkoll, pereżempju, *grada*, *xatba*, *kanċell* u *gate*.

Issa hawn tqum diskussjoni kbira dwar jekk dawn il-forom humiex tabilħaqq jirreferu għall-istess tifsira. Imqiegħda b'mod sempliċi: ir-relazzjoni bejn il-pari ta' lessemi *lewn* u *kulur* jew *moxt* u *pettne* tista' titqiegħed fuq l-istess livell tar-relazzjoni, ngħidu aħna, bejn *grada* u *gate*, jew *omm* u *xiħa*? Hemm dibattitu sħiħ dwar x'inhi sinonimija u fejn għandha tinġibed il-linja fina ħafna bejn is-sinonimija assoluta u l-kważisinonimija jew psewdosinonimija.[2]

## Il-Metodoloġija

It-tliet lessemi mistħarrġa hawnhekk huma *mitbugħ*, *stampat* u $^{i}$*pprintjat*. Intgħażlet ir-realizzazzjoni fil-parteċipju passiv – u mhux xi parti oħra tad-diskors bħal pereżempju l-verbi *teba', stampa* u *pprintja* – kemm minħabba li l-ebda tip ta' inflessjoni tal-verb Għarbi ma titfaċċa f'tiftixa fil-korpus u kemm minħabba li tiftixa għall-verb *stampa* toħloq numru ta' problemi. Diffikultà minnhom hi li l-kelma *stampa* tista' tintuża kemm bħala verb kif ukoll bħala nom. Problema oħra li tinħoloq hi li l-istess kelma tagħmel parti minn kliem kompost bħal *konferenza stampa* u *lampa stampa*.

Tiftixa għall-okkorrenzi tal-inflessjonijiet kollha ta' *mitbugħ* (*mitbugħ, mitbugħa, mitbugħin*) u ta' $^{i}$*pprintjat* ($^{i}$*pprintjat,* $^{i}$*pprintjata,* $^{i}$*pprintjati*) ittella' biss 145 u 81 riżultat rispettivament. Tiftixa għal-lessema *stampat* (*stampat, stampata, stampati*) min-naħa l-oħra, ittella' 2,134 riżultat. B'hekk jidher li dan il-parteċipju passiv hu l-aktar użat. Għaldaqstant qed jiġi eżaminat kampjun ta' 150 okkorrenza ta' *stampat*, u hekk l-analiżi tissejjes fuq l-okkorrenzi kollha ta' *mitbugħ* u $^{i}$*pprintjat* u fuq kampjun li jikkompara tajjeb ħafna magħhom fil-każ ta' *stampat*.

Minbarra li jista' jkun hemm varjanti, bħal ngħidu aħna bl-'i' tal-leħen jew mingħajrha fil-każ ta' *ipprintjat*, it-tiftix isir ukoll għal kull forma oħra possibbli, u hawn qed jiġu inklużi wkoll każijiet fejn il-parteċipji passivi inkwistjoni ma jkunux korretti ortografikament. Ir-raġuni hija li l-forma ortografika jew

2 Ara Saeed (2009:65), Palmer (1981), Collison (Ullmann: Kap 6), Gove (1984:5a) u Ellul (2014) fost oħrajn.

fonoloġika ma teffettwa b'ebda mod is-semantika ta' lessema, dejjem jekk il-kuntest juri biċ-ċar li r-referenza hi għall-istess lessema. Ngħidu aħna kemm fit-tiftixiet u kemm fir-riżultati ġew inklużi l-forom **mitbuh* u **mitbuħ* iżda mhux *midbuħ* li għandha tifsira differenti.

Bis-saħħa tal-korpus jiġi stabbilit ukoll ma' liema kelmiet oħra l-aktar li jikkollokaw dawn it-tliet partiċipji passivi. Il-kliem magħżul kien dak li jaqa' taħt firxa simetrika ta' ħames kelmiet: jiġifieri fil-lista tal-kollokazzjonijiet li tidher aktar 'l isfel hemm l-aktar kliem frekwenti li jidher minn ħames kelmiet qabel sa ħames kelmiet wara l-partiċipju passiv mistħarreġ. Hawn ta' min jinnota li l-listi tal-kollokazzjonijiet huma mnaddfa minn kelmiet funzjoni bħal *jew* u *f',* filwaqt li billi tiftixa għall-kliem li jikkolloka ma' *stampat* ittella' 3,789 kelma qed jinġiebu biss l-ewwel ħamsin kelma kontenut (eż. *materjal* u *stampat*). Barra minn hekk se jiġu eżaminati mill-qrib it-tifsiriet u l-użi kollha tal-lessemi magħżula (u tal-kampjun fil-każ ta' *stampat*) u jsiru l-kummenti dwarhom. Ir-riżultati li jintwerew fit-tabelli ma jinkludux ċifri ta' anqas minn 0.5%.

## Ir-Riżultati

Kif jidher f'tabella 1 l-aktar lessema mifruxa u użata hija *stampat* b'90.7%; warajha, iżda wisq anqas popolari b'6.16% hemm *[i]pprintjat*, segwita minn




Tabella 1: L-użu tal-lessemi

*mitbugħ* bi 3.1% biss. Dan diġà jindika l-probabbiltà li *stampat* għandha ferm aktar użi mil-lessemi l-oħra.




Tabella 2: L-inflessjonijiet

Ta' min jgħid li hekk kif jidher f'tabella 2, l-inflessjoni fil-maskil *mitbugħ* hija l-aktar popolari. Sintattikament din issegwi nomi bħal *rapport, ktieb, dokument, kliem* u *test*. Min-naħa l-oħra l-forma tal-partiċipju passiv *mitbugħa* tista' tintuża kemm mal-femminil u kemm mal-plural; għaldaqstant titlob analiżi aktar iddettaljata. L-okkorrenzi ta' *mitbugħa*, tista' tgħid, jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-femminil bi 28 okkorrenza u l-plural b'27 okkorrenza. Il-partiċipju passiv *mitbugħa* fil-femminil jintuża, ngħidu aħna, ma' *kopja*, *immaġni, pubblikazzjoni* kif ukoll ma' ismijiet ta' gazzetti, novelli jew poeżiji minħabba li s-singular tal-ġeneru rispettiv hu wkoll fil-femminil: *gazzetta, novella* u *poeżija*. *Mitbugħa* fil-plural, min-naħa l-oħra, jintuża fost oħrajn ma' *vrus*, *pubblikazzjonijiet*, *ismijiet*, *poeżiji* u *kotba*. L-użu ta' *mitbugħa* fil-plural jitfa' dawl ġdid fuq tabella 2 għaliex issa jidher li hemm biss 28 okkorrenza ta' *mitbugħa* użat mal-femminil filwaqt li *mitbugħa* ntuża 27 darba għal mal-plural.

Tabella 3 turi li l-partiċipju passiv *stampat* hu l-aktar wieħed użat fost it-tliet inflessjonijiet tal-ġens b'928 okkorrenza. Sintattikament isegwi nomi bħal *rapport*, *xogħol*, *ballun*, *librett* u *materjal*. Min-naħa l-oħra *stampati*, li hija t-tieni




Tabella 3: L-inflessjonijiet

l-aktar inflessjoni użata b'671 okkorrenza, issegwi nomi bħal *kopji*, *ġurnali*, *kotba*, *slowgans*, *atti notarili* u *inkwatri* filwaqt li hemm 535 okkorrenza ta' *stampata* użati, fost oħrajn, ma' nomi bħal *epika*, *karta*, *eseġesi*, *media* u *tbissima*.

Ta' min jinnota wkoll li mill-kampjun ta' 150 okkorrenza ta' *stampat* jidher li din il-lessema tista' tintuża bi tliet modi differenti: bħala parteċipju passiv (eż. *materjal stampat*) u bħala verb fil-femminil (eż. LaSicilia *li stampat artiklu dwar l-unur* ...) Użu ieħor partikolari ta' *stampat* huwa tal-parteċipju passiv b'funzjoni nominali, fejn dil-kelma tintuża wkoll bħala nom li jirreferi għal dak il-materjal kollu li b'xi mod huwa stampat. Dan l-użu jintuża esklussivament fil-qasam tal-liġi kif tixhed is-sentenza misluta mill-korpus: "*Dan l-artikolu jispjega li r-reati msemmija f'din il-liġi jsiru permezz tal-pubblikazzjoni jew tqassim f'Malta ta' stampat*, *ikun xi jkun il-post li minnu joriġina dak l-istampat jew bil-mezz ta' xi xandir.*"

Madankollu xorta jidher li l-aktar użu mifrux ta' *stampat* huwa bħala parteċipju passiv b'147 okkorrenza minn kampjun ta' 150 (98%). L-użu ta' *stampat* bħala nom fir-reġistru tal-liġi jidher biss tliet darbiet fil-kampjun eżaminat u għalhekk jammonta għal 2%. Ta' min isemmi wkoll li l-istess kelma użata bħala verb fil-femminil ma rriżultatx darba fil-kampjun u għalhekk għall-iskop ta' dan l-istudju hija negliġibbli. Anke din l-informazzjoni titfa' dawl ġdid fuq tabella 3 għaliex issa jrid jingħad ukoll li mid-928 okkorrenza ta' *stampat* fl-inflessjoni

tal-maskil, 2% li jammontaw għal madwar 19-il okkorrenza, għalkemm fil-forma tal-parteċipju passiv, jaqdu l-funzjoni ta' nom u għaldaqstant għandhom jitqiesu bħala tali.

Tabella 4 turi li l-inflessjonijiet ta' [i]*pprintjat* huma aktar ibbilanċjati b'21 okkorrenza minn 73 għall-inflessjoni fil-maskil, 25 għall-femminil u 27 għall-plural. Hawn ukoll irid jiġi nnotat li l-lessema [i]*pprintjat* tista' tintuża wkoll bħala verb fil-femminil bħal ngħidu aħna *L-Awtorità tad-Djar ipprintjat avviż*.




Tabella 4: L-inflessjonijiet

Minn total ta' 21 okkorrenza għal [i]*pprintjat*, madankollu, tnejn biss kienu użati bħala verbi. Għaldaqstant, il-persentaġġi tal-parteċipji passivi (u allura l-verbi huma esklużi) iridu jingħaddu fid-dawl ta'71 okkorrenza bħala parteċipju passiv u jiġu hekk: 26.76% – maskil; 35.21% – femminil; 38.03% – plural. *Ipprintjat* tintuża l-aktar ma' nomi bħal *abbozz ta' liġi*, *numru* u *materjal*. [i]*pprintjata* tintuża l-aktar ma' nomi bħal *gazzetta*, ċifra u *kopja* filwaqt li [i]*pprintjati* tintuża l-aktar ma' nomi bħal *rapporti*, *kopji* u *kards*.

Ħarsa ħafifa lejn tabelli minn 5 sa 7 turi li l-istampa hija l-aktar kuntest li fih jintużaw l-aktar it-tliet parteċipji passivi b'67.59% fil-każ ta' *mitbugħ*, 52.2% fil-każ ta' *stampat* u 42.47% fil-każ ta' [i]*pprintjat*. Ir-riżultati ta' *stampat* u *mitbugħ* jixxiebhu ferm għaliex filwaqt li t-tieni l-aktar kuntest popolari għal *stampat* huwa d-dibattiti parlamentari bi 22.45%, fit-tieni post fil-każ ta' *mitbugħ* hemm ukoll id-dibattiti parlamentari b'9.66%: ċifra li madankollu hija identika għall-




Tabella 5: Il-kuntesti l-aktar popolari mitbugħ/-a/-in




Tabella 6: Il-kuntesti l-aktar popolari stampat/-a/-i




Tabella 7: Il-kuntesti l-aktar popolari għal ipprintjat/-ata/-ati

kuntest tal-internet ġenerali. Min-naħa l-oħra l-kuntest tal-internet ġenerali jinsab fit-tieni post b'27.4% għal *ipprintjat* filwaqt li għall-istess lessema fit-tielet post hemm id-dibattiti parlamentari b'26.03%. Il-kuntest tal-liġi, imbagħad, jiġi fit-tielet post kemm fil-każ ta' *stampat* bi 15.04%, u kemm fil-każ ta' *mitbugħ* bi 8.3%.

Il-kuntesti li l-aktar jokkorru fihom il-lessemi analizzati diġà jistgħu jagħtu xi indikazzjonijiet. Ngħidu aħna *mitbugħ* u *stampat* jaf ikollhom tifsira xi ftit aktar formali minħabba l-użu tagħhom fl-oqsma li jidhru fit-tabelli t'hawn fuq. Madankollu ma jistgħux jiġu injorati kuntesti fejn jew ma hemm ebda okkorrenza, jew l-okkorrenza hija anqas minn 0.5% (u għalhekk mhijiex rappreżentata f'tabelli 5-7), jew inkella fejn il-persentaġġi tal-okkorrenzi huma relattivament baxxi.

## Analiżi tar-Riżultati

Ġużè Aquilina, fl-*English-Maltese Dictionary* iqis li *stampa, ipprintja* u *tebagħ* bħala l-ekwivalenti bil-Malti għal *to print*. Tant hu hekk li fl-eżempju li jagħti *stampa*

*ktieb* maqlub għall-passiv għall-fini ta' dan l-istudju bħala *ktieb stampat*, it-tliet parteċipji passivi, mal-ewwel daqqa t'għajn, joqogħdu mingħajr ebda diffikultà u hekk wieħed jista' jgħid kemm *ktieb stampat,* kemm *ktieb mitbugħ* u kemm *ktieb ipprintjat*. Iżda analiżi aktar mill-qrib tal-kuntesti u aktar u aktar tal-kollokazzjonijiet ta' dawn it-tliet lessemi tissuġġerixxi li jista' jkun hemm differenzi fini fit-tifsir.

| | **mitbugħ** | **stampat** | **ipprintjat** |
|---|---|---|---|
| 1 | ktieb | materjal | karta |
| 2 | direttorju | ġurnaliżmu | |
| 3 | press | karta | |
| 4 | kopja | ġew/ġie/ġiet/<br>jiġu/jiġi/tiġi/ | |
| 5 | | kotba | |
| 6 | | kopja | |
| 7 | | ktieb | |
| 8 | | stamperija | |
| 9 | | karti | |
| 10 | | midja | |
| 11 | | oġġetti | |
| 12 | | moħħi | |
| 13 | | features | |
| 14 | | kopji | |
| 15 | | gazzetta | |
| 16 | | kartolini | |
| 17 | | mimduda | |
| 18 | | bolli | |
| 19 | | pubblikazzjonijiet | |
| 20 | | offset | |
| 21 | | miktuba | |
| 22 | | verżjoni | |
| 23 | | edizzjoni | |
| 24 | | aħbarijiet | |

| **mitbugħ** | **stampat** | **ipprintjat** |
|---|---|---|
| 25 | ġurnal | |
| 26 | Gutenberg | |
| 27 | print | |
| 28 | riċiklata | |
| 29 | pubblikazzjoni | |
| 30 | mappa | |
| 31 | gazzetti | |
| 32 | ktejjeb | |
| 33 | ġurnali | |
| 34 | kwantità | |
| 35 | graphs | |
| 36 | kitba | |
| 37 | press | |
| 38 | kategorija | |
| 39 | bolol | |
| 40 | media | |
| 41 | wieqfa | |
| 42 | direttorju | |
| 43 | ittimbrata | |
| 44 | stamperija | |
| 45 | fuljett | |
| 46 | ĠENSillum | |
| 47 | dokumenti | |
| 48 | kliem | |
| 49 | imnaqqax | |
| 50 | mezzi | |

Tabella 8: Il-kollokazzjonijiet

Tabella 1 tikxef li l-parteċipju passiv ta' nisel Taljan ikopri ferm aktar spazju lessikali. Ħaġa li tipprova dan hija n-numru kbir ta' kliem li jikkolloka ma' *stampat*: 351 inkluż ukoll il-kliem funzjoni. Min-naħa l-oħra *mitbugħ* jikkolloka

ma’ 29 kelma li fosthom erbgħa biss huma kelmiet kontenut (*ktieb*, *direttorju*, *press* u *kopja*), filwaqt li $^{i}$*pprintjat* jikkolloka biss ma’ *karta*.

Madankollu ħarsa aktar mill-qrib lejn it-73 okkorrenza ta’ $^{i}$*pprintjat* tissuġġerixxi li dan il-parteċipju jaqbel sintattikament ma’: *Gazzetta tal-Gvern*, ċifra, *rapporti, kopji*, *karti*, *applikazzjoni*, ċavetta, *statut*, *ritratt fuq CD, pittura ta’ San Mikiel, newsletter* u *teżi,* fost oħrajn. Interessanti immens li minkejja li $^{i}$*pprintjat* jintuża ma’ pubblikazzjonijiet bħal *gazzetta*, *fuljetti*, *pubblikazzjoni*, *magazine*, *newsletter* u *teżi* ma hemmx okkorrenza waħda tal-kelma *ktieb* li ġie $^{i}$*pprintjat*. Dan jista’ jindika li $^{i}$*pprintjat* għandha konnotazzjoni ta’ xi ħaġa li hija anqas awtorevoli jew forsi aktar volatili (u għalhekk l-unika kollokazzjoni hija ma’ *karta*), fis-sens li tista’ saħansitra taqra xi ħaġa $^{i}$*pprintjata* u tarmiha eżattament wara. Ta’ min jinnota wkoll li $^{i}$*pprintjat* jintuża wkoll ma’ ħwejjeġ relattivament moderni bħal ngħidu aħna ċavetta li tiftaħ il-manetti pprintjata fil-Ġermanja permezz ta’ 3D printer. Il-fatt li $^{i}$*pprintjata* ntużat ukoll fil-kuntest ta’ pittura ta’ San Mikiel jista’ jinftiehem aħjar mill-kuntest, fejn f’gazzetta lokali kien qed jiġi spjegat it-terminu tekniku *oljografija*.

*Mitbugħ*, min-naħa l-oħra jikkolloka ma’ *ktieb*, *direttorju*, *press* u *kopja*; għaldaqstant abbażi tal-kollokazzjonijiet diġà tidher ċara differenza sottili bejn *mitbugħ* u $^{i}$*pprintjat* għaliex *ktieb* u *direttorju* jintużaw kemm-il darba ma’ *mitbugħ* u l-fatt li dawn mhumiex pubblikazzjonijiet ta’ natura volatili u huma aktarx meqjusa aktar awtorevoli, ikompli jsaħħaħ l-argument li $^{i}$*pprintjat* timplika volatilità u nuqqas ta’ awtorevolezza. Min-naħa l-oħra, ħarsa mill-qrib lejn l-okkorrenzi tal-kelma *press* torbot il-parteċipju passiv *mitbugħ* ma’ tifsira partikolari li tingħata kemm minn Aquilina u kemm minn Erin Serracino-Inglott: is-sens tat-tbigħ ta’ materjal ġo stamperija. Tant hu hekk li *jissemmew* mill-anqas tmien stamperiji: il-*Lewis Press*, il-*Progress Press*, in-*New City Press*, is-*St Paul’s Press*, il-*GozoPress*, il-*Gutenberg Press*, l-*Independence Print* u l-*Marsa Press*.

Kliem ieħor li jaqbel sintattikament mal-inflessjonijiet ta’ *mitbugħ* hu: *test*, *inviti*, *kopja*, *materjal*, *kontribuzzjoni*, ismijiet ta’ xogħlijiet letterarji, *business report*, *statistical review*, *direzzjonijiet*, *mapep*, *volum*, *xogħol*, *muniti*, *ittra* u oħrajn. Hawn ukoll jistgħu jsiru xi osservazzjonijiet. L-użu ta’ nomenklaturi Ingliżi bħal *business report* u *statistical review* jimplikaw li dawn ix-xogħlijiet huma ta’ ċerta importanza u serjetà; bħalma hu wkoll il-każ ta’ *mapep*. Min-naħa l-oħra ta’ min jinnota li filwaqt li $^{i}$*pprintjat* intużat ukoll ma’ ċavetta, li

din kemm ġiet stampata bħallikieku fuq karta, fir-rigward tal-*muniti* hemm implikat proċess aktar manwali li jrid isir bilfors fiz-zekka permezz ta' makkinarju apposta li jitbagħ fuq il-muniti.

Il-lessema *stampat* tippreżenta l-aktar firxa wiesgħa ta' kollokazzjonijiet. Kif jidher f'tabella 8 fost l-aktar kollokazzjonijiet popolari hemm *materjal*, ġurnaliżmu, *karta*, *kotba*, *stamperija*, *oġġetti*, *kopji*, *gazzetta*, *kartolini*, *bolli*, *pubblikazzjonijiet*, *press*, *mappa*, *graphs*, *gazzetti*, *direttorju* u *media*. Dawn il-kollokazzjonijiet diġà jkopru bejniethom il-wisa' lessikali li jokkupaw iż-żewġ parteċipji passivi l-oħra: kemm ħwejjeġ volatili u anqas awtorevoli (eż. *gazzetti*), kemm l-involviment ta' magni tat-tbigħ (eż. *press* imma wkoll *offset* u *Gutenberg*) u kemm pubblikazzjonijiet li jdumu ferm aktar fiċ-ċirkolazzjoni u meqjusa bħala aktar awtorevoli (eż. *ktieb*, *ktejjeb* u *direttorju*).

Interessanti ħafna li fit-tiftix fil-korpus jitla' l-użu ta' *stampat* li xi ftit jew wisq jersaq lejn kif, ngħidu aħna, jagħtih Erin Serracino-Inglott fil-Miklem: "ħalla warajh makkatura tidher sewwa ta' daqqa, ħabta, ħarqa eċċ." u dan jidher l-aktar f'artikli sportivi dwar il-futbol fil-ġurnali tant li *wieqfa* u *mimduda* huma żewġ kelmiet li jikkollokaw ma' *stampat* u li jindikaw li xutt tant jista' jkun b'saħħtu li jħalli l-marka fuq il-lasta l-mimduda jew waħda mill-weqfin. Żgur li din hija tifsira li ma titfaċċax fil-parteċipji passivi l-oħra. Tifsira oħra ta' dan it-tip, mogħtija wkoll minn Erin Serracino-Inglott, hi ta' *stampahielu f'moħħu*. Okkorrenza partikolari ta' dan l-użu fil-korpus, pereżempju, hija: "*Dawk li rawh* [il-film Ben Hur] *baqgħet stampata f'moħħhom ix-xena tat-tiġrija tal-karrijiet*."

## Konklużjoni

L-ewwel osservazzjoni li tista' ssir hija li l-okkorrenzi ta' *mitbugħ*, *stampat*, u *ipprintjat* fil-korpus ma jikkonfermawx it-tifsiriet kollha mogħtija fid-dizzjunarji u t-teżawri ewlenin[3] ħlief fil-każ ta' *ipprintjat*. Fil-każ ta' *stampat*, fil-kampjun analizzat ma nstabet ebda okkorrenza tat-tifsira ta' *stigmatizza* li jagħti Mario Serracino-Inglott. Lanqas ma telgħu okkorrenzi ta' *atar* u *sawn* skont it-teżawru ta' Agius. Min-naħa l-oħra nstab eżempju li ma jissemmiex b'mod

3 Id-dizzjunarji ta' Ġużè Aquilina u ta' Erin Serracino-Inglott, it-teżawru ta' Albert W. Agius u d-dizzjunarju u teżawru ta' Mario Serracino-Inglott kif jidhru fil-biblijografija.

dirett fid-dizzjunarji u t-teżawri: it-tatù bħal fl-eżempju ta' *tfajla bis-salib tal-Kavallieri stampat ma' wiċċha*. Min-naħa l-oħra fil-każ ta' *mitbugħ* l-okkorrenzi fil-Korpus jaqblu kollha mad-definizzjonijiet tad-dizzjunarji u s-sinonimi fit-teżawri ewlenin ħlief għall-idea ta' Erin Serracino-Inglott ta' ġbid ta' stampi, inċiżjonijiet, ritratti u l-bqija.

Jekk wieħed janalizza r-riżultati jsib li għalkemm xi drabi tfiġġ eċċezzjoni 'l hawn u 'l hemm, hemm ċerti tendenzi li diffiċilment jiġu injorati.

*mitbugħ:*

i. jintuża l-aktar ma' pubblikazzjonijiet ta' xeħta awtorevoli u anqas volatili, bħal ngħidu aħna kotba u direttorji;
ii. jintuża l-aktar ma' xogħlijiet meqjusa ta' importanza kbira bħal ngħidu aħna *business plan* u *statistical review*;
iii. huwa marbut intimament mat-tbigħ manwali fl-istamperija jew f'postijiet ta' natura simili bħal ngħidu aħna z-zekka fejn it-tbigħ isir ukoll fuq muniti.

*ipprintjat:*

i. jintuża l-aktar ma' pubblikazzjonijiet ta' xeħta anqas awtorevoli u aktar volatili bħal karti u kontijiet;
ii. jintuża l-aktar ma' *gadgets* moderni bħal ngħidu aħna ċavetta f'forma ta' kard.

*stampat:*

Filwaqt li *stampat* jinkludi t-tifsiriet kollha marbuta ma' *mitbugħ* u *ipprintjat*, twessa' biżżejjed lessikalment biex jinkludi wkoll użi metaforiċi bħal *stampa mal-mimduda* u *baqgħet stampata f'moħħhom ix-xena* ...

Din l-analiżi, għalhekk, issaħħaħ fehmiet bħal ta' Leibniz li "M'int qatt se ssib żewġ bajdiet, jew werqiet, jew żewġ ħaxixiet fi ġnien li jkunu eżatt l-istess bħal xulxin" (Fieser u Dowden) u ta' Lyons li hu tal-fehma li "complete synonymy of lexemes is relatively rare in natural languages and [. . .] absolute synonymy [. . .] is almost non-existent" (Lyons 148). Għaldaqstant, għalkemm ħafna mit-tifsiriet tat-tliet lessemi analizzati huma qrib ħafna ta' xulxin, xorta waħda kull waħda minnhom għandha l-karatteristiċi individwali tagħha u

minħabba f'hekk ma jistax jingħad li *mitbugħ*, *stampat* u *'pprintjat* huma sinonimi assoluti iżda huma psewdosinonimi.

## Spunt għal aktar riċerka

Minħabba li dan l-istudju huwa marbut bil-limitu tal-kliem ma setgħux jiġu analizzati forom oħra li huma derivazzjonijiet mill-istess għerq jew zkuk. Studju simili fuq dawn il-forom jistgħu jagħtu riżultati simili jew differenti minn dawk ippreżentati f'dan l-istudju.

## Biblijografija


Agius, Albert W. *It-Teżawru. Ġabra ta' Sinonimi u Antonimi*. Malta: BDL Publishing, 2010. Stampat.

Aquilina, Joseph. *English-Maltese Dictionary*. Malta: Midsea Books Ltd., 1999. Stampat.

Aquilina, Joseph. *Maltese-English Dictionary*. Malta: Midsea Books Ltd., 1987. Stampat.

Bordag, Stefan. *Elements of Knowledge-free and Unsupervised Lexical Acquisition*. Teżi tad-Dottorat, l-U ta' Leipzig. 2007. Verżjoni diġitali. 11 ta' Mejju. 2015.

Brincat, Joseph M. *Il-Malti – Elf Sena ta' Storja*. Malta: Pubblikazzjonijiet Indipendenza. 2006. Stampat.

Brincat, Joseph M. *Maltese and Other Languages: A Linguistic History of Malta*. Malta: Midsea Books. 2011. Stampat.

Crystal, David. *The Cambridge Encyclopedia of the English Language*. Cambridge: Cambridge University Press. 1995. Stampat.

Ellul, Leanne. "Ħieles, liberu, indipendenti." *Il-Pont*, Marzu 2014, 15-8. Verżjoni diġitali. 11 ta' Mejju. 2015.

Evert, S. *The Statistics of Word Cooccurrences: Word pairs and Collocations.* Teżi tad-Dottorat. L-U ta' Stuttgart, 2005. Verżjoni diġitali. 11 ta' Mejju. 2015

Fieser, J. u Dowden, B. Edituri. "Gottfried Leibniz: Metaphysics." *Internet Encyclopedia of Philosophy*. Verżjoni diġitali. 17 ta' Ġunju. 2016.

Firth, J. R. "A Synopsis of Linguistic Theory, 1930-55" fi *Studies in Linguistic Analysis*. Oxford:The Philological Society. 1957. Verżjoni diġitali. 11 ta' Mejju. 2015.

Friggieri, Oliver. *Dizzjunarju ta' Termini Letterarji*. Malta: PEG. 2000. Stampat.

Gove, Philip B. "Synonym: Analysis and Definition." F'Gove, Philip B. Editur. *Webster's New Dictionary of Synonyms*. Springfield: Merriam-Webster, 1984. Stampat.

Gove, Philip B. "Survey of the History of English Synonymy." F'Gove, Philip B. Editur. *Webster's New Dictionary of Synonyms*. Springfield: Merriam-Webster, 1984. Stampat.

Gove, Philip B. Editur. *Webster's New Dictionary of Synonyms.* Springfield: Merriam-Webster, 1984. Stampat.

Kilgarriff, A. "I Don't Believe in Word Senses" f'Atkins B.T. u Rundell M. Edituri. *The Oxford Guide to Practical Lexicography*. Oxford: Oxford University Press. 2008. Stampat.

Lyons, John. *Language and Linguistics.* Cambridge: Cambridge University Press. 1981. Stampat.

Saeed, John I. *Semantics*. Ir-Renju Unit: Wiley-Blackwell. 2009. Stampat.

Serracino-Inglott, Erin. *Il-Miklem Malti*. Malta: Klabb Kotba Maltin, 1975. Stampat.

Serracino-Inglott, Mario. *Id-Dizzjunarju Malti u Teżawru ta' Malti Mħaddem*. Malta: Merlin Publishers Ltd., 2011. Stampat.

Ulmann, Stephen. *Semantics – An Introduction to the Science of Meaning*. Oxford: Basil Blackwell. 1962. Stampat.

# Il-Letteratura tad-Determinazzjoni

## Riflessjonijiet Kritiċi dwar il-Poeżija ta' Nadia Mifsud

Olivia Borg

### Introduzzjoni: Leħen Avventuruż

Il-ġabriet ta' poeżiji Żugraga u *Kantuniera 'l Bogħod* bid-differenzi u s-similaritajiet kollha tagħhom jintroduċu fil-qasam letterarju lil Nadia Mifsud (1976- ), leħen frisk u awtentiku li jagħti lill-kitba dimensjoni ġdida kemm tematikament u metaforikament kif ukoll viżwalment, u li għandu jokkupa post prominenti fil-qasam tal-letteratura kontemporanja. Huwa leħen li jfittex id-distakk mill-għeruq tiegħu iżda fl-istess waqt jammetti li d-dell tal-kultura Maltija jinsab jiġri warajh, jifgah bid-"daħna tas-sufarelli" u jxennqu biċ-"ċa*f*ċi*f*a n$^{k}$e*jj*u$_{\dot{z}}$a tal-baħar" [1] (Mifsud, *Żugraga* 60). Imnaqqxa fis-subkonxju ta' din ir-ruħ Maltija "ta' barra," hemm "tifkiriet tat-tfulija/diżillużjonijiet taż-żgħożija" (Mifsud, *Żugraga* 57) li parzjalment joffru kenn f'mumenti iebsa bħal meta tasal "il-weġgħa muta" (Mifsud, *Żugraga* 61) iżda li paradossalment huma "suppost minsija ..." (Mifsud, *Żugraga* 57).

Fiżikament, dawn jistgħu jidhru bħala ġabriet żgħar ta' poeżija iżda marsusa bejn iż-żewġ qoxriet tal-kotba hemm versi b'dinamiżmu emottiv ma jaqta' xejn; intensità ta' mimlija passjoni li qiegħda tistinka biex tippenetra fil-ġewwieni tal-qarrejja tagħha billi theżżeż il-pedamenti u twaqqa' l-ħitan. L-esperjenzi f'dan id-djarju konfessjonali jvarjaw mid-diżappunt fl-imħabba

1 L-ittri f'din il-kwotazzjoni qegħdin skont kif jidhru fl-oriġinal.

li hija dejjem xifer, dejjem "irdum" (Mifsud, *Żugraga* 31), għad-delużjoni wara maltempata f'relazzjoni (Mifsud, *Żugraga* 34), għat-turija tad-distakk bejn dak li ngħidu u dak li nagħmlu, għar-realizzazzjoni tal-mara li titgħallem mill-iżbalji u li eventwalment tqum fuq saqajha bl-emozzjonijiet kollha li dawn l-istati jġibu magħhom. Għaldaqstant, aħna u naqraw nintebħu li dawn kienu jew jistgħu faċilment għad ikunu l-esperjenzi tagħna.

## Awtriċi ta' Ġrajjietha

*Żugraga u Kantuniera 'l Bogħod* ilissnu wkoll l-esperjenzi ta' mara deċiża li tirrifjuta li tappoġġja l-kultura patrijarkali li rifdet bosta mil-letteratura Maltija tul is-snin. Hija mara li fiha hemm maħżun splussiv li jispara lil hinn mill-ktieb, lil hinn mill-konfini letterarji stabbiliti u fuq kollox lil hinn mill-preskrizzjonijiet soċjali li jiddettaw lill-mara x'għandha tagħmel. Din li nsibu f'*Żugraga* u f'*'Kantuniera 'l Bogħod* mhix biss poeżija espressiva, kif inhi l-letteratura kollha, iżda hija wkoll assertiva, proprju għax minbarra li tfisser u tirrakkonta trid tasserixxi, tafferma u tenfasizza. Fil-bidu tal-ktieb *Żugraga* Mifsud tfakkarna fi kwotazzjoni ta' Virginia Woolf li tgħid li "għal parti kbira mill-Istorja, il-mara kienet anonima." F'din il-ġabra l-mara tegħleb l-anonimità u taħfen l-awtonomija. F'"manifest għal binti," Mifsud tgħid li fiha hemm imġemmgħa

r-rabja
il-qilla
ta' nannti
u bużnannti
u dawk kollha li qabilhom
jew bħalhom
riedu
u ma setgħux
għax ma kinux irġiel. (Mifsud, *Żugraga* 51)

Ir-rieda kienet hemm, preżenti fil-ġewwieni ta' dawn il-ġenerazzjonijiet passati ta' nisa iżda kellhom jordmuha għax is-setgħa kienet limitata u f'xi

waqtiet, ineżistenti. Iżda Mifsud, b'wiċċha minn quddiem u b'konvinzjoni tistqarr li hi ttenni "l-kliem li qatt ma lissnu," tgħix "il-ħajja li qatt ma basru" u toħlom "il-ħolm li fgawlhom f'ġufhom," li kien inaċċessibbli sa minn qabel twelidhom (Mifsud, *Żugraga* 51). Tispikka s-sejħa ta' Mifsud biex il-mara tagħraf il-potenzjal tagħha u taġixxi 'l barra mill-kostruzzjonijiet soċjali u mill-qafas istituzzjonali li jaħkmuha u jiżvalutawha u f'dan id-dawl tiftiehem malajr il-mistoqsija tagħha ta' fejn huma n-nisa Maltin li naqqxu isimhom fl-Istorja. Ninnotaw li Mifsud tirrabja wkoll għal dawk in-nisa, partikolarment ta' żmienna, li mingħalihom huma emanċipati iżda li ironikament huma "rotob ġuġuwa" (Mifsud, *Kantuniera 'l Bogħod* 37) u traġikament qatt ma ndunaw li dejjem appoġġjaw il-kultura partijarkali.

Minkejja dan is-sens ta'ribelljoni, Mifsud tiċċelebra l-maternità li fiha tilmaħ l-importanza taċ-ċiklu tal-kontinwità; il-"kuntratt perpetwu" (Mifsud, *Żugraga* 49) bejn l-omm u l-ulied. F'dawn il-poeżiji, il-mara mhux talli għandha postha fl-Istorja iżda ssawwar l-Istorja tagħha anki billi toħloq il-forom tal-espressjoni poetika tagħha hi stess għax hija s-sid tagħha nnifisha. Sadanittant, hi tagħmel minn kollox biex taħsad l-għeruq tal-possessjoni kif tevoka tant tajjeb il-poeżija "Il-Jien li ma jienx" li hija stqarrija li tirrifjuta li tħaddan il-valuri tal-folla waqt li trodd importanza assoluta lis-suġġettività meta lill-persuna li tindirizzalha l-poeżija Mifsud tgħidilha l-"jien li ma jienx/li fassaltli int" (Mifsud, *Żugraga* 58). F'din il-poeżija, Mifsud tpoġġi dan id-diskors dwar l-identità tagħha fl-isfond tal-metafora tal-ħjata għax l-identità tal-bniedem hija meħjuta ħaġa waħda miegħu. Din il-persuna kienet kważi bdiet "ixxellel" iżda l-poetessa ma riditx "iġġarrab," ma riditx li tilbes il-libsa li ppreparalha ħaddieħor. B'ton ċiniku u mqareb, fi tmiem il-poeżija lil din il-persuna l-poetessa tgħidilha "għall-inqas iffrankajtlek li toftoq kollox" ladarba rrifjutat li tilbes din il-libsa li kienet għadha fl-istadji inizjali tagħha. F'dan il-każ "iġġarrab" hija mgħobbija bit-toqol tat-tifsir għax tirreferi kemm għal meta xi ħadd jipprova l-ħwejjeġ u kemm għall-mixja tal-bniedem matul l-esperjenzi li ġġib magħha l-ħajja. Fil-kuntest ta' din il-poeżija ż-żewġ tifsiriet huma preżenti u bit-taħlit tagħhom ma' xulxin joffru 'esperjenza' letterarja ħajja.

F'"Ċanfira," Mifsud ukoll tirrifjuta li tilbes il-libsa li ħititilha ommha, tirrifjuta li tikkonforma ma' diskors li għaliha sar "kantaliena" (Mifsud, *Żugraga* 59). Tisħaq li hi ma temmen f'ħadd u f'xejn ħlief fiha nnifisha u immedjatament wara

tipproblematizza anki lilha nnifisha għax wara kollox, hi li hi bniedma bħall-oħrajn, min verament hi? Kliem ommha jinsab preżenti "bħal boċċi tal-kamla" bejn il-lożor ta' ħajjitha u wiċċ nannitha "fil-gradenza" ta' moħħha iżda hi dik li hi, differenti minn kif dejjem xtaquha, mara b'personalità "sK*u*nt$^{r}$ata" li "tilfet ruħha" tipprova tagħmel sens mill-prinċipji li għaddewlha ta' madwarha tul is-snin (Mifsud, *Żugraga* 59-60). F'din is-silta tispikka l-alliterazzjoni konsonantali fuq in-/n/ li permezz tagħha Mifsud trodd it-taqbida tagħha f'termini ta' ħsejjes konsekuttivi li jimplikaw id-determinazzjoni li akkumpanjatha matul dan il-vjaġġ fl-għarfien.

> iva, tlift ruħi
> u moħħi wkoll
> nifli u niżen
> ngħarbel u nipprova nifhem
> nissara mal-prinċipji
> li writtu u tajtuni
>
> jekk taħseb li se nemmnek
> għax int ommi
> sejra żmerċ (Mifsud, *Żugraga* 59).

Nistgħu ngħidu li *Żugraga* u *Kantuniera 'l Bogħod* jinħallu fi vjaġġ ta' moħħ, ta' qalb u ta' ruħ li jipprova jġegħelna nifhmu dak li jseħħ fina u madwarna. F'widnejna tasal vuċi li ma tibżax mill-kunflitt jew mill-konfront, vuċi kunfidenti u determinata li ma tibżax tisfida lil dawk li jridu jaħkmuha jew jippaternalizzawha. Meta ssib ruħha fil-labirint tal-kunflitti tal-ħajja, kemm bħala bniedma u bħala mara, ma tingħelibx miċ-ċirkostanzi iżda taħrab it-triq tal-kompromess, titbiegħed mill-manipulazzjoni u tissokta tfittex il-ħelsien. Mhuwiex biss il-ħelsien fiżiku jew letterali iżda huwa wkoll ħelsien lingwistiku u letterarju f'termini ta' lessiku, ritmu, ton, forma, figuri tad-diskors u l-bqija. Il-fatt li *Żugraga* u *Kantuniera 'l Bogħod* huma djarji poetiċi li ssawru mill-perspettiva ta' mara diġà huwa ħelsien fih innifsu; ħelsien mir-riġidità patrijarkali u mid-diskors maskilista li ħakmu u jgħassru lil-letteratura u lis-soċjetà u lill-kultura kollha tagħna. Huwa turija li finalment qed tinbet ġenerazzjoni

ta' nisa li ma tibżax tartikola l-istejjer tagħha u li qed twarrab il-preġudizzji, il-miti u l-oppressjonijiet billi tiġġildilhom għax serqulha l-libertà u l-vuċi li bi dritt huma tagħha. F'"jiena Hi,"' Mifsud tenfasizza li minnha tinbeżaq "dinja ġdida" (Mifsud, *Żugraga* 47) b'referenza għat-tarbija ġdida li hija relatata ma', iżda distinta mill-omm. Iżda din hija referenza wkoll għal din il-perspettiva femminili li l-Professur Oliver Friggieri preċiżament isostni li "tiddistingwi ruħha sewwasew bħala diversità" (Friggieri 14). Forsi hija din id-diversità li tikkwalifika l-versi ta' Mifsud bħala skuntrati għax tiddistakkahom minn dak kollu li hu stabbilit. Fil-poeżiji ta' Nadia Mifsud hemm dinamiżmu emottiv li ma jaqta' xejn u fil-maġġoranza tal-każi huwa espost b'mod espliċitu. F'"murtal'" u "'L.'" il-poetessa tesprimi l-qagħda interna tagħha b'ton meta tgħid "demmi ġIgĠiFoGu"(Mifsud, *Żugraga* 18) u "demmi jdamdam/itambar bla heda/il-marċ tal-indannati" (Mifsud, *Żugraga* 28).

Mifsud, taqta' linja fina bejn ir-raġel bħala figura fih innifsu li tixxennaq għalih anki b'ħarsitha u l-attitudni maskilista li tipprova trażżan u ssikket lill-mara. Mhijiex influwenzata minn xi femminiżmu radikali li jobgħod lir-raġel, anzi, ir-raġel huwa preżenti fil-poeżija tagħha, sal-punt li anki jidher bħala l-mistieden "għażiż." Tħoss il-bżonn għal din il-preżenza ta' essri maskili sal-punt erotiku u tieħu gost bl-interess tiegħu fiha iżda ma tridux joġġettivizzaha jew ipoġġiha f'kategoriji preskritti universalment. Dan il-kunċett tevokah preċiżament Judith Butler (1956- ) għax skontha 'mara' hija aktar minn sempliċiment 'mara' imma hemm dinja sħiħa suġġettiva, li mhix tonda u "għandha ponot jaqtgħu" (Mifsud, *Kantuniera 'l Bogħod* 31) li tistenna li tiġi skoperta anki għal dak li għandha xi tgħid dwar ir-raġel. Butler tgħid li *"If one 'is' a woman, that is surely not all one is."*

kelma waħda kienet
- waħda -
kelma-sfida li biha kont mingħalik
se timpressjonani
u sbilt għalik
u għax jien bla kantunieri

*għidtlek*
*raġel*

*jiena mara*
*mara jien*
*jekk jogħġbok tħares lejja, ħares*
*b'daqshekk ma ddejjaqnix*
*jekk trid ukoll tmiss, miss*
*ladarba anki jien irrid*
*imma tippruvax taħkimni*
*għax daqsek kapaċi nqandilha did-dinja*
*tippruvax tirfisni*
*li ma tmurx titfixkel f'saqajk stess*
*u tispiċċa titgerbeb inti*
*terġax tipprova ssikkitni*
*għax xorta b'ħarsa waħda*
*- b'ħarsa -*
*kapaċi ntarrxek* (Mifsud, *Kantuniera 'l Bogħod* 34-5).

F'"The Laugh of the Medusa" (1975) Hélène Cixous (1937- ) tinqeda bil-metafora tat-titjira meta tgħid li *"Flying is woman's gesture – flying in language and making it fly."* M'hemmx dubju li f'din il-ġabra Mifsud "ittir" bil-lingwa billi permezz tagħha timraħ fi mkejjen fejn tinħall mill-oppressjonijiet għax tesplora d-dinja mil-lenti tagħha. U hawn ifiġġ paradoss ieħor meta nintebħu li għandna poeżija b'linġwaġġ dirett, mingħajr logħob bid-diskors, fis-sens li nsibu estroverżjoni assoluta sal-punt li tipprovoka, iżda mbagħad wieħed ma jistax jinnega t-"tħaddim elastiku" (Friggieri 12) tal-kelma meta Mifsud tinqeda b'bosta elementi fosthom il-multipliċità ta' perspettivi li tixħet fuq il-kliem, il-logħob bid-daqs tal-ittri u l-alternanza bejn ittri kbar u oħrajn żgħar u ż-żwieġ, f'bosta mill-każi, bejn l-aspett grafiku u dak semantiku. Il-libsa mingħajr tifsila jew forma fissa hija xhieda tal-esperjenzi ġewwiena li huma mtellgħa fil-wiċċ u murija d-dawl anki jekk iseħħu fl-iktar saff profond u intimu tal-eżistenza tagħna bħala bnedmin, esperjenzi li wkoll m'għandhomx forma fissa għax mhumiex prevedibbli. Immanuel Mifsud, fid-daħla tiegħu għal *Kantuniera 'l Bogħod* hu tal-fehma li "Nadia Mifsud iddaħħlek fil-privat mhux daqstant għall-gost esibizzjonista daqskemm biex turik li l-affarijiet mhux dejjem huma kif jidhru" (Mifsud, "Jiena Mara" 9). Tant hu hekk li fil-ħajja, bħal fil-letteratura, meta

mingħalik tkun qed tara l-passaġġ dritt kollu quddiemek, tirrealizza li l-istorja se tieħu rotta differenti għax għadha kemm bdiet tiżbroffa fik. Il-flessibiltà li huma mogħnija biha l-kelma u l-forma huma rifless tal-kisba tal-flessibiltà tal-mara fuq il-livell personali, mara li qed tagħraf tiġġedded, l-ewwel u qabel kollox għax għarfet tkun hi. Fil-fatt, Mifsud stess preċiżament tistqarr:

> Wieħed mill-għanijiet ewlenin għala proprju nikteb huwa li naqla' s-sarima u nisfida dawk 'il-liġijiet mhux miktuba' [...] li għadhom isikktu lin-nisa minkejja li mingħalina qed ngħixu f'soċjetà li kisbet l-ugwaljanza. Huwa mhux biss importanti, imma neċessarju, li l-awturi nisa jiktbu dinjiethom mingħajr ebda riżerva. (Portelli).

L-attenzjoni għad-dettall u l-kliem mirqum li huwa maħsub biex isawwar it-tema u jikkumplimenta t-ton tal-poeżija jagħmlu lil Mifsud mgħallma tal-arti tal-kelma; vuċi raffinata li l-lessiku taf [is]saffih mill-għarbiel poetiku (Mifsud, *Kantuniera 'l Bogħod* 106). F'"żugraga – għal O."' Mifsud, lill-persuna li tindirizzalha l-poeżija tgħidilha li hi mhix "żugraga" u tagħlaq billi tavżaha "jekk trid tara l-ilwien tiegħi/ieqaf ilgħab" (Mifsud, *Żugraga* 30). Jekk din il-persuna trid tara l-awtentiċità tal-poetessa jeħtieġ li ma tibqax tilgħab biha, iddawwarha u timmanipulaha għall-gosti tagħha. Hekk kif il-gost tal-logħob biż-żugraga jinsab fil-fatt li wieħed idawwarha u jara l-kuluri tagħha jisfumaw f'xulxin, hekk ukoll meta din il-mara tkun "iddur u tagħqad" titħabbel u titlef lilha nnifisha. Mifsud ukoll tinqeda b'multipliċità ta' perspettivi meta tħaddem il-lessiku. Il-verb "jilgħab" fil-kuntest ta' din il-poeżija jġorr miegħu konnotazzjonijiet negattivi għax jindika li xi ħadd qed jagħmel li jrid b'ħaddieħor.

Minkejja d-dgħufijiet tagħha bħalma jkollu kull bniedem ieħor, b'kunfidenza, b'determinazzjoni, b'passjoni u kultant anki b'aggressjoni, Mifsud tiċċelebra l-kisbiet tagħha, tisfida lit-"taparsi rġiel" (Mifsud, Żugraga 40) u tipponta subgħajha lejn uħud min-nuqqasijiet li tostor fiha l-kultura tagħna. B'referenza għall-isterjotipi li l-poetessa titqabad kontrihom, Immanuel Mifsud jgħid "Hemm liġijiet oħrajn, aktarx antiki ħafna aktar mill-istituzzjonijiet li aħna familjari magħhom, li jafu jaddattaw irwieħhom, jinħbew u jinfdu l-qoxra. U jinħbew tant tajjeb li ninsewhom, imma qegħdin hemm" (Mifsud, "Jiena Mara" 9).

Il-poeżiji tagħha għandhom "dan il-karattru elastiku, kapriċċuż, sperimentali" (Friggieri 13) għax Mifsud tfittex l-alternattiva anki fil-mod kif tuża l-ispazju tal-paġna vojta u fiha hemm "avventuriżmu letterarju li ma jiqafx" (Friggieri 14) prinċipalment imnissel ukoll mill-interpretazzjonijiet u l-konnotazzjonijiet li tħalli kull poeżija, anki jekk qasira. F'Mifsud l-esperimentazzjoni stilistika hija xhieda tal-avvanz tal-mara, però f'Mifsud din l-esperimentazzjoni toħroġ anki fuq il-livell viżwali għax twarrab għalkollox il-limiti imposti mill-grafija konvenzjonali.

Nadia Mifsud, b'dispjaċir u bi sfida wkoll tistaqsi "fejn huma n-nisa tagħna?" (Mifsud, Żugraga 45) għax minkejja li Mifsud hija Maltija 'ta' barra' u minkejja li ma taqbilx mal-mod kif il-kultura tagħna emarġinat lill-mara, pajjiżha bil-kultura tiegħu jinsab preżenti fil-vini tagħha u għalhekk tipponta subgħajha lejn in-nuqqasijiet tiegħu għax tridu jkun aħjar, għax trid li n-nisa li jibqgħu Malta jkollhom l-istess opportunitajiet bħal u daqs dawk li bħalha jħallu pajjiżhom. Issemmi lista ta' nisa li għamlu isem bħal "Kahlo, Woolf, Nin, Claudel, Plath, Sand, Chopin, Tsvetaïeva, Colette, de Beauvoir …" (Mifsud, Żugraga 45) iżda fost dawn, sfortunatament, m'hemm ħadd Malti. Fid-daħla għall-ġabra ta' poeżiji ta' Nadia Mifsud, Oliver Friggieri jgħid li l-espressjoni poetika ta' Mifsud tikkonsisti f'

> mara u vuċi deċiża ta' kundizzjoni komuni għal nisa li jifhmu lilhom infushom fit-termini tad-differenza mid-dinja maskili. […] Hi kitba b'impenn morali, li jitlaq mill-persuna individwali u jfittex li jasal sat-truf tal-ġemgħa magħrufa bħala mara, il-kotra tan-nisa li jaraw fil-qagħda femminili art wiesgħa li titlob definizzjoni u addattament. Dawn il-poeżiji miktubin minn mara huma dwar il-mara (Friggieri 11).

It-terminu "mara" għandu diversi sfumaturi u definizzjonijiet, anzi, nistgħu ngħidu li għandu tifsiriet daqskemm jeżistu nisa. Ma jikkonsistix f'ġemgħa kollettiva li tiġbor lil kulħadd fi ħdanha u għalhekk il-poeżiji ta' Mifsud huma miktubin minn mara dwar mara bl-istejjer u l-esperjenzi tagħha li daqskemm huma individwali jistgħu joqorbu lejn it-tiġrib ta' xi qarrejja iżda li xorta ma jkoprux l-esperjenzi tan-nisa kollha.

## Il-Barranija ta' Ġewwa

Ix-xogħlijiet ta' Nadia Mifsud li joffru l-perspettiva ta' Maltija 'ta' barra' li hija midħla ta' pajjiżha daqskemm hija distakkata minnu. Fil-poeżija tagħha tesplora spazji miftuħa u oħrajn li jintrigawna iżda tesplora wkoll ir-relazzjoni intima tagħha ma' dak il-post partikolari; "il-fatt kif il-perspettiva tagħna tinbidel skont l-angolu li nkunu qed inħarsu minnu. It-titlu tat-tieni ġabra poetika, *Kantuniera 'l Bogħod* jindika preċiżament dan għax fuq naħa din l-espressjoni tindika li xi ħaġa hija pjuttost viċin waqt li min-naħa l-oħra, id-distanza, għalkemm qasira, hija biżżejjed biex tostor dak li qed jiġri" (Reljić). Mifsud stess tirrimarka li dawn l-ispazji qatt ma ħasbet fuqhom jew attirawha meta kienet għadha tgħix f'Malta iżda mal-mument li fih emigrat, dawn l-ispazji ma baqgħux 'tas-soltu' (Reljić).[2] Il-Belt, kif jindika t-titlu ta' waħda mill-poeżiji taraha "mod ieħor" (Mifsud, *Kantuniera 'l Bogħod* 49). F'qalbha, tikkuntenta bir-"riħa tal-ħobż jinħema," iz-zekzik tal-anzjani, ir-radju jinstema' mill-bogħod "taħt sema forn qalil" (Mifsud, *Kantuniera 'l Bogħod* 49).

F'dawn il-mumenti, meta fi kliemha stess tinħoloq "dinja sħiħa ta' memorji" (Reljić) tippreferi tħalli ruħha [t]intilef fis-sigrieti sħan, [t]ħalli 'l dil-belt tirrakkuntal[ha] ħalli b'hekk ikollha esperjenza kompleta tal-post anki permezz tal-involviment tas-sensi (Mifsud, *Kantuniera 'l Bogħod* 49-50). Hija dik li ruħha "[t]ħalliha titbennen" fuq bejt li għaliha hu ħabib antik (Mifsud, *Kantuniera 'l Bogħod* 52). Għax paradossalment, għalkemm dawn l-imkejjen qed tarahom minn dimensjoni ġdida, huma l-istess imkejjen li fihom seħħew "l-ħrejjef ta' dar[ha] (Mifsud, *Kantuniera 'l Bogħod* 50). Mifsud tiftakar li dawk ir-residenti li osservat huma ħutha Maltin u d-dehra ta' "turista" hija biss qoxra li ma jirnexxilhiex iġġegħelha tiċħad għeruqha għax

arthom u baħarhom nisslu wkoll lili
nibża' niġbed ir-ritratt
li ma mmurx ma' tbissimthom
naħfnilhom ruħhom (Mifsud, *Kantuniera 'l Bogħod* 50-1).

2 *"But what I'm really interested in are spaces and how we interact with them, the way our perspective shifts according to where we are standing.*
*The title of this collection,* Kantuniera 'l Bogħod, *tries to convey that idea – on the one hand, you could say "it's just round the corner" which implies that something is pretty close; on the other hand, the distance is already such that you cannot actually see what is happening on the other side."*

Dan il-vers jixhed kemm Mifsud tħalli n-nixxiegħa tal-ħsieb tmexxiha u kemm għandha personalità flessibbli li taċċerta li ma taqax f'rappreżentazzjonijiet ritrattistiċi riġidi iżda toħloq xbihat defmiljarizzati li aktarx jinbidlu ma' kull żjara. Hija poeżija li tapprezza l-mument aktar milli tippreservah. Hija dik li tħobb lil pajjiżha aktar kemm titbiegħed minnu, dik li tistaqsi "fejn hu pajjiżi?" (Mifsud, *Kantuniera 'l Bogħod* 45) meta kienet proprju fih. Hija dik li xxerred demgħa mat-tluq u magħha lura tieħu kemm tista' esperjenzi.

moħħi jkompli jittaqqal
b'dak kollu li l-bagalja
ma wesgħetx (Mifsud, *Kantuniera 'l Bogħod* 54).

**Konklużjoni: Poeżija Enerġetika**

Il-poeżija ta' Mifsud titkellem dwar l-esperjenzi tal-ħajja ta' kuljum, inklużi dawk l-aktar misturin u profondi u tuża lingwa ħajja u dinamika li dejjem lesta li tiġġedded bħan-nisa li jippopolaw bosta mill-poeżiji u li jsawru l-istorja tagħhom għax jirrifjutaw li jinħbew "fin-normalità tad-diskors" li jixħet lil kulħadd f'keffa waħda (Micallef vii). Għall-mara l-"ġdida" dan id-diskors "normali" strutturat minn qabel ma niġu fid-dinja huwa arroganti għax ixejjinha. Dawn huma poeżiji li, anki jekk ma jsolvux il-problemi li jġibu magħhom l-inugwaljanzi u l-oppressjonijiet, però jqanqlu għax jindirizzaw l-istrutturi soċjali u globali li qed jikkawżawhom. Huma terapewtiċi jew fi kliem Mifsud stess jagħtu "serħan" (Portelli) lil min jidentifika magħhom. Bla dubju ta' xejn hija d-determinazzjoni l-forza ewlenija li tħeġġeġ lil dan l-"ispirtu liberatorju" (Mifsud, "Jiena Mara" 11) jerfa' rasu biex jikkonfronta, jesprimi, jerotiċizza, jikkonvinċi, jistieden u fuq kollox, iqaċċat il-paraventu li ħbieh għal millenji sħaħ. Aktar minn hekk, Immanuel Mifsud jemmen li hija "determinata sal-punt li ssir stinata" (Mifsud, "Jiena Mara" 12).

## Biblijografija


Butler, Judith. "Subjects of Sex/Gender/Desire." *Feminisms*. Ed. Sandra Kemp u Judith Squires. Oxford: Oxford University Press, 1997. 278-85. Stampat.

Cixous, Hélène. "The Laugh of the Medusa." Trad. Keith u Paula Cohen. *Signs: Journal of Women in Culture and Society* 1.4 (Summer 1976): 875-93. Internet. 4 ta' Diċembru 2015.

Friggieri, Oliver. Nadia Mifsud – L-Għarfien tal-Femminilità. *Żugraga*. Ta' Nadia Mifsud. Malta: Nadia Mifsud, 2009. 11-4. Stampat.

Micallef, Bernard. Is-Sensibilità Femminili bħala Djalogu mal-Ieħor. *Iżda Mhux Biss*. Ta' Maria Grech Ganado. Malta: Printwell, 1999. vii-xxxvii. Stampat.

Mifsud, Immanuel. "Jiena Mara": Il-Poeżija bħala Stqarrija Politika." *Kantuniera 'l Bogħod*. Ta' Nadia Mifsud. Malta: Edizzjoni Skarta, 2015. 8-19. Stampat.

Mifsud, Nadia. *Żugraga*. Malta: Nadia Mifsud, 2009. Stampat.

Mifsud, Nadia. *Kantuniera 'l Bogħod*. Malta: Edizzjoni Skarta, 2015. Stampat.

Portelli, Ramona. "Żammet il-Lingwa Maltija l-Prijorità Tagħha." *Kullhadd.com*. 10 t'Ottubru 2015. Internet. 16 ta' Jannar 2016.

Reljić, Teodor. "The faraway nearby: Nadia Mifsud." *Maltatoday*. 15 ta' Settembru 2015. Internet. 9 ta' Jannar 2016.

# Aspetti Lessikali u Grammatikali fil-Glossarju Pirotekniku

Carlston Grima

## Introduzzjoni

Il-piroteknika hija sengħa ħajja mħaddma minn pirotekniċi żgħażagħ u anzjani b'mod volontarju, biex wara ħafna sagrifiċċju jsarrfuha fi prodott jew xogħol tan-nar li jiddistingwina minn kull pajjiż ieħor. L-għan ta' dan l-artiklu hu li nagħti ħarsa dettaljata lejn l-aspetti lessikali u grammatikali interessanti li nsibu fil-glossarju pirotekniku ta' din is-sengħa fil-kumplessità tagħha.

Il-glossarju huwa tip ta' varjazzjoni lingwistika li mhuwiex assoċjat ma' post ġeografiku imma ma' gruppi ta'nies li għandhom l-istess interessi jew ma' ċirkostanzi ta' użu partikolari bħalma huwa xogħol jew sengħa. Trudgill ifissru bħala "varjazzjonijiet lingwistiċi li huma marbuta mal-professjoni, okkupazzjonijiet u anke suġġetti" (*On dialect* 101).

Dan l-artiklu huwa mqassam f'seba' taqsimiet: il-kliem kompost, l-għadd tan-nom, il-forom aġġettivali, il-proċessi metaforiċi, il-kliem onomatopejku, il-kliem partikolari għal dan il-glossarju, u t-termini li mhumiex reġistrati fid-dizzjunarju jew ma jingħatawx bit-tifsira assoċjata mal-logħob tan-nar.

**Il-kliem kompost**

Dan jissawwar meta żewġ elementi jew aktar b'tifsira differenti jingħaqdu u b'hekk joħolqu tifsira ġdida (Pinker 34). Din il-parti grammatikali fil-Malti ma tantx ġiet studjata fid-dettall. Fabri (14-21) kiteb dwar il-klassifikazzjoni tal-kliem kompost fil-Malti u analizza tipi differenti tiegħu; kemm bi kliem Semitiku kif ukoll missellef, u jiffoka fuq il-forma **Aġġ. + Nom** (eż. *tqil ċomb*). Dan biex jikkaratterizzaha u jiddistingwiha minn kliem kompost ieħor ("Compounding and adjective-noun compounds in Maltese" 14-21). Fabri jisħaq li baqa' ħafna xogħol xi jsir, sabiex il-kliem kompost issirlu analiżi koerenti u jingħata importanza xierqa fl-ilsien Malti.

Fil-lingwaġġ pirotekniku għandna kliem kompost magħmul minn:

- **Nom + nom**: *barmil kolla*, ċentru stilla, *lasta puntell*, *murtal qalb*, u *tebqa kulur*.
- **Nom + aġġettiv:** *beraq irqiq*, *gass komuni*, *kanna baxxa*, *niċċa għażżiena*, u *xemgħa Rumana*.
- **Nom + verb**: *ballun idur*, *beraq jillampja*, *beraq ma jidhirx*, u *bomba tikber*.
- **Nom + prep. + nom**: *arma tat-tempijiet*, rota tat-tidwir, u *stilla taċ-ċapċip*. Din l-iktar komuni fil-glossarju pirotekniku.
- **Nom + nom + verb**: *murtal stilla tiġri*.
- **Nom + nom + prep.**: *beraq ħoss kontra*.
- **Nom + nom + aġġ.**: *murtal sizes doppju*.
- **Nom + aġġ. + nom**: *murtal doppju slices*.
- **Nom + prep. + avverb**: *bomba ta' wara*.
- **Nom + prep. + nom verbali**: *temperatura tal-qbid*.
- **Prep. + aġġ. + nom**: *tal-ħames bombi*.
- **Nom verbali + nom + aġġ.**: *rbit bandiera Ingliża*.
- **Nom + prep. + nom + aġġ.**: *gass tad-duħħan ikkulurit*.
- **Nom + prep. + prep. + nom**: *bomba ta' taħt sormu*.
- **Nom + prep. + nom + prep. + nom**: *murtal tal-beraq biċ-ċentru*.

## L-Għadd tan-Nom

Fil-glossarju pirotekniku nsibu kliem li, għalkemm fil-Malti Standard jintuża fil-plural, fil-piroteknika hu użat fil-kollettiv. Il-kollettiv hu grupp ta' affarijiet jew oġġetti li huma l-istess jew simili ta' xulxin miġburin flimkien (Abdilla 2015). Dawn huma:

- stilla
  Il-murtal fih ħafna **stilla**.
- *porvli*
  Il-pirotekniku qed jitlob għax-xemx biex jinxef il-**porvli**.
- *niċċa*
  Fil-kmamar tan-nar issib xebgħa **niċċa**.

Fil-glossarju nsibu wkoll il-plural. Fil-Malti hemm xi kliem li jieħu ż-żewġ tipi ta' plural: is-sħiħ u l-miksur. Insibu li għal *kanna* jużaw kemm il-plural *kanni* kif ukoll *kanen* u fin-nar tal-art għal *funtana* nsibu *funtani* u *fnatan*. F'dan il-glossarju nsibu forom li jvarjaw mill-Istandard, l-għaliex Aquilina jagħti l-plural ta' *mrewħa* bħala *mriewaħ* imma l-piroteknići jużaw *imrewwaħ*. Minnaħa l-oħra, Aquilina jagħti kemm il-plural *sferi* u *sfejjer* għal *sfiera*, bl-aħħar waħda jispeċifika li jużawha l-piroteknići. Insibu wkoll il-plurali *bombiet*, *użini* u *nżulijiet*, li jintużaw mill-piroteknići u jvarjaw mill-istandard *bombi*, *użin*, u *nżul*.

## Il-forom aġġettivali

Insibu tliet kelmiet li jintużaw differenti mill-Istandard, għax għalkemm huma aġġettivi, fil-piroteknika, jaġixxu bħala nomi. It-terminu *miġnuna* jintuża għal persuna li ma tkunx f'sensiha. Fil-piroteknika l-*miġnuna*$_1$ tfisser raddiena maħduma fil-plastik li titla' fl-ajru permezz tal-funtani, u *miġnuna*$_2$ tfisser tip ta' raddiena mqiegħda b'mod orizzontali li fiha jkollha għadd ta' mġienen maħduma fil-plastik li jitilgħu fl-ajru permezz tal-funtani. It-terminu *mexxejja* jingħad għal xi ħaġa li tibqa' għaddejja, bħal *mużika mexxejja*. Fil-piroteknika l-*mexxejja* tfisser niċċa użata fil-kumnikazzjoni tal-fetqiet tal-kaxxi flimkien f'mazz jew tal-mazzi flimkien. It-terminu *mitluqa* jingħad għal persuna li ma

jkollha aptit tagħmel xejn. Fil-piroteknika tfisser waħda mill-ħames bombi jew mill-ħames ftuħ tal-kulur żgħar jew tal-beraq bil-ħsejjes f'murtal tal-ħamsiet.

## Il-proċessi metaforiċi

"Il-metafora hi figura tat-taħdit li fiha kelma jew frażi identifikata ma' xi ħaġa li loġikament, jew skont is-sens letterali, m'għandhiex relazzjoni mal-kelma jew mal-frażi. Il-metafora fiha paragun moħbi, imfisser fis-sura ta' identifikazzjoni" (Friggieri 448 u Lakoff u Johnson 9). B'metafora l-kliem jissieħeb fuq il-bażi ta'xi xebh. Il-metafora tista'ssir bejn nomi minħabba xebh fl-oġġett, bejn verbi minħabba xebh fl-azzjoni, u bejn aġġettivi minħabba xebh fid-deskrizzjoni. Fir-reġistru tal-piroteknika kemm-il darba nsibu xebh metaforiku, ngħidu aħna mal-annimali jew l-ikel.

Il-pirotekniċi jużaw kliem għal xogħol tan-nar tal-ajru li meta jitlesta jew jieħu fl-ajru jkun jixbah lill-annimali:

- *fekruna*: raddiena maħduma fil-plastik li titla' fl-ajru permezz tal-funtani;
- *serpentella*: magħmula minn skartoċċ tal-beraq mimli b'taħlita tal-funtani tal-kulur, li taħsad ħafna. Mal-ħruq toħroġ fuq temp mitfija u xħin taqbad, taħrab tiġri, isserrep u tvenven fis-sema f'direzzjoni waħda. Tipproduċi lsien ikkulurit u tħalli denb ta' raxx ta' lewn safrani warajha;
- *bebbuxu*: fetqa kbira b'għadd ta'bukketti tal-kulur jew anke bl-imsielet, li meta jinħaraq fis-sema (jekk jagħti lejn in-nies għax tidħol il-fortuna), il-bukketti jinħarqu wara xulxin u jagħmlu forma ta' bebbuxu;
- *brimba*: sistema fin-nofs tar-raddiena, li tmexxi r-raddiena bl-ingranaġġi kollha f'salt; u
- *żiemel*: karru twil bir-roti maħdum bil-ħadid jew injam, bi tliet xkafef fejn jidħlu t-tilari. Jintuża biex jitqiegħdu t-tilari tal-istilla ċċilindrata jew tonda, fetqiet jew beraq fuqu ħalli jinxfu fix-xemx. Dan il-karru jħaffef ix-xogħol tal-pirotekniku, biex ma joħroġx tilar tilar imma kollox f'daqqa.

Jużaw ukoll kliem għal xogħol tan-nar tal-ajru li meta jitlesta jew jieħu fl-ajru jkun jixbah lill-ikel:

- *farfalla/nokklu/injokka*: tip ta' serpentelli li jkunu mtaqqbin minn żewġ naħat fil-ġnub kontra xulxin biex flok jiġri jagħqad;
- *salami*: murtal li jikkonsisti f'titjira beraq, 4/5 bombi jew ċentrijiet imbagħad fetqa sħiħa (kemm beraq jew kulur) u wara jerġa' jkompli l-istess jew ikollok xi qasma beraq ta' 2/3 ħsejjes jew aktar skont il-kapaċità tal-piroteknikú;
- *zalzett*: garża mdawra f'forma ta' ċilindru b'tulijiet varji mċappsa bil-porvli u l-lewlu applikat magħha. Dan jitqiegħed f'nofs il-fetqa biex tgħinha taqsam aħjar;
- *maqrut/pastizz*: disinn partikolari li ssibu ġeneralment f'raddiena msejħa *universal*.

Xi xogħol tan-nar tal-ajru meta jitlesta jew jieħu fl-ajru jingħad li jkun jixbah lill-aspetti tal-flora:

- *fjura/fjura tal-kulur/fjura tal-gass/warda*: biċċa nar tal-art fejn ikollok żewġ roti bil-funtani ta' kull kulur li jduru kontra xulxin u jiffurmaw fjura bl-effetti tar-raxx li jtajru l-funtani;
- ġiljuwwa: niċċa fi profila b'bokkin marbut magħha li tinżel minn ġol-kumnikazzjoni għall-fetqiet tal-kaxxi;
- ċentru pastarda: ċentru mimli kollu bl-istilla rqiqa taċ-ċentrijiet bla toqba;
- *qaqoċċa*: tip ta' ger forma ta' kuruna bis-snien, li tintuża f'sistema li teqleb direzzjoni ta' pożizzjoni vertikali għal orizzontali jew bil-kontra f'raddiena;
- *qronfla*: biċċiet ta' niċċa bejn fetqa u oħra mat-temp.

Xogħol tan-nar tal-ajru ieħor meta jitlesta jew jieħu fl-ajru jkun jixbah lill-partijiet tal-ġisem:

Insibu termini li jirreferu għal partijiet tal-ġisem tal-persuna. Kull murtal, fetqa u bomba għandhom il-*wiċċ*; il-parti ta' fuq, iż-żaqq; il-parti ta' bejn il-wiċċ u s-sorm u s-*sorm*; il-parti ta' taħt. Fil-piroteknika nsibu wkoll ir-ras, is-sieq, l-id, is-suba', il-minkeb u l-qalb. Ir-*ras* hija l-varjant ta' *murtal*$_1$, is-*sieq* hija

n-niċċa speċjali u tgħaġġel ħafna li b'teknika kbira tniżżel in-nar minn mat-temp prinċipali għat-tir jew niċċa fi profila b'bokkin marbut magħha li tinżel minn ġol-kumnikazzjoni għall-fetqiet tal-kaxxi. L-*id* hija ħadida li magħha jeħlu d-disinji, roti u biċċiet oħra tan-nar tal-art. Qabel, il-pirotekniċi kienu jużaw l-injam flok il-ħadid. Is-*suba'* hu l-aħħar saff ta' stilla ta' taħt ġewwa fetqa li traxxax u tibqa' ġewwa. Il-*minkeb*, magħrufa wkoll bħala *arm*, hija ħadida forma tiegħu li tintuża fin-nar tal-art, biex timbotta l-mekkaniżmu ħalli d-disinji jinfetħu u jingħalqu. Il-*qalb* tista' tkun jew disinn magħmul mill-istilla jew ċentru ta' kull fetqa kulur jew beraq li jkun magħmul minn stilla rqiqa f'forma ta' qalb.

## Il-kliem onomatopejku

Fil-kitba tal-poeżija, insibu l-ħila ta' ċertu kliem li bil-ħsejjes tiegħu jirriproduċi l-azzjoni jew il-ħoss fid-dinja (Friggieri 523). Għadd ta' kliem fl-ilsien Malti għandu x-xeħta ta' tagħqida ta' sens u ħoss, bħal ngħidu aħna *baqbaq*, żaqżaq, *fexfex* u *textex*.

Fil-piroteknika nsibu termini li jirriproduċu l-ħoss tal-oġġett li l-kliem jirrappreżenta. Għandna l-murtal *paqbumm/faħbumm/faqbumm/leqbumm* u *xpaqbumm*, li jkun hemm bombi mmuntati magħluqin fi skrataċ u jiġu bħal murtal normali u jirriproduċu dak il-ħoss b'mod ripetut. Għandna wkoll l-istilla *crackling/cracker/tat-tqarmiċ* u *taċ-ċapċip*, li hi stilla sensittiva ħafna mill-impatt u l-frizzjoni. Din tagħmel ħoss bħal żejt jinqela.

## Kliem partikolari għal dan ir-reġistru

F'dan il-glossarju nsibu kliem li jingħad speċifikament fil-piroteknika, li mhux bilfors jingħad fl-Istandard. Il-kelma *nharu* u *lejlitu* jintqalu mill-pirotekniċi biex jirreferi għall-ħarqa jew murtali li se jinħarqu fil-jiem speċifiċi tal-festa; jum il-festa, lejlet il-festa. F'dan il-glossarju nsibu biss laqam wieħed; *Bibillu*. F'Ħal Qormi jissejħu hekk il-murtali li jaqilbu darbtejn. Dan ġie msemmi hekk għal bniedem minn Ħaż-Żebbuġ li kienu jgħidulu l-Bibillu u kien uriehom kif isir.

## Kliem li mhux fid-dizzjunarju

Dan l-istudju soċjolingwistiku huwa utli wkoll għad-dizzjunarji tal-Malti l-għaliex id-dizzjunarji li għandna huma neqsin ħafna mill-kliem u mit-tifsiriet ta' din is-sengħa. F'dan il-glossarju nsibu kliem li mhuwiex reġistrat fid-dizzjunarji u hemm kliem li huwa reġistrat imma m'għandux it-tifsira tal-piroteknika. Hawn taħt insibu żewġ tabelli b'xi eżempji ta' dan il-kliem kif ukoll it-taqsima tal-glossarju fejn jinsab il-kliem.

| Kliem mhux reġistrat | Kategorija |
|---|---|
| *mmursjar/mmastirar/mmustrar* | *Il-Proċess tal-berqa* |
| *ffrenża* | *Verbi użati fil-logħob tan-nar* |
| *fnatan* | *Nar tal-Art* |
| *ġenisur* | *Nar tal-Art* |
| *ġiljuwa* | *Il-Proċess tal-logħob tan-nar* |
| *intafla* | *Verbi użati fil-logħob tan-nar* |
| *kappoċċ/kappuċċa* | *Il-Proċess tal-logħob tan-nar* |
| *kurċetta* | *Nar tal-Ajru/Il-Proċess tal-logħob tan-nar* |
| *mmoppja* | *Verbi użati fil-logħob tan-nar* |
| *murazza* | *Il-Proċess tal-porvli* |

Tabella 1: Kliem mhux reġistrat fid-dizzjunarji

| Kliem reġistrat imma mhux bit-tifsira tal-piroteknika | Kategorija |
|---|---|
| *ballun* | Nar tal-ajru/Il-Proċess tal-logħob tan-nar |
| *bixkilla* | Nar tal-art |
| *bokkin* | Il-Proċess tal-logħob tan-nar |
| *fisfisell* | Il-Proċess tal-logħob tan-nar |
| *għanqbuta* | Nar tal-ajru/Il-Proċess tal-logħob tan-nar |

| **Kliem reġistrat imma mhux bit-tifsira tal-piroteknika** | **Kategorija** |
|---|---|
| *garigor* | Nar tal-art |
| *ittra* | Nar tal-ajru |
| *kalzetta* | Nar tal-art |
| *kaxxa* | Nar tal-ajru |
| *kuruna* | Nar tal-ajru/Nar tal-art |
| *lapes* | Nar tal-ajru/Nar tal-art |
| *lazz* | Il-Proċess tal-logħob tan-nar |
| *misluta* | Nar tal-ajru |
| *mopp* | Informazzjoni Oħra |
| *mqass/pjanu* | Nar tal-art |
| *raġġiera* | Nar tal-ajru/Nar tal-art/Il-Proċess tal-logħob tan-nar |
| *rużun* | Nar tal-art |
| *skrun* | Nar tal-ajru |
| *sodda* | Nar tal-art |
| *sopratakka* | Il-Proċess tal-logħob tan-nar |
| *stilla* | Nar tal-ajru/Il-Proċess tal-istilla |
| *suffara/tisfira* | Nar tal-ajru/Il-Proċess tal-logħob tan-nar |
| *tmun* | Nar tal-art |
| *umbrella* | Nar tal-art |
| *xemx* | Nar tal-art |
| żigżag | Il-Proċess tal-logħob tan-nar |
| żubrun/*sufrun* | Nar tal-art |

Tabella 2: Kliem reġistrat imma mhux marbut mal-piroteknika

## Konklużjoni

B'dan l-artiklu, ippruvajt nuri li x-xogħol tan-nar ma jinħaraqx malajr u jispiċċa fix-xejn f'minuta. Għalkemm għandna glossarju ta' ftit aktar minn 1,200

terminu marbut mal-logħob tan-nar, żgur illi baqa' aktar termini x'jinġabru. Barra minn hekk, mill-perspettiva tal-lingwa, fit-teżi tal-Maġisteru, 'Studju Soċjolingwistiku fuq ir-Reġistru tal-Piroteknika Maltija', ġiet żviluppata mappa djalettali tal-qasam lessikali tal-logħob tan-nar billi, f'kuntrast ma' studji lessikali oħra li ġeneralment jiffukaw fuq ftit lokalitajiet, dan l-istudju jifrex l-analiżi lingwistika: il-varjazzjoni tal-ġeografija, tal-età, u tal-kamra tan-nar, fuq skala ferm ikbar ta' 32 kamra tan-nar minn 20 lokalità f'Malta u Għawdex.

## Biblijografija


Abdilla, Theresa. *L-għadd fil-kollettiv Malti: studju fuq il-miktub u l-mitħaddet*. Teżi tal-B.A. (Unuri). L-U ta' Malta, 2015. Stampata.

Aquilina, Ġużè. *Maltese-English dictionary*. 2 vol.i. Malta: Midsea, 1987. Stampat.

Fabri, Ray. "Compounding and adjective-noun compounds in Maltese." F'B. Comrie, R. Fabri, M. Mifsud, E. Hume, M. Mifsud, T. Stolz and M. Vanhove (edizzjonijiet). *Introducing Maltese Linguistics*, 2009. pġ. 207-231. Amsterdam: Benjamins. Stampat.

Friggieri, Oliver. *Dizzjunarju ta' Termini Letterarji*. Malta: PEG, 2000. Stampat.

Lakoff, George & Mark Johnson. *Metaphors We Live By*. Chicago: L-U ta' Chicago, 1980. Stampat.

Pinker, Steven. *Words and Rules*. Londra: Phoenix, 2000. Stampat.

Trudgill, Peter. *On dialect: social and geographical perspectives*, Oxford: Blackwell, 1974. Stampat.

# It-Traduzzjoni Letterarja Minn Perspettiva Kulturali f'Qafas Lokali

Kenneth Grima u Charles Briffa

## In-nisġa bejn il-kultura u t-traduzzjoni letterarja

It-traduzzjoni letterarja tingħaraf bħala proċess komunikattiv li jissejjes fuq kultura speċifika (Ginter 27). Il-lingwa mhijiex sempliċiment lista ta' kliem maqsum f'sensiela ta' kompartimenti u kategoriji (Culler 21-2), imma tirrifletti realtà soċjali li tintiseġ b'mod sħiħ ma' kultura speċifika (Teodorescu 175). Għaldaqstant, il-kultura u l-lingwa jinfluwenzaw lil xulxin (*ara* Lotman et al. 212; Snell-Hornby 39; Vermeer 222; Hongwei 121; Bassnett 22; Armstrong 1; Teodorescu 17), minkejja li jeżisti dibattitu mqanqal dwar ir-relattività bejn il-lingwi u l-kultura u dan fid-dawl tal-ipoteżi ta' Sapir-Whorf (ara l-istudji rispettivi ta' Paul Kay u Willett Kempton, Jing He u Hai-Ying Liang għal aktar tagħrif b'rabta ma' din l-ipoteżi). Ġaladarba t-tifsira ta' kelma tintrabat intrinsikament ma' lingwa speċifika, u din tinħema ma' kultura, prattiċi, valuri u attitudnijiet speċifiċi (Buden et al. 215-8; Teodorescu 175-8), l-aspett tal-kultura sar, matul il-medda taż-żmien, kunċett ewlieni fl-istudji tat-traduzzjoni letterarja (Lefevere u Bassnett, "Proust's Grandmother" 4; Braga Riera 179).

Bħala proċess komunikattiv, it-traduzzjoni letterarja għandha l-għan li twassal għal att ieħor ta' komunikazzjoni bejn fruntieri kulturali u lingwistiċi, li, madankollu, jaf ikollu skopijiet differenti u qarrejja differenti (Hatim u Mason 1). Għaldaqstant, hu proċess li mhux biss jinvolvi żewġ ilsna, imma t-trasferiment

minn kultura għal oħra (Conolly 149). It-traduzzjoni letterarja hi esperjenza li tinvolvi skambju kulturali (Y. Liu 169) fejn il-kultura ssawwar il-proċess u l-verżjoni aħħarija tal-prodott tradott (Lou 154). Dan kollu jġegħilna nagħrfu kemm it-traduzzjoni letterarja tinvolvi t-traspożizzjoni sħiħa tat-tifsira u ta' tagħrif impliċitu ieħor misjub fit-testi letterarji (Zhonngang 43) mil-lingwa sors għal-lingwa-mira, filwaqt li jitqiesu l-għeruq kulturali ta' kull lingwa (Khan u Mahameed 182) u li, eventwalment, twassal għat-tisħiħ tal-kultura mira (Lou 155) u tal-letteratura mira (Gao i-ii). Fuq kollox tgħin sabiex ikompli jiġġedded id-djalogu eżistenti bejn il-kultura sors u l-kultura mira u, b'riżultat ta' dan, tiggarantixxi t-tqassim tal-ideat mingħajr ebda xkiel (Teodorescu 176-8).

Għalhekk, il-proċess tat-traduzzjoni letterarja ma jistax jibqa' jinjora dawk il-fatturi kulturali speċifiċi li jagħmlu parti integrali mit-test, jiġifieri l-aspetti kulturali fit-traduzzjoni (Bassnett 2; Boase-Beier 253-63; Braga Riera 179). Dawn l-aspetti kulturali għandhom sehem mill-aktar siewi fil-proċess tat-traduzzjoni ta' testi letterarji tant li Lou jagħmilha ċara li t-traduzzjoni letterarja mhijiex biss influwenzata mill-kultura sors, min-naħa waħda, imma wkoll mill-kultura mira, min-naħa l-oħra (155). Il-letteratura hi primarjament traduzzjoni jew interpretazzjoni, jekk mhux ukoll riinterpretazzjoni, tar-realtà, tal-ħajja u tan-natura li jibqgħu jiġu tradotti bla ebda waqfien mill-awturi sabiex jitwasslu lill-pubbliku rispettiv (Xie 127). Hi mitmugħa mill-kultura u fl-istess nifs għanja fl-elementi kulturali li, fl-aħħar mill-aħħar, jirriflettu s-soċjetà u l-ħajja b'mod mill-aktar wiesa' (Lou 154-5).

Skont il-Professur Oliver Friggieri (*Dizzjunarju* 396), l-għeruq tal-letteratura u l-punt tat-tluq tagħha tant huma magħġuna fil-kultura li t-traduzzjoni tal-proża, b'mod speċjali, tistrieħ fuq l-interkomunikazzjoni bejn kultura u oħra (Teodorescu 178). Ix-xogħlijiet letterarji huma testi miktuba li jserrħu fuq l-użu mirqum tal-lingwa mill-awtur oriġinali li jikkomunika mal-udjenza tiegħu billi jmur lil hinn mit-tifsira sempliċi tal-kliem (Zhonngang 43). Meta qed jittraduċi xogħol letterarju, it-traduttur, għalhekk, irid jikkunsidra mhux biss il-kultura sors imma wkoll dik mira, minħabba li hi l-kultura li tiddetermina l-proċess tat-traduzzjoni bħala esperjenza sħiħa (*ara* Lefevere u Bassnett "translation Studies" 3; Torop 598; Koskinen 143; RoRodríguez-García 3; Sun "Interpretation and Translation Adrift" 241; Tan u Shao 210; Dutta 61; Sun "Cultural Translation" 89; Lou 154; L. Liu 94; Y. Liu 170). It-traduzzjoni letterarja hi djalogu bejn il-kulturi li

jgħin sabiex jitwarrbu l-firdiet kulturali li jeżistu bejn il-lingwa sors u t-test sors, u l-lingwa mira u t-test mira (Teodorescu 175). Fi kliem Eco, awtur u traduttur, it-traduzzjoni hi, allura, dwar dinjiet possibbli fejn ix-xogħol tradott għandu joħloq 'l-istess' effetti semantiċi, sintattiċi, stilistiċi, metriċi, simboliċi u l-bqija bħat-test oriġinali (16). Fl-istess ħin, però, it-traduzzjoni letterarja mhijiex kopja tal-messaġġ oriġinali imma tinvolvi proċess komunikattiv kreattiv bejn kultura u oħra li matulu qed tingħadda esperjenza valida minn komunità lingwistika u kulturali partikolari għal komunità lingwistika u kulturali oħra (*ara* Even-Zohar 193; Baker 127-8; Landers 5; Bassnett 9; Laiho 303; Sun "Displacement and Intervention" 104-12; Dutta 59; Rao 62-3; Xie 120).

It-traduzzjoni letterarja hi, mela, fenomenu kulturali li mhux biss isaħħaħ il-lingwa mira u l-kultura mira permezz ta' nixxiegħa ta' ideat ġodda (Buden et al. 211) imma fuq kollox jirriġenera t-test sors (Bassnett 9) billi jippreżentah lil udjenzi ġodda. Fuq kollox, mhux biss tipprovdi innovazzjoni letterarja, imma tgħin sabiex tissawwar kultura b'oħra (L. Liu 95). Dan kollu jurina li ġaladarba l-letteratura hi intrinsikament parti mil-lingwa (Lou 154), u għax il-lingwa tintiseġ mal-kultura (Armstrong 33), ir-rabta, jew aħjar l-interkonnettività, bejn il-kultura, il-lingwa u t-traduzzjoni letterarja faċli tingħaraf.

## It-traduzzjoni letterarja f'kuntest lokali

Storikament, it-Taljan kien l-ilsien uffiċjali tal-kultura, il-letteratura u l-amministrazzjoni f'Malta, filwaqt li l-Malti kien meqjus bħala lingwistikament inferjuri, tajjeb biss biex wieħed jitkellmu u mhux biex jinkiteb (*ara* Friggieri "A Survey of Maltese Literature" 121-3; "A National Identity" 289; "Il-Letteratura Maltija" 184; Mifsud 264; Cassola 32; Briffa "Il-Bilingwiżmu" 296; Brincat 171; Sciriha u Vassallo 3-4). Dan wassal biex jinħoloq preġudizzju lingwistiku lejn il-potenzjal letterarju tal-ilsien Malti, li xekkel l-iżvilupp tal-Malti bħala lingwa letterarja. Eventwalment, il-poplu sar konxju tal-identità distintiva tal-ilsien Malti (Brincat 171-2) u, allura, beda jħares lejn il-lingwa mhux biss bħala għodda li biha wieħed jesprimi l-aktar ħsus ġewwinija tiegħu (Friggieri, "Il-Letteratura Maltija" 186), imma bħala l-affermazzjoni tal-identità singolari u kollettiva (Friggieri, "Main Trends") tiegħu u bħala mezz kif tissawwar identità

kulturali u nazzjonali (Friggieri, "A Survey of Maltese Literature" 123; "A National Identity" 193-300). Dan kollu witta t-triq għal tkabbir gradwali tal-letteratura indiġena konxja tal-jeddijiet politiċi, soċjali u kulturali tal-komunità (Friggieri, "Main Trends") u, fuq kollox, għat-tnedija tat-traduzzjoni letterarja bil-Malti (Lughermo 2). Friggieri ("A Survey of Maltese Literature" 121) stess jisħaq li Malta qatt ma setgħet tkampa mingħajr kuntatt barrani li wassal biex tinħoloq firxa wiesgħa ta' influwenzi kumplessi, inkluż għall-kontribuzzjoni tal-iżvilupp tal-letteratura Maltija, u għal influwenzi bejn letteratura u oħra.

It-traduzzjoni letterarja f'Malta tmur lura għall-1672-1675 meta Giovanni Francesco Bonamico qaleb għall-Malti poeżija li kien kiteb hu nnifsu bil-Franċiż bit-titlu *Lill-Granmastru Cottoner* (Cassar). Fl-1831, Mikiel Anton Vassalli ttraduċa l-ewwel xogħol narrattiv għall-Malti, *Storja tas-Sultan Ċiru* (Friggieri, *Dizzjunarju* 828; Lughermo 2). Minn dak iż-żmien 'l hawn, it-traduzzjoni letterarja għall-Malti kompliet tespandi (*ara* Azzopardi u Lughermo) u bdiet tinkludi wkoll traduzzjoni ta' proża, poeżija, drama l-aktar mit-Taljan, imma wkoll mill-Franċiż u l-Ingliż, skont il-perjodu storiku u politiku partikolari tal-gżejjer Maltin. Fost it-traduzzjonijiet ewlenin għall-Malti nsibu: poeżiji klassiċi - *I Sepolcri* (minn Dun Karm fl-1936), *L-Odissea* (minn Victor Xuereb fl-1989), *Divina Commedia* (minn Alfred Palma fl-1991); rumanzi klassiċi, sentimentali, gotiċi u popolari - *I Promessi Sposi* (minn Alfons Marija Galea fl-1912), *Ġrajja ta' Żewġt Ibliet* (minn Karmenu Vassallo fl-1950), *Ir-Razzett tal-Bhejjem* (minn Ġorġ Borg fl-1972); drammi (eż. ta' Shakespeare minn Alfred Palma fl-1990) u *La Locandiera* (minn Valentin Barbara fl-1990). Fil-fatt, Stephen Lughermo (138-165) u Briffa (*Il-Letteratura Maltija* 1118-1120; *Aspetti* 489-495), jagħtuna lista sħiħa ta' testi letterarji li nqalbu għall-Malti tul dawn l-aħħar snin u li għadha għaddejja b'ritmu ħabrieki fi żminijietna (Briffa, *Il-Letteratura Maltija* 466). Minkejja dan, ftit li xejn saret riċerka fil-fond sal-lum dwar is-sehem li kellhom testi letterarji tradotti għall-Malti fl-iżvilupp tal-letteratura Maltija b'mod ġenerali, minkejja li t-traduzzjoni letterarja, l-aktar dik tal-proża, għall-Malti kellha, u għad għandha, sehem ewlieni fit-tiġdid tal-letteratura Maltija (Brincat 828; Friggieri, *Dizzjunarju* 159-162; Briffa, *Il-Letteratura Maltija* 464, 637-645) u tal-lingwa:[1]

1 Fil-fatt, Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb jagħti premjijiet speċjali għal xogħlijiet tradotti għall-Malti f'kategoriji varji fl-okkażjoni tal-attività letterarja nazzjonali 'Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb'.

> [i]l-fażi bikrija tal-ġrajja tal-letteratura Maltija, għalhekk, tħaddan ġabra mdaqqsa ta' traduzzjonijiet minn għadd ta' ilsna ... Il-passi li bdiet tagħmel il-kuxjenza letterarja Maltija setgħu jissaħħu u jiħfiefu billi l-mixja bdiet isseħħ fid-dawl ta' kultura kontinentali. Minn dak iż-żmien sal-lum bosta huma l-kittieba Maltin li nxteħtu għall-qlib ta' xogħlijiet barranin minn ilsna differenti. Bħal f'kull letteratura oħra, il-letteratura Maltija stagħniet u nfetħet, kibret u rabbiet l-għeruq fil-fond billi ssieħbet spiritwalment u lingwistikament mal-wirt internazzjonali.
>
> (Friggieri kkwotat fi Briffa, *Is-Sid* ix)

Dwar il-qawwa tat-traduzzjoni fit-tisħiħ tal-letteratura Maltija, Friggieri ("Studju Kritiku" xv) ikompli jikteb:

> Il-qlib ta' xogħol minn ilsien għal ieħor mhux biss hu laqgħa pożittiva bejn kittieb oriġinali u traduttur; hu wkoll id-dħul ta' nisġa ta' valuri, temi, forom u l-bqija, f'ambjent letterarju li għandu mnejn ikun differenti ħafna. Fil-ġrajja letterarja ta' bosta artijiet kbar it-traduzzjoni kienet u għadha qasam ewlieni li jindika ... il-ħila tal-letteratura li tirċievi ... Jekk dan hu ta' fejda fil-laqgħat kotrana u kontinwi li jseħħu bejn il-letteraturi l-kbar, dan hu ta' fejda u ta' ħtieġa wisq iżjed fil-każ ta' esperjenzi żgħar u limitati bħalma huma dawk ta' art ċkejkna bħal Malta, fejn il-limitu hu karatteristika ewlenija tad-definizzjoni.

> [I]l-ħażna ta' kitbiet maqluba fi lsienna minn ilsna oħrajn ... hi l-aqwa tieqa miftuħa direttament fuq il-medda bla tarf tal-wirt letterarju dinji.

Dan kollu jkomplu jsostnuh tradutturi Maltin varji, jew kummentaturi oħrajn, biex insemmu xi wħud, meta jiddiskutu r-raġuni ewlenija wara biċċa xogħol bħal din, jiġifieri t-traduzzjoni ta' testi letterarji klassiċi barranin għall-Malti, lingwa mitkellma minn anqas minn nofs miljun ruħ, kif jixhdu l-kwotazzjonijiet li ġejjin. Ugo Mifsud Bonnici, fid-daħla tiegħu għat-traduzzjoni ta' Victor Xuereb ta' *L-Odissea* (xogħol oriġinali ta' Omeru), mill-Grieg klassiku (para.4), jgħid li "... issa l-pubbliku Malti kollu, ... huma preżentati b'din it-traduzzjoni li tneħħi velu ieħor li jaħbi opra poetika, ftuħ it-triq tal-letteratura fid-dinja tal-Mediterran u tal-Punent kollu." Tal-istess ħsieb hu Victor Xuereb, fid-daħla

tat-traduzzjoni mħejjija minnu stess ta' *Platun: Ir-Repubblika* (xogħol oriġinali ta' Platun), mill-Grieg klassiku jistqarr (xiii) li "[m]a kien ikolli qatt kuraġġ nidħol għal din il-biċċa xogħol filosofika bil-Malti li kieku ma kinitx il-ħerqa li għandi li nara l-Letteratura Maltija tikber u tistagħna bi traduzzjonijiet dejjem ġodda. Charles Briffa ("Il-Viżjoni Erojka" 23) ukoll, fid-daħla għat-traduzzjoni tiegħu stess ta' *Beowulf* (awtur oriġinali mhux magħruf), mill-Ingliż qadim, jisħaq li "[d]in it-traduzzjoni twieldet minn xewqa biex nara x'nista' nitfa' fil-Malti Modern mill-karatteristiċi tal-poeżija bl-Ingliż Qadim." U daqstant ieħor jemmen Michael Buttigieg li, fid-daħla tiegħu għat-traduzzjoni tiegħu stess ta' *Is-Sid* (xogħol oriġinali ta' Pierre Corneille), mill-Franċiż (xi), jixtieq li "... din il-ħidma ċkejkna tiegħi tkun ta' siwi, anki żgħir, għal-Letteratura Maltija ..."

Fil-fatt, Briffa (*Il-Letteratura Maltija* 446-7) jisħaq li kien hemm tliet influwenzi ewlenin fl-iżvilupp tal-proża Maltija bis-saħħa tat-traduzzjoni letterarja: (a) it-traduzzjoni għall-Malti ta' testi barranin b'influwenza qawwija mil-lingwa oriġinali; (b) ir-riproduzzjoni ta' tħaddim lingwistiku komuni; u (ċ) il-kumpilazzjoni b'mod konxju ta' stil letterarju xieraq għan-narrativa lokali. Isemmi wkoll li t-traduzzjoni letterarja għenet sabiex jiddaħħal fil-proża Maltija stil letterarju ġdid, jiġifieri r-rappreżentazzjoni tat-taħdit dirett, li kien diġà sab postu fil-firxa letterarja barranija.[2] Huwa jikteb:

> [x]ogħol tradott għall-Malti għandu jitqies bħala sistema integrali u attiva fil-letteratura Maltija għax jipparteċipa b'mod operattiv tant li kultant jinħass bħala parti essenzjali tal-qawwiet innovatorji u fl-istess waqt iħaddem ir-riżorsi letterarji tal-Malti. Permezz tat-traduzzjoni, jidħlu karatteristiċi li qatt ma kienu jeżistu qabel fil-letteratura lokali u jinħolqu elementi biex jakkomodaw jew joqorbu lejn l-oriġinal. Jiġifieri, kultant it-traduzzjoni tipprovdi alternattivi.
>
> (Briffa, *Is-Sid* vii)

Dan ma jfissirx li t-traduzzjoni letterarja ma ġġibx magħha diffikultajiet kbar minħabba li t-traduttur ma jridx jgħaddi biss il-kontenut imma saħansitra l-forma tat-test bħall-intonazzjoni u l-istil. Skont Morini jeżistu żewġ diffikultajiet

2 Gao jaqsam l-istess esperjenza, madankollu fejn tidħol il-letteratura Ċiniża (i-ii). Fl-istudju tiegħu dwar it-traduzzjoni ta' testi varji għaċ-Ċiniż mill-awtur Lin Shu, Gao jargumenta li t-traduzzjonijiet ta' Lin Shu ġabu ideat, kunċetti, stili u tekniċi letterarji ġodda mill-Punent fil-letteratura u kultura Ċiniża, li min-naħa tagħhom influwenzaw u taw ħajja u żvilupp ġodda lil-letteratura Ċiniża moderna.

ewlenin (45). L-ewwel nett kemm it-test sors u anke dak mira jintrabtu ma' kuntesti mbiegħda, temporanjament, spazjalment jew testwalment. It-tieni mhux dejjem teżisti prattika testwali komparabbli fil-kultura mira għal dik tat-test sors (eż. ġeneru, tip ta' test letterarju, eċċ.). F'Tabella 1, Charles Briffa (*Il-Bħagawad Gita* ix) u kritiċi oħrajn, jirreferu għal bosta diffikultajiet li ltaqgħu magħhom tradutturi varji Maltin huma u jaqilbu xogħlijiet letterarji klassiċi għal ilsienna. Aħna u nanalizzaw il-kummenti tagħhom ninnutaw li matul il-proċess tat-traduzzjoni, il-kreattività lingwistika u l-varjetà tat-testi oriġinali għandhom it-tendenza li jitnaqqru bil-konsegwenza li t-test sors jaf jispiċċa jġarrab xi tip ta' inġustizzja li tista' tkun minima daqskemm qawwija (Rao 62):

| **Test tradott** | **Lingwa u data oriġinali** | **Kwotazzjoni diretta** |
|---|---|---|
| **Il-Bħagawad Gita** *(Bhagavad Gītā)* | Sanskrit (ċirka 200 QK u 200 WK) | Waħda mill-isfidi għat-traduttur hija kif se jaqleb l-ismijiet ta' kultura mbiegħda ħafna fiż-żmien u l-mentalità mill-kultura tat-tieni lingwa (Briffa, *Il-Bħagawad Gita* ix, *bħala editur*). |
| **Beowulf** (*Beowulf*) | Ingliż qadim (ċirka s-seklu 18 u 11) | It-traduzzjoni ta' xogħol qadim, miktub b'lingwa qadima li m'għadhiex tintuża, titlob attenzjoni sħiħa għall-kultura mgħoddija sabiex tinżamm id-dinjità tax-xogħol oriġinali. Il-lingwa u l-kultura taż-żmien u tal-pajjiż iridu jsibu ekwivalenza xierqa fit-tieni lingwa biex issir ġustizzja mat-test fl-ewwel lingwa, għax it-traduzzjoni tirrispetta l-lingwi barranin u l-kultura li jgħixu fiha (jiġifieri, tirrispetta l-identità kulturali tal-lingwi) (Briffa, *Beowulf* vii, *bħala editur*).<br>Wieħed mill-għanijiet ta'din it-traduzzjoni kien li nara x'ritmu se noħloq bl-istrateġiji li nħaddem biex nirrappreżenta d-dinja mbiegħda fiż-żmien tal-Anglosassoni. Din ma kinitx ħaġa faċli għax il-Malti Modern huwa bil-wisq differenti mill-Ingliż Qadim. Ir-regoli alliterattivi tal-poeżija bl-Ingliż Qadim ma stajtx inżommhom fil-Malti kif inhuma fl-oriġinal. Anki l-ekonomija tal-kliem kultant kienet iebsa fil-Malti. Ma' dan l-għan kelli għan ieħor: li nsib stil fil-Malti li joqrob lejn l-oriġinal. L-aktar li stajt nagħmlu dan kien bit-tħaddim tas-Semitiku, ukoll jekk kien jinvolvi l-arkajiżmi. Imma minħabba li kelli għan ieħor (i.e. li nżomm mas-sens tal-poeżija oriġinali), kelli nekonomizza fl-element Semitiku (l-aktar fejn jidħlu l-arkajiżmi) u ninqeda kultant bl-element non-Semitiku ħalli t-traduzzjoni tinftiehem mingħajr wisq tbatija mill-qarrej modern. Nifhem li traduzzjoni ma tistax tirriproduċi r-ritmu, l-istil, u s-sens kompletament f'lingwa oħra, l-aktar meta l-ilsien laqqiegħi jkollu struttura u kultura differenti mill-ilsien nissieli. |

| Test tradott | Lingwa u data oriġinali | Kwotazzjoni diretta |
|---|---|---|
| | | Imma għandi fiduċja sħiħa li t-traduzzjoni tista' ssib mezz xieraq kif tikkompensa għal dak li titlef. Kull sentenza bilfors titlef xi ħaġa mill-oriġinal. Dak li jiġi ssagrifikat minn naħa, jitpatta (x'aktarx) b'xi ħaġa oħra minn oħra. Għalhekk it-traduzzjoni trid titqies sħiħa, u mhux biċċa biċċa (Briffa, "Il-Verżjoni Erojka" 25, *bħala traduttur*). |
| **Tliet Drammi Griegi: Sofokli, Ewripidi (Sophoklēs u Euripides. Friggieri ttraduċa t-test Malti mill-Ingliż.)** | Grieg klassiku (*Sophoklēs* ċirka 6/497 QK u 5/406 QK; *Euripides* ċirka 480 QK u 406 QK) | Illum il-ġurnata ftit huma dawk li kapaċi jaqraw dawn id-drammi Griegi fl-oriġinal. Hija t-traduzzjoni li trid tressqilna s-sengħa drammatika tal-Griegi. U t-traduzzjoni trid issolvi l-problemi kulturali kkaġunati mill-bogħod taż-żmien u tal-ġeografija: fatturi li nisslu drawwiet differenti minn tagħna. Għalhekk it-traduzzjoni xi drabi tkun approssimattiva, imma l-qawwa tat-traduttur tidher fl-istrateġiji li jsib biex jibni elementi relevanti li funzjonalment jaħdmu fit-tifsir kuntestwali tat-tieni lingwa (Briffa, *Tliet Drammi Griegi* vii, *bħala editur*). |
| **Dao De Jing: Il-Ktieb tat-Triq u tal-Virtù** *(Dào Dé Jīng)* | Ċiniż (Is-seklu 6 QK) | Fil-viżjoni tal-Kullana tal-Klassiċi t-traduttur jista' jkun is-salvatur għax jgħaqqad lill-qarrej Malti ma' dinjiet u perjodi differenti minn tiegħu. F'dawn il-każijiet, il-kummentarji kulturali u lingwistiċi li jakkumpanjaw it-traduzzjoni huma meħtieġa. Imma t-traduzzjoni trid tagħti doża tat-test oriġinali b'mezzi li jinftiehmu mill-udjenza li se taqra t-test tradott (Briffa, *Dao De Jing* vii, *bħala editur*). |
| **Is-Sid** *(Le Cid)* | Franċiż (ċirka 1636) | Diffikultà oħra sew għat-traduttur kemm għall-qarrej hija l-interpretazzjoni tal-istil drammatiku u tas-sitwazzjonijiet drammatiċi tat-teatru Franċiż ta' fuq 300 sena ilu. It-teatru Malti beda daqshekk snin wara dak ta' Corneille, magħdud bħala l-missier tat-teatru Franċiż, li aħna l-Maltin ma nistgħux ma nħossux il-qabża kbira sew stilistika kemm psikoloġika fit-teatru Franċiż ta' Corneille (Aquilina xiii, *bħala kritiku letterarju*). |

Tabella 1: Referenzi għad-diffikultajiet temporali, spazjali jew testwali li ltaqgħu magħhom tradutturi Maltin ta' testi letterarji klassiċi

## It-tisħiħ tar-riċerka lokali fid-dawl tat-traduzzjoni letterarja krosskulturali f'kuntest bilingwi

Sa mit-twaqqif tad-Dipartiment tat-Traduzzjoni, tat-Terminoloġija u tal-Interpretar fil-Fakultà tal-Arti fl-Università ta' Malta fl-2003, saru bosta studji li matulhom riċerkaturi varji stħarrġu l-iżvilupp tat-traduzzjoni letterarja għall-

Malti. Madankollu x'aktarx, l-iktar xogħol interessanti sar minn Lughermo li ppreżentalna analiżi profonda tal-iżvilupp tat-traduzzjoni narrattiva għall-Malti. Matul l-istudju tiegħu, hu jidentifika żewġ perjodi ewlenin fl-iżvilupp tat-traduzzjoni letterarja għall-Malti, jiġifieri dak ta' qabel it-Tieni Gwerra Dinjija (1831-1939) u dak ta' wara (1940-2003), li jinvolvi kemm addattamenti u anke traduzzjonijiet tat-testi oriġinali (Briffa, *Il-Letteratura Maltija* 637). Fit-teżi tiegħu ppreżentata lid-Dipartiment tal-Malti fil-Fakultà tal-Arti tal-Università ta' Malta Lughermo x'aktarx iġegħelna naħsbu li l-qabża bejn iż-żewġ fażijiet jidher li hi marbuta intrinsikament mal-mod kif it-traduttur lokali ħares lejn it-traduzzjoni traskulturali matul il-medda taż-żmien. Briffa (*Il-Letteratura Maltija* 464) jikteb:

> [f]is-seklu XIX u fl-ewwel nofs tas-seklu XX it-traduzzjonijiet … kienu jservu bħala sostituti tat-test oriġinali biex dawk li kienu jafu biss bil-Malti kien ikollhom aċċess għal xogħlijiet barranin. Fl-istess ħin ... kienu jkabbru l-librerija Maltija. Bosta drabi, ix-xogħlijiet barranin maqluba għall-Malti kienu jiġu mifhuma f'termini tat-tradizzjoni u s-soċjetà Maltija.

Qabel it-Tieni Gwerra Dinjija, it-traduttur Malti kien aktar moħħu li jaddatta t-traduzzjoni tat-test sors għat-test mira. L-għan kien li x-xogħol oriġinali jkun aċċessibbli għall-qarrej Malti skont il-ħtiġijiet u l-limitazzjonijiet tal-istess qarrej. Għalhekk, it-traduttur lokali wettaq diversi addattamenti kulturali tat-test sors għat-test mira.[3] Ngħidu aħna, Karmenu Vassallo, traduttur u awtur ta' *Ġrajja ta' Żewġt Ibliet*, waqt li qed jiddiskuti t-traduzzjoni tiegħu stess, jagħmilha ċara daqs il-kristall li d-diffikultajiet li ltaqa' magħhom hu u jittraduċi r-rumanz kienu minħabba differenzi kulturali bejn il-kultura sors u dik mira (xi-xii), minħabba li:

> kull xogħol oriġinali aktarx ikun jinvolvi numru ta' fatturi li jkollhom x'jaqsmu mas-soċjetà u l-ambjent fejn ikun trawwem l-awtur jew mal-ambjent li fih ikun ambjentat ir-rumanz.

3 Matul is-seklu 19 u l-ewwel snin tas-seklu 20 bosta rumanziera storiċi Maltin (eż. Ġużé Muscat Azzopardi, Ġużé Aquilina, Ġużé Galea) kienu qed jipproduċu rumanzi storiċi oriġinali bil-Malti li fihom kienu qed jisħqu l-identità u l-kultura lokali (Friggieri, "A National Identity" 293-302), fl-istess ħin ma' traduzzjoni għall-Malti ta' rumanzi storiċi barranin, l-aktar mit-Taljan (Lughermo 5). Jista' jkun li dan jiġġustifika għala bosta tradutturi Maltin kellhom it-tendenza li jippreferu jaddattaw it-test sors milli li jittraduċuh skont iċ-ċirkustanzi lokali. Dan, madankollu, jeħtieġ aktar riċerka u analiżi.

Wara t-Tieni Gwerra Dinjija, it-traduttur lokali hu aktar moħħu li jippreżenta verżjoni mill-aktar fidila lejn it-test sors.[4] Dan minħabba li l-qarrej Malti tal-lum għandu aċċess usa' għall-kultural orġinali, mhux biss bis-saħħa tal-avvanzi fl-edukazzjoni u l-għarfien, imma wkoll minħabba l-iżviluppi l-ġodda fil-mezzi ta' komunikazzjoni (l-aktar l-internet). M'hemmx dubju li dan għen sabiex id-differenzi kulturali barranin ikunu 'newtralizzati' jew 'domestikati' biex b'hekk it-test sors u l-kultura sors ikunu aktar aċċessibbli għall-qarrej lokali.

Ħafna drabi, it-traduzzjoni letterarja (u dik ġenerali) isseħħ sabiex it-test sors, miktub f'lingwa barranija u inaċċessibbli, ikun disponibbli għall-qarrej mira bil-lingwa tiegħu (u l-kultura tiegħu). Madankollu, kif rajna, dan kien japplika lokalment matul is-seklu 19 u l-bidu tas-seklu 20, fejn bosta ma kinux jafu bl-Ingliż. Hu u jirreferi għar-rapport ta' Keenan għas-snin 1842-1871 u għal ċensimenti varji (1891, 1901, 1911, 1921, 1931), Brincat wera li l-għadd ta' Maltin li kienu jafu bl-Ingliż f'dawk iż-żminijiet kien ta' bejn 4.5% fl-1842 għal 8.2% fl-1891 u 22.6% fl-1931 (175). L-għarfien tal-Ingliż mill-Maltin żdied drastikament minħabba fatturi varji (inkluż storiċi, edukattivi, ta' globalizzazzjoni, kummerċjali). Dan nibbet sitwazzjoni lingwistika li matulha aħna l-Maltin bdejna nistrieħu fuq sistema informali ta' qari u kitba fiż-żewġ ilsna, aktar minn purament fuq it-tradizzjoni tat-traduzzjoni (Thake Vassallo 52-3) u li wassal sabiex jinħoloq ambjent bilingwi fejn it-traduzzjoni ma baqgħetx meqjusa meħtieġa. Madanakollu, minkejja li l-Maltin huma uffiċjalment bilingwi (Malti u Ingliż) – li skont l-aħħar ċensiment li sar, jiġifieri dak tal-2011 (Malta, National Statistics Office 148), filwaqt li l-Malti hu mitkellem minn 96.80% (i.e. 365,866) tal-popolazzjoni Maltija, minn 'ftit' sa 'tajjeb', l-Ingliż hu mitkellem minn 91.53% (i.e. 345,954) tal-popolazzjoni Maltija, minn 'ftit' sa 'tajjeb' – l-ammont ta' rumanzi tradotti għall-Malti mill-Ingliż sa mill-1941, kien sinifikanti (i.e. madwar 75), ħlief bejn l-1991 u l-2003 (Lughermo 163) (ara Grafika 1).

4 Madwar nofs is-seklu għoxrin, dehru bosta rumanziera soċjali (eż. Ġużè Ellul Mercer, Ġużè Orlando, Ġużè Chetcuti). Dawn kienu aktar moħħhom li jidentifikaw u jippreżentaw il-problemi soċjali reali li kienu qed ixekklu s-soċjetà Maltija (Friggieri, "A National Identity" 302-4; Briffa, *Il-Letteratura Maltija* 573-6). Dan il-fatt jista' jiġġustifika għala bosta tradutturi Maltin matul dan il-perjodu letterarju aktar kienu jippreferu jittraduċu t-test sors milli jaddattawh bil-għan li jippreżenta l-fatturi kulturali reali minsuġa fit-test sors. Dan, madankollu, ukoll jeħtieġ aktar riċerka u analiżi.




Tabella 1: Traduzzjoni ta' narrattiva għall-Malti skont il-lingwa-sors u l-perjodu
*(riprodotta bil-permess tal-awtur oriġinali)*

Dan jixhed li t-traduzzjoni letterarja tista' sseħħ ukoll f'kuntest bilingwi fejn kemm il-lingwa sors u dik mira huma aċċessibbli mill-qarrej mira. F'dan il-każ, it-traduzzjoni letterarja għall-Malti m'għandhiex l-iskop li twassal test barrani bil-Malti, minħabba li t-test barrani jista' faċilment ikun aċċessibbli minn bosta qarrejja bilingwi Maltin, imma biex turi, x'aktarx, li l-lingwa Maltija għandha l-ħila li twassal dak li nkiteb bl-Ingliż, lingwa li ħafna drabi titqies bħala lingwa prestiġjuża.[5]

## Konklużjoni

It-traduzzjoni f'Malta għandha għeruqha li jmorru lura għal bosta sekli kif jixhdu ż-żewġ ċippi misjuba f'Tas-Silġ f'Marsaxlokk fis-seklu 17. Minkejja dan, kellhom jgħaddu bosta snin sakemm il-prattika tat-traduzzjoni letterarja għall-Malti titnieda bis-serjetà u tibda tiffjorixxi f'pajjiżna b'qawwa liema bħalha. Illum

5 Vladimír Macura jitkellem dwar il-funzjoni tat-traduzzjoni letterarja bil-lingwa Ċeka mill-Ġermaniż fil-bidu tas-seklu 19. Matul dan iż-żmien, bosta testi letterarji u mhux, kienu qed jiġu tradotti għaċ-Ċek mhux għax il-qarrej mira ma kienx kapaċi jaqra x-xogħlijiet oriġinali bil-Ġermaniż, imma sabiex tintuża t-traduzzjoni bħala mezz li juri l-ħila tal-lingwa Ċeka u biex tkun stabbilita letteratura ġdida. F'dan il-każ, l-għan tat-traduzzjoni letterarja mhuwiex it-trasferiment imma l-kisba tal-poter, dak li Lefevere u Bassnett ("Proust's Grandmother" 8) jirreferu għalih bħala "seizure of power".

nagħrfu, u naqblu li, it-traduzzjoni letterarja kellha sehem ewlieni fil-mixja tal-letteratura Maltija għax mhux biss għenet fl-espansjoni tal-letteratura lokali imma għenet biex b'xi mod tipprovdi linji gwida, b'mod konxju jew anqas konxju, b'risq l-iżvilupp tal-letteratura oriġinali bil-vernakular li matul is-seklu 19 kienet għadha fl-istadju infantili tagħha.

Il-letteratura għandha l-għeruq u l-punt tat-tluq tagħha fil-kultura u minħabba li t-traduzzjoni tistrieħ fuq il-komunikazzjoni bejn kultura u oħra, hi fenomenu kulturali li mhux biss isaħħaħ il-lingwa u l-kultura li fihom qed jiġi tradott it-test letterarju permezz ta' influss ta' ideat ġodda filwaqt li jagħti l-ħajja mill-ġdid lit-test ewlieni billi jlaqqgħu ma' udjenzi ġodda, imma saħansitra jsawwar kultura b'oħra. U minħabba li l-letteratura tissawwar f'kultura u t-traduzzjoni tintrabat intrinsikament mal-lingwa, u ġaladarba l-lingwa tintrabat mal-kultura, mela t-twaħħid bejn il-lingwa, il-kultura, il-letteratura u t-traduzzjoni huwa minn awl id-dinja.

Li kieku ma kienx għat-traduzzjoni u għall-ħilet it-traduttur għaqli li jagħraf jagħti leħen lis-silenzju, kieku l-bniedem mhux għajr ħlejqa tgħum fis-skiet. Hija t-traduzzjoni, fuq kollox dik letterarja, li bil-kumplessità tagħha, iġġedded ħilet il-kittieb oriġinali li jinterpreta r-realtà ta' madwaru. Hija l-istess traduzzjoni letterarja, li tlaqqa' flimkien f'kaldarun imlewwen bil-kreattività, żewġ realtajiet lingwistiċi u kulturali, jekk mhux aktar, bil-għan li mhux biss tisħaq id-diversità lingwistikokulturali, imma tistieden lill-qarrej jinnamra ma' testi ġodda li jberrħu l-bibien tad-duwalità mwaħħda bil-għan li l-qadim jitħallat mal-ġdid, il-kontinwità tissensel mat-tibdil, l-omoġenità tintiseġ mad-diversità, ix-xebh jissawwar mad-differenza, u l-oriġinalità tiżżewweġ mat-tennija, biex b'hekk mhux biss jagħraf is-siwi ta' ħaddieħor, imma fuq kollox tiegħu nnifsu bħala ħlejqa li għandha sehem ewlieni minn dan il-wirt lingwistiku u kulturali dinji.

Ladarba nifhmu dan, is-sehem tat-traduttur jinbidel u jmur lil hinn minn sempliċiment "kopjatur" jew "pappagall għaref." Minflok, isir medjatur, negozjatur, xi ħadd li jrid ikollu l-ħila li jixhed responsabbiltà mhux biss lejn ix-xogħol oriġinali tal-awtur primarju, frott qagħda lingwistika u kulturali speċifika, imma saħansitra lejn l-udjenza l-ġdida ta' qarrejja, anke huma magħġuna fi sfond kulturali u lingwistiku partikolari. U jekk it-traduzzjoni hi xempju ta' kumplessità, daqstant ieħor hu t-traduttur letterarju, moħmi bejn ħaltejn: daqskemm hu qarrej, hu wkoll kittieb kreattiv; daqskemm hu interpretu (jew

riinterpretu), hu wkoll awtur jekk mhux ukoll koawtur; daqskemm hu medjatur kulturali, hu wkoll promotur tad-differenzi. Li hu żgur hu li t-traduttur letterarju għandu sehem ewlieni fit-tiġdid tat-test oriġinali u għaldaqstant għandu jislet is-soluzzjonijiet aħħarija li jiġġustifikaw id-deċiżjonijiet meħuda billi jirnexxilu jippenetra l-espressjoni lingwistika u kulturali tal-kittieb ewlieni kif imfisser fl-istil tat-test oriġinali ħalli jġeddu filwaqt li jnaqqas, għalkemm qatt ixejjen, kull telfien kulturali li jaf ikun hemm u jiċċelebra l-kisbiet li jistgħu jitwieldu. Mhux ta' b'xejn mela li t-traduttur letterarju Malti għandu funzjoni bil-wisq viżibbli u mill-aktar attiva fil-proċess ħabrieki tat-traduzzjoni letterarja għall-Malti.

## Biblijografija


Aquilina, Ġużè. Dwar dan id-Dramm. *Is-Sid*. Pierre Corneille. Trad. Michael Buttigieg. Malta: PIN, 2010. xi-xiii. Stampat.

Armstrong, Nigel. *Translation, Linguistics, Culture: A French-English Handbook*. Clevedon: Multilingual Matters Ltd., 2005. Stampat.

Azzopardi, Ludvic. "Biblijografija Magħżula ta' Traduzzjonijiet (1752-1994)." Teżi tal-B.A. (Unuri). L-U ta' Malta, 1997. Stampata.

Baker, Mona. *Routledge Encyclopaedia of Translation Studies*. London: Routledge, 2001. Stampat.

Bassnett, Susan. *Translation Studies*. It-3et ed. London: Routledge, 2002. Stampat.

Boase-Beier, Jean. "Mind Style Translated." *Style* 37.3 (2003): 253-265. Stampat.

Braga Riera, Jorge. "*New Trends in Translation and Cultural Identity* by Micaela Munoz-Calvo, Carmen Buesa-Gómez and M. Ángeles Ruiz-Moneva." *Atlantis* 32.1 (2010): 179-184. Stampat.

Briffa Charles. "Daħla tal-Editur Letterarju." *Beowulf. Aw*tur mhux magħruf. Trad. Charles Briffa. Malta: PIN, 2010. vii-viii. Stampat.

---. "Daħla tal-Editur Letterarju." *Tliet Drammi Griegi*. Sophoklēs, u Euripides. Trad. Oliver Friggieri. Malta: PIN, 2008. ix-x. Stampat.

---. "Il-Bilingwiżmu." *Lingwa u Lingwistika*. Ed. Karl Borg. Malta: Klabb Kotba Maltin, 1998. 292-320. Stampat.

---. *Aspetti tat-Traduzzjoni Maltija*. Malta: Horizon, 2015.

---. Daħla tal-Editur Letterarju. *Dao De Jing: Il-Ktieb tat-Triq u tal-Virtù*. Laozi. Trad. Clifford Borg-Marks. Malta: PIN, 2010. vii-viii. Stampat.

---. Daħla tal-Editur Letterarju. *Il-Bħagawad Gita*. Vyasa. Trad. Michael Zammit. Malta: PIN, 2008. ix-x. Stampat.

---. Daħla tal-Editur Letterarju. *Is-Sid*. Pierre Corneille. Trad. Michael Buttigieg. Malta: PIN, 2010. vii-viii. Stampat.

---. *Il-Letteratura Maltija: L-Istorja tan-Narrattiva*. Malta: Malta University Publishers, 2008. Stampat.

---. Il-Viżjoni Erojka fl-Ingliż Qadim. *Beowulf*. Awtur mhux magħruf. Trad. Charles Briffa. Malta: PIN, 2010. 2-46. Stampat.

Brincat, Joseph M. *Il-Malti: Elf Sena ta' Storja*. Malta: PIN, 2000. Stampat.

Buden, Boris, Nowotny Stefan, Simon Sherry, Bery Aashok, u Cronin Michael. "Cultural Translation: An Introduction to the Problem, and Responses." *Translation Studies* 2.2 (2009): 196-219. Stampat.

Buttigieg, Michael. Kelmtejn lilek, Qarrej. *Is-Sid*. Pierre Corneille. Trad. Michael Buttigieg. Malta: PIN, 2010. xi-xiii. Stampat.

Cassar, Mario. "L-Istorja tal-Ilsien Malti." *L-Akkademja tal-Malti*. Sit elettroniku. 24 Diċembru 2010.

Cassola, Arnold. "Il-Letteratura u l-Poplu." *L-Identità Maltija Lejlet Seklu Ġdid*. Ed. Michael J. Schiavone. Malta: PIN, 1994. 29-50. Stampat.

Conolly, David. "Translating Prismatic Poetry: Odysseus Elytis and The Oxopetra Elegies." *Word, Text, Translation*. Ed. Gunilla Anderman u Margaret Rogers. Clevedon: Multilingual Matters Ltd., 1999. 142-156. Stampat.

Culler, Jonathan. *Saussure*. Glasgow: Fontana/Collins, 1976. Stampat.

Dutta, Hemanga. "Literary Translation and its Limitations in the Wider Spectrum of Cross Cultural Communication." *An International Journal of Indigenous Scholarship* 5.1 (2009): 58-71. Stampat.

Eco, Umberto. *Mouse or Rat? Translation as Negotiation*. London: Weidenfeld and Nicolson. 2004. Stampat.

Even-Zohar, Itamar. "The Position of Translated Literature within the Literary Polysystem." *The Translation Studies Reader*. Ed. Lawrence Venuti. London: Routledge, 1978/1990. 192-197. Stampat.

Friggieri, Oliver. "Main Trends in the History of Maltese Literature." *About Malta*. Sit elettroniku. 30 Diċembru. 2015.

---. "A National Identity in Maltese Literature." *The British Colonial Experience 1800-1964: The Impact on Maltese Society*. Ed. Victor Mallia-Milanes. Malta: Mireva Academic Publications Enterprise, 1988. 287-312. Stampat.

---. "Il-Letteratura Maltija bħala Xhieda ta' Nazzjonalità." *L-Identità Kulturali ta' Malta*. Ed. Tony Cortis. Malta: Id-Dipartiment tal-Informazzjoni, 1989. 183-206. Stampat.

---. "In Search of a National Identity: a Survey of Maltese Literature." *Durham University Journal* December (1985): 121-136.

---. *Dizzjunarju ta' Termini Letterarji: Teorija, Metrika, Stilistika b'Eżempji mil-Letteratura Maltija*. It-3et ed. Malta: PEG, 2000. Stampat.

---. Studju Kritiku. *Is-Sid*. Pierre Corneille. Trad. Michael Buttigieg. Malta: PIN, 2010. xv-xvi. Stampat.

Gao, Wanlong. "Recasting Lin Shu: A Cultural Approach to Literary Translation." Teżi tal-PhD. Griffith University, 2003. Stampat.

Ginter, Anna. "Cultural Issues in Translation." *Studies About Languages* 3 (2002): 27-31. Stampat.

Hatim, Basil, u Mason Ian. *The Translator as Communicator*. London: Routledge, 1997. Stampat.

He, Jing. "The Validity of Sapir-Whorf Hypothesis – Rethinking the Relationship among Language, Thought and Culture." *US-China Foreign Language* 9.9 (2011): 560-568. Stampat.

Hongwei, Chen. "Cultural Differences and Translation." *Meta: Journal des Traducteurs/Meta: Translators' Journal* 44.1 (1999): 121-132. Stampat.

Kay, Paul, u Kempton Willett. "What is the Sapir-Whorf Hypothesis?" *American Anthropologist* 86 (1984): 65-79. Stampat.

Khan, Farhadiba, u Mahameed Mohammed. "Study in Cultural Semantics of Translation." *Babel* 55.2 (2009): 181-188. Stampat.

Koskinen, Kaisa. (2004) “Shared Culture? Reflections on Recent Trends in Translation Studies.” *Target* 16.1 (2004): 143-156. Stampat.

Laiho, Leena. “A Literary Work – Translation and Original: A Conceptual Analysis Within the Philosophy of Art and Translation Studies.” *Target* 19.2 (2007): 297-312. Stampat.

Landers, Clifford E. *Literary Translation: A Practical Guide*. Clevedon: Multilingual Matters Ltd., 2001. Stampat.

Lefevere, André, u Bassnett Susan. “Introduction: Proust’s Grandmother and the Thousand and One Nights. The *Cultural Turn* in Translation Studies.” *Translation, History and Culture*. Ed. Susan Bassnett u André Lefevere. London: Cassell, 1995. 1-13. Stampat.

---. “Introduction: Where are we in Translation Studies.” *Constructing Cultures: Essays on Literary Translation*. Ed. Susan Bassnett u André Lefevere. Clevedon: Multilingual Matters Ltd., 1998. 1-11. Stampat.

Liang, Hai-Ying. “The Sapir-Whorf Hypothesis and Foreign Language Teaching and Learning.” *US-China Foreign Language* 9.9 (2011): 569-574. Stampat.

Liu, Lisheng. “Cultural Turn of Translation Studies and its Future Development.” *Journal of Language Teaching and Rersearch* 1.1 (2010): 94-96.

Liu, Yang. “Cultural Loss in the English Translation of Chinese Poetry.” *Babel* 56.1 (2010): 168-185. Stampat.

Lotman, Yu M., Uspensky Boris Andreyevich, u Mihaychuk George. “On the Semiotic Mechanism of Culture.” *New Literary History* 9.2, *Soviet Semiotics and Criticism: An Anthology (Winter)* (1978): 211-232. Stampat.

Lou, Wei. “Cultural Constraints on Literary Translation.” *Asian Social Science* 5.10 (2009): 154-156. Stampat.

Lughermo, Stephen. “L-Iżvilupp tat-Traduzzjoni fin-Narrattiva Maltija: mill-Addattament għall-Fedeltà.” Teżi tal-B.A. (Unuri). L-U ta’ Malta, 2004. Stampata.

Macura, Vladimír. “Culture as translation.” *Translation, History and Culture*. Ed. Susan Bassnett u André Lefevere. London: Cassell, 1995. 64-70. Stampat.

Malta, National Statistics Office. “Census of Population and Housing 2011: Final Report.” *National Statistics Office*. Sit elettroniku. 02 Ġunju 2014.

Mifsud Bonnici, Ugo. Preżentazzjoni mill-Ministru tal-Edukazzjoni. *L-Odissea*. Omeru. Trad. Victor Xuereb. Malta: Ministeru tal-Edukazzjoni, 1989. Bla paġna. Stampat.

Mifsud, Manwel. “Il-Malti: l-Ilsien Nazzjonali Tagħna.” *Qawsalla – Antoloġija tal-Letteratura Maltija*. It-2ni ed. Ed. Arnold Cassola, Godwin Degabriele, Manwel Mifsud, Paul Pace, u Arthur Sammut. Malta: L-Università ta’ Malta, 1993. 262-269. Stampat.

Morini, Massimiliano. “Outlining a New Linguistic Theory of Translation.” *Target* 20.1 (2008): 29-51. Stampat.

Rao, Rama V. V. B. “Literary Translation: Choices and Predilections.” *ICFAI Journal of Earth Sciences* 3.3 (2009): 60-67. Stampat.

Rodríguez-García, Josè María. “Literary into Cultural Translation.” *Diacritics* 34.3/4 (2004): 3-30. Stampat.

Sciriha, Lydia, u Vassallo Mario. *Living Languages in Malta*. Malta: It Printing, 2006. Stampat.

Snell-Hornby, Mary. *Translation Studies: An Integrated Approach*. It-2ni ed. Amsterdam: John Benjamins Publishing Co., 1995. Stampat.

Sun, Yifeng. “(Multi)-Cultural Context: Interpretation and Translation Adrift.” *Babel* 53.3 (2007): 241-259. Stampat.

---. "Cultural Translation in the Context of Globalization." *Ariel* 40.2 (2009): 89-110. Stampat.
---. "Displacement and Intervention: Re-creating Literary Texts through Cross-Cultural Translation." *Neohelicon* 34.2 (2007): 101-114. Stampat.
Tan, Zaixi u Shao, Lu. "Translation and the Relativity of Cultural Identities." *Neohelicon* 34.1 (2007): 197-216. Stampat.
Teodorescu, Adriana. "Translation and Cultural Diversity." *Petroleum – Gas University of Ploiesti Bulletin, Philology Series* 62.1 (2010): 175-8. Stampat.
Thake Vassallo, Clare. "The Role of Translation in Malta's Expanding Linguistic and Cultural Landscape." *Culture, Language and Literature Across Border Regions: Proceedings of the International Conference, Košice, 28-29 Apr*. Ed. Pavol Štekaver, Slávka Tomaščiková, u Władysław Witaliśz. Poland: Krosno, 2009. 47-55. Stampat.
Torop, Peeter. "Translation as Translating as Culture." *Sign Systems Studies* 30.2 (2002): 593-605. Stampat.
Vassallo, Karmenu. Ġrajja ta' Żewġt Ibliet. Valletta: Giov. Muscat, 1950. Stampat.
Vermeer, Hans J. "Skopos and Commission in Translational Action." *The Translation Studies Reader*. Ed. Lawrence Venuti. London: Routledge, 1989. 221-232. Stampat.
Xie, Tianzhen. "The Cultural Turn in Translation Studies and its Implications for Contemporary Translation Studies." *Frontiers of Literary Studies in China* 3.1 (2009): 119-132. Stampat.
Xuereb Victor. Daħla għar-*Repubblika* ta' Platun. *Ir-Repubblika*. Trad. Victor Xuereb. Malta: PIN, 2008. xi-xiii. Stampat.
Zhonngang, Sang. "A Relevance Theory Perspective on Translating the Implicit Information in Literary Texts." *Journal of Translation* 2.2 (2006): 43-60. Stampat.

# L-Għadd tal-Kollettiv Malti

Theresa Abdilla u Michael Spagnol

## Sfond

Fl-istudji grammatikali bil-Malti t-terminu *kollettiv* jintuża għal żewġ fenomeni lingwistiċi:

a) il-**kollettiv lessikali**, magħruf ukoll bħala **ġemgħat**, jiġifieri espressjonijiet li jirreferu għal gruppi ta' entitajiet meħudin flimkien, bħal *flotta vapuri*, *serbut nemel*, *mazz karti*, *faxx basal*, *ġliba ħut*; u

b) il-**kollettiv grammatikali**, magħruf ukoll bħala **nom tat-tip**, li jirreferi għal tip jew ġabra ta' annimali, ħxejjex u oġġetti inanimati (eż. *dubbien*, *qamħ*, *blat*, *madum*, *ħobż*) li minnhom noħorġu **nom tal-unità** permezz tas-suffiss *-a* (eż. *dubbiena*, *qamħa*, *blata*, *maduma*, *ħobża*).

Dan l-istudju jiffoka fuq il-kollettiv grammatikali (minn hawn 'il quddiem *kollettiv*), li dwaru nkiteb ħafna; ara, ngħidu aħna, Vassalli (1827: 97-102), Sutcliffe (1936: 29-31), Cremona (1973: 127-128, 180), Aquilina (1965: 71-73), Borg (1988), Gil (1996), kif ukoll Mifsud (1996) u Abdilla (2015) li fost ix-xogħlijiet kollha jittrattawh fl-aktar dettall. Dawn li ġejjin huma għaxar osservazzjonijiet ewlenin li joħorġu mill-istudji grammatikali dwar il-kollettiv fil-Malti.

1. **L-Għadd**. In-nomi kollettivi huma singular (eż. *dubbien fitt*, *qamħ frisk*), imma xi wħud jintużaw fil-plural (eż. *siġar folti*, *baqar kbar*), filwaqt li xi oħrajn daqqa jintużaw fis-singular (eż. *ġebel kbir*, *weraq isfar*) u drabi oħra fil-plural (eż. *ġebel kbar*, *weraq sofor*).
2. **Il-Ġens**. Il-biċċa l-kbira tan-nomi kollettivi huma maskili, iżda xi wħud, aktarx ta' nisel Taljan jew Ingliż, huma femminili, bħal *ċips*, *patata*, *ċikkulata*, *fażola* u *banana*. Fil-każ tal-kliem li jispiċċa bil-vokali *a*, forma waħda tintuża sija għall-kollettiv (eż. *ħafna patata*) sija għan-nom tal-unità (eż. *patata waħda*). Xi ftit nomi kollettivi, li l-għerq tagħhom ikollu semivokali jew *għ* fit-tarf, jintużaw kemm fil-maskil (eż. *għana folkloristiku*, *ix-xema' jaħraq*) u kemm fil-femminil (eż. *għana folkloristika*, *ix-xema' taħraq*).
3. **Oqsma semantiċi**. In-nomi li jidħlu fil-kategorija morfoloġika tal-kollettiv jaqgħu taħt għadd ta' oqsma semantiċi, fosthom il-flora (eż. *larinġ*, *ful*, *lewż, tewm*, *dulliegħ*), il-fawna (eż. *ħut*, *naħal*, *tajr*, *bram*, *nagħaġ*), il-materjal (eż. *injam*, *ħġieġ*, *irħam*, *ħadid*, *spag*), l-ikel (eż. *ħobż*, *ġobon*, *għaġin*, *krips*, *tofi*), is-settijiet (eż. *żarbun*, *papoċċ*, *buz*, *taraġ*, *bieb*), u xi oħrajn (eż. *kliem*, *ilbies*, *mewġ*, *sħab*, *beraq*); cf. Mifsud (1996).
4. **In-Nom tal-Unità**. Magħruf ukoll bħala **farrad waħdieni**, in-nom tal-unità jissawwar biż-żieda tas-suffiss *-a* (eż. *dubbien-a*, *tuffieħ-a*) jew l-allomorfi tiegħu *-ja* (eż. *lumi-ja*) u *-wa* (eż. *fildiferru-wa*). Xi drabi s-suffiss ikun *-u* (eż. *bebbuxu*, *ħamiemu*, *bżaru*, *fulu*, *ħarrubu*), u ħafna drabi jkun hemm differenza semantika bejn dawn in-nomi tal-unità u dawk li jispiċċaw bl-*a*. Ngħidu aħna, *ħamiemu* hu l-maskil ta' *ħamiema*, *fulu* jirreferi għall-miżwed u *fula* għaż-żerriegħa li tikber ġol-miżwed, *ħarrubu* hu l-frotta mentri *ħarruba* hi s-siġra.
5. **Il-Plural Magħdud**. Min-nom tal-unità niffurmaw il-plural magħdud bis-suffiss *-iet* (eż. *dubbin-iet*) jew *-at* (eż. *tuffiħ-at*), li ġeneralment jintuża wara n-numri mit-tnejn sal-għaxra (eż. *żewġ lewżiet*, *ħames kelmiet*) u kull darba li dawn jokkorru f'tarf ċifra oħra li taqbeż il-valur ta' mija (eż. *102 lewżiet*, *2005 kelmiet*).
6. **Il-Plural tal-Kollettiv**. Filwaqt li n-nomi tal-unità jieħdu l-plural magħdud, in-nomi kollettivi tipikament ma jiħdux plural, sewwasew

għax huma nomi ta' massa jew ta' bla għadd. Però, xi ftit nomi kollettivi għandhom forma tal-plural li tesprimi kwantitajiet kbar u/jew ħafna tipi differenti ta' dak li jirreferi għalih il-kollettiv, eż. *dubbien*: *dbieben*, *qamħ*: *qmuħ*, *ħajt*: *ħjut*, *taraġ*: *turġien*, *sapun: spapen*).

7. **In-Nomi Verbali**. Hemm paralleliżmu morfoloġiku u semantiku interessanti bejn in-nomi kollettivi u n-nomi verbali. Bħalma n-nom kollettiv jesprimi ġemgħa jew tip u n-nom tal-unità jindika eżemplar wieħed minn dik il-ġemgħa jew dak it-tip, hekk ukoll in-nom verbali juri l-isem tal-azzjoni ġenerali (eż. *daħk*, *tisfir*, *sparar*, *imbuttar*) u n-nom verbali tal-unità hu l-isem ta' azzjoni waħda partikolari (eż. *daħka*, *tisfira*, *sparatura*, *imbuttatura*); cf. Borg (1988), Mifsud (1996), Ellul (2016).
8. **Funzjoni doppja**. Il-kollettiv jaqdi żewġ funzjonijiet sintattiċi u semantiċi differenti. Minn banda jaqdi funzjoni kwalitattiva billi jidentifika t-tip, l-ispeċi, il-materjal, eż. *statwa tal-injam* (materjal), *kliem faħxi* (diskors, lingwaġġ). Mill-banda l-oħra jaqdi funzjoni kwantitattiva, eż. *ġarr l-injam kollu* (biċċiet tal-injam), *kiteb ħafna kliem* (sekwenzi ta' ittri). Filwaqt li l-ewwel sens hu nom ta' massa jew ta' bla għadd, it-tieni wieħed iġib ruħu bħala l-plural indeterminat tan-nom tal-unità, *injama (waħda): (ħafna) injam, kelma (waħda): (ħafna) kliem*; cf. Cremona (1973: 127-128), Mifsud (1996).
9. **Il-Produttività**. Fost il-mekkaniżmi morfoloġiċi ta' nisel Għarbi, il-mekkaniżmu tal-kollettiv huwa wieħed mill-ftit li baqa' produttiv, fis-sens li baqa' jilqa' fih forom ġodda saħansitra mit-Taljan u l-Ingliż, bħal *ravjul: ravjula*, *qastan*: *qastna*, *sandli*: *sandlija*, *buz*: *buza*, *tofi: tofija*; cf. Mifsud (1995).
10. **Il-Varjazzjoni Djalettali**. Hemm għadd ta' nomi li xi kelliema tal-Malti li jkollhom sfond djalettali jużawhom fil-kollettiv, bħal *gallett* (eż. *ħafna gallett u ġobon*), *rizz* (eż. *xkora rizz*), u *piżelli* (eż. *piżelli friska*), waqt li għal ħafna kelliema oħrajn dawn jaqgħu fis-sistema ta' bi tnejn, singular u plural, jiġifieri *galletta*: *galletti*, *rizza: rizzi*, u *piżella: piżelli* (u allura *piżelli friski*).

## Il-Varjazzjoni fl-Għadd

Dan l-istudju jelabora fuq l-ewwel punt, jiġifieri l-varjazzjoni fl-għadd tan-nomi kollettivi u l-imġiba sintattika tagħhom fil-kitba u fit-taħdit. Mifsud jargumenta li xi nomi kollettivi jintużaw fil-plural għal żewġ raġunijiet: (a) l-ambigwità tal-kollettiv li hu grammatikalment singular imma kunċettwalment plural, u (b) l-influwenza mill-morfoloġija tat-Taljan u l-Ingliż fuq is-sistema tal-kollettiv fil-Malti, peress li ħafna mill-kollettivi tal-Malti (eż. *naħal*, *weraq*, *kliem*) huma forom tal-plural fit-Taljan (*api*, *foglie*, *parole*) u fl-Ingliż (*bees*, *leaves*, *words*) ("The Collective in Maltese" 43). Fenech isemmi din it-tendenza li l-kollettivi jintużaw fil-plural u josserva li ssibha aktar fil-lingwaġġ ġurnalistiku inkella dak letterarju (47). Alexander Borg jargumenta li l-kollettivi tendenzjalment jintużaw fis-sigular f'kuntest aġġettivali (eż. *Il-bajd irħis illum*) u fil-plural f'kuntest verbali (eż. *Kemm qamu l-bajd?*) (289).

Il-punt tat-tluq għad-diskussjoni tagħna huma żewġ stqarrijiet ta' Fenech dwar l-użu tal-kollettiv fil-Malti ġurnalistiku u l-Malti letterarju, u l-oħra ta' Alexander Borg dwar ir-rabta bejn il-varjazzjoni morfoloġika fl-għadd tal-kollettiv u l-kuntest sintattiku li jokkorri fih. Sabiex naraw jekk il-kollettiv hux tassew sensittiv għar-reġistru (ġurnalistiku vs. letterarju) u għall-kuntest sintattiku (aġġettivali vs. verbali) għamilna stħarriġ ibbażat fuq il-korpus MLRS (§3) u studju soċjolingwistiku (§4).

## Stħarriġ bil-korpus

Għal din l-analiżi għażilna tnax-il nom kollettiv mislutin minn oqsma semantiċi differenti (cf. punt 3):

- flora: *tuffieħ, weraq*
- fawna: *dubbien, tiġieġ*
- materjal: *ħġieġ, ġebel*
- ikel: *ħobż, bajd*
- settijiet: *taraġ, żarbun*
- oħrajn: *mewġ, kliem*

L-istħarriġ jinferaq fi tnejn. Fl-ewwel parti nanalizzaw l-għadd ta' dawn it-tużżana nomi fil-korpus, u naraw kif jintużaw fir-reġistru ġurnalistiku u letterarju. Fit-tieni nistħarrġu n-nomi magħżula skont jekk jintużawx f'kuntest aġġettivali jew verbali.

Nibdew billi nħarsu lejn l-użu tal-kollettiv fil-korpus meħud f'daqqa, mingħajr distinzjoni bejn reġistru u ieħor. Għal kull nom analizzajna kampjun ta' 50 sentenza differenti. Bħalma jidher fit-Tabella 1, fil-Malti miktub it-tnax-il nom jintużaw kollha fis-singular, ħlief għal *tiġieġ* li jintuża l-aktar fil-plural, u *bajd* u *weraq* li donnhom jilagħbu bejn is-singular u l-plural, għalkemm huma ftit aktar frekwenti fis-singular.

| Nomi kollettivi | Singular | Plural |
|---|---|---|
| **ħobż** | **100%** | 0% |
| **taraġ** | **100%** | 0% |
| **żarbun** | **100%** | 0% |
| **ġebel** | **98%** | 2% |
| **mewġ** | **98%** | 2% |
| **ħġieġ** | **90%** | 10% |
| **dubbien** | **90%** | 10% |
| **tuffieħ** | **88%** | 12% |
| **kliem** | **82%** | 18% |
| **bajd** | 62% | 38% |
| **weraq** | 58% | 42% |
| **tiġieġ** | 24% | **76%** |

Tabella 1: L-Għadd tan-nomi kollettivi fil-korpus

It-tieni tabella tiġbor ir-riżultati tal-imġiba sintattika tan-nomi kollettivi fil-qasam letterarju u fil-qasam ġurnalistiku, fid-dawl tal-istqarrija ta' Fenech. Peress li l-korpus m'għandux firxa letterarja wiesgħa, f'din it-taqsima stajna nanalizzaw tmien nomi biss. Jirriżulta li, irrispettivament mir-reġistru, fil-Malti miktub it-tendenza hi li n-nomi kollettivi jintużaw fis-singular. B'danakollu, l-għadd tan-nom *weraq* ivarja skont ir-reġistru: fit-testi letterarji jintuża fis-singular imma fit-testi ġurnalistiċi jintuża kemm fis-singular u kemm fil-plural, kważi bl-istess frekwenza.

| | **Letteratura** | Ġurnaliżmu | | |
|---|---|---|---|---|
| **Nomi kollettivi** | **Singular** | **Plural** | **Singular** | **Plural** |
| **ħobż** | **100%** | 0% | **100%** | 0% |
| **taraġ** | **100%** | 0% | **100%** | 0% |
| **żarbun** | **100%** | 0% | **100%** | 0% |
| **ġebel** | **96.6%** | 3.33% | **90%** | 10% |
| **mewġ** | **100%** | 0% | **100%** | 0% |
| **ħġieġ** | **100%** | 0% | **93.33%** | 6.66% |
| **kliem** | **100%** | 0% | **86.6%** | 13.30% |
| **weraq** | **90%** | 10%% | 46.6% | 53.3% |

Tabella 2: L-Għadd tan-nomi kollettivi fil-qasam letterarju u ġurnalistiku

Sabiex naraw jekk l-istqarrija ta' Alexander Borg hijiex minnha, studjajna l-għadd tan-nomi kollettivi f'kuntesti sintattiċi differenti. Għall-kuntest verbali, apparti l-verbi (eż. *il-weraq jisfaru*), qisna wkoll il-psewdoverbi (*it-tuffieħ fih ftit kaloriji*), il-pronomi mehmużin mal-verbi (eż. *id-dubbien joqtolhom*), u l-espressjonijiet kopulari (eż. *il-ħobż huwa qaddis*). Għall-kuntest aġġettivali qisna kemm l-aġġettivi (eż. *dubbien abjad*) u kemm il-partiċipji passivi (eż. *kliem miżjud*) u attivi (eż. *weraq niexef*) li jaqdu funzjoni aġġettivali. Barra minn dawn, inkludejna l-pronom dimostrattiv meta jimmarka l-għadd tan-nom kollettiv (eż. *dan il-kliem*).

Mir-riżultati miġburin fit-Tabella 3 jidher li żewġ nomi biss, *kliem* u *tiġieġ*, jikkonfermaw bejn wieħed u ieħor it-tendenza li jsemmi Alexander Borg, jiġifieri li f'kuntest aġġettivali l-kollettivi jintużaw fis-singular mentri f'kuntest verbali jintużaw fil-plural. Mill-bqija, fil-Malti miktub jirriżulta li l-għadd tal-kollettivi hu predominantement singular fiż-żewġ kuntesti sintattiċi. Terġa' u tgħid, nomi bħal *ħġieġ*, *tuffieħ* u *żarbun* mhux biss jintużaw kważi dejjem fis-singular, iżda jintużaw bl-istess frekwenza f'kuntest aġġettivali u f'kuntest verbali. U, f'kuntrast mal-istqarrija ta' Alexander Borg, nomi bħal *bajd*, *weraq* u *tiġieġ* jintużaw spiss fil-plural f'kuntest aġġettivali wkoll.

| | Singular | Plural | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Nomi** | **Aġġ.** | **Verb.** | **Pron. Dem.** | **Aġġ.** | **Verb.** | **Pron. Dem.** |
| **ħobż** | 40% | 60% | 0% | 0% | 0% | 0% |
| **taraġ** | 44% | 56% | 0% | 0% | 0% | 0% |
| **żarbun** | 50% | 50% | 0% | 0% | 0% | 0% |
| **ġebel** | 40% | 54% | 4% | 2% | 0% | 0% |
| **mewġ** | 36% | 60% | 2% | 2% | 0% | 0% |
| **ħġieġ** | 44% | 44% | 2% | 2% | 8% | 0% |
| **dubbien** | 22% | 66% | 2% | 0% | 10% | 0% |
| **tuffieħ** | 44% | 44% | 0% | 0% | 12% | 0% |
| **kliem** | 42% | 36% | 4% | 0% | 10% | 8% |
| **bajd** | 23% | 26% | 2% | 5% | 42% | 2% |
| **weraq** | 24% | 34% | 0% | 18% | 24% | 0% |
| **tiġieġ** | 16% | 8% | 0% | 32% | 44% | 0% |

Tabella 3: L-Għadd tan-nomi kollettivi użati f'kuntest sintattiku differenti fil-kitba

## Studju soċjolingwistiku

Mill-istħarriġ bil-korpus joħroġ li fil-kitba n-nomi kollettivi tipikament jintużaw fis-singular. U xi ngħidu għat-taħdit? Il-kollettivi jintużaw fis-singular jew fil-plural? U huma sensittivi għall-kuntest sintattiku (aġġettivali jew verbali) li jokkorru fih? Biex inwieġbu dawn il-mistoqsijiet fassalna esperiment soċjolingwistiku ma' 40 parteċipant, 20 mill-Qrendi u 20 minn Tas-Sliema, nofshom bejn it-18 u l-25 sena u n-nofs l-ieħor bejn il-50 u t-68 sena, bil-għan li nistħarrġu kemm il-fattur tal-ġeografija u l-fattur tal-età jaffettwaw l-għadd tal-kollettiv. Minkejja li għal dan l-istudju l-fattur tas-sess ma qisniehx, rajna li jkollna l-istess numru ta' rġiel u nisa. L-esperiment sar billi kull parteċipant intwera għadd ta' tpinġijiet - tnejn minnhom eżemplifikati hawn taħt - u ntalab jiddeskrivi x'inhu jiġri fl-istampa. It-tpinġijiet saru b'tali mod li l-kelliema jużaw kull nom f'kuntesti verbali u aġġettivali. Fil-kumplament ta' din it-taqsima nippreżentaw ir-riżultati ta' dan l-istudju soċjolingwistiku.



Tpinġija 1: In-nomi kollettivi *tiġieġ* u *bajd*



Tpinġija 2: In-nomi kollettivi *ħobż* u *dubbien*

**L-Għadd**. Waqt li fil-miktub in-nomi kollettivi jokkorru kważi dejjem fis-singular, għajr għal *tiġieġ*, u sa ċertu punt *bajd* u *weraq*, fil-mitħaddet huma erbgħa biss in-nomi li jintużaw l-aktar fis-singular: *taraġ*, *żarbun*, *mewġ* u *ħġieġ*. Il-kumplament jintużaw kemm fis-singular u kemm fil-plural, bl-eċċezzjoni ta' *tiġieġ* li jintuża l-aktar fil-plural. Terġa', il-parteċipanti spiss ivarjaw fl-għadd tal-istess nom, saħanasitra fl-istess tlissina (*it-tuffieħ waqgħu u t-tifla qed tqiegħdu fil-bixkilla; il-ħġieġ huma forma rettangolari u qed jinkiser*). Kif jidher fit-Tabella 4, nomi bħal *ġebel*, *tuffieħ* u *kliem* jintużaw sija fis-singular sija fil-plural.

| Nomi kollettivi | Singular | Plural | Singular u Plural |
|---|---|---|---|
| **ħobż** | 45% | 0% | 55% |
| **taraġ** | **95%** | 5% | 0% |
| **żarbun** | **97.5%** | 0% | 2.5% |
| **ġebel** | 50% | 2.5% | 47.5% |
| **mewġ** | **92.5%** | 0% | 7.5% |
| **ħġieġ** | **90%** | 0% | 10% |
| **dubbien** | 40% | 23% | 37.5% |
| **tuffieħ** | 62.5% | 10% | 27.5% |
| **kliem** | 35% | 35% | 30% |
| **bajd** | 17.5% | 40% | 42.5% |
| **weraq** | 37.5% | 40% | 22.5% |
| **tiġieġ** | 2.5% | **80%** | 17.5% |

Tabella 4: L-Għadd tan-nomi kollettivi fil-mitħaddet

**Il-Kuntest Sintattiku**. Bil-għan li nivverifikaw l-istqarrija ta' Alexander Borg fil-Malti mitħaddet ukoll, analizzajna l-għadd tal-kollettiv f'relazzjoni mal-kuntest sintattiku fid-deskrizzjonijiet tal-istampi mill-parteċipanti. Mir-riżultati miġburin fit-Tabella 5 joħorġu dawn it-tendenzi:

erba' nomi (*taraġ*, *żarbun*, *mewġ*, *ħġieġ*) jokkorru l-aktar fis-singular fiż-żewġ kuntesti sintattiċi;

in-nom *tiġieġ* jokkorri kważi dejjem fil-plural fiż-żewġ kuntesti sintattiċi;

il-bqija jintużaw fis-singular u fil-plural fiż-żewġ kuntesti sintattiċi, għalkemm xi nomi (eż. *ħobż* u *bajd*) ftit li xejn jintużaw fil-plural f'kuntest aġġettivali.

Fi kliem ieħor, ma jidhirx li hemm rabta sfiqa bejn l-għadd u l-kuntest sintattiku. L-għadd ta' ħafna nomi kollettivi jidher li hu indipendenti mill-kuntest sintattiku li jokkorru fih. Din il-konklużjoni tgħodd kemm għall-miktub u kemm għall-mitħaddet.

| | Singular | Plural | | |
|---|---|---|---|---|
| **Nomi kollettivi** | **Aġġ.** | **Verb.** | **Aġġ.** | **Verb.** |
| **ħobż** | 37.89% | 34.74% | 5.26% | 22.11% |
| **taraġ** | 47.50% | 47.50% | 2.50% | 2.50% |
| **żarbun** | 50% | 48.75% | 0% | 1.25% |
| **ġebel** | 40.96% | 31.33% | 7.23% | 20.48% |
| **mewġ** | 46.99% | 48.19% | 3.62% | 1.21% |
| **ħġieġ** | 45.24% | 47.26% | 2.38% | 4.76% |
| **dubbien** | 30.85% | 26.59% | 17.02% | 25.53% |
| **tuffieħ** | 40% | 35.29% | 7.06% | 17.65% |
| **kliem** | 26.74% | 23.26% | 22.09% | 27.91% |
| **bajd** | 28.82% | 10.59% | 22.35% | 38.83% |
| **weraq** | 25.61% | 23.17% | 23.17% | 28.05% |
| **tiġieġ** | 9.64% | 3.61% | 39.76% | 46.98% |

Tabella 5: L-Għadd tan-nomi kollettivi użati f'kuntest sintattiku differenti fit-taħdit

**Il-Fattur tal-Ġeografija**. Bħalma jidher fit-Tabella 6a, il-kelliema Qrendin u Slimiżi jaqblu fuq l-imġiba sintattika ta' seba' nomi kollettivi: *ħobż*, *taraġ*, *żarbun*, *ħġieġ*, *tuffieħ*, *mewġ*, *tiġieġ*. Dwar il-ħamsa l-oħra (*ġebel*, *dubbien*, *kliem*, *bajd*, *weraq*), miġburin fit-Tabella 6b, m'hemmx qbil fost il-kelliema. Waqt li l-Qrendin għandhom ħabta jużawhom l-aktar fis-singular, is-Slimiżi aktarx jużawhom fil-plural. Kif wieħed seta' jobsor, il-parteċipanti Qrendin huma lingwistikament aktar konservattivi.

| **Nomi kollettivi** | | **Singular** | **Plural** | **Singular u Plural** |
|---|---|---|---|---|
| **ħobż** | Il-Qrendi | 45% | 0% | **55%** |
| | Tas-Sliema | 45% | 0% | **55%** |
| **taraġ** | Il-Qrendi | **100%** | 0% | 0% |
| | Tas-Sliema | **90%** | 10% | 0% |
| **żarbun** | Il-Qrendi | **100%** | 0% | 37.5% |
| | Tas-Sliema | **95%** | 0% | 5% |
| **mewġ** | Il-Qrendi | **95%** | 0% | 5% |
| | Tas-Sliema | **90%** | 0% | 10% |
| **ħġieġ** | Il-Qrendi | **90%** | 0% | 10% |
| | Tas-Sliema | **90%** | 0% | 10% |
| **tuffieħ** | Il-Qrendi | **65%** | 5% | 30% |
| | Tas-Sliema | **60%** | 15% | 25% |
| **tiġieġ** | Il-Qrendi | 5% | **80%** | 15% |
| | Tas-Sliema | 0% | **80%** | 20% |

Tabella 6a: In-nomi kollettivi li kien hemm qbil dwarhom fost il-Qrendin u s-Slimiżi

| **Nomi kollettivi** | | **Singular** | **Plural** | **Singular u Plural** |
|---|---|---|---|---|
| **ġebel** | Il-Qrendi | **60%** | 0% | 40% |
| | Tas-Sliema | 40% | 5% | **55%** |
| **dubbien** | Il-Qrendi | **60%** | 5% | 35% |
| | Tas-Sliema | 20% | **40%** | **40%** |
| **kliem** | Il-Qrendi | **40%** | 25% | 35% |
| | Tas-Sliema | 30% | **45%** | 25% |
| **bajd** | Il-Qrendi | 25% | 25% | **50%** |
| | Tas-Sliema | 10% | **55%** | 35% |
| **weraq** | Il-Qrendi | **50%** | 35% | 20% |
| | Tas-Sliema | 25% | **50%** | 25% |

Tabella 6b: In-nomi kollettivi li kien hemm nuqqas ta' qbil dwarhom fost il-Qrendin u s-Slimiżi

**Il-Fattur tal-Età**. Fost iż-żewġ faxex ta' età (18-25 u 50-68) hemm qbil dwar ħames nomi. Ilkoll juru t-tendenza li jużaw *żarbun*, *taraġ*, *ħġieġ* u *mewġ* fis-singular u *tiġieġ* fil-plural. Iżda ż-żewġ gruppi ma jaqblux fuq il-biċċa l-kbira tan-nomi. Ngħidu aħna, waqt li 55% taż-żgħażagħ jużaw *weraq* fil-plural, 50% tal-kelliema avvanzati fl-età jużawh fis-singular. B'mod ġenerali, il-kbar huma aktar konservattivi, fis-sens li jippreferu l-għadd singular fil-biċċa l-kbira tal-każi. Ir-riżultati qegħdin miġburin fit-Tabella 7.

| **Nomi kollettivi** | | **Singular** | **Plural** | **Singular u Plural** |
|---|---|---|---|---|
| **ħobż** | 18-25 | 35% | 0% | **65%** |
| | 50-68 | **55%** | 0% | 45% |
| **taraġ** | 18-25 | **95%** | 5% | 0% |
| | 50-68 | **95%** | 5% | 0% |
| **żarbun** | 18-25 | **100%** | 0% | 0% |
| | 50-68 | **95%** | 0% | 5% |
| **ġebel** | 18-25 | 30% | 5% | **65%** |
| | 50-68 | **70%** | 0% | 30% |
| **mewġ** | 18-25 | **85%** | 0% | 15% |
| | 50-68 | **100%** | 0% | 0% |
| **ħġieġ** | 18-25 | **85%** | 0% | 15% |
| | 50-68 | **95%** | 0% | 5% |
| **dubbien** | 18-25 | 15% | 35% | **50%** |
| | 50-68 | **65%** | 10% | 25% |
| **tuffieħ** | 18-25 | 40% | 15% | 45% |
| | 50-68 | **85%** | 5% | 10% |
| **kliem** | 18-25 | 15% | 40% | 45% |
| | 50-68 | **55%** | 30% | 15% |
| **bajd** | 18-25 | 0% | 55% | 45% |
| | 50-68 | 35% | 25% | 40% |
| **weraq** | 18-25 | 25% | **55%** | 20% |
| | 50-68 | **50%** | 25% | 25% |
| **tiġieġ** | 18-25 | 0% | **80%** | 20% |
| | 50-68 | 5% | **80%** | 15% |

Tabella 7: L-Għadd tan-nomi kollettivi użati fost kelliema ta' etajiet differenti

## Għeluq

Tul dan l-artiklu stħarriġna n-nomi kollettivi fil-kitba u fit-taħdit, skont ir-reġistru u l-kuntest sintattiku. F'din il-parti niddiskutu erba' sejbiet ewlenin li joħorġu minn dan l-istudju. Qabelxejn, għall-kuntrarju tal-osservazzjoni ta' Fenech, stħarriġ bil-korpus jixhed li fil-miktub il-maġġoranza tan-nomi kollettivi jintużaw l-aktar fis-singular, irrispettivament mill-ġeneru tal-kitba.

It-tieni, abbażi ta' analiżi bil-korpus u esperiment soċjolingwistiku, rajna li n-nomi li jintużaw fil-plural għandhom tendenza li jokkorru f'kuntesti verbali, iżda jokkorru f'kuntesti aġġettivali wkoll. Dan ifisser li, għall-kuntrarju ta' Alexander Borg, m'hemmx distinzjoni netta bejn l-għadd singular u l-kuntest aġġettivali fuq naħa u l-għadd plural u l-kuntest verbali fuq l-oħra.

It-tielet sejba hi dwar l-oqsma semantiċi tal-kollettivi. It-tnax-il nom li analizzajna ntgħażlu minn oqsma semantiċi differenti bil-għan li naraw jekk hemmx xi rabta bejn il-kategorija semantika tal-kollettivi u l-imġiba sintattika tagħhom. Mill-analiżi joħroġ li nomi mill-istess qasam (eż. *dubbien* u *tiġieġ*) ma jġibux ruħhom l-istess, għajr għal *taraġ* u *żarbun* mill-kategorija tas-settijiet, li juru mġiba simili.

Fl-aħħar nett, mill-istudju toħroġ diskrepanza bejn l-għadd tal-kollettiv fil-miktub u l-mitħaddet. Fil-miktub (analiżi bil-korpus) disa' nomi jintużaw kważi dejjem fis-singular, wieħed (*tiġieġ*) kważi dejjem fil-plural, u tnejn (*bajd*, *weraq*) jilagħbu bejn singular u plural. Mill-banda l-oħra, fit-taħdit (studju soċjolingwistiku), erbgħa jintużaw l-aktar fis-singular, tnejn (*bajd*, *tiġieġ*) l-aktar fil-plural, u sitta jokkorru fis-singular daqskemm fil-plural. L-iskala t'hawn taħt tiġbor ir-riżultati misjuba. In-nomi fil-grassett huma dawk li jġibu ruħhom l-istess fil-miktub u fit-taħdit.




Tabella 8: In-nomi kollettivi fil-Malti miktub




Tabella 9: In-nomi kollettivi fil-Malti mitħaddet

Dan l-istudju hu msejjes fuq it-teżi ta' Theresa Abdilla (2015) li partijiet minnha ġew ippreżentati fis-Simpożju "The Noun Phrase in Maltese and Maltese English" fl-Università ta' Bamberg f'Mejju 2015.

## Biblijografija


Abdilla, Theresa. "L-għadd fil-Kollettiv Malti – studju fuq il-miktub u l-mitħaddet." Teżi tal-B.A. Unuri (Malti). L-U ta' Malta, 2015. Stampata.

Aquilina, Joseph. *Teach Yourself Maltese*. United Kingdom: Hodder & Stoughton, 1965. Stampat.

Borg, Albert. *Ilsienna: Studju Grammatikali*. Malta: Pen Print Ltd, 1988. Stampat.

Borg, Alexander. *A Historical and Comparative Phonology and Morphology of Maltese*. The Senate of Hebrew University, 1978. Stampat.

Cremona, A. *Tagħlim Fuq il-Kitba Maltija*. Malta: A.C. Aquilina & Co., 1973. Stampat.

Ellul, Leanne. "In-Nomi Verbali fil-Malti." Teżi tal-M.A. 2016. L-U ta' Malta.

Fenech, Dwardu. *Contemporary Journalistic Maltese: an analytical and comparative study*. Leiden: Brill, 1978. Stampat.

Gil, David. "Maltese 'collective nouns': A typological perspective." *Rivista di Linguistica 8*: 1996. 53-87.

Mifsud, Manwel. "The Productivity of Arabic in Maltese." Proceedings of the 2nd International Conference of AIDA. 1995. Cambridge.

--. "The Collective in Maltese." *Rivista di Linguistica*. 1996. 29-51. Stampat.

Sutcliffe, Edward. *A Grammar of the Maltese*. Oxford: Oxford U.P., 1936. Stampat.

Vassalli, Mikiel Anton. *Grammatica della Lingua Maltese*. Malta, 1827. Stampat.

# PRIETKA TAL-1788 DWAR IĊ-ĊINTURA[1]

## Kumment

Reno Fenech

Din il-prietka tinsab f'Ms 203 tal-Mixxellanja fl-arkivju tal-Università ta' Malta. Ma nafux min nisiġha imma fit-tmiem tagħha hemm imniżżel li saret Ħaż-Żebbuġ fl-1788. Tinsab miktuba b'kalligrafija pulita fuq folji ftit ikbar mid-daqs A4. F'kull folja l-kitba hija maqsuma f'żewġ kolonni. Il-prietka tittratta fuq l-importanza u t-tifsira taċ-Ċintura Mqaddsa ta' Marija għall-Insara. Fost l-oħrajn, il-predikatur jitkellem fuq il-grazzji li qalgħet iċ-Ċintura.

L-aktar ħaġa li tolqot lill-qarrej f'din il-prietka huwa l-uża tal-grafema Għarbija ع biex jirrappreżenta l-'għ', għalhekk insibu tiعu (tiegħu), calعet (qalgħet), taع nìha (tagħniha) u عgubiiet (għeġubijiet) fost kliem ieħor. Din il-karatteristika ta' alfabett imħallat ma kinitx mifruxa fost il-predikaturi.[2] Fil-prietka nsibu bosta elementi lingwistiċi interessanti fosthom kliem arkajk bħal 'عaslug' (għasluġ), 'nieca' (nieqa), 'inpartu' (= nitilqu) u 'agar' (aġar); il-plural Rumanz invarjabbli bħal 'dau il verità sacrosanti'; forom verbali qodma bħal 'istiltu' (it-tmien forma ta' 'silet') u ż-żamma tal-vokali atona fi kliem żdruċċjolu bħal 'populu', 'beatitudini' u 'miraculu'. Il-lessiku mir-Rumanz huwa kotran bħal 'tinuenta', 'medicament', 'pure' u 'spiaggia' u nsibu frażijiet Taljani bħal 'per conseguenza' u 'in memoria'. Hemm ukoll lessiku li fil-Malti modern huwa morfoloġikament differenti minn

1 Din il-prietka dehret traskritta għall-ewwel darba f'Reno Fenech, *Prietki Qodma bil-Malti*, teżi tal-M.A. (l-Università ta' Malta, 2009), 85-89. Għal studju lingwistiku fuqha ara 213-217.

2 Ara kif kienu jirrappreżentaw il-konsonanti għ predikaturi tal-istess żmien f'Fenech, *Prietki Qodma bil-Malti*, 284.

tal-prietka. Fost l-eżempji nsibu 'hric' (ħruġ), 'buiep' (bibien), 'hbubia' (ħbiberija), 'ha biesc' (sabiex) u 'siem' (sawm). Karatteristika oħra hija l-inverżjoni sintattika billi jqiegħed l-aġġettiv qabel in-nom bħal 'Sacra Cintura' u 'gran ricetta.'

# It-traskrizzjoni tal-prietka

**[f. 1r]** Cintura

*Exultate in ea gaudio uniuersi, ut repleamini ab ubere consolationis ejus* (Isaje 66. 10. 55.)

Fehmuha tajep l'anziani taعna leuel insara tal cnisia, li li Sacra Cintura ta Maria SS. dedicau leuel deuozioni ta clubhom, bneulha f'Costantinopoli ui dedicaulha uihet mi lisbah tempj. Dì il parti ta Lipsa ta Maria, li llùm ferhana il cnisia ti solleniza (chif i medita i deuot S. Germenu (germ. de...) l'onur chellha li thazzem tant snin i Regina ta sema; hazzmet per conseguenza l'istess Eben t'Alla fi disa schùr li ingiep ful gùf ta Maria: i Cintura bil Halib sacratis.mu ta Maria issacchiet actar min darba; fuc i Cintura irposa u rema i dmùh tiعu i Saluat. uniti ta digna meta chien jtrabba Bambin fil hdàn ta Maria. Ingiebu i Reliquj collha, u tidher, liema chienet tant consecrata u mil persuna ta Maria Regina ta sema, u mil Umanità uil Persuna ta Sultan tal gloria Gesù, chem i Cintura. Dì il consecrazioni tahha tant uenerabili u cbira giebitilha tant sodalità u fratellanzi tant cnejes u altari fi territoriu tal cnisia, din fethet i tesor tal cnisia biesc taعnìha bi scmara ta Indulgenzi. Ma sc'iigi fieri, li intseu il misterj collha tal gran Regina ta sema, u biss min habba fdàn ta Cintura calعet lisem ta <u>Om il Consolazioni</u> Maria?... La sictu fuc di i dubbieta l'interpreti uil cnisia, inعit jena hsiep tiعi: I Cintura fost ilbies ta Maria hazzmet il Calb ta Maria, dic il Calb li chienet u tipca il عain perenni tal consolazioni uniti ta digna. Immela nigbet dì il conseguenza, li mìn jehu fucu dìn l'armi dì i libsa I. tithejelu gran consolazioni fil haja II. acbar u eterna consolazioni fl'agonia tiعu, u ma Isaja incùn nista inعidilhom u nifirhilhom bil calb: *Exultate in ea gaudio etc*. Tant interess ta rùh u tal gisem, ta zmien u tal eternità li fiha i Cintura jtlop collha l'attenzioni taعcom.

Jena nàf chem sennet ilsienha il hazìn l'eresìa contra i Cintura, contra i semplicità euangelica u cadisa ta mìn ilbisha u iعozzha. Bicca tal Gilt il cattolici jaعmlu

oggett tal uenerazioni tahhom, il conselazioni tahhom temporali u eterna jttenneuha min bicca tal Gild!...Catt ma bezعet min dana l'imbih infernali il cnisia ta Xtu, dejem phal Giuditta hasdet i ràs ta daun l'Oloferni. Dauc il ع omi perfidi ta barra mil cnisia ma hasbùsc la عarfu jarau, li bi Cintura dehru tant drabi mzazzmìn [*sic*] l'istess Angeli ta sema, li bi Cintura tal gìld gàscu mhazzmin lecdes Patriarchi u Profeti; li bi Cintura tal gild htaret tithazzem dìc li pha regina ta sema setعet icollha min dì i digna Cintura tal chuiecheb! Hiesc caddisa u ta gran frott[?] i Cintura tal Gild? Biesc satar Alla l'Adam u Eua uara i dnùp tahhom, hlief b'lipsa tal gild? *Fecit Dominus Adæ et uxori ejus tunicas pelliceas* (Gen. 3.) u ع aliesc b'libsa tal Gild, hlief biesc i fisser il Gild u l'Umanità ta dac Liben tiعu, li b'Gildu chellu i deuui u ifejac il piaga li عamel Adam fl'uman generi collu? Eccu chem hì caddisa u diuina l'origini ta Cintura tal Gild li libset Maria, u li ilbsu il cattolici عal uenerazioni tahha! u chem huma ilsna infami dauc li i macdru il cnisia ui deuozioniiet tahha!

Uara li il forza ta dau il uerità sacrosanti tal fidi biccmithom daru i labalbu u iع idu = ma sc'risc ista inعasar min Tahzima tal gild, o عaliesc misteriusa o عaliesc imbierca mil cnisia = ... Hau tabilhac l'eretici tilfu عaineihom uil compass, u imisshom il catina ta mgienen. Sc'uirtù setعet tinعasar mil عaslug ta Mosè? pure dàn michsi bil uirtù t'Alla ferac zeuc parti il bahar lahmar, libera mil jasar tal Egittu il populu t'Alla, difen mعarrac bl'eserciti tiعu l'ostinàt Farauni. Sc'uirtù sata icollhom zeuc Chilmiet ta Giosuè? pure dauna sammru i scemsc f'nofs i sema, habblu l'eserciti, u giebu il uittoria lactar insigni tal istess populu t'Alla. – Nitchelmu bi proui actar godda u recenti, u li عadha i digna tarahom sà llùm: biesc chiعet jtnaddaf mil originàl mìn jtuielet, hlief b'zeuc cocci tal Ilma? miliuni ta midimbin cùl tlùh ta scemsc biesc chieعdin istiltu mil peni eterni tal infern, jrcoprau il hbubia t'Alla, uil jett tal beatitudini eterna, hlief b'dauc i zeuc chilmiet ta bniedem phalhom *Ego te absoluo*? Lil عaslug, lil ftit tal Ilma, lil Chilmtein ta bniedmin midimbin **[f. 1v]** Alla b'fetha ta idein tà collha l'onnipotenza tiعu; ma chiensc scierac li i zejen b'lacbar uirtù u prodigj dic i Cintura, li hazzmet i Regina tas sema, issacchiet bil halìp ta Maria, chienet consagrata mil idein u mi dmùh tal Unigenitu tiعu!... Mseicnìn l'elf darba l'eretici! ma fortunatis[mi] chem geua il cnisia catolica jstعu jafu scinhì i Cintura, u istعu igaudu i risc quasi onnipotenti li mahha igip i Cintura!

Hù il uact li nifthilcom i tesori li igìp mahha i Cintura عal consolazioni temporali u eterna tal bniedem, biesc tistcarru mà M. S. Paul, *infirma mundi elegit Deus.. ignobilia et contemptibilia, ut non glorietur omnis caro*: nitchellem bj sod ta S. Scrittura. Li sperta Rebecca riedet tuacca il barca patriarcali ta zeugha Isac fuc binha i ccheichen Giacob: sc'inuentàt o sc'ispiraha Alla tinuenta biesc tasal fdà il fini? libbset (tعit li Scritt.[a]) b'libsa tal gild lil dà il mahbùb tahha, *Pelliculas hædorum circumdedit manibus* (Jacob), *et colli nuda protexit* (Gen. 27.16) Idher Giacob coddiem i scuejah P.[ca] Missieru bdi i libsa, il fuieha profetica ta di i libsa gaع litu ìftàh ideih i tnein biesc i bierec l'ibnu Giacob, gaعlitu i cabbes min calbu dic il gran barca = Ibni icolloc il git collu tal art il git collu ta sema: *Ut sensit uestimentorum illius fragrantiam, benedicens illi ait... Det tibi Deus de rore cæli, et de pinguedine terræ abundantiam* (ibi). Dàn hù l'imعàsc incomprensibili ta dic i Cintura li tàt Maria SS. lil cnisia uil cnisia tati l'uliedha: barca abondanti tal art u ta sema, عal consolazioni uniuersali ta rùh u tal gisem.

Nibda mi lincas, li hia il barca tal art عal consolazioni temporali tal gisem *det uobis Deus de pinguedine terræ abundantiam*. Incassar il cliem, u nigi mi leuel salt fil proui tal fatti. Nilmah i Cintura Maria SS. fi seculi tal euang.[u] phal ma chienet il عain Probatica fi zmien G. C., medicament ta cul mart, consolazioni ta cul hem u disgrazj, *sanus fiebat à quacumque detinebatur infirmitate*. Afflitta il belt ta Valenzena fi Spagna bil pesta, determinau jaعmlu il processioni ta Cintura: chienet haga uahda li di il processioni tithol fil belt u mil belt tohroc il pesta. Ispruch gran belt tal Germania marsusa bl'assediu chienet seira tiftah il buiep lil eعdeua ircorreu li Cintura, u dicment habblu harbtu u cattعu il battagliuni tal عdeua. Nigi عal mعàsc ta deuoti particolari mil uirtù ta Cintura. Sacerdot f'Forli ircieui azعarinata bi tradiment: billi il balla habtet fi cintura, uacعet f'rigleih عamlet riuerenza lilu ui cintura li chellu. Fli spiaggi ta Ancona fi gran tempesta bastiment jacta il ghumni collha sansitra dic ta li speranza: bahri deuot ta cintura jehmez il bictein ta lahhar ghumna bi cintura li chellu fucu, u bdi il عodda salua il bastiment u l'armament tiعu. O fidi tal insara, o ع gubiiet ta Cintura! – I Nisa b'mod speciali عandhom jrعbu fdi i deuozioni, jscil عu dì il fidi. Chem hù ì ramel ta spiaggia nacrau li chienu i Nisa agonizanti fil hlàs, u mahlusin mil periculi tal hlàs billi thazzmu b'deuozioni i Cintura. Venezia turina i trabi mharsin mi shariiet billi ommiiethom chieعdu fuc i nieca tahhom

i Cintura. Salamanca turina tfajel muacca mعarrac u già mejet geua bir, u mil bir merfùh hai billi dendlulu b'fidi i Cintura. Nactعu dì i litanìa li igìp sà pitaع da.. scinhuma jaعmlu tant morda u disgraziati fil pop. tal cnisia, li ma ificcusc il feican tahhom, il consolaz.[ni] tahhom fil prodigius.[ma] Cintura ta M.[a] fdic i Cintura, li fiha عa rispett ta Maria عogop l'Alla i chiعet il benedizioni collha tal art a benefiziu tal gisem, chif già raina: uil benediz.[i] ta sema عal consolaz.[ni] ta عna eterna, chif issa narau.

Lil Giuda Princep tal Macabei deher il P. Geremia b'seif fideih u callu = hù da i Seif rigàl mibعùt lilec mi sema, u bìh tarmi fl'art ui tem l'eعdeua tiعec u tal populu t'Alla. *Accipe sanctum gladium, munus à Deo, in quo deiicies aduersarios populi mei Israel* [(2. Macab.15.16.)] Figura lisbah ta dìc l'armi li tatina fideina il cnisia schin libbisna i Cintura. U jec tridu tarauh, nigu mi leuel pass fl'agonia tal bniedem cioè fdic i siعa li minnha l'eternità tidipendi, u عiduli:

[f. 2] Zeuc huejec jigu uisc i confonduna u ibiriuna[?] ahna u inpartu عal bahar il cbìr ta seculi eterni; i Dnubiet li aعminna uil Penitenza li ma aعminniesc; li jigi fieri, nibzعu o i sentenza tremenda u inappellabili tal infern, o i sentenza scein incas tremenda tal hrìc fil purg.[u]. Zeuc boccuni imrar iuhet mi liehor ع al mìn hù in agonìa. Ma haun jen nibda inعannac b'chem عandi affetti i S. Cintura ta Maria SS., عasc dìn hì il عodda lactar potenti contra leuel ui tieni gran-biza, li ahna semmeina.

Min chitep u igìp b'deuoz.[i] i Cintura, sc'git infinit igma u bih istaعna fil haja contra il purg.[o] u contra l'infern! Min dic i nhàr illi inchitep ista iعìt li dahal f'Gibleu, gibleu li ma inعalaclusc sà lahhar siعa tal haja, عaliesc ma hemsc quasi giornata fi sena min عar Indulg.[a] Plen.[a] عal mìn hù mictùp fi Cintura, anzi tant Indulgenzi, li il Papa Clementi X mitlub mil Vicerè ta l'apoli[?] D. Pedro d'Aragona عal sci Indulg.[a] cbira, tàh din i risposta = <u>hù Cintura, u icolloc l'Indulgenzi collha ta digna</u>. Indulg.[a] uahda Plen.[a] sci tعit li hìa il fidi, hlief mahfra uniti mil infern u mil purg.[o] عa dnubiet tal haja colha. Sc'tesori عandu fideih min bi Cintura jthazzem?... عal gran priuilegj li il potestà suprema tal cnisia tàt li Cintura, cùl Fratel u Sorella mil giornata ta ricezioni sal meut isìr sihep tal git uil meriti collha li saru[?] fi Relig.[n] collha sa S. Agostin f'erbatàsc il mìt sena li ìlha fi digna. [Bedà il]

gìt istàsc infida mil purg.o l'elf darba? ع‎andu b'sehmu casma ohra uisc acbar mìn inchitep fi Cintura: harsu chem git jnع‎amel f'chem sodalità u fratellanzi insabu fi digna sa Rusariu tal Cordùn tal Carmnu uil pchìa, ... ta dà il git hù sihep perfett mìn jctep fi Cintura ع‎al partecipaz.[i] li ع‎amlet il cnisia. (Vedi tutto nel libretto dell'Indulg. della Cintura) Sicchè insomma min thazzem i Cintura hù oع‎na mil oع‎na monarchi; mìn thazzem i Cintura hà biesc mil infern uil purg.[o] ista infida culium; (u dac li ma smaitùsc) min thazzem i Cintura ista icùn phal ueru Saluatur billi jarfa culium sci rùh mil purg.[o] bl'applicazioni ta sc'[?] Indulgenza.

Basta o Alla biesc turi il cobor il cbir tal prouidenza tiع‎ec diuina ma l'insara bil mezz ta Cintura!.. bosta proui biesc nemmnu, sc'tesor hì fost i deuozioniiet collha i Cintura!... bosta predichi u ragiuni biesc nistcarru mal cnisia mal fidi u ma l'Angeli, chem Om il Consolaz.[i] ta digna chienet u hì Maria SS. bil mezz ta Cintura tahha!.. Imbiercu iua sachem ع‎andna nifs l'agar infinìt li ع‎amel Alla, l'agar quasi infinìt li ع‎amlet l'Om tal Consolaz.[i] Maria li rùh, lil gisem, lil istess eternita taع‎na bil mezz ta Cintura tahha. V fi zeuc chilmiet li fadalli inع‎idilcom, nitع‎almu liema huma l'Imhazzmìn bi Cintura, li ع‎andhom haiin u agonizanti jttenneu l'acquist ta dana il git collu.

2.[a] Parte

*Pensate fratres quid sonu pellicea designet* (S. Agostin Serm. Q5 ad di.... aremo)
Sc'git inuenta i sema, li ma inuentasc i tahsìr uil uelenu tiع‎u l'infern? Il Ministri ta Xtu ma i carcùsc pha demonj bl'insara, u inع‎idilcom bi car, li mùsc cul mìn ìlbes i Saccu hù Fratell, là cul mìn jthazzem i Cintura hù Deuot ta Cintura. – Fi cliem ftit, u cliem car: cul Deuozioni fiha il Chiscra uil Calba: bil Chiscra uhadha il ueع‎diet t'Alla ma jaslu catt; bil Chiscra uil Calba jaslu infallibili.

Il Chiscra ta deuoz.[i] ta Cint.[a] ti consisti fi tliet huejec: 1. filli nictbu fi Cint.[a] 2. filli ingibu fucna leil u nhàr i Cintura (barra min dauc li huma bli stàt) 3. filli jnع‎adu 13. il Pater u Aue culium uihet ع‎al Umanità ta G., i tnàsc in memoria ta tnàsc l'attic. tal fidi. Sa hau nitfiehmu blà contrast, ma ع‎adna fil Chiscra ta deuoz.[i]
Il Calba uil uera Deuozioni ta Cintura ti consisti scond l'euang.[o] fl'imhabba tal

Continenza *sint lumbi uestri præcincti.* Dì il chilma Continenza tعidinna zeuc huejec, il Purità tal gisem, i Siem mil gostiiet collha ta digna. Quantu عal Purità: jec Maria SS. ma riedic t'accetta tcùn om Alla bi telfa tal purità, chif ista joع gop lil Maria SS. min ma i harìsc dana il gigliu, almenu chem igìp li stat tiعu?.. i tentazioni cbàr uil forzi ccheicnìn? hù b'fidi i Cintura, u biha sauat, u biha triع et l'infern. Quantu عa Siem mil gostiiet ta dì i digna: jec Maria SS. li chienet min dì i digna predestinata, u destinata Regina ta sema, catt ma riedet tàf hlief bi siem u tbatìa, sc'deuot icùn ta Maria mìn ftìt joعgbu i siem ui tbatìa?.. li insaumu il gisem ui sensi taعna min collosc ti cmandana il maعmudia, i consiliauna i dnubiet li aعminna, il ftìt li fadlìnna inعìscu, i deumien tal eternità, il cotra ta insara li chieعda tintilef, l'esempi ta Bin Alla li mi tuelìt sal meut عàsc imsàllap – Almenu il Mictubin fi Cintura irfsu dau il pedati ta Xtu u tal Om tiعu Maria, i harsu chem istعu il Purità, jggeuعu mi digna. Zeuc genniet Alla ma tahom catt, lincas lil Maria SS., lincas lil G. Iben tiعu.. setعu ohrain, nistعu ahna ucol bil عainuna li jatina Alla, li tatìna Maria bil uirtù prodigiusa ta Cintura tahha.

Issa il gran ricetta tal Consolaz.[i] temporali u eterna hìa fideicom, u hì infallibili عaliesc geja mil idein ta Maria SS., u ta l'istess prouidenza ta Alla Missierna: .. mantnu fidili l'oblighi li smaitu sal meut... u fl'agonìa tarau dà il miraculu, tarau il Maria bi Cintura fideiha phal sclief tigbet i rueiha taعcom mil hem ta dì i digna عal consolazioni eterna; fein icolcom tistcarru li il Consolaz.[i] eterna tal genna hì frott ta Cintura.

*Nel Zebbug 1788*

# Il-Kontributuri

THERESA ABDILLA (1994) iggradwat bil-B.A. (Unuri) fil-Malti, u għadha kif temmet il-kors tal-P.G.C.E. fil-Malti. Hi ħadet sehem fi programmi ta' kitba kreattiva bħal *Taħżiż 1 u Metamorfosi*.

BEVERLY AGIUS (1993) iggradwat bil-B.A. (Unuri) fil-Malti,u għadha kif temmet il-kors tal-P.G.C.E. fil-Malti. Fost l-oħrajn il-kitbiet tagħha dehru f'*Taħżiż* u f'*?aplatform?*. Fl-2015 ipparteċipat bil-poeżiji tagħha fil-Bjennale, f'Milan.

CELINE AGIUS (1994) iggradwat bil-B.A. (Unuri) fil-Malti. Taħdem fil-qasam tal-Inklużjoni. Femminista u attivista anarkista u għandha għal qalbha l-kitba, speċjalment il-kitba poetika.

DANIEL AQUILINA (1999) huwa student ta' 16-il sena li kien imur l-iskola ta' San Elija f'Santa Venera u llum il-ġurnata qed jistudja fl-iskola postsekondarja ta' San Alwiġi fejn qed jiġi mħarreġ fil-Bijoloġija u l-Kimika.

JOE AXIAQ (1953) twieled iż-Żebbuġ, Għawdex u emigra l-Awstralja. Ħadem fil-qasam tax-xandir, u involva ruħu fit-twaqqif tal-Malta Youth u l-Maltese Literature Group. Awtur ta' diversi xogħlijiet letterarji u riċerka.

CLARE AZZOPARDI (1977) hija l-Kap tad-Dipartiment tal-Malti fil-Junior College. Rebħet diversi premjijiet fosthom bil-kotba *Il-Linja l-Ħadra* u *Kulħadd Ħalla Isem Warajh*. Bħalissa qed tikteb l-ewwel rumanz tagħha għall-kbar.

KIT AZZOPARDI (1991) huwa għalliem tal-Malti. Ġieli ppreżenta xi kitbiet ta' natura kreattiva, iżda bħalissa huwa aktar involut fil-qasam tal-editjar. Temm ir-riċerka tiegħu tal-M.A. u huwa wieħed mill-kordinaturi tal-inizjattiva kulturali KUL.

CHARLES BEZZINA (1961) huwa awtur ta' tmien kotba ta' poeżija. Rebbieħ darbtejn tal-Premju Letterarju tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, u ta' diversi konkorsi letterarji. Fl-1994 rebaħ il-Premju Città Di Valletta, u fl-2006 ingħata Ġieħ il-Belt Victoria.

JOHN BONELLO (1976) huwa l-kittieb tat-triloġija *Il-Logħba tal-Allat*, id-duoloġija *Unus Mundus*, u s-sensiela għat-tfal *Irvin Vella: Investigatur Virtwali*. Jgħix biex jikteb u jikteb biex jgħix.

ĠORĠ BORG (1946) hu eksbankier. Magħruf l-aktar għall-poeżija ta' xejra lirika, konċiża u mużikali. Fost il-pubblikazzjonijiet tiegħu, hemm sitt ġabriet ta' poeżiji, bl-aħħar pubblikazzjoni tkun *Ċrieki fl-Għadira* (2013).

OLIVIA BORG (1987) hija għalliema tal-Malti u koawtriċi ta' *Personaġġi f'Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka* (2013). Għandha M.A. fil-Malti u awtriċi ta' artikli ta' kritika letterarja li dehru f'ħarġiet akkademiċi.

CHARLES BRIFFA (1951) huwa professur tat-traduzzjoni u tal-letteratura Maltija fl-Università ta' Malta. Awtur ta' kotba ta' riċerka bil-Malti u ttraduċa xogħlijiet għall-Malti. Rebaħ bosta premjijiet letterari u jorganizza programmi tar-radju dwar il-Malti.

MATTHEW CALLEJA (2001) huwa student fir-raba' sena tas-sekondarja fil-Kulleġġ San Elija. Attenda għal kors ta' kitba kreattiva fil-Kulleġġ stess, u minn hemm kibret l-imħabba għall-kitba.

JOE CAMILLERI (1946) twieled Għawdex. Eksgħalliem tal-Malti u tal-Istorja tal-Arti, kordinatur tal-Malti u Kap tal-Iskola Statali tad-Drama fin-Nadur. Kiteb żewġ rumanzi u tliet kotba ta' novelli. Kittieb tal-programmi *Għawdex Illum* u *Malta u Lil Hinn Minnha*.

ELENA CARDONA (1993) iggradwat fil-Malti u temmet ir-riċerka tal-M.A. fil-Letteratura Tradizzjonali u l-Kultura Popolari. Għandha għal qalbha l-letteratura Maltija, Mediterranja u Postkolonjali.

PRISCILLA CASSAR (1971), *speech language pathologist u cultural geragogist*, qed tkompli tispeċjalizza fil-qasam tal-Ġerontoloġija. Xi kitbiet minn tagħha dehru f'pubblikazzjonijiet lokali u waħda fl-Arġentina. Ħadmet ukoll fuq traduzzjonijiet.

CARMEL G. CAUCHI (1944) hu eksgħalliem u viċi kap ta' skola. Għal tliet darbiet ingħata t-trofew għall-aħjar skript oriġinali fil-"Festival ta' Drama għall-Iskejjel," u rebbieħ tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb għal bosta drabi.

MARY CHETCUTI (1963) taħdem fis-Servizz Pubbliku ta' Malta. Ħajjitha tibbilanċjaha bejn xogħol, familja u l-passatempi favoriti tagħha: il-kitba u l-qari. Xogħlijiet oħra tagħha kienu inklużi f'*Leħen il-Malti* (għadd 32 u 33).

DWAYNE ELLUL (1987) huwa għalliem tal-Malti u librar fi skola statali kif ukoll qarrej tal-provi. In-novella "Taħt Għajnejn il-Kunċizzjoni" kienet ippubblikata f'*Leħen il-Malti* (32). Bħalissa qed jagħmel riċerka lessikografika li twassal għall-grad ta' M.A. fil-Malti.

RENO FENECH (1986) kiseb il-gradi ta' B.A. (Unuri) u M.A. fil-Malti mill-Università ta' Malta. Huwa Assistent Segretarju tal-Akkademja tal-Malti. Ippubblika għadd ta' studji f'rivisti akkademiċi fosthom *Il-Malti* u *l-aċċent*. Ħadem fuq il-proġett tad-dizzjunarju elettroniku tal-Malti.

JOANNE GAUCI (1994) temmet il-kors B.Ed. fil-Malti u fil-Franċiż. Bħalissa qiegħda taħdem fuq pubblikazzjoni akkademika li tittratta l-bilingwiżmu.

MARIA GRECH GANADO (1943) hija l-ewwel lettriċi Maltija *full-time* fl-Università ta' Malta. Tikteb bl-Ingliż u bil-Malti. Ħarġet erba' ġabriet ta' poeżiji bil-Malti. Uħud mill-poeżiji tagħha jidhru f'antoloġiji fi 12-il pajjiż. Ingħatat il-Midalja għall-Qadi tar-Repubblika u l-Premju għall-kontribut siewi li tat fil-Letteratura.

SERGIO GRECH (1975) huwa l-awtur ta' rumanz, 3 bijografiji u editur ta' 3 kotba mis-sensiela *Bejn Storja u Miti*. Għandu M.A. fl-Istorja.

CARLSTON GRIMA (1990) iggradwa fil-B.A. (Unuri) fil-Malti, fil-P.G.C.E., u għandu M.A. Kiseb iċ-ċertifikat tal-Qari tal-Provi. Fost il-pubblikazzjonijiet, għandu poeżiji fl-antoloġiji *Kliem Infinit* (2014) u *Bejn Tnejn* (2014).

KENNETH GRIMA (1972) kiseb l-ewwel dottorat fl-Istudji tat-Traduzzjoni mill-Università ta' Malta. Ipparteċipa f'għadd ta' konferenzi kemm Malta kif ukoll barra minn Malta u kkontribwixxa f'għadd ta' pubblikazzjonijiet.

SANDRA HILI VASSALLO (1968) iggradwat fil-Liġi u ppubblikat żewġ kotba għat-tfal. Tikteb ukoll poeżiji, stejjer qosra u artikli li xi wħud minnhom ġew ippubblikati f'rivisti lokali.

NAOMI MERCIECA (1993) hi tabiba, u xi kitbiet minn tagħha dehru f'*Taħżiż1* (2013) u f'*Għidli Mitejn - Tell Me 200* (2014).

NADIA MIFSUD (1976) hi għalliema tal-Ingliż u traduttriċi. Għandha M.Phil. fil-letteratura Ingliża u Amerikana, u hi l-awtriċi ta' żewġ ġabriet ta' poeżiji: *Żugraga* (2009) u *Kantuniera 'l Bogħod* (2015).

ANTONIO OLIVARI (1980) għandu M.A. u jaħdem fil-qasam tal-komunikazzjoni u huwa l-fundatur tal-grupp mużikali Mistura fejn huwa l-kompożitur, awtur u kitarrist. Din hija l-ewwel pubblikazzjoni tiegħu.

JOHN P. PORTELLI (1954) huwa Professur fl-Università ta' Toronto, il-Kanada. Ippubblika kotba ta' poeżiji bil-Malti u bi traduzzjoni għall-Ingliz. Il-ġabra li jmiss, *Xewqat tal-Passa/Migrating Desires*, se toħrog fl-2016.

MATTEO PULLICINO (1997) qed jistudja l-Malti u l-Ingliż fil-kors tal-B.A. Sa minn meta kien żgħir kien iħobb id-dinja tal-letteratura u l-ħolma tiegħu hija li jsir kittieb.

RITA SALIBA (1964) hija l-awtriċi ta' kotba għall-adolexxenti bħal *Bella Berger* u *Il-Kulur tal-Lellux*. Traduċiet żewġ rumanzi mit-Taljan għall-Malti, u ppubblikat kotba għall-adulti u oħrajn għat-tfal.

MATTHEW SCHEMBRI (1993) studja l-Arti fl-Università ta' Malta u kompla l-istudji tiegħu permezz tal-Masters fl-Arti Diġitali. Artist attiv u għandu għal qalbu l-kitba kreattiva.

MICHAEL SPAGNOL (1985) huwa lettur. Involut f'diversi proġetti ta' riċerka, ħa sehem f'konferenzi internazzjonali, u ppubblika bosta studji xjentifiċi. Huwa l-amministratur ta' "Kelma Kelma" kif ukoll il-kittieb u l-organizzatur tal-kunċerti "Kelma Kelma Nota Nota."

ANNA T. SZABÓ (1972) hija poeta, kittieba u traduttriċi mir-Rumanija. Għandha d-dottorat fil-letteratura Ingliża u Ungeriża. Kitbet u traduċiet kotba għall-kbar u għaż-żgħar għaxar drammi li bihom rebħet ħafna premjijiet.

NOEL TANTI (1975) huwa librar u għamel żmien involut fit-teatru. Kiteb serje televiżiva u huwa l-illustratur ta' tliet kotba t'Alex Vella Gera. In-novella "Eżibizzjoni Maestuża" (*Leħen il-Malti* 34) kienet l-ewwel pubblikazzjoni tiegħu u għadu kemm ħareġ l-ewwel ktieb għat-tfal.

JOSEPH VELLA (1967) għandu M.A. fil-Malti u jgħallem dan is-suġġett fil-Junior College. Fost il-pubblikazzjonijiet tiegħu hemm *Studju dwar il-Monografija ta' Maria Grech* Ganado (2014) u *L-Eroj li Ma Kienx* (2015).